# LUMINARIA

Ġunju '25 nru. 140



## SENA TAL-ĠUBLEW 2025
## PELLEGRINI TAT-TAMA

Tassew wasslilna messaġġi sbieħ ta' tama l-Q.T. Papa Franġisku meta fil-Lejl tal-Milied 2025 fetaħ il-Porta Santa fil-Bażilika ta' San Pietru waqt li kien hu l-ewwel li rifes l-għatba tiegħu u warajh imxew 50 pellegrin li kienu qed jirrappreżentaw il-popli kollha tad-dinja. Il-passaġġ minn dan il-Bieb Qaddis jissimbolizza l-passaġġ mid-dnub għall-grazzja. Sakemm dan il-bieb jerġa' jingħalaq fis-6 ta' Jannar 2026 fl-Epifanija tal-Mulej, mistennija li se jkunu għaddew eluf ta' pellegrini bit-tama li jaqilgħu l-Indulġenzi Plenarji f'din is-sena ta' grazzja għalihom u għall-mejtin għeżież tagħhom. Dan il-Ġublew ġie mniedi mill-Papa Franġisku permezz tal-Bolla "Spes non Confundit" (**It-Tama ma Tqarraqx**).

Ftit qabel iċ-ċerimonja tal-ftuħ il-Q.T. l-Papa Franġisku qalilna hekk:
***'Għid ta' tiġdid, biex nidħlu f'dik il-ħajja ġdida li niġu offruti meta niltaqgħu ma' Kristu'.***

*(ara artiklu pġ. 80)*



SENA TA' PAPA ĠDID

# “HABEMUS PAPAM”

## *Papa Ljun XIV*



“Il-Paċi Tkun Magħkom Ilkoll”

**GĦEŻIEŻ QARREJJA,**

**Din il-ħarġa qed taslilkom meta l-Komunità Parrokkjali tan-Nadur tkun għal darb'oħra qed tiċċelebra b'devozzjoni u mħabba l-festa tal-patruni tagħha San Pietru u San Pawl**

fl-isfond ta' sena mimlija bil-grazzja li qed taslilna permezz:

Tas-**SENA TAL-ĠUBLEW TAT-TAMA**
mniedi mill-**Q.T. l-PAPA FRANĠISKU**



**Is-SENA li fiha d-Dinja sellmet** lil dan il-Papa
magħruf bħala l-**Papa tan-Nies u tal-Poplu**



**Is-SENA li fiha d-Dinja laqgħet** bil-ferħ l-Aħbar ta' PAPA ĠDID
Il-**Q.T. l-PAPA LJUN XIV**



**Is-SENA li timmarka** l-Ewwel Sena ta' Ħidma
tal-**ARĊIPRIET ĠDID DUN KRYSTOF BUTTIGIEG**
it-tmien Arċipriet fl-istorja tal-Parroċċa tan-Nadur

**INRODDU ĦAJR U NAGĦTU ĠIEĦ LILL-MULEJ**

IL-BORD EDITORJALI TA' LUMINARIA
JIXTIEQ JAWGURA

***L-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD***

**DIN IR-RIVISTA QED TITQASSAM BLA ĦLAS.
KULL DONAZZJONI TIĠI APPREZZATA.**

# WERREJ


Messaġġ mill-Arċipriet 5
Messaġġ tas-Sindku 7
Kronaka tal-Parroċċa 8
L-Ewwel Tqarbina – 2024 14
Griżma tal-Isqof – 2024 15
Mir-Reġistri Parrokkjali - Sena 2024 16
Il-Parroċċa Tfakkar u Tifraħ 18
L-Esperjenza Tiegħi fil-Vatikan 23
NTYC 24
Għaqda Abbatini Nadur 27
Paġna MUSEUM Subien 28
Paġna MUSEUM Bniet 30
Il-Kor Jubilate Deo 32
Il-Banda Mnarja 34
L-Iskola Primarja tan-Nadur 36
Kumitat Festi Esterni 38
Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira Nadur 48
Il-Ħidma fi Ħdan il-Leġjun ta' Marija 50
TIFKIRA Ingress Arċ. Krystof Buttigieg 51
Il-Komunità Ewkaristika 75
Day Centre Anzjani Nadur 76
Għaqda Dun Franġisk Grima 77
Rapport Nadur Youngsters 78
Nofs Triq fil-Ġublew tat-Tama 2025 80
Riflessjonijiet tal-Papa Franġisku 82
Laqgħa Talb Dun Mikiel Attard 84
Il-Viżta Pastorali tal-Isqof Anton Teuma 86
Urbi et Orbi 92
Parroċċa Missjunarja 93
Kappillani u Arċiprieti tan-Nadur 98
50 Sena tal-Artal Mejda 105
Mill-Arkivju Parrokkjali 106
Restawr tal-Arloġġ 107
Baħrin Nadurin 110
Ta' Ħida 114
L-Imnarja tan-Nadur bħal dik ta' Malta? 117
Insaħħu l-Wirt Kulturali, Artistiku u Reliġjuż tal-Parroċċa 121
Xita fin-Nadur 122











## BORD EDITORJALI


Ħarġa numru 140 • Ġunju 2025 • Il-41 Sena

- Ir-Rivista Luminaria tiġi ppubblikata mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, In-Nadur, darba f'sena lejn l-aħħar ta' Ġunju għall-festa tal-Imnarja.
- Koordinata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet Dun Krystof Buttigieg, Miriam Muscat (Editur), Daniel Meilak, Mary Anne Pace u Martin Attard.
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat, Mary Grace Mercieca u Angelo Xuereb.
- Ritratti ta': Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anaca Photography.
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, In-Nadur NDR 1033, Għawdex - Tel: 2155 1649
- Disinn u layout ta' Rowena Mizzi
- Stampar: Gozo Press, Għajnsielem Tel: 2155 1534

www.nadurparish.com



# IĊ-ĊIMA

ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510



# FAMILY NEEDS

Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*



# BERNANDY SUPERMARKET

**Your Shop - Your Choice**

**Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo**

**Tel: 2156 5546**



# *M & J Garage*

**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**
*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*

**Car Rental**





# Garden of Eden

## Health and Beauty Salon

GUINOT
INSTITUT • PARIS

Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170

# MESSAĠĠ MILL-ARĊIPRIET
# DUN KRYSTOF BUTTIGIEG

## *"ĦADD MINNA MA JGĦIX GĦALIH INNIFSU, U ĦADD MA JMUT GĦALIH INNIFSU".*



Din il-frażi ġiet magħżula biex tmexxina f'dawn il-jiem ta' festa għalina fin-Nadur: kliem li qalu San Pawl fl-ittra lir-Rumani wara li jistieden lill-membri kollha tal-komunità biex iħobbu lil xulxin, iqumu min-ngħas u jgħixu "kif jixraq, bħal f'binhar; mhux bl-ikel iż-żejjed u s-sokor, mhux biż-żina u t-tbaħrid, mhux bil-ġlied u l-għira" (ara Rum 13,8-14).

Qal hekk għaliex kien sar jaf bil-kwistjonijiet li nqalgħu bejn min fil-komunità kien imdorri jżomm ma' ċertu tradizzjonijiet fl-ikel u fil-ġranet tal-festa, u oħrajn li kienu jqisu li hemm affarijiet iktar importanti minn dawn it-tradizzjonijiet. San Pawl kif ra li kienu qed jiġġudikaw u jgħaddu biż-żmien lil xulxin, iċanfarhom u jgħid:

Int min int biex tagħmel ħaqq mill-qaddej ta' ħaddieħor? Jekk iżommx wieqaf jew jaqax, dan jarah sidu. Iżda huwa jżomm wieqaf, għax il-Mulej għandu kull ħila li jżommu wieqaf. Hemm min jagħżel bejn jum u ieħor, u hemm min iqis il-jiem kollha xorta. Ħa jżomm kulħadd il-fehma tiegħu. Min iħares il-jum, iħarsu għall-ġieħ tal-Mulej; u min jiekol, jiekol għall-ġieħ tal-Mulej, ladarba b'hekk ikun qiegħed jiżżi ħajr lil Alla. U min ma jikolx, ma jikolx għall-ġieħ tal-Mulej, u hu wkoll ikun qiegħed jiżżi ħajr lil Alla (Rum 14,4-6).

Flok ma joqogħdu l-ħin kollu jikkummentaw fuq xulxin, wieħed għassa tal-ieħor, San Pawl jitlobhom biex jagħmlu kollox għall-ġieħ ta' Alla u mhux għal wiċċ xulxin. U f'dan il-waqt jgħid: "li ħadd minna ma jgħix għalih innifsu, u ħadd ma jmut għalih innifsu" (Rum 14,7).

U veru dan li qed jgħid Pawlu. Nafuh mill-esperjenza: ħajtek tieħu gost tgħixha jekk ikollok skop għal xiex tgħix; ħajtek tkun sabiħa meta jkollok għal min tgħix u għal min tmut; ħajtek ikollha sens meta ssib lil min tant tħobb li tkun lest tmut għalih. Fil-fatt hawn nies li malli jitilfu lil xi ħadd għażiż għalihom, jitilfu kull skop u jaqtgħu qalbhom mill-ħajja. Veru, ħajjitna mhix magħmula biex ngħixuha għalina weħidna: għandna bżonn ta' xulxin u r-relazzjonijiet li nibnu bejnietna jagħtuna skop.

F'dan is-sens naħseb li l-festa li qed niċċelebraw, tista' tgħinna ħafna biex inħossuna utli u prezzjużi għal xulxin, u biex tfakkarna li ħajjitna tieħu aktar importanza jekk naħdmu għas-servizz tal-komunità, iktar milli għas-sodisfazzjon personali tagħna. Dan kollu veru, imma jekk naħdmu biss għall-ġid tal-oħrajn, xorta nistgħu naqtgħu qalbna u nispiċċaw delużi, l-aktar jekk niltaqgħu mal-ingratitudni u man-nuqqas ta' apprezzament f'dawk ta' madwarna. Għalhekk Pawlu jżid ħaġa oħra li hi iktar importanti u tgħinna noħorġu minn din in-nassa, għax jgħidilna:

> Jekk ngħixu, ngħixu għall-Mulej; jekk immutu, immutu għall-Mulej. Sew jekk ngħixu, mela, sew jekk immutu, aħna tal-Mulej (Rum 14,8).

X'hemm isbaħ minn dan? Meta nagħrfu li "aħna tal-Mulej", insibu skop isbaħ u ikbar f'dak li nagħmlu. Għax jekk nagħmlu kollox għall-glorja tiegħu, anki din il-festa li qed niċċelebraw flimkien, tieħu togħma tal-ħajja ta' dejjem, u l-ġid li tħallilna fil-qalb tagħna ma jispiċċax kif jintemm il-ġid kollu ta' din id-dinja, imma jkun ġid li jibqa' magħna għal dejjem.

San Pawl, jieħu ħsieb iwissina u jgħidilna li l-ġudizzju li ngħaddu fuq xulxin u t-tmaqdir li jsir fuq ħaddieħor, ma jġibx biss tfixkil u firda imma anki skandlu għal min jarana (ara Rum 14,10-13). Hu jistedinna għalhekk, biex f'dak li nagħmlu nuru kemm tassew "aħna tal-Mulej" u f'kollox infittxu "dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta' xulxin" (Rum14,19).

Dan għandna nagħmlu f'din il-festa: dak li sew Pietru u sew Pawlu għamlu għal xulxin bejniethom u għall-Knisja ta' Kristu, meta wrew li huma tal-Mulej u ħadmu biex jibnu lil xulxin fl-imħabba u fis-sliem.

Għalhekk nawgura mill-qalb lil kulħadd il-festa t-tajba filwaqt li nkomplu nitolbu għal xulxin ħalli l-kbar Appostli Pietru u Pawlu jkomplu jgħinuna ninbnew f'komunità mill-isbaħ, li sservi anki ta' xhieda Nisranija għal kull min imiss magħha.

*Dun Krystof Buttigieg*

Is-Sindku, Kunsilliera u Staff
tal-
**KUNSILL LOKALI TAN-NADUR**
jixtiequ jawguraw
l-***Festa tal-Imnarja t-Tajba***
lin-Nadurin kollha.

Made with Love

**Weddings, Holy Communions, Holy Confirmations, Graduations**

Whatever the occasion..
we can help you give that **MEMORABLE GIFT**

Contact us on 79592548

Portelli Print

Jawguraw il-festa t-tajba lin-Nadurin kollha

40, Ta' Said Street, Nadur, Gozo. Tel/Fax: 2155 8232
e-mail: portelliprint@gmail.com

# MESSAĠĠ TAS-SINDKU
# EDWARD SAID



## *Ġunju – Ix-Xahar l-Iktar Mistenni għan-Nadurin*

Il-festa tal-Imnarja dejjem kienet u tibqa' prijorità għall-Kunsill Lokali tan-Nadur. Bħala Sindku, flimkien mal-membri kollha tal-Kunsill, rajna u se nibqgħu naraw, li din il-festa tirċievi l-attenzjoni li jistħoqqilha. Ġunju jġib miegħu żmien sabiħ ta' għaqda, impenn u kollaborazzjoni. Huwa żmien fejn naraw kemm il-parroċċa, kif ukoll bosta għaqdiet u voluntiera, jingħaqdu b'rieda waħda biex jagħmlu mill-festa tal-Imnarja esperjenza memorabbli għal kulħadd.

Il-Kunsill Lokali, b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa, joffri l-appoġġ tiegħu fil-programm ta' barra tal-festa. Fost l-inizjattivi li norganizzaw direttament hemm il-Wirja Agrarja u tal-Artiġjanat – attività li saret waħda mill-aktar popolari, tant mistennija, u li tfakkarna fis-sens tal-identità rurali li bih jidentifika ruħu r-raħal tagħna. Ma jonqosx ukoll li norganizzaw il-festa tat-tfal fi Pjazza San Pietru u San Pawl, u nieħdu sehem b'mod dirett fl-ikla tradizzjonali – okkażjonijiet li jiġbru ħafna nies flimkien f'ambjent ferrieħi u b'risq il-komunità.

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-kontribut tagħna f'attivitajiet oħra fosthom l-attività taż-żgħażagħ, il-manifestazzjoni bis-sehem tat-tfal, u l-appoġġ kollu meħtieġ lill-għaqdiet oħra li jagħmlu minn din il-festa esperjenza varjata u mill-isbaħ.

Il-ħidma tagħna tkompli anke minn wara l-kwinti: minn koordinazzjoni ta' permessi għall-armar, sa ġestjoni ta' traffiku, tindif ta' kuljum, u għajnuna oħra loġistika u amministrattiva li tingħata lil kull min ikollu bżonn. Niddedikaw ukoll ħin u enerġija sabiex ngħinu lill-għaqdiet jorganizzaw il-kalendarju tagħhom matul is-sena, biex jinġabru fondi għal proġetti u inizjattivi li jkomplu jkabbru u jsaħħu l-ħajja komunitarja tagħna.

L-ispettakli mtella' mill-għaqdiet matul il-festa ma jonqsux, u l-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu biex ikunu ta' suċċess. Aħna nemmnu li l-festa hija espressjoni ħajja tal-qalb, ir-rieda u l-identità ta' raħal sħiħ.

Fl-aħħar nett, f'isem il-Kunsill Lokali tan-Nadur, nixtieq nawgura festa tal-Imnarja mimlija b'ferħ, għaqda u barka lil kulħadd – kemm lil dawk li jgħixu fostna, kif ukoll lil dawk li jirritornaw f'dan iż-żmien speċjali biex jaqsmu dan il-mument magħna.

Is- Sindku



# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

**MEJJU 2024 – APRIL 2025**

Miġbura minn **MARY ANNE PACE**

## MEJJU

### Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem

Nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju bħala parroċċa ċċelebrajna l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem permezz ta' Konċelebrazzjoni Solenni fil-5.00pm u purċissjoni dritt wara bix-xbieha ta' San Ġużepp.



### Rużarju fil-beraħ

Kull nhar ta' Erbgħa, matul ix-xahar ta' Mejju ngħad ir-rużarju fil-pubbliku f'żoni differenti tar-raħal: Triq iż-Żerniq, Ġnien il-Kunsill, f'San Blas, fil-playing field tal-Ħali, u fi Triq Duru ma' Triq ix-Xini.

### Konsagrazzjoni tal-Knisja

Nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju l-komunità tan-Nadur iċċelebrat il-157 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja. Dan l-avveniment għażiż ġie ċċelebrat permezz ta' Konċelebrazzjoni Solenni fis-6.00pm.

Nifirħu lil Franklin Micallef mill-parroċċa ta' Kerċem li fil-24 ta' Mejju saret l-ordinazzjoni presbiterali tiegħu ta' djaknu. Franklin Micallef din is-sena kien qed jaqdi fil-parroċċa tagħna. Filwaqt li minn qalbna nawgurawlu, inwegħduh it-talb tagħna.

### L-Ewwel Tqarbina

Nhar il-Ħadd 26 ta' Mejju ġiet iċċelebrata l-festa tal-Ewwel Tqarbina fil-quddiesa tal-10.00am. Nifirħu lil 41 tifel u tifla li għall-ewwel darba f'ħajjithom irċevew lil Ġesù Ostja.

### Purċissjoni bil-Madonna u Programm Marjan

Nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju filgħaxija ġiet organizzata purċissjoni Marjana mill-membri tal-Museum mill-Pjazza San Pietru u San Pawl sal-bitħa tal-Museum fejn ittella' programm ta' ġieħ u qima lill-Madonna. Kulħadd kien mistieden għal din l-attività.

## ĠUNJU

### Korpus

Il-Ħadd 2 ta' Ġunju kienet il-festa ta' Korpus. Din il-festa ġiet iċċelebrata b'quddiesa fit-8.30am u wara saret purċissjoni bis-Sagrament madwar ir-raħal akkumpanjat mit-tfal tal-Ewwel Tqarbina flimkien mal-ġenituri tagħhom.



### Griżma tal-Isqof

Nhar il-Ġimgha 14 ta' Ġunju 42 adolexxent mill-parroċċa tagħna rċivew il-Ġrizma tal-Isqof. Dan kien mument għażiż fejn fih Alla qed jikkonferma, permezz tal-Knisja, illi dawn uliedna huma wkoll uliedu l-maħbuba.

### Festa Mnarja 2024

It-Tlieta 11 ta' Ġunju sar kunċert ta' mużika sagra fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù bis-sehem tat-Tenur il-Kav. Angelo Muscat akkumpanjat mill Kav. Antoine Mercieca.

Dan il-kunċert ittella' mill-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl b'risq il-missjoni ta' Fr Raymond Portelli fil-Perù.

Nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju ttella' programm mużikali annwali mill-Banda Mnarja – The Big Band Adventures. Dan il-kunċert sar fil-pjazza u għalaq bi spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika.



Il-ħruġ tal-istatwa min-niċċa tal-patruni tagħna sar nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju filwaqt li l-għada l-Erbgħa,19 ta' Ġunju bdiet in-Novena tal-festa. Fl-ewwel jum li kien iddedikat lill-abbatini, saret il-vestizzjoni ta' 4 abbatini ġodda.



Il-Ħamis 20 ta' Ġunju – kien jum ta' radd il-ħajr għall-missjoni mwettqa fostna mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri. Il-Konċelebrazzjoni Solenni tmexxiet mill-Ex Arċipriet Mons. Jimmy Xerri li fiha rringrazzja lil Alla tal-ħidma tiegħu fostna bħala ragħaj tal-parroċċa għal dawn l-aħħar 14-il sena. Wara sar festin żgħir tal-okkażjoni fuq iz-zuntier.

Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju kien jum iddedikat liż-żgħażagħ, filwaqt li l-għada kien Jum it-tfal u r-residenti barranin. Is-Sibt 22 ta' Ġunju filgħodu ġiet iċċelebrata quddiesa mill-Arċipriet Maħtur Dun Krystof Buttigieg u animata mit-tfal. Wara l-quddiesa saret manifestazzjoni għat-tfal kollha bix-xbihat ta' San Pietru u San Pawl. Filgħaxija wara n-Novena kien hemm il-ftuħ tal-wirja agrarja u ta' artiġjanat fil-pjazzetta.

Il-ħames jum tan-Novena kien iddedikat lill-familja u l-katekeżi fejn kienu mistiedna b'mod speċjali dawk il-familji li ċċelebraw il-25 jew il-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom. Mistiedna wkoll kienu l-membri tal-għaqdiet u l-katekisti.



Is-sitt jum tan-Novena – Jum is-saċerdoti fejn saret Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Isqof Anton Teuma li fiha l-Kan. Dun Karm Portelli, il-Kan. Dun Loretu Tabone u l-Kan. Onor. Dun Mario Cassar raddu ħajr lil Alla għall-50 sena tas-saċerdozju tagħhom.





Fit-tlett ijiem tat-Tridu l-omeliji kienu minsuġa minn Dun Charles Sultana. Dawn il-jiem kienu ddedikati lill-morda u l-anzjani, il-Caritas u gruppi li jservu fil-liturġija u l-emigranti. L-Erbgħa 26 ta' Ġunju ħabat l-anniversarju tal-għoti tal-Bażilika.

Lejlet il-festa filgħodu, ġiet iċċelebrata Konċelebrazzjoni Solenni ta' ringrazzjament 'l Alla fi tmiem in-Novena

u Tridu mmexxija minn Mons. Dekan Salvu Muscat flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru. Fi tmiem l-Għasar Solenni ta' filgħaxija l-Isqof Anton Teuma ta l-pussess ta' Kanoniku tal-Kolleġġjata lill-Arċipriet Maħtur Dun Krystof Buttigieg.

Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Festa bdew b'Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-Isqof Anton Teuma. Filgħaxija l-Għasar Solenni tmexxa mill-Arċipriet u dritt wara kien hemm il-ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Il-festi liturġiċi ġew fi tmiemhom bid-dħul tal-istatwa fil-Bażilika, fejn indaqqet l-Antifona u wara ngħatat il-Barka Sagramentali lil dawk preżenti.



## LULJU

### Suor Guliana Portelli

Nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju Suor Guliana Portelli tas-sorijiet tal-Monasteru ta'  Sant'Ursula, fil-Belt Valletta għalqet 50 sena soru. Nitolbu għaliha u nirringrazzjaw lil Alla tad-don tal-vokazzjoni tagħha.

### Xogħol fil-knisja

Matul ix-xhur tas-sajf qed isiru xogħlijiet ta' restawr fuq it-tużell tal-festa li sfortunatament ġarrab xi ħsarat waqt li kien qed jitniżżel. Qed jitkompla wkoll ir-restawr tal-linef iż-żgħar tal-knisja li hu maħsub li jitlestew sa Settembru.

Sar ukoll proġett fejn negattivi ta' ritratti antiki fuq il-ħġieġ li huma parti mill-kollezzjoni li għandha l-parroċċa fl-arkivji tagħha, ġew skenjati u magħmula f'format diġitali ta' kwalità. B'kollox din il-kollezzjoni tgħodd 230 ritratt li juru xeni mill-ħajja tal-parroċċa kif ukoll il-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl bejn is-snin ċirka 1910 u 1950. Ħajr lil Dr Charles Paul Azzopardi li ħadem fuq dan il-proġett b'mod volontarju.

## AWWISSU

### Nawguraw

Is-Seminarista Jamie Buttigieg flimkien ma' Dun Giovann Tabone MSSP min-Nadur u grupp ta' żgħażagħ Maltin marru jagħmlu esperjenza ta' missjoni fil-Filippini. Nixtiqulhom esperjenza li tħalli l-frott u nitolbu għalihom.

Nawguraw ukoll lil żewġ abbatini tagħna Clyde Borg u Saviour Portelli li bejn is-6 u 16 t' Awwissu se jkunu jagħtu servizz ġewwa Ruma fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan (ara artiklu pġ. 27).

### Ġimgħa Mużewmina

Bejn il-5 u 9 t'Awwissu nżammet il-Ġimgħa Mużewmina fil-qasam tas-subien tan-Nadur. Il-programm kien imżewwaq b'att ta' attivitajiet fosthom quddiesa, ġurnata logħob, adorazzjoni u play: *Dijademi bla gdiedem*. Kulħadd kien mistieden għal dawn l-attivitajiet li saru fil-beraħ fil-grawnd tal-istess Museum.

## SETTEMBRU

### Purċissjoni tad-Duluri

Nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru wara l-quddiesa tal-5.00pm ħarġet purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri akkumpanjata bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, Kleru, Fratelli u Abbatini. Waqt il-purċissjoni ngħadet it-talba tar-rużarju.



### Pussess tal-Arċipriet

Nhar is-Sibt 28 ta' Settembru fis-6.00pm Dun Krystof Buttigieg ħa l-pussess tiegħu bħala Arċipriet. Il-Quddiesa Solenni tal-bidu tal-Ministeru Pastorali bħala Arċipriet tal-parroċċa taghna kienet immexxija mill-E.T.



Mons. Anton Teuma, Isqof t'Għawdex. Wara l-quddiesa sar festin tal-okkażjoni maġenb il-Bażilika quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali (ara TIFKIRA pġ. 51).

## OTTUBRU

### Rużarju fil-beraħ

Kull nhar ta' Ġimgħa matul ix-xahar t'Ottubru ngħad ir-Rużarju f'żoni differenti tar-raħal, quddiem il-Madonna fi Ġnien il-Kunsill, fil-Belvedere fi Triq David Cocco Palmeri, fil-grawnd tal-boċċi fil-Qortin u fi Triq Duru fuq tax-Xini.

## NOVEMBRU

### Mixegħla tal-qaddisin kollha

L-istampa li ġiet iffurmata minn għadd kbir ta' xema' għall-mixegħla tal-qaddisin kollha din is-sena kien fiha s-simboli tal-imfietaħ ta' San Pietru kif ukoll ix-xabla u l-lifgħa ta' San Pawl. Grazzi liż-żgħażagħ tan-Nadur Teen & Youth Centre li ħadu ħsieb din l-inizjattiva.



### Festa ta' San Koronatu

Din is-sena ġiet iċċelebrata bejn it-3 u l-10 ta' Novembru fejn nhar il-Ħadd 3 ta' Novembru saret quddiesa speċjali għat-tfal kollha bi preparazzjoni għall-festa ta' San Koronatu mmexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg. It-tlett ijiem tat-Tridu kienu mmexxija mill-Kan. Simon M. Cachia. Il-quddiesa ta' lejlet il-festa kienet immexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru. Dakinhar ukoll il-Banda Mnarja għamlet kunċert fit-teatru MBC taħt id-direzzjoni ta Mro Dr Joseph Grech. F'jum il-festa, il-Ħadd 10 ta' Novembru 2024, il-Quddiesa Solenni tmexxiet mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru. Il-purċissjoni bil-fdalijiet ta' San Koronatu ħarġet fl-4.30pm u tmexxiet mill-Arċipriet. Kienet akkumpanjata mill-Banda Mnarja. Mal-wasla tal-purċissjoni fil-knisja ndaqqet l-Antifona u ngħatat il-Barka Sagramentali. Din kienet l-ewwel festa li ċċelebra l-Arċipriet il-ġdid fil-parroċċa.



### Kavallier tas-Santu Sepulkru



Nifirħu lill-Kan. Dun Joe Cardona li ġie magħżul u maħtur sabiex ikun kavallier tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm. L-investitura uffiċjali saret nhar is-Sibt 16 ta' Novembru 2024 fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta mill-Arċisqof ta' Malta flimkien mad-dinjitarji tal-Logutenenza Maltija.

Nifirħu wkoll lis-Seminarista Marlon Victor Bajada, li qed joffri s-servizz tiegħu matul tmiem il-ġimgħa fil-parroċċa tagħna, li rċieva l-Ministeru tal-Akkolitat, li hija l-aħħar tappa qabel id-Djakonat u l-Presbiterat. Fil-fatt dan il-ministeru jissarraf fis-servizz tal-artal u fit-tqassim tal-Ewkaristija.

## DIĊEMBRU

Bħal fis-snin l-imgħoddija, is-siġra tal-karità ġiet armata fil-knisja. L-oġġetti miġbura twasslu għand diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna. Il-ġbir ta' din is-sena kien għal St Joseph Home (MSSP), id-Dar tal-Providenza, Fondazzjoni Sebħ, u l-Caritas Parrokkjali u Djoċesan.

### Novena tal-Milied

Mill-15 sat-23 ta' Diċembru ġiet iċċelebrata n-Novena tal-Milied. Il-motto magħżul għal din is-sena kien: *Ġesù jiġi u jibqa' magħna fl-Ewkaristija*.



F'lejlet il-Milied fis-7.00pm kien hemm il-purċissjoni tal-Bambin organizzata mill-Museum tas-subien bis-

sehem tal-Banda Mnarja. Fil-11.30pm mbagħad ngħata bidu għall-Quddiesa ta' Nofsillejl bil-kant tal-Matutin.

Nhar il-Milied is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) tellgħet programm tal-Milied fil-knisja. Dan kien jinkludi kant, poeżiji, play qasira u prietka tat-tifel.



## JANNAR

Fl-1 ta' Jannar Solennità ta' Marija Omm Alla u l-ewwel jum tas-sena l-ġdida tkompliet l-adorazzjoni fis-skiet sal-quddiesa tal 5.00pm fejn saret Konċelebrazzjoni Solenni tal-għeluq tal-Kwaranturi mmexxija mill-Arċipriet bil-kant tal-Għasar Integrat. Wara Ġesù Ewkaristija ħareġ proċessjonalment fit-toroq tagħna u mad-daħla lura fil-knisja ngħatat il-Barka Sagramentali.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar tqassmet fi djarna kopja tal-Evanġelju skont San Luqa. Dan kien mogħti mid-Djoċesi bħala rigal għal kull familja fil-parroċċa tagħna.

### Vista Pastorali

Bejn il-Ħadd 12 u s-Sibt 18 ta' Jannar 2025 ilqajna fostna lill-Isqof Anton Teuma għall-Vista Pastorali. Huwa ltaqa' mal-għaqdiet kollha tal-parroċċa, saru żjajjar lill-morda fid-dar u anke opportunità għal kollokji privati ma' min wera x-xewqa. Matul din il-ġimgħa intensiva ta' laqgħat u appuntamenti lkoll għexna mumenti tassew sbieħ bħala komunità.



## FRAR

Fit-2 ta' Frar iċċelebrajna l-Gandlora li hi l-festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju li tiġi mfakkra eżatt 40 jum mill-Milied. Wara l-Konċilju Vatikan it-II din il-festa reġgħet ħadet is-sens li kellha fil-bidu bħala l-festa ta' Ġesù Kristu dawl tad-dinja u fiċ-ċelebrazzjoni jsir ir-rit tat-tberik tax-xemgħat.

Nhar il-Ħadd 16 ta' Frar fl-inħawi ta' San Blas ġiet iċċelebrata quddiesa tal-festa ta' San Blas. Qabel il-quddiesa sar marċ bis-sehem tal-Banda Mnarja u wara l-quddiesa sar ir-rit tat-tberik bix-xemgħat u t-tberik tal-annimali.



## MARZU

### Randan 2025

Nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu tajna bidu għar-Randan Imqaddes li wassalna għaċ-ċelebrazzjoni tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu. Matul ir-Randan saru diversi eżerċizzi mmirati għal diversi kategoriji ta' nies fosthom għall-koppji miżżewġin, adolexxenti u żgħażagħ.

### Pellegrinaġġ Penitenzjali

Nhar il-Ħadd 9 ta' Marzu l-parroċċa organizzat trasport għall-knisja tal-Franġiskani f'Għajnsielem għall-Pellegrinaġġ Penitenzjali Ġubilari bil-Kurċifiss Mirakoluż Ta' Ġieżu.



Nhar l-Erbgħa 19 ta' Marzu festa ta' San Ġużepp sar pellegrinaġġ lejn il-Knisja Parrokkjali tal-Qala li hi ddedikata lill-Patroċinju

ta' San Ġużepp, Ħarries tal-Knisja. L-Arċipriet Dun Krystof mexxa quddiesa għal dawk preżenti. Il-grupp tal-abbatini tal-parroċċa wkoll ħa sehem f'dan il-pellegrinaġġ u wara l-quddiesa kellhom mument ta' rtir, b'riflessjonijiet u attivitajiet apposta għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Qala.

### Sagristan ġdid

Il-parroċċa impjegat lil Ivan Attard bħala sagristan ġdid fuq bażi full-time. Filwaqt li nagħtuh merħba nirringrazzjaw lil Marco Azzopardi tas-servizz prezzjuż li ta bħala sagristan għal snin twal.



## APRIL

Nhar il-Ġimgħa 11 ta' April sar pellegrinaġġ bl-istatwa devota ta' Marija Addolorata. Din is-sena l-pellegrinaġġ beda minn Triq l-Arċipriet Saver Cassar u għadda minn Triq Papa Pawlu VI, Triq Karlu Zimech, Triq it-Torri ta' Kenuna, Triq il-Madonna ta' Lourdes, Triq Dun Bernard Haber u Pjazza San Pietru u San Pawl. Mal-wasla fil-Bażilika saret quddiesa.



### Ġimgha Mqaddsa

L-attivitajiet issoktaw matul il-Ġimgħa Mqaddsa fejn f'Ħadd il-Palm sar it-tberik tal-palm bis-sehem tat-tfal u l-familji tagħhom fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. It-Tlieta ż-żgħażagħ u l-adolexxenti ħadu sehem f'Via Sagra b'differenza "Il-Mixja tat-Tbatija". Din saret fil-knisja fit-8.00pm. L-Erbgħa kien Jum ir-Rikonċiljazzjoni fejn sar



qrar fil-knisja u wara ċelebrazzjoni penitenzjali. F'Ħamis ix-Xirka, wara ċ-ċelebrazzjoni simbolika tal-ħasil ta' riġlejn l-appostli u quddiesa, Ġesù Ewkaristija tqiegħed fl-Artal tar-Repożizzjoni għall-qima tal-fidili. Eżatt wara bdew is-Seba' Visti. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira 18 ta' April, wara l-funzjoni tal-Liturġija tal-Kelma fil-knisja u l-Adorazzjoni tas-Salib, ħarġet il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bil-vari u għadd ta' persunaġġi bibliċi. Fiha ħa sehem ukoll il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u kienet akkumpanjata mill-Banda Mnarja. Nhar is-Sibt 19 ta' April, fit-8.00pm saret il-Velja Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid. L-Għada, l-Għid il-Kbir wara l-Quddiesa Konventwali tat-8.30am mmexxija minn Mons. Arċipriet ħarġet purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja. Sar ukoll it-tqassim tal-figolli lit-tfal.





## MEJJU

Il-Ġimgha 2 ta' Mejju fil-knisja ttella' oratorju oriġinali fuq San Pietru u San Pawl u r-rabta man-Nadur. Il-versi ta' dan l-Oratorju ħarġu mill-pinna ta' Joe Chircop filwaqt li l-mużika kienet tal-Mro. Ray Sciberras. Idderieġa l-orkestra s-Surmast tal-banda Mro. Dr. Joseph Grech.



## TFAL TAL-EWWEL TQARBINA BNIET - 2024



**L-ewwel Ringiela minn isfel:** Cristina Camilleri, Michela Muscat, Ellie Vella, Alicia Christa Camilleri, Myra Portelli, Daisy Muscat.
**It-tieni Ringiela:** Rita Marie Muscat, Maria Attard, Nora Grech, Maya Vella, Martina Tabone, Charlotte Rose Xuereb, Karina Camilleri, Julia Cremona.
**It-tielet Ringiela:** Martina Cauchi, Faith Attard, Katelyn M. Aquilina, Michela Mifsud, Sienna Busuttil, Evangeline Sammut.
**Ir-raba' Ringiela:** Adeline Sammut, Keira Cauchi, Marina Camilleri, Christa Meilaq , Alise Vella

## TFAL TAL-EWWEL TQARBINA SUBIEN - 2024



**Wara:** Liam Vella, Gianni Camilleri, Tyler Portelli, Nicholas Sultana,
**Fin-nofs:** Matthew Grima, Logan Tabone, Marco Cauchi, Kane Mercieca, Cody Tabone, Christian Grech
**Quddiem:** Brandon Attard, Zane Portelli, Zack Sammut, Alvaro Vella, Pawlu Theuma, Oliver Azzopardi

## TFAL TAL-GRIŻMA BNIET - 2024



**L-ewwel Ringiela minn isfel:** Mireille Attard, Giana Farrugia, Chanel Xerri, Alissia Degouvia, Ella Buttigieg, Ally Borg,
**It-tieni Ringiela:** Kayla Muscat, Julia Marie Dingli, Amber Julie Said, Elisa Vassallo, Michaela Said
**It-tielet Ringiela:** Valentina Camilleri, Emeh Marie, Quinn Camilleri, Shirley Saliba, Alana Grech, Krista Portelli, Caitlin Marie Portelli, Katelyn Aquilina
**Ir-raba' Ringiela:** Maia Formosa, Amy Azzopardi, Lea Attard, Krista Camilleri, Faith Buttigieg.

## TFAL TAL-GRIŻMA SUBIEN - 2024



**Wara:** Nelson Paul Attard, Landon Abela, Braydon Muscat, Matthew Buttigieg, Charlie Emeh
**Fin-nofs:** George Mizzi, Blake Mifsud, Gabriel Muscat, Adam Meilak, Jake Sammut, Kristian Zammit, Wayne Tabone
**Quddiem:** Cayden Grima, Mikiel Theuma, Gerrard Camilleri, Sebastian Attard, Manuel Falzon, Owen Cauchi

# MIR-REĠISTRI PARROKKJALI

Daniel Meilak

**MAGĦMUDIJIET** | **ŻWIĠIJIET** | **MWIET** ■ **2024**

*Matul l-2024 fil-parroċċa tan-Nadur saru 3 żwiġijiet, ġew mgħammda 23 tarbija filwaqt li mietu 55. L-età medja tal-mewt kienet dik ta' 76.5 sena. Xi dfin li sar fl-oqbra li Barts – Queen Mary University of London għandha fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina mhux qed jitniżżlu hawn peress li ma kinux residenti fin-Nadur.*



MAGĦMUDIJIET

| DATA | ISEM IT-TARBIJA | MISSIER | OMM |
|---|---|---|---|
| **JANNAR** | | | |
| 6 | Tommaso | Luciano Carloni | Michela Cappelli |
| **FRAR** | | | |
| 10 | Max | Matthew Natoli | Sini Rantala |
| **APRIL** | | | |
| 7 | Nick | Pauljames Mizzi | Rowena Theuma |
| 14 | Clyde | Paul Andrew Vella | Noemi Grima |
| **ĠUNJU** | | | |
| 22 | Anne | Jozef Sultana | Maryanne Cauchi |
| 23 | Jaxon Saint | Steven Vella | Stevie Jade Wilson |
| 23 | Liam | Adrian Formosa | Josefa Zammit |
| **LULJU** | | | |
| 6 | Adrian George | Charles Galea | Olga Michelle Dranuta |
| 26 | Alfie Dima | Andrew Clark | Ancuta Anton Clark |
| **AWWISSU** | | | |
| 11 | Ada Ophelia | Matthew Thomas Price | Candace Kathleen Lipscombe |
| **SETTEMBRU** | | | |
| 14 | Andy | Anthony Portelli | Sacha Portelli |
| **OTTUBRU** | | | |
| 6 | Myles | David Debono | Cornelia Tabone |
| 12 | Storm | Sean Flinn | Emily Wiltchire |
| 12 | Matteo | Emanuel Buttigieg | Janice Debono |
| 20 | Jurgen Joe | Charlie Abela | Dorianne Camilleri |
| **NOVEMBRU** | | | |
| 2 | Clyde | David Falzon | Hailey Portelli |
| 17 | Kate | Ian Micallef | Stephanie Cuschieri |
| 24 | Luċija | Roderick Vella | Sharon Sammut |
| 24 | Noah | Daniel Camilleri | Daniela Xuereb |
| **DIĊEMBRU** | | | |
| 1 | Thomas | Terence Portelli | Sabrina Cini |
| 1 | Ailana Jais | Darian Grima | Mary Louise Camilleri |
| 8 | Anna | Nathan Joe Portelli | Rachel Meilak |
| 24 | Salvu | Gerald Grech | Annaline Borg |

## ŻWIĠIJIET



| DATA | GĦARUS | GĦARUSA |
|---|---|---|
| **ĠUNJU** | | |
| 22 | Josef Sultana (Ta' Kerċem) | Francesca Camilleri |
| **OTTUBRU** | | |
| 12 | Christopher Portelli | Yanika Noel Camilleri |
| **DIĊEMBRU** | | |
| 21 | Anthony Paul Vella | Ritienne Rapa |



## MWIET

| DATA | ISEM | ETÁ |
|---|---|---|
| **JANNAR** | | |
| 14 | Josephine Mifsud | 74 |
| 15 | Anthony Falzon | 83 |
| 15 | John Attard | 76 |
| 23 | Anthony Buttigieg | 80 |
| 24 | Theresa Camilleri | 87 |
| **FRAR** | | |
| 4 | Michael Azzopardi | 85 |
| 6 | Michael Camilleri | 83 |
| 7 | Josephine Said | 84 |
| 12 | Angela Farrugia | 94 |
| 14 | Maria Sultana | 91 |
| 20 | Kate Galea | 1 |
| 17 | Grace Camilleri | 91 |
| **MARZU** | | |
| 13 | Joseph Buttigieg | 84 |
| 18 | Giuseppa Sultana | 94 |
| 19 | Carmen Vella | 80 |
| 22 | Joseph Galea | 96 |
| **APRIL** | | |
| 8 | Gordon Reginald Rolls | 79 |
| 21 | Maria Muscat | 74 |
| 21 | David Muscat | 70 |
| 24 | Maria Grech | 89 |
| 24 | Peter Paul Farrugia | 66 |
| **MEJJU** | | |
| 3 | John Azzopardi | 74 |
| 15 | Mary Grima | 79 |
| 19 | Maria Cardona | 81 |
| 28 | Helen Grech | 62 |
| **ĠUNJU** | | |
| 6 | Maria Muscat | 85 |
| 23 | Francis Mifsud | 90 |
| **LULJU** | | |
| 3 | Joseph Mary Galea | 74 |
| 4 | Joseph Said | 79 |
| 7 | Saviour Sultana | 80 |
| **AWWISSU** | | |
| 5 | Mario Buttigieg | 68 |
| 8 | Mary Falzon | 79 |
| 12 | Joseph Magro | 60 |
| 23 | Maria Azzopardi | 93 |
| 25 | Joan Falzon | 74 |
| **SETTEMBRU** | | |
| 2 | Saviour Azzopardi | 73 |
| 8 | Antonia Bonello | 77 |
| 9 | Peter Paul Said | 83 |
| 10 | Natalie Hili | 54 |
| 17 | Concetta Mifsud | 80 |
| 19 | Annunziata Farrugia | 73 |
| 24 | Justin Sciberras | 48 |
| **OTTUBRU** | | |
| 5 | Salvina Farrugia | 74 |
| 9 | Peter Paul Debono | 78 |
| 29 | Anthony Camilleri | 77 |
| **NOVEMBRU** | | |
| 11 | Martino Sultana | 91 |
| 23 | Stella Falzon | 86 |
| **DIĊEMBRU** | | |
| 1 | -------- Villanueva | 0 |
| 4 | Giovanna Azzopardi | 97 |
| 4 | Beninja Portelli | 78 |
| 11 | Carmelo Aquilina | 88 |
| 21 | Carmela Azzopardi | 79 |
| 25 | William Said | 61 |
| 28 | Saviour Galea | 87 |
| 28 | Salvu Cauchi | 85 |

# IL-PARROĊĊA tfakkar

Matul iż-żmien tar-Randan u l-Għid il-parroċċa tan-Nadur ingħaqdet fit-talb flimkien mal-Insara u popli oħra madwar id-dinja kollha għall-bżonnijiet tal-Papa Franġisku li kien ġie rikoverat l-isptar. Il-Papa Franġisku mar jiltaqa' mal-Mulej ma' sbiħ il-jum, l-għada tal-Għid il-Kbir, nhar il-21 ta' April, 2025, ftit xhur biss wara li kien fetaħ il-Ġublew tat-Tama. Flimkien mal-popli tad-dinja kollha. Il-parroċċa tniktet u segwiet dak kollu li kien qed jiġri fil-Belt tal-Vatikan f'dawk il-jiem, speċjalment il-jum tal-funeral u d-difna tiegħu, li saret fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore b'mod mill-aktar sempliċi.




Fil-fatt il-funeral u d-difna tiegħu saru skont struzzjonijiet li Papa Franġisku ta fl-aħħar testment tiegħu li huwa kien iffirma ġewwa d-Dar Santa Marta, fejn għex tul il-pontifikat tiegħu, nhar id-29 ta' Ġunju, 2022, festa ta' San Pietru u San Pawl – jum il-festa ta' tliet snin ilu.

Dakinhar stqarr: "Hekk kif qiegħed inħoss l-għabex tal-ħajja tiegħi fuq l-art riesaq aktar qrib, u b'tama sħiħa fil-ħajja li ma tintemm qatt, nixtieq nesprimi l-aħħar xewqat tiegħi fir-rigward tad-difna tiegħi."

Żgur li Papa Franġisku qed ikompli jitlob għall-popli kollha tad-dinja mill-post li tant ħadem għalih u li qed igawdi flimkien mal-qaddisin kollha.


world and brotherhood among peoples.

*Domus Sanctae Marthae, 29 June 2022*

FRANCIS

...cazione - Libreria Editrice Vaticana

2

The Holy See

*TESTAMENT OF THE HOLY FATHER FRANCIS*

*Miserando atque Eligendo*

In the Name of the Most Holy Trinity. Amen.

As I sense that the twilight of my earthly life is approaching, and with firm hope in Eternal Life, I wish to express my final wishes regarding my burial place.

I have always entrusted my life and priestly and episcopal ministry to the Mother of Our Lord, Mary Most Holy. Therefore, I ask that my mortal remains rest, awaiting the day of resurrection, in the Papal Basilica of Saint Mary Major.

I wish that my final earthly journey conclude precisely in this ancient Marian shrine, where I go to pray at the beginning and end of every Apostolic Journey to faithfully entrust my intentions to the Immaculate Mother and to give thanks for her gentle and maternal care.

I ask that my tomb be prepared in the burial niche in the side nave between the Pauline Chapel (Chapel of the *Salus Populi Romani*) and the Sforza Chapel of the aforementioned Papal Basilica, as indicated in the enclosed plan.

The tomb should be in the ground; simple, without particular ornamentation, and bearing only the inscription: *Franciscus*.

The expenses for the preparation of my burial will be covered by a benefactor and the sum will be transferred to the Papal Basilica of Saint Mary Major. I have given the appropriate instructions to Monsignor Rolandas Makrickas, Extraordinary Commissioner of the Liberian Chapter.

May the Lord grant the deserved reward to those who have wished me well and will continue to pray for me. The suffering that marked the final part of my life, I offer to the Lord, for peace in the

# u tifraħ




U hekk ukoll ferħet il-Parroċċa flimkien mad-dinja kollha meta fit-8 ta' Mejju 2025, festa tal-Madonna ta' Pompej, deher id-duħħan abjad ħiereġ miċ-ċumnija li twaqqfet apposta għall-konklavi fuq il-bejt tal-Kappella Sistina. Għajnejn id-dinja kienu mdawra fuq din iċ-ċumnija mill-bidu ta' dan il-konklavi li nżamm bejn is-7 u t-8 ta' Mejju u kien wieħed mill-iqsar konklavi ta' dawn l-aħħar 150 sena. Wara biss 25 siegħa li matulhom saru 4 skrutinji (votazzjonijiet) id-daħna bajda ħabbret lid-dinja li ġie magħżul il-Papa ġdid, suċċessur ta' Pietru u Isqof ta' Ruma.

Ftit ħin wara, fil-loġġa ċentrali tal-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan deher ħiereġ il-Kardinal Dominique Mamberti li ħabbar il-frażi tant mistennija "Habemus Papam", li qajmet ċapċip u entużjażmu kbir fost l-eluf li kienu miġburin ġewwa l-Pjazza tal-Vatikan. Ma' din l-aħbar tfaċċa l-Kardinal Robert Francis Prevost, Patri Agostinjan, Amerikan li ħadem għal bosta snin fil-missjoni u li minn dak il-ħin beda jissejjaħ Papa Ljun XIV.

L-ewwel frażi li biha indirizza lid-dinja li kienet qed tilqgħu kienet:

"Il-Paċi tkun Magħkom Ilkoll!"

Bħala Nsara għandna nitolbu għall-Papa u għal dawk kollha li jaħdmu u jmexxu l-Knisja li waqqaf Ġesù.

# Dun Fabio Attard s.d.b.



## MAĦTUR RETTUR MAĠĠUR TAS-SALESJANI



Nhar il-25 ta' Marzu 2025, festa tal-Lunzjata, flimkien mad-Djoċesi ta' Għawdex kif ukoll dik ta' Malta fraħna bl-aħbar tal-ħatra ta' Dun Fabio Attard, bħala Rettur Maġġur tal-Kongregazzjoni Salesjana mwaqqfa minn San Ġwann Bosco. Fil-fatt Dun Fabio nħatar bħala l-11-il suċċessur ta' Don Bosco waqt id-29 Kapitlu Ġenerali li l-familja Salesjana ddeskriviet bħala 'mument storiku għall-Kongregazzjoni Salesjana u l-familja Salesjana mxerrda madwar id-dinja (136 pajjiż).

Dan il-Kapitlu nżamm ġewwa l-kumpless Salesjan mibni minn Don Bosco ġewwa l-kwartieri ta' Valdocco fil-Belt ta' Turin ġewwa l-Italja. Hemm wieħed isib ukoll il-Bażilika ad Unur Maria Għajnuna tal-Insara li t-titular tagħha jirrappreżenta xena suġġerita minn Don Bosco lill-artist Tomasso Lorenzone. Fih tidher il-Madonna taħt it-titlu Għajnuna tal-Insara bil-Bambin f'idejha u mdawra bi qtajja' tal-anġli u bl-Appostli, fosthom l-Appostli Kolonni tal-Knisja, San Pietru u San Pawl, f'nofs il-kwadru.

Filwaqt li nawguraw lir-Rettur Maġġur Don Fabio Attard, inwegħduh ukoll it-talb tagħna.



# Dun Noel Debono

## 15-IL SENA SAĊERDOT

Din is-sena il-parroċċa tan-Nadur qed tfakkar ukoll il-15 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Noel Debono li saret nhar it-13 ta' Ġunju 2010 fil-Katidral tal-Assunta mill-E. T. Mons. Mario Grech, dakinhar Isqof ta' Għawdex. Wara l-ordinazzjoni tiegħu Fr Noel kompla bl-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana f'Ruma fejn kiseb Liċenzjat fit-Teoloġija Biblika u ħadem fil-Parroċċa tan-Natività fl-istess Djoċesi. Fis-sena 2014 Fr Noel reġa' ġie msejjaħ lura mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech biex ikompli bil-ħidma tiegħu fid-Djoċesi ta' Għawdex. F'dawn is-snin hu ħadem fil-parroċċa tal-Qala, kien chaplain fis-Sixth Form, responsabbli mill-Pastorali Vokazzjonali u direttur tal-Institute for Pastoral Ministry. Attwalment għadu jaħdem fil-qasam vokazzjonali, hu kollaboratur parrokkjali fil-parroċċa tal-Munxar u Direttur tal-Istudji fis-Seminarju Maġġuri. Nawgurawlu aktar ħidma sfiqa għall-ġid taż-żgħażagħ u l-komunitajiet parrokkjali fid-Djoċesi tagħna.

*AD MULTOS ANNOS*

# Kan. Dun Reuben Micallef

*Il-Parroċċa tifraħ u tfaħħar lill-Alla flimkien mal-Kan. Dun Reuben Micallef fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Seba' snin ilu Dun Reuben ġie maħtur bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa tan-Nadur u nistgħu ngħidu li integra ruħu sewwa fil-komunità parrokkjali tagħna. Filwaqt li nifirħulu, nirringrazzjawh tax-xogħol kontinwu tiegħu fi ħdan il-parroċċa u nwegħduh it-talb tagħna.*

## 25 SENA SAĊERDOT (2000-2025)

***'Xi nrodd ħajr lil Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi? Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni u isem il-Mulej insejjaħ" Salm 115 (116), 12-13.***

Dan hu s-sentiment li hemm f'qalbi f'din l-okkażjoni tant sabiħa tal-Ġublew tal-fidda li qed niċċelebra fil-25 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi. Sentiment ta' gratitudni kbira li jibda f'Alla li għażilni biex inkun tiegħu u jispiċċa fl-iżgħar persuna li b'xi mod jew ieħor ikkontribwiet jew kellha sehem, kbir jew żgħir, f'din il-mixja sabiħa.

Meta nħares lura lejn dak li seħħ fija 25 sena ilu, eżattament fit-23 ta' Ġunju 2000, kważi kważi anqas inkun irrid nemmen li għaddew daqshekk snin....25 sena! Għaddew bħal ħolma – ħolma li kellha ftit minn kollox: mumenti ta' ferħ u mumenti ta' niket, mumenti ta' kuraġġ u mumenti ta' qtigħ il-qalb, mumenti ta' fermezza u mumenti ta' dgħufija, mumenti ta' saħħa u mumenti ta' għeja u mard, mumenti ta' komunjoni u mumenti ta' solitudni.....wara kollox bħal kull tip ta' ħajja oħra.

L-entużjażmu, il-ħeġġa u l-grazzja t'Alla li ssawbet fuqi dakinhar tal-Ordinazzjoni nista' ngħid li akkumpanjawni tul dan il-vjaġġ kollu, fl-avventuri u l-mumenti varji li għext, fl-ubbidjenza għal dak li talbu minni s-superjuri tiegħi, fil-ministeru pastorali li ġejt assenjat, fil-kuntatti li kelli ma' persuni diversi: tfal, adolexxenti, żgħażagħ, koppji, familji, anzjani u ħuti s-Saċerdoti li ħdimt magħhom.

Però nemmen li kien il-Mulej, li miegħu s-Saċerdot jitwaħħad ta' kuljum fit-talb speċjalment fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, li żammni kontinwament fidil għas-sejħa li għamilli. Dik l-"Iva" li għedtlu f'riġlejn l-Isqof Nikol, dakinhar tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi, inħoss li tennejtha ta' kuljum f'dawn il-25 sena! Tennejtha bil-fidi soda li jien uritt mingħand il-ġenituri tiegħi, u li tħarriġt fiha fis-Soċjetà tal-Museum, fl-eżempji sbieħ ta' tant u tant nies li l-Mulej għoġbu jlaqqagħni magħhom, mill-formazzjoni li ħadt fis-Seminarju tagħna u li tħarriġt fiha fl-esperjenzi pastorali li sibt ruħi fihom.



Irrid inrodd ħajr lill-Mulej tal-familja sabiħa li twelidt u trabbejt fiha, l-għeżież Missieri Ġużeppi u Ommi Ersilia, in-Nannu matern tiegħi, iz-Zija Mary li llum ilkoll qegħdin igawdu lill-Mulej fl-eternità, u ħuti li dejjem sostnewni u kienu ta' sapport kbir għalija.

Iżda apparti l-familja, dejjem sibt apprezzament kbir mill-komunità ta' Ta' Kerċem, li fiha trabbejt: is-Saċerdoti, il-ħbieb żgħażagħ u tant persuni li rajt mingħandhom rispett kbir. Il-familja tal-Parroċċa tan-Nativitá ġewwa Ruma fejn żvolġejt l-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħi, il-familja tal-komunità tal-Katidral fejn għaddejt 4 snin bħala Vigarju Parrokkjali, il-komunità taż-Żebbuġ fejn għext 12-il sena bħala Arċipriet u issa għal dawn l-aħħar 7 snin il-komunità tan-Nadur li fiha ninsab naqdi bħala Vigarju Parrokkjali. Kemm esperjenzi sbieħ, kemm kuntatti, kemm ħbiberiji sinċiera.

Ta' dan kollu żgur li m'għandix kliem biex inrodd ħajr lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħi. *"Xi nrodd ħajr lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi? Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni u isem il-Mulej insejjaħ"* Salm 115 (116), 12-13.

Nixtieq għalhekk li apparti li nrodd ħajr lil Alla, niżżikħajr lil tant u tant persuni tal-ħbiberiji sinċiera tagħhom, tal-apprezzament tagħhom, tal-kliem ta' kuraġġ u tal-motivazzjoni kontinwa li jispiraw fija biex inkompli naħdem bla heda fil-għalqa tal-Mulej.

Jalla l-Mulej ikompli jsostnini bil-grazzja tiegħu ħalli nissokta nservih fil-għalqa tiegħu, inkompli nintaġar sa ma nsir xbieha perfetta tiegħu u nkompli nkun disponibbli għal kulħadd kif dejjem ippruvajt inkun tul dawn il-25 sena. Nittama li l-ferħ u l-paċi li dejjem kien hemm f'qalbi jkomplu jdakkru lil dawk li l-Mulej jogħġbu jlaqqagħni magħhom u nkompli nkun qaddej fidil u għaqli ħalli Dak li beda din l-opra tajba fija jwassalha għat-tmiem.

U fl-aħħar nixtieq nitlob maħfra ta' jekk xi darba mingħajr intenzjoni stajt weġġajt lil xi ħadd... fl-aħħar mill-aħħar aħna bnedmin bħal ħaddieħor li niżbaljaw, li nogħtru, li negħjew....imma naċċertakom li fil-qalb tagħna hemm fehma sħiħa li nħaddnu lil kulħadd.

Itolbu għalina s-Saċerdoti ħalli nkomplu nwasslulkom lill-Mulej bil-ferħ u itolbu għal aktar vokazzjonijiet.

*Ad Multos Annos*



## Jamie Buttigieg

Filwaqt li lkoll mħeġġin nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi, inżommu wkoll fit-talb tagħna lil dawk li diġà laqgħu s-sejħa tal-Mulej u bdew il-mixja tagħhom għal warajh. Fost dawn insemmu lis-Seminarista Jamie Buttigieg li din is-sena qed ikompli bl-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex.

## Marlon Victor Bajada u Samuel Aquilina



Is-Seminaristi Samuel Aquilina u Marlon Victor Bajada meta rċevew l-Ministeru tal-Akkolitat

Nifirħu wkoll mas-Seminarista Marlon Victor Bajada li minn Ottubru 2024 beda esperjenza pastorali fil-parroċċa tagħna u fl-20 ta' Ġunju 2025 se jiġi ordnat Djaknu flimkien mas-Seminarista Samuel Aquilina, li xi snin ilu wkoll għamel esperjenza simili fil-parroċċa tan-Nadur. Nawgurawlhom u nitolbu għalihom.



## Sagristan ġdid

Minn Marzu 2025 il-parroċċa bdiet tgawdi mis-servizzi ta' Sagristan ġdid. Nagħtu merħba lil Ivan Attard li aċċetta li jaqdi din il-funzjoni tant importanti biex il-knisja parrokkjali tkun dejjem attrezzata kif suppost kemm fil-festi kif ukoll fil-Ħdud u fil-ġranet ferjali matul is-sena kollha. Nawgurawlu l-ħidma t-tajba filwaqt li nroddu ħajr ukoll lil Marco Azzopardi għal tant snin ta' ħidma li matulhom hu ta dan is-servizz. Grazzi.

# L-ESPERJENZA TIEGĦI FIL-VATIKAN

**CLYDE BORG**



Niftakar qisu lbieraħ xħin waslet għandi l-aħbar tant sabiħa li flimkien ma' grupp ta' 11-il abbati ieħor kelli mmur inservi u nagħmel esperjenza unika ġewwa l-Bażilka ta' San Pietru ġewwa Ruma. Kont se ntir bil-ferħ!

Biex nippreparaw ruħna tajjeb għal din l-esperjenza kellna bosta laqgħat fejn tlabna r-riti tas-Salmi flimkien ħalli l-Mulej jieħu ħsiebna. Irċevejna wkoll tagħrif u taħriġ importanti għal matul din l-mawra tagħna.

Fl-aħħar, wara tant stennija, il-ġurnata waslet. Wasal ukoll il-mument fejn kelli nsellem lill-familja tiegħi u flimkien mal-bqija tal-abbatini u mat-tliet saċerdoti qbadna triqitna lejn Ruma. Aħna konna noqogħdu ġewwa s-seminarju li jinsab fl-istat tal-Vatikan.

Fl-ewwel jumejn li qattajna hemm, ippreparajna rwieħna tajjeb u ngħatajna diversi taħriġ biex inkunu nistgħu nservu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

Is-Sibt filgħodu ltqajna lkoll flimkien mal-familji tagħna fil-Cappella Del Coro. Hemmhekk il-Kardinal Mario Grech mexxa din iċ-ċelebrazzjoni tant sabiħa tal-Vestizzjoni. Aħna l-abbatini ngħatajna l-faxxa l-ħamra li turi li aħna issa Abbatini tal-Vatikan. Kienet esperjenza emozzjonanti ħafna għal kull min kien preżenti. Wara flimkien mal-familji tagħna ngħbarna lkoll għall-ikla ta' nofsinhar u wara morna nżuru Tivoli.

L-aktar ġurnata mistennija u li żgur ma jien se ninsa qatt kienet dik tal-Ħadd. Filgħodu servejna għall-quddiesa tal-10:00 fuq l-artal maġġur tal-Bażilka ta' San Pietru. Wara morna nistennew lill-Papa Franġisku biex wara li jagħti l-barka tiegħu lin-nies preżenti fi Pjazza San Pietru, jiltaqa' magħna. L-eċitament tagħna kien jinħass sew. Malli rajnieh dieħel b'dik id-daħka sabiħa fuq wiċċu kulħadd beda jitbissem. Hu tana l-barka tiegħu, kellimna wieħed wieħed u tana rigal ċkejken ta' tifkira, rigal li żgur se nibqa' ngħożż tul ħajti kollha. Wara din il-laqgħa ħassejt paċi u hena kbira f'qalbi.

Matul il-bqija tal-ġranet li kien fadlilna ġewwa Ruma, konna ta' kuljum nagħtu s-servizz tagħna fil-Bażilka. Għalaqna din l-esperjenza bil-quddiesa tal-10:00, f'Jum Santa Marija.

Fil-ħinijiet li ma konniex inkunu qed inservu, konna nieklu flimkien, nilagħbu xi logħba futbol jew table soccer jew inkella mmorru xi ħarġa madwar Ruma. Xi ġelat tajjeb jew xi ikla tajba minn kif jafu jservu t-Taljani, ma naqsitx ukoll!

Għalija din kienet esperjenza li żgur ma jien se ninsa qatt, mhux biss għax servejt bħala abbati fil-Vatikan iżda wkoll għax bnejt ħbiberiji ġodda. Din l-eseperjenza għenitni nikber bħala individwu u nsir persuna aħjar.







# NTYC
## NADUR TEEN & YOUTH CENTRE

**FR MARK BONELLO**

Is-sena l-oħra kont jien li ktibt dan l-artiklu dwar xi jfisser iċ-ċentru għalija. Issa din is-sena jmiss lil waħda mill-istudenti attivi tagħna li ilha tattendi għal dawn l-aħħar ħames snin. Il-punto di vista tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fuq iċ-ċentru tagħna huwa dejjem aktar interessanti u ta' min japprezzah.



*Animaturi u helpers tal-NTYC*



*Carnival party*



*Is-7 Visti - Ta' Pinu*



*Mal-ħbieb tagħna tal-Arka*

Iċ-Ċentru huwa post għal qalbi, li jgħinni nikber mhux biss individwalment, iżda wkoll spiritwalment. Ilni nattendi ċ-Ċentru minn meta kont Form 2, jiġifieri din hija l-ħames sena tiegħi fi ħdan iċ-Ċentru. Bil-għajnuna ta' ħafna nies, iċ-Ċentru huwa l-post fejn inkun looking forward biex niltaqa' ma' sħabi u aktar importanti niltaqa' ma' Ġesù.

Ħafna forsi jaħsbu li ċ-Ċentru huwa post fejn niltaqgħu għal-laqgħa kull ġimgħa u daqshekk, iżda dan mhuwiex minnu. Iva, inkun ħerqana għal-laqgħa regolari ta' kull ġimgħa, fejn dejjem niddiskutu xi tema partikulari, iżda ċ-Ċentru ma jieqafx hemm. Il-prayer group huwa opportunità oħra li joffri ċ-Ċentru fejn inkun nista' nsib ftit aktar ħin għal Ġesù, u b'mumenti profondi li joħloq dan il-grupp, irnexxieli niskopri aktar lili nnifsi. Mhux biss, iżda nemmen li dejjem nersaq aktar qrib ta' Ġesù.

Matul is-snin tgħallimt aktar napprezza dan it-tagħlim li jitwassalli, u anke skoprejt metodi differenti kif nista' nkun f'kuntatt ma' Ġesù. L-attivitajiet li jiġu organizzati jkabbru l-ħbiberiji ta' bejnietna u b'mod aktar divertenti, isaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Ġesù.

In-novena tal-Milied li nagħmlu kmieni filgħodu, għalkemm tkun ta' sfida biex inqum, hija opportunità oħra li tressaqni viċin ta' Ġesù permezz tat-temi li niddiskutu u permezz tal-ġesti li nagħmlu. Esperjenza partikulari li nipprova ngħix kull sena u li tħalli impatt fuqi hija meta nżuru lill-anzjani fiż-żmien tal-Milied.

Jum iż-Żgħażagħ huwa appuntament annwali li nkun qed nistennieh bi ħġari, għax inkunu grupp kbir ta' żgħażagħ nieħdu pjaċir u noħolqu l-memorji flimkien. Attivitajiet oħra jinkludu, live-ins, irtir, camping, u safar. Inħossni tassew fortunata li ġewwa n-Nadur aħna ż-żgħażagħ għandna dan il-post ta' formazzjoni li jgħaqqadna lkoll flimkien u jibni fina sens ta' mħabba u rispett lejn xulxin bħala grupp.

Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-animaturi u l-helpers kollha li b'impenn, jiddedikaw il-ħin tagħhom għalina biex l-esperjenza tagħna ġewwa l-NTYC tkun waħda pjaċevoli.

*Ilaria Debono*



*Nifirħu ma' Maria u Michael wara s-sagrament taż-żwieġ*



*Waqt vaganza fuq il-muntanji*




*Rigal tal-karità - Dar Sebħ*

Nieħu l-opportunità jien ukoll sabiex nirringrazzja lill-benefatturi tagħna li dejjem jappoġġjaw il-pastorali tagħna kemm bit-talb kontinwu u anke finanzjarjament. Nitlobkom sabiex tibqgħu dejjem titolbu għaż-żgħażagħ ħalli kull wieħed u waħda minnhom jifhmu s-sejħa tagħhom u jgħixuha ħalli jsibu l-ferħ u jingħataw għall-oħrajn.

# Andria

## Cafetteria & Bar

Pjazza
San Pietru
u
San Pawl,
Nadur.








Sizzling Grill
at Nadur Feast

*Simply spoilt for choice*

**PETER'S Butcher shop** NOW OPEN IN NADUR

For the finest cuts of local and foreign beef, pork and lamb.

A wide selection of unique homemade meat products such as kebabs, various burgers, marinated meat, bragioli, meat balls, juicy roasts and more... Specializing in Sausages varying from Maltese, spicy, BBQ, smoked cheesy, sweet and many more....

**OPENING HOURS:**
Tuesday & Thursday from 3:00pm-7:00pm
Wednesday & Friday 6:30am-12:00 & 3:00-7:00
Saturday from 6:30-12:00

2785 5051 / 7905 5051



*Free Delivery*

CHARLIE MUSCAT
(LAQXA) WOOD MASTER

TRIQ TAX-XEMMIEX,
NADUR, GOZO
TEL: 79558600

All Kinds
of
Furniture

Wooden Apertures
According to
CE Standards

HEIRLOOM
FURNITURE

Mr. Michael Camilleri
*Managing Director*

Heirloom Furniture Ltd.
N.B. Off Qortin Street,
Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 21556954 Mobile: 99866682
e-mail: info@heirloominteriors.com
website: www.heirloominteriors.com

Parquet
Flooring

Certified Firedoors
Exova Warringtonfire
Certificate No.
WF 186793



# L-GĦAQDA ABBATINI NADUR

**CLYDE BORG**

Fin-Nadur għandna grupp sabiħ ta' erbgħa u għoxrin abbati li lkoll jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa tagħna. Din is-sena kellna magħna lis-seminarist Marlon Bajada li kien ta' għajnuna kbira biex isiru l-laqgħat u l-attivitajiet u biex jitmexxa s-servizz tal-Ħadd u tal-festi. Dan is-sajf, fis-sena tal-Ġublew tat-Tama, se jkollna abbati ieħor mill-parroċċa tagħna, Craig Borg, li se jagħmel esperjenza ġewwa l-Vatikan billi jagħti servizz bħala abbati fil-Bażilka ta' San Pietru. Minn qalbna nawgurawlu.



## Attivitajiet

Matul din is-sena organizzajna bosta attivitajiet għal dan il-grupp tal-abbatini. Dawn l-attivitajiet ivarjaw bejn dawk reliġjużi kif ukoll dawk rikreattivi. Din is-sena kellna rtir fi żmien ir-Randan fejn ippreparajna rwieħna għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Matul din is-sena kellna wkoll diversi laqgħat fejn tħejjejna għas-servizzi fuq l-artal. Għamilna wkoll diversi tournaments tal-futbol ma' parroċċi differenti minn Għawdex, diversi mixjiet fil-kampanja, id-dawra annwali bid-dgħajsa u xi ikliet matul is-sena.



## Laqgħat

Darba f'ġimgħa, kull nhar ta' Tlieta, niltaqgħu għal-laqgħa flimkien. Din il-laqgħa tkun mmexxija mis-seminarist Marlon Bajada. Ikun hemm żewġ laqgħat differenti, waħda għall-abbatini tal-primarja u oħra għall-abbatini l-kbar. F'dawn il-laqgħat nipprattikaw is-servizzi u jkollna wkoll lezzjoni qasira. Wara nieklu xi ħaġa tajba flimkien.

## Servizz

Matul is-sena aħna bħala grupp naħdmu u nistinkaw biex nagħmlu l-aqwa u l-isbaħ servizz fil-parroċċa tagħna. Nippreparaw tajjeb għal dawn is-servizzi għaliex aħna nkunu qrib ħafna tal-artal waqt il-Liturġija.

## Qniepen



Din l-aħħar sena ħriġna bl-idea li noħolqu grupp tal-qniepen. L-abbatini il-kbar tagħna jagħtu s-sehem tagħhom biex jindaqqu l-qniepen waqt festi, puċissjonijiet u ċelebrazzjonijiet oħra ta' matul is-sena. Nirringrazzjaw lil Ivan Attard talli jieħu ħsieb dan il-grupp.

Fid-19 ta' Ġunju, fi żmien in-Novena tal-festa, se ssir il-vestizzjoni ta' tliet abbatini ġodda, Nicholas Hili, Levi Muscat u Adam Said. Din is-sena ngħaqdu magħna wkoll tliet abbatini li kienu jservu f'parroċċi oħra, Keanan Debono mill-parroċċa ta' Ta' Kerċem u l-aħwa Ġużeppi u Carlos Grech mill-parroċċa tal-Qala. Nawgurawlhom mill-qalb.

Fl-aħħar u mhux l-anqas nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri tal-abbatini li b'tant impenn iwasslu lil uliedhom għas-servizzi, il-laqgħat u l-impenji kollha li jkollu dan il-grupp.

# M.U.S.E.U.M. SUBIEN

JOE CAMILLERI

## Il-Museum tul is-sena kollha

Ġa bdew il-jiem sħan. Doqniehom tista' tgħid mill-bidu ta' Mejju. U fil-Museum ikollna xi ħaġa speċjali kull staġun… biex ma ngħidx iktar minn ħaġa waħda. Għad li ma għandniex żminijiet ta' vaganzi u għalhekk nibqgħu għaddejjin is-sena kollha imma eżatt ma' tmiem is-Sajf u l-bidu ta' sena skolastika ġdida nibdew bil-klassijiet ġodda tagħna. Magħna kulħadd jitla' sena. Ix-xewqa tagħna tkun dejjem li ma jfellaq ħadd għat-tagħlim għaliex tagħlim u formazzjoni mitlufa meta żgħar qatt ma jerġa' jiġi żmienhom… tlifthom illum u għalhekk tlifthom għal dejjem. Nibdew inħejju għall-attivitajiet tan-Novena tal-Milied, presepju, play u purċissjoni u s-sabiħ kollu li jġibu magħhom. Nagħmlu ħarifa nippreparaw għal dak li jsir fix-Xitwa. Huwa xogħol sabiħ li fih infakkru l-emblema tas-Soċjetà tagħna: L-Iben t'Alla li sar Bniedem (għalina).

Għar-Rebbiegħa nippreparaw il-play tal-Għid u ċ-Ċena tas-Sinjur. Tkun mistennija minn ħafna għaliex huma bosta li jżuruna fiż-żmien qaddis tal-Ġimgħa Mqaddsa. U fir-Rebbiegħa jkollna wkoll il-purċissjoni Marjana lejn l-aħħar ta' Mejju. Ma tiħux tul… mhux is-soltu tagħna li dak li nagħmlu jtul fil-ħin, imma ħafna jgħidulna li jieħdu gost jiġu għal dawn il-waqtiet ta' talb u qima lil Ommna tas-Sema.











attivitajiet speċjali u l-lista tibqa' sejra. Meta tqis sew tintebaħ li ma jistax ikun li aħna, grupp żgħir, jagħmel dan ix-xogħol kollu. Huma dawn il-qlub ġenerużi li jagħmlu l-ħidma tagħna possibbli.

U żgur li ma nistgħux inħallu barra lill-ġenituri li jfakkru u jħeġġu lil uliedhom sabiex ma jitilfux din l-opportunità tad-deheb u jattendu b'mod regolari.

### Il-festi ta' Awwissu

Il-preparamenti għall-festi tal-qasam f'Awwissu għaddejjin ġmielhom. Din is-sena ser jibdew bil-laqgħa tal-ġuvintur u l-old boys is-Sibt 2 ta' Awwissu u jintemmu bi play nhar il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu. Napprezzaw li żżommu din il-ġimgħa ħielsa minn impenji oħra sabiex, bħas-snin ta' qabel, narawkom numerużi għal dawn l-attivitajiet li norganizzaw għalikom. L-attendenza tagħkom tagħmel speċjali dawn il-festi tat-78 sena tal-qasam tas-subien fin-Nadur. Dettalji ta' dawn l-attivitajiet jaslulkom id-dar permezz tal-fuljett tal-benefatturi li jitqassam fl-ewwel jiem ta' Awwissu.

### Awguri għall-festa

Minn qiegħ qalbi u f'isem sħabi tal-qasam nixtieq lin-Nadurin u lil dawk kollha li jkunu fostna l-festa t-tajba. Jalla Pietru u Pawlu jservuna ta' eżempju mill-isbaħ ta' kif għandna nkunu dixxipli ta' Ġesù. Qrara u tqarbina jkunu l-isbaħ awgurju għall-festa.

U fis-Sajf, fejn bosta għalihom ikunu ġimgħat ta' mistrieħ, għalina jibqa' żmien ta' ħidma sfiqa sabiex ulied ir-raħal għażiż tagħna jkollhom attivitajiet, tagħlim u formazzjoni f'ambjent san. Ikollna Lobissajf kemm għaż-żgħar kif ukoll għall-kbar. Ikollna l-ġimgħa Museumina fl-ewwel ġranet ta' Awwissu. Pizza parties, hamburger parties u attivitajiet oħra ma jonqsux.





U dan kollu bit-tagħlim u formazzjoni li jibqa' għaddej għat-tfal ta' year 1 sal-adolexxenti u ż-żgħażagħ ta' Form 5 jew year 11 kif insibuha llum.

U meta tħares lura tħoss sodisfazzjon qaddis ta' kull ħaġa li saret fil-qasam tagħna. Nirringrazzjaw lil Alla ta' din l-opportunità u ta' grupp kbir ta' individwi li jgħinuna fil-ħidma tagħna… minn benefatturi li jgħinuna b'mod regolari, għal sewwieq tal-vannijiet, għal xogħol relatat mal-ground u l-football, tagħlim, il-ħbieb tal-coffee morning, xogħol relatat mal-palk,

# M.U.S.E.U.M. BNIET

## SUPERJURA U MEMBRI

Wieħed poeta famuż mill-Ungerija, ċertu John Arany, kellu bintu Julia li mietet fl-età ta' 24 sena. Hu qal li l-unika konsolazzjoni li kellu kienet il-Fidi Nisranija tiegħu magħquda mat-tama f'Alla. Infatti huwa stqarr: "Ir-ruħ ma tmutx. Nerġgħu niltaqgħu."

Hija realtà li bniedem qaddis iħalli warajh marka spiritwali kbira fuq l-oħrajn permezz ta' ħajtu wara li dan jitlaq għall-ħajja ta' dejjem. Għalkemm Papa Franġisku ma għadux magħna, huwa ħallielna wirt spiritwali meta nieda s-sena tal-Ġublew li sfortunatament huwa ma rahiex magħluqa. Bħalma nafu lkoll il-motto ta' dan il-Ġublew hu : "Pellegrini tat-Tama". Il-Papa Franġisku ried li aħna naqsmu din it-tama Nisranija mal-oħrajn. Għalhekk il-mixja tal-pellegrin mhix fatt individwali, imma komunitarju.

Għaldaqstant xieraq li naqsam magħkom x'kien jgħallem il-fundatur tagħna San Ġorġ Preca fuq it-Tama: "Min għandu t-tama f'Alla:

- Jagħmilha ma' nies eżemplari fil-virtù;
- Ma jaqta' qalbu qatt, iżda jkompli jibqa' jitlob;
- Iżomm il-kalma f'kull għawġ;
- Jifhem li meta Alla tana lil Kristu, Ibnu l-Għażiż, tana wkoll kollox miegħu;
- Iżomm fih devozzjoni vera lejn Marija Santissma;
- Jersaq ta' sikwit għas-sagramenti;
- Jitlob 'l Alla biex imexxih fit-triq tiegħu;
- Iġib ruħu m'Alla, b'vera kunfidenza bħala iben ma' missieru;
- Iħabbrek għall-qdusija tiegħu;
- Jipperswadi ruħu li ħadd, li jkun irrikorra lejn Alla, ma jsib konfużjoni;
- Jaħseb li bosta midinbin saru qaddisin;
- Jiftakar li Alla qatt ma jonqos mill-kelma Tiegħu;
- Bniedem ta' tama jġarrab komfort fit-tbatija."

**GĦALIKOM ĠENITURI**

Ma nistgħux ma napprezzawx is-sagrifiċċji li tagħmlu sabiex tibagħtu lil uliedkom fil-qasam tagħna. Intom tistgħu tkunu role models għal dawk il-ftit ġenituri li aktar jagħtu importanza għal attivitajiet oħra milli jagħtu ċans lil uliedhom sabiex javanzaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja Nisranija. Din għandha tkun prijorità għal uliedkom li 'l quddiem isibuha fil-ħajja Nisranija tagħhom meta jikbru. Din hija wkoll responsabiltà tagħkom quddiem Alla. Tkun ħaġa sabiħa li meta wliedkom jirritornaw lura mill-Museum, tistaqsuhom x'tgħallmu sabiex turuhom li intom ukoll qed tieħdu interess f'dak li għandu x'jaqsam fl-imħabba lejn Alla għax Alla jrid ikun jinħass fil-familja tagħkom permezz tat-talb u anke l-frekwenza flimkien tas-sagramenti. Taqtgħux qalbkom. Sant'Wistin jgħid hekk: "Afda l-passat fil-ħniena t'Alla, il-preżent fl-imħabba t'Alla u l-futur fil-providenza Tiegħu." L-Arċisqof Amerikan, Fulton Sheen, illum venerabbli, jgħid hekk: *"When a child is given to his parents, a crown is made for that child in heaven, and woe to the parents who raise a child without consciousness of that eternal crown."* Hawn naraw kemm hu importanti li nedukaw lil uliedna mhux biss materjalment imma wkoll spiritwalment. Hekk tkunu wkoll qegħdin tikkoperaw magħna. Grazzi u napprezzaw dan.





**X'GĦADDA MINN GĦALINA**

Mis-16 sal-20 ta' Diċembru, 2024 matul in-novena tal-Milied, kellna preżenza sabiħa ta' ġenituri li ġew għall-kunċert ippreżentat minn uliedhom stess. Dan ġie organizzat minn kull klassi u fl-istess ħin it-tfal kellhom iċ-ċans ukoll li jattendu għan-novena fil-knisja. L-attendenza tal-ġenituri hija ta' inkoraġġiment għalina u sodisfazzjon għat-tfal u l-adolexxenti.



Fis-17 ta' Jannar, 2025 kellna żjara tal-Isqof Anton Teuma matul il-vista pastorali tiegħu fir-raħal tagħna. Hu kien sodisfatt b'dak kollu li ra u sema'. It-tfal u l-adolexxenti wkoll ħadu gost bil-preżenza tiegħu u għamilnielu laqgħa sabiħa.

Bħal f'kull sena, hija l-kultura tagħna li f'Settembru, fil-qasam ikollna l-Quddiesa ad unur ta' San Mikiel, li din is-sena kienet iċċelebrata mill-Arċipriet Krystof Buttigieg. Minbarra l-membri, it-tfal u l-adolexxenti attendew ukoll devoti ta' San Mikiel li ta' kull sena jkunu jistennew b'ħerqa din il-quddiesa. Wara tqassmu santi bit-talba ta' San Mikiel Arkanġlu.

Fix-xahar ta' Novembru organizzajna quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Tereża ta' Kalkutta b'suffraġju tal-membri mejtin u tal-benefatturi tagħna. Għaliha attendew ukoll il-ġenituri flimkien ma' wliedhom.

Matul il-vaganzi tal-Għid, minbarra li ħadna lit-tfal sabiex nagħmlu l-visti tas-7 knejjes nhar il-Ġimgħa l-Kbira, sibna ġurnata sabiex nieħdu lit-tfal tagħna ħarġa li għaliha attendew ukoll l-adolexxenti.

Matul is-sajf il-qasam jibqa' miftuħ darbtejn fil-ġimgħa għat-tfal minn Year 4 'l fuq u anke għall-adolexxenti. Norganizzaw attivitajiet u jkollhom lezzjonijiet b'differenza. Naturalment il-logħob u xi ħaġa tajba ma jonqsux.

Nieħdu din l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lill-benefatturi kollha li jgħinuna finanzjarjament kif ukoll liż-żewġ cleaners li kull meta jkun hemm bżonn jiġu jnaddfu l-qasam u dan jagħmluh b'sagrifiċċju u b'dedikazzjoni liema bħalha. Aħna ta' kuljum inwegħduhom it-talb tagħna u l-Mulej iħallashom kif jaf hu.

Nawguraw lin-Nadurin kollha l-festa t-tajba u qaddisa fuq l-eżempji tajba tal-patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

Il-paċi magħkom
Superjura u membri









IL-KOR

# JUBILATE DEO
## U L-MUŻIKA SAGRA

MRO. **ANTOINE THEUMA**



"JUBILATE DEO" tfisser: "Għajtu bil-ferħ lil Alla". Il-kor tal-parroċċa tagħna ilu ftit aktar minn ħamsin sena jagħti l-kontribut tiegħu fid-diversi servizzi liturġiċi fil-bażilika tagħna. Għal diversi snin, meta Mons. Martin Portelli, l-fundatur ta' dan il-kor kien Maestro di Cappella f'diversi parroċċi oħra f'Għawdex, il-kor kien anke jagħti s-servizz tiegħu f'parroċċi oħra fil-gżira tagħna.

X'inhu l-iskop li jkun hemm kor fil-parroċċa? Santu Wistin jgħid li min ikanta jkun qed jitlob għal darbtejn. Il-mużika u l-kant jistgħu jkunu mezz effikaċi kif wieħed jitlob. Permezz tal-kant il-kor jgħin lill-kongregazzjoni biex tipparteċipa kemm bil-kant stess, kif ukoll bis-smigħ. Skont il-librett li ħareġ dan l-aħħar fid-djoċesi tagħna 'MUSICAM SACRAM' l-għan veru tal-mużika sagra hi "l-glorja ta' Alla u l-qdusija tal-fidili". Fl-istess librett insibu wkoll li "l-azzjoni liturġika tilbes forma iktar għolja meta hi ċċelebrata bil-kant". Hemm kant li l-kongregazzjoni tista' tipparteċipa fih b'mod dirett billi tkanta flimkien mal-kor jew kantur. Hemm kant ukoll li l-kongregazzjoni tista' tipparteċipa fih b'mod indirett, jiġifieri bis-smigħ. Għalkemm illum il-ġurnata nenfassizzaw ħafna l-parteċipazzjoni tal-poplu waqt il-kant, u hekk għandu jkun, nemmen li t-tnejn baqa' posthom. Niftakar mara Franċiża li kienet fil-knisja għall-pontifikal tal-Imnarja, fejn il-kant kien kollu bil-Latin, u wara l-funzjoni ġiet sabitni u qalti bid-dmugħ f'għajnejha li ħassitha qiegħda l-ġenna xħin semgħet dik il-mużika sabiħa. Għalkemm x'aktarx ma fehmet xejn, imma l-mużika daħħlitha f'dimensjoni ta' talb.

Sa mill-eqdem żminijiet, il-bniedem irrikorra għall-mużika biex jesprimi emozzjonijiet u espressjonijiet li bil-kelma biss ma wasalx li jagħmel. Eżempju ċar ta' dan huma s-salmi li nsibu fil-Bibbja. Meta r-Re Sawl kien ikun imdejjaq jew irrabjat, kien jibgħat għal David biex ikanta s-salmi u jdoqq l-arpa u dlonk kien jikkalma u jħossu aħjar. Il-mużika għandha dik il-qawwa li sserraħ il-qlub, tanima l-ispirtu u ddaħħal lill-individwu fi spirtu ta' riflessjoni, ġej minn fejn ġej, għax hija lingwa

internazzjonali li tikkomunika direttament mal-qalb u r-ruħ tal-bniedem.

Allura, il-mużika u l-kant fl-ikbar talba tal-knisja, li hi l-quddiesa, għandhom rwol importanti ħafna. Il-kant fil-knisja jiġbor lill-miġemgħa fi ħsieb wieħed u joħloq sens ta' appartenenza. Kif il-vuċijiet differenti tal-kongregazzjoni jingħaqdu f'innu wieħed, id-differenzi jgħibu għax il-poplu jkun wieħed fil-ħsieb u d-devozzjoni. Hekk pereżempju kif in-Naduri, hu min hu, jisma' l-ewwel noti tal-Antifona ta' San Pietru u San Pawl, ħsiebu mill-ewwel imur fuq dawn iż-żewġ prinċpijiet li taw ħajjithom għal Alla. Barra minn dan, l-innijiet jinforzaw dak li hemm miktub fl-Iskrittura, jinkoraġġixxu riflessjoni, jipprovdu wens u tama fi żminijiet iebsa, jfakkru lill-fidili fil-wegħda ta' Alla li ser jibqa' magħna sal-aħħar taż-żmien u li huma parti minn xi ħaġa ferm akbar minnhom infushom.

Bħalma ġieli smajna fil-prietki, Alla m'għandu bżonn xejn. Ma għandux bżonn tempji kbar, pittura ta' artisti famużi, irħam, damask, murtali, baned, orkestri u korijiet. Huwa proprju l-bniedem li għandu bżonn dawn l-affarijiet. Biex joqrob lejn dan Alla li hu tant kbir li l-univers ma jesgħux, u biex jimita lil Alla li tiegħu hu kreatura, il-bniedem għandu fih dik ix-xewqa li joħloq affarijiet kbar u sbieħ. Għaldaqstant biex ifaħħar, jirringrazzja u jħossu qrib ta' Alla l-bniedem jibni tempji kbar b'arkitettura elaborata, imlibbsa b'pittura mill-aqwa, imfewħa b'ward u inċens fin, imżejna bi prietki elokwenti u b'mużika li terfa' l-erwieħ 'l fuq. F'għajnejn il-bniedem, Alla jixraqlu l-aħjar u huwa proprju dak li ppruvaw jagħmlu missirijietna u għadna nagħmlu llum permezz tal-arkitettura, l-arti u l-mużika.

Naturalment mhux kull min qabad kazzola sar kaħħal, u mhux kull min qabad martell sar mastrudaxxa. Hekk ukoll mhux kull min fetaħ ħalqu sar kantant. Kollox jirrekjedi l-ħin, id-dedikazzjoni, in-namra kif ukoll ix-xeħta u l-kapaċità. Hawn min hu ħafif biex jaħdem b'idejh, hawn min hu kapaċi għal xogħol intelletwali, hawn min għandu x-xeħta biex ikanta u hawn min hu stunat għal kollox bla ebda tama li jista' qatt jitranġa. Bħalma diġà semmejt, Alla jara l-qalb, l-isforz u l-intenzjoni tal-bniedem, però l-bniedem għandu bżonn prodott tajjeb biex jerfa' ħsiebu lejn Alla. Jekk il-pittura hija irrikonoxxibbli mhi ser tfakkrek fl-ebda episodju tal-Bibbja, jekk l-istatwa mgħawġa u kerha mhi ser iġġiblek l-ebda devozzjoni u jekk il-kant stunat u bla ebda ħlewwa flok idaħħlek fi spirtu ta' talb, jew jiddisprak jew jifqak bid-daħk.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, min hu nisrani, huwa nisrani għax konvint. Jekk jien ser nagħti servizz fil-komunità nisranija tar-raħal tiegħi, ser nagħtih mhux għax sfurzat jew għal wiċċ l-arċipriet, biex nidher jew biex ngħaddi siegħa ħin, imma għax konvint li b'dak li ser nagħmel nista' nservi ta' ġid għall-komunità Nisranija. Allura l-veru Nisrani konvint b'xewqa ġenwina li jkun ta' servizz għal poplu ta' Alla għandu jagħraf il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tiegħu u jekk jinduna - forsi bil-għajnuna ta' superjuri - li f'ċertu oqsma flok ser ikun ta' ġid ser ikun ta' ħsara, ma għandux iħossu offiż jew jissuppervja jekk xi ħadd jiġbidlu l-attenzjoni; jista' jiskopri oqsma oħra fejn ikun ta' ġid għall-oħrajn.

Illum il-ġurnata kulħadd għandu ħafna impenji. Nemmen li fin-Nadur tagħna hawn ħafna vuċijiet tajba li jistgħu jagħmlu differenza kbira f'kor. Filwaqt li minn qalbi nirringrazzja lill-membri kollha tal-kor tad-dedikazzjoni u s-servizz tagħhom - kemm dawk attwali u anke dawk li ma għadhomx fil-kor jew għal raġunijiet ta' saħħa jew għax ma għadhomx magħna - nappella lil dawk it-tfajliet u ġuvintur Insara li jaħsbu li għandhom vuċi tajba u jistgħu jkunu ta' servizz għall-poplu ta' Alla biex jingħaqdu mal-kor tal-parroċċa billi javviċinaw lili jew lill-arċipriet. L-akbar impenji tal-kor tal-parroċċa huma fi żmien il-Milied, fi żmien il-Għid, żmien il-festa ta' San Pietru u San Pawl u żmien il-festa tal-konpatrun San Koronatu. Matul is-sena l-kor ikanta kull nhar ta' Ħadd fil-quddiesa konventwali li attwalment qiegħda tkun fit-8.30am. Naturalment jekk wieħed jiddeċiedi li jingħaqad mal-kor, apparti li jkollu vuċi tajba, irid ikun ukoll kapaċi jaħdem ma' ħaddieħor, jieħu korrezzjoni u jkun 'committed'. Li membru tal-kor jiġi meta jfettillu jew meta jkun komdu biss, sfortunatament ma jkun jiswa xejn. L-Imnarja mhijiex l-unika servizz li għandu l-kor. Jekk għal okkażjonijiet oħra m'intix disponibbli mela ma jkunx jagħmel sens li tingħaqad mal-kor.

Nappella lil ġenerazzjoni żagħżugħa Nisranija, li jekk fil-futur jixtiequ li huma u wliedhom isibu knisja ħajja u attiva mżejna b'saċerdoti ħabrieka u mużika sabiħa ghandhom jattendu għall-funzjonijiet fil-knisja fi żmien il-festi l-kbar ukoll. Jekk int żagħżugħ u ma tattendix għal dawn l-funzjonijiet illum lanqas inti ser tattendi għaxar snin oħra. M'hemmx dubju li jekk l-attendenza għal dawn il-funzjonijiet tonqos mela l-festi l-kbar tal-knisja fil-futur ser ikunu ħafna ifqar mil-lum. Le, mhux antikwat dak iż-żagħżugħ li jattendi għall-pontifikal tal-festa, imma moħħu miftuħ, għax jaf li bil-preżenza tiegħu, apparti mill-ġid spiritwali li jieħu għalih innifsu qed jgħin biex il-ġenerazzjonijiet futuri jgawdu mill-istess benna li qed ingawdu aħna.

Biex nikkonkludi, il-kant fil-knisja ma għandux ikun sempliċement akkumpanjament, imma parti fundamentali mill-esperjenza sħiħa li tressaqna lejn Alla, jarrikkixxi l-fidi, isaħħaħ lill-komunità u jkun bħal żiffa ħelwa li tiffriska l-ispiritwalità tal-bniedem.

# IL-BANDA MNARJA

**JAMES BUTTIGIEG** PRESIDENT

Għeżież Nadurin,

Għaddiet sena oħra. Sena oħra ta' ħidma mill-Banda Mnarja. Sena oħra li fiha kellna t-tlugħ u nżul. Kellna s-sabiħ u dak li huwa inqas sabiħ. Però kollox ma kollox kienet sena li nistgħu nqisuha bħala suċċess.

Ħa nibda mill-finanzi. Minn Lulju sal-lum irnexxielna niġbru l-fondi neċessarji biex inkopru l-festa, il-kunċert Big Band Adventures, il-kunċert Mnarja Band in Concert, id-dawl, ilma, u spejjeż tat-tagħlim, strumenti ġodda kif ukoll tiswijiet. Dan sar b'diversi attivitajiet kontinwi matul is-sena. Ħadna ħsieb ukoll nagħmlu l-manutenzjoni li kien hemm bżonn bħal bdil tal-bozoz fil-bar u s-sala ta' isfel. Grazzi wkoll kbira tmur lill-voluntiera li daru l-bjut bil-liquid membrane biex wara ħafna snin irnexxielna nsibu soluzzjoni għall-problema tal-infiltrazzjoni tal-ilma tax-xita fuq ir-riħ tal-palk tat-teatru. Ħadna ħsieb biex nakkwistaw imwejjed ġodda u b'finanzjament tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar akkwistajna 100 siġġu ġdid.

Il-fondi kollha tal-każin jinkisbu grazzi għall-ħidma ta' diversi nies li jgħinuna fil-ġbir, tombli, high teas, ġiti, safar u xi BBQ fis-sajf. Aħna bħala kumitat nippruvaw nakkwistaw fondi wkoll billi napplikaw għal diversi skemi li joħroġ il-Gvern Ċentrali kif ukoll nipparteċipajna mal-Kunsill Lokali tan-Nadur biex ibbenefikajna minn fondi tal-UE li għalkemm jirrikjedu ħafna ħidma, fl-aħħar mill-aħħar jirrendu għall-ġid tas-Soċjetà. B'wiċċna minn quddiem ngħidu li f'Jannar konna f'pożizzjoni tajba biex inkunu nistgħu nwettqu l-proġetti ambizzjużi li kellna ppreparati għal din is-sena.

Din is-sena applikajna u bbenefikajna wkoll minn fondi minn diversi entitajiet li ser nelenka hawn taħt:

- Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar – għall-attività Spark of Joy, Big Band Adventures u anke l-Oratorio Rabtietna
- Arts Council Malta – għall-Oratorio Rabtietna
- Malta Tourism Authority – għall-Oratorio Rabtietna
- Kunsill Lokali Nadur – għall-Oratorio Rabtietna u Big Band Adventures, kif ukoll għax-xiri ta' Timpani ġodda bi skema tal-Unjoni Ewropea
- Aġenzija Żgħażagħ għat-tagħlim tal-aljievi

Dawn l-applikazzjonijiet, għalkemm jirrikjedu ħafna impenn u xogħol jagħmlu dawn l-attivitajiet possibbli. Il-kumitat min-naħa tiegħu ikopri d-differenza bl-attivitajiet tiegħu.

Hawn ta' min jirrimarka li din is-sena s-Soċjetà Filarmonika Mnarja ser tkun investiet fi proġetti artistiċi, kulturali kif ukoll fil-festa ammont ta' 'l fuq minn €72,000, li hija somma konsiderevoli. Ma' dawn l-ispejjeż irridu nżidu l-ispejjeż kurrenti li jinkludu tagħlim u spejjeż oħra ta' kuljum. Il-Każin tal-Banda biex jiffunzjona u jagħmel id-differenza fil-ħajja kulturali tan-Nadur jirrikjedi 'l fuq minn €125,000 fis-sena. Mingħajr l-għajnuna tal-iskemi u l-ħidma kontinwa tal-kumitat ċentrali u l-fergħat fi ħdanu, bħall-Kumitat tan-Nisa, kif ukoll Żgħażagħ Imnarja, dan li qed isir ma jkunx possibbli. L-attivitajiet ta' kull ġimgħa li jirrikjedu impenn qawwi mill-membri tal-kumitat jirrendu u huma kontinwi, waħda wara l-oħra bla waqfien. Grazzi kbira tmur lil kull min hu involut.

Is-Soċjetà Filarmonika Mnarja twaqqfet biex tgħallem il-mużika. Dan tagħmlu billi tipprovdi tagħlim b'xejn u strument b'xejn lil dawk li jitħajru jitgħallmu l-mużika mas-Soċjetà. Għandna tliet għalliema dedikati u responsabbli, li kapaċi jwasslu lill-aljievi tagħna għal tragwardi prestiġjużi. Is-sena l-oħra fil-jiem tal-festa kellna għadd ġmielu ta' aljievi li ħarġu għall-ewwel darba jdoqqu mal-Banda Mnarja. Din is-sena hija sena tranżitorja għaliex l-aljievi kurrenti jinsabu nofs triq u mistenni jiddebuttaw fl-Imnarja tal-2026, jekk kollox imur sew. Din hija ħidma li ma tiddependix mill-kumitat u l-għalliema biss imma wkoll mill-aljievi tagħna u l-ġenituri tagħhom. Aktar ma jistudjaw iktar jilħqu l-livell meħtieġ biex joħorġu jdoqqu mal-Banda Mnarja. Awguri Aljievi.

**L-Oratorio Rabtietna**

Dan kien proġett li beda madwar sentejn ilu. Kienet ħolma li saret realtá wara ħafna ħidma, sagrifiċċju u x-xogħol li ma jistax jiġi kwantifikat. Xogħol u ħidma fis-skiet u forsi 'l bogħod mill-għajn, imma li ta l-frott. Għal dan l-Oratorio twaqqaf sotto kumitat immexxi minni li kien jinkludi lis-Surmast Dr. Joseph Grech, Joe Chircop, Stanley Portelli u John Paul Azzopardi. Saret ħidma kbira bejn l-awtur tal-lirika Joe Chircop, il-kompożitur

Mro. Ray Sciberras kif ukoll is- Surmast Dr. Joseph Grech biex dan l-Oratorio jkun ta' livell għoli. Fil-fatt paxxa lil kull min attenda għal dik is-serata. Grazzi kbira tmur lil Joe Chircop tal-lirika, Ray Sciberras tal-kompożizzjoni, is-Surmast Joseph Grech tad-direzzjoni, il-mużiċisti bravi tagħna, il-kor u s-solisti li taw il-mija fil-mija tal-abilitajiet tagħhom. Kienet serata indimentikabbli. Grazzi hawn tmur ukoll lil sħabna tal-Museum tas-Subien u Żgħażagħ Imnarja talli armaw il-palk u s-sett li kellna bżonn biex ittellgħet fil-Bażilika tagħna. Minn hawn nirringrazzja wkoll lill-Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg u lill-Kleru kollu talli fdawna jumejn il-knisja biex nippreparaw u ntellgħu dan l-Oratorio b'rabta ma' San Pietru u San Pawl u l-Bażilika tan-Nadur.









**Il-Kunċert Big Band Adventures**
Il-kunċert Big Band Adventures din is-sena wkoll ser isir bil-livell li huwa sinonimu mal-Banda Mnarja. Kunċert mill-aqwa b'biċċiet rock u pop biex jallegraw lil kull min jattendi. L-attendenza għalih toqrob l-elfejn ruħ kull sena. Din hija l-attività prinċipali ta' kull sena li ssir mis-Soċjetà tagħna li tinvolvi ħidma kbira, diversi preparamenti, provi għall-bandisti u mitt ħaġa oħra. Ħidma li ilha li bdiet mis-sajf li għadda. Grazzi lil kull min hu involut, kumitat, surmast, delegat tal-Banda, Żgħażagħ Imnarja u voluntiera li ma'xulxin ser intellgħu programm li ser jisraq il-qlub ta' kull min jattendi.

Il-Festa ad unur San Pietru u San Pawl hija magħna u bħal kull sena saru l-preparamenti kollha meħtieġa biex il-programm tal-marċi fil-festa li jaqa' taħt ir-responsabilità tal-Kumitat tal-Banda Mnarja jkun tajjeb u kif mixiteq. Hawnhekk irridu nirrimarkaw li l-ġbir għall-festa mhux biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż tal-Festa, għalhekk il-fondi miġbura matul is-sena kollha wkoll iridu jkopru l-ispejjeż tal-Festa.

Il-Banda Mnarja tagħti servizz ukoll f'diversi festi fin-Nadur kif ukoll barra min-Nadur. Tieħu sehem fil-Ġimgħa l-Kbira u fil-purċissjoni tal-Irxoxt. Anke f'dawn is-servizzi kollha li tagħti s-Soċjetà tagħmel ħilitha kollha biex toħroġ bl-unuri kollha u tkun armata sew biex tagħti gost lil dawk li jkunu jisimgħu l-mużika li tkun qed tesegwixxi.

Ma nixtieqx intawwal ħafna imma f'ismi u f'isem il-kumitat nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lin-Nadurin kollha u nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat u l-membri tas-sotto kumitati kollha, lis-surmastrijiet, għalliema u bandisti tal-ħidma kbira li qed jagħmlu kull sena bla daqq ta' trombi biex is-Soċjetà Filarmonika Mnarja tkompli miexja 'l quddiem.

# L-Iskola Primarja tan-Nadur

**MARK AZZOPARDI** GĦALLIEM

Is-Sena skolastika 2024-2025 kienet l-ewwel sena li stajna mill-bidu ngawdu mill-investiment kbir li sar fir-refurbishment tal-iskola tagħna. Bdejna s-sena b'amministrazzjoni ġdida fejn is-Sur Daniel James Cassar inħatar bħala l-Kap tal-Iskola tagħna. F'Jannar is-Sinjura Jennifer Peresso mliet ir-rwol ta' Assistent Kap wara li s-Sinjura Mary Jude Camilleri bdiet tokkupa l-istess pożizzjoni fl-Iskola Primarja Ta' Sannat. Sa mill-ewwel ġranet l-amministrazzjoni flimkien mal-iskrivani tal-iskola bdew ilestu t-tħejjijiet kollha sabiex meta jinfetħu l-bibien tal-iskola għal sena akkademika ġdida, l-istudenti u l-għalliema jsibu l-klassijiet kollha lesti bit-tagħmir kollu li jkollhom bżonn.

Fuq inizjattiva tas-Sur Cassar twaqqfu xi kumitati sabiex jgħinu kemm lill-istaff kif ukoll lill-istudenti fit-twaqqif ta' attivitajiet ġodda.  L-ewwel waħda kienet it-twaqqif ta' Pastoral Team magħmula minn erba' edukaturi flimkien mad-Direttur Spiritwali tal-iskola, Fr Mark Bonello, sabiex jieħdu ħsieb jorganizzaw attivitajiet marbuta mat-tagħlim reliġjuż. Dan it-tim ħoloq ukoll logo sabiex jidher fl-ittri, ittri elettroniċi u posters li joħorġu mill-ħidma tal-istess kumitat. Fost il-ħafna attivitajiet li jieħu ħsieb jorganizza nistgħu nsemmu l-quddiesa ta' kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar li ssir l-iskola jew fil-Knisja Parrokkjali, l-Eżerċizzji tar-Randan, ġbir tal-karità, l-Inkoronazzjoni tal-Madonna, fl-aħħar ta' Mejju fil-bitha tal-iskola, il-Ġurnata Ewkaristika, attivitajiet li jsiru barra mill-iskola marbuta ma' tema reliġjuża bħal żjajjar ta' presepji fin-Nadur, u wirjiet oħra tal-Ġimgħa l-Kbira u ħafna oħrajn. Hekk dawn l-attivitajiet tant importanti qed ikunu mħejjija sew u qed tingħatalhom l-importanza li tixirqilhom. Twaqqaf ukoll il-kumitat tal-istudenti tal-Eco-Skola bil-ħsieb li jiġu organizzati aktar attivitajiet għall-istudenti. Beda jiltaqa' ta' kull xahar il-Kunsill Skolastiku magħmul minn ġenituri u edukaturi biex ikomplu jkunu ta' sostenn għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' pjanar ta' proġetti u fund-raising. Ta' min iżid ukoll li minn Jannar ta' din is-sena twaqqaf Kunsill Skolastiku ġdid wara li kien hemm votazzjoni biex jiġu eletti membri ġodda f'dan il-kunsill.





Matul is-sena baqa' għaddej xi xogħol li kien għadu ma tlestiex fis-sala, dan minħabba li kien iktar importanti li l-ewwel jitlestew il-klassijiet u l-kurituri minn kollox biex ma jkun hemm l-ebda periklu għall-istudenti.  Beda jinħadem il-palk il-ġdid li ser ikun aċċessibbli anke għal studenti bi bżonnijiet speċjali. Wara mbagħad irid jiddendel id-drapp kollu marbut ma' palk attrezzat bħal siparju, kwinti u cyclorama fuq in-naħa ta' wara tal-palk li permezz tiegħu id-dwal tal-palk ikunu jistgħu jagħtu dehra aktar kompluta u effettiva. Barra l-palk qed jitlesta x-xogħol ta' tisbiħ tal-bitħa ż-żgħira. Din tintuża l-aktar mit-tfal tal-Kinder u tal-Pre-kinder tal-iskola tagħna.



Niġu issa biex nħarsu ftit lejn l-attivitajiet li saru mal-klassijiet tagħna matul is-sena. Illum nifhmu li t-tagħlim ma jsirx biss bejn l-erba' ħitan tal-klassi. Huwa veru li l-klassijiet tagħna llum huma mgħammrin bl-aħjar teknoloġija u attrezzi li jiftħu

orizzonti ġodda li forsi qabel lanqas biss konna noħolmu bihom. Min-naħa l-oħra meta l-istudenti tagħna joħorġu fuq ħarġiet kemm kurrikulari u anke dawk extra-kurrikulari, huma jkunu qed jitgħallmu permezz ta' esperjenzi hands on li jiswewlhom fil-ħajja tagħhom. Jekk niġu għall-attivitajiet sportivi, kellna żewġ Sports Days, waħda fil-Ground Peter Camilleri fin-Nadur u oħra mal-iskejjel l-oħra tal-Kulleġġ fil-Gozo Stadium. Għall-ewwel darba, it-tim tal-football tal-iskola tagħna mhux biss ħa sehem fit-Tournament tal-Kulleġġ tagħna imma ħa sehem ukoll f'Tournament tal-football organizzat għall-Kulleġġi ġewwa Malta. Bi pjaċir ngħidu li t-tim tagħna wasal fil-finali taż-żewġ kompetizzjonijiet.

Anke din is-sena il-Christmas Concert inżamm ġewwa t-Teatru MBC hawn fin-Nadur. F'dan il-Kunċert ħadu sehem it-tfal kollha tal-iskola. Saru żewġ rappreżentazzjonijiet għall-ġenituri u qraba oħra. L-attendenza kienet tassew numeruża.

Saru wkoll bosta mawriet lejn postijiet kulturali u storiċi mal-klassijiet il-kbar tagħna. Insemmu pereżempju żjajjar lejn postijiet storiċi fil-Belt Valletta u l-Imdina, il-Katakombi ta' San Pawl u r-Rabat tal-Imdina. F'Għawdex ġew organizzati ħarġiet lejn iċ-Ċittadella, id-Dwejra, il-Mitħna u l-farm tax-Xewkija u bosta postijiet oħra li kienu integrati mal-programmi tal-Mathracy li jiġu organizzati mal-iskejjel Għawdxin.

Kellna wkoll bosta attivitajiet oħra li organizzajna wkoll ġewwa l-iskola. Kellna Book Fair fejn it-tfal setgħu jixtru kotba tassew adattati għall-età tagħhom. Kellna Bake Sale li fiha għenuna ħafna l-ġenituri tal-istudenti tagħna u l-qligħ li sar mar kollu biex jinxtara aktar tagħmir li minnu jibbenefikaw it-tfal. Kellna wkoll Movie Night fis-Sala tal-Iskola fejn l-attendenza kienet kbira tassew.

Fit-8 ta' Mejju kellna attività sabiħa fejn żanżanna tliet arbli ġodda fil-bitħa li minnhom iperpru l-bnadar ta' Malta, tan-Nadur u dik tal-Unjoni Ewropea. Dakinhar kienu mistiedna l-Ministru għal Ghawdex u s-Sindku tan-Nadur fejn wara programm qasir ittellgħu dawn il-bnadar għall-ewwel darba. Issa ta' kuljum, waqt l-Assembly ta' filgħodu u mal-kant tal-Innu Malta tittella' wkoll il-bandiera Maltija. Grazzi lill-Kunsill Lokali li kkollabora f'dan il-proġett.

Ma' dħul Ġunju l-istudenti tagħna jġibu quddiem għajnejhom żewġ avvenimenti – il-Festa u l-eżamijiet. Anke hawn naħsbu fit-tnejn. B'kollaborazzjoni mal-Kumitat Żgħażagħ Mnarja norganizzaw Festa Day fil-bitħa tal-iskola fejn l-atmosfera tinbidel tassew f'ambjent ta' festa fejn it-tfal jattendu l-iskola bit-t-shirts tal-patruni San Pietru u San Pawl f'festa ta' kuluri u briju. Ikun hawn li ftit ġranet wara jibdew l-eżamijiet tal-Benchmark għall-istudenti tas-sitt sena u ftit jiem wara jingħata bidu wkoll għall-eżamijiet tar-raba' u l-ħames sena. Dawn jiġu fi tmiemhom ftit jiem qabel il-festa fejn tintemm ukoll is-sena skolastika għal din is-sena.

Nieħu l-opportunità sabiex nawgura festa mill-isbaħ lin-Nadurin kollha.
Viva San Pietru u San Pawl!



# KUMITAT FESTI ESTERNI

**JOE MUSCAT** SEGRETARJU




Il-Kumitat Festi Esterni mwaqqaf fi ħdan il-parroċċa jieħu ħsieb jikkoordina d-diversi għaqdiet li huma membri fi ħdanu sabiex jiġu organizzati l-attivitajiet kollha ta' barra li jsiru fl-okkażjoni tal-Festa titulari ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Fost il-laqgħat li kellu dan il-kumitat matul is-sena kien hemm waħda partikulari u sinifikanti li nżammet nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2025 fis-sala parrokkjali. Din kienet laqgħa bejn il-membri tal-kumitat Festi Esterni u l-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, bħala parti mill-programm tal-Vista Pastorali fil-Parroċċa tan-Nadur. Waqt din il-laqgħa informali ħafna l-Isqof Teuma filwaqt li nnota u apprezza l-ħidma ta' tant għaqdiet fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni, tenna r-ringrazzjament tiegħu lill-membri kollha fi ħdan dawn l-għaqdiet. Huwa fakkar b'mod partikulari li l-għan ewlieni tal-festa tal-Parroċċa hu li barra li nagħtu ġieħ lill-qaddisin Patruni tagħna, l-festa għandha tkun okkażjoni li tressaqna iktar lejn Alla billi tgħaqqadna bħala komunità li kapaċi naħdmu flimkien għal għan wieħed.

F'laqgħa oħra tal-kumitat Festi Esterni li nżammet wara l-festa tal-Imnarja tas-sena l-oħra, ġie deċiż li jsiru laqgħat bejn l-Arċipriet il-ġdid il-Kan. Krystof Buttigieg u kull entità individwali li tifforma parti mill-istess Kumitat Festi Esterni. Fost id-diversi suġġerimenti li ħarġu minn dawn il-laqgħat kien hemm il-proposta li l-poplu Naduri għandu jinżamm infurmat dwar il-ħidma kontinwa tad-diversi għaqdiet anke permezz tar-rivista Luminaria. Għalhekk din is-sena qiegħed jiġi allokat dan l-ispazju ta' hawn taħt sabiex kull għaqda tkun tista' telenka x-xogħlijiet li wettqet matul is-sena flimkien ma' informazzjoni oħra relatata.

Nixtieq li f'isem l-Arċpriet il-Kan. Krystof Buttigieg nirringrazzja lill-membri numerużi ta' dawn l-għaqdiet kollha tal-koperazzjoni tagħhom iżda fuq kollox tax-xogħol li jagħmlu fis-skiet u b'tant sagrifiċċju u ħeġġa sabiex flimkien nagħmlu festa li tixraq lil dawn iż-żewġ patruni kbar San Pietru u San Pawl fin-Nadur.

Punt pożittiv li joħroġ minn dawn il-kitbiet huwa marbut mal-fatt li dawn l-għaqdiet mhux biss ħadmu b'mod individwali biex ikomplu jtejbu l-armar rispettiv tagħhom iżda kienu kapaċi wkoll jaħdmu flimkien, fi gruppi biex setgħu jorganizzaw attivitajiet fuq skala akbar. Dan jawgura tajjeb għal aktar kollaborazzjoni bejn il-gruppi kollha fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni anke fl-isfond tal-messaġġ lil ħallielna l-Isqof Teuma.

Nawguraw il-Festa t-Tajba lill-Poplu Naduri kollu.
Viva San Pietru u San Pawl!

# GRUPP ARMAR TAL-PJAZZA

**KAN. KARM PORTELLI**



Kemm jiġri ż-żmien u jekk ma taħdimx tiġi l-festa fuqek malajr. Il-grupp ħadem bi sħiħ matul din is-sena.

**Restawr tal-Pedestalli tal-Appostli**
Xogħol li kien jitlob bdil ta' injam, gwarniċi li b'sengħa kbira ħadmu fuqu Mario George Mercieca, John Paul Galea, Mark Falzon, Nathaniel Portelli u Josef Zerafa. Grazzi lil Charlie Muscat li għamlilna l-gwarniċi. Dawn ser jiġu rħamati minn Andrew Portelli u suppost ikunu lesti għal din is-sena. Ġew indurati d-disinni kollha li jakkumpanjaw dawn il-pedestalli.

**Il-Pjanċier tal-Pjazza**
Tlestew l-erba' brazzi tal-anġli maħduma minn Jason Saliba u grazzi lil Tony Borg li ħa ħsieb iġib il-globi għalihom. Saret ukoll induratura fihom. Kif rajtu s-sena l-oħra saru diversi disinni u din is-sena ġew indurati 30 disinn bl-għajnuna ta' Dun Karm u Joe Farrugia.

**Tkabbir tal-Maħżen**
Wara diskussjonijiet fit-tul issa jidher li l-maħżen tal-armar, li fih aħna bħala għaqda niġbru l-armar u naħdmu minnu, se jiġi rinovat u mkabbar sabiex ikun jista' jilqa' fih kemm l-għaqda tagħna kif ukoll l-Għaqda Armar Dun Bernard Haber. Nisperaw li fi żmien qarib l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ il-permessi meħtieġa fuq il-pjanti li ġew sottomessi. Dan l-iżvilupp, li ser isir bl-għajnuna sħiħa tal-parroċċa, ser jagħtina l-possibiltà ta' aktar spazju sabiex naħżnu l-armar pjottost imdaqqas li jintrama fil-pjazza. Barra minn hekk ser ikollna aktar spazju minn fejn inkunu nistgħu nagħmlu xogħol ta' restawr, żebgħa u manutenzjoni tal-armar matul is-sena.

**Ringrazzjamenti:**
- Nancy Portelli u oħta Lina Mifsud ħadu ħsieb li jħitu covers għall-armar.
- Lino Curmi ħadem fuq l-antarjoli biex il-Bandalori ma joqogħdux iduru u jagħmlu ħsara lill-galleriji tar-residenti.
- Nirringrazzjaw lill-benefatturi kollha tal-għajnuna imprezzabbli tagħhom.
- Nirringrazzjaw lil Peter Debono, Kevin Camilleri, Pietru Grech, Pietru Said u George Mercieca tal-għajnuna billi joffru lifters u cranes tagħhom biex narmaw.

Grazzi kbira lil Pietru, Marija u Joel Muscat ta' Pizzerija Rabokk li jgħaddulna l-fliexken matul is-sena u nsarfuhom.

Nixtiequ l-festa t-tajba lil kulħadd.

Pierre Vella
Gypsum Work & Interior Finishing
9921 4669
pierre.vella@hotmail.com
Pierre Vella Gypsum Work & Interior Finishing
•Flat Ceilings
•Bulk Heads
•Coving
•Partitions
•Soffits
•Plastering & Painting
•Wallpaper Installation
•Parquet Laying
•Tile Feature Walls
•Gypsum Fireplaces & Wall Units



# GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KNISJA

**MARIO BONELLO** PRESIDENT

## *Il-Festa Qiegħda Tersaq!*

Hekk kif toqrob il-festa, il-preparazzjonijiet qed jimxu b'pass tajjeb. Ninsabu ferħanin li din is-sena lestejna żewġ bandalori ġodda kif ukoll żewġ pavaljuni sbieħ biex inżejnu t-triq tagħna. Mill-15-il bandalora li kellna oriġinarjament, għad fadal 5, li jonqoshom il-pittura u li jiġu sfumati. Nistgħu nghidu wkoll li s-7 pavaljuni huma issa kollha lesti.

Matul ix-xhur li għaddew komplejna wkoll b'xi attivitajiet biex ikollna finanzi biżżejjed ħalli nlestu iktar proġetti maħsuba. Eżatt wara l-festa, fl-ewwel ġranet ta' Lulju, organizzajna x-xalata tal-festa fil-ġnien tal-Belveder fi Triq il-Madonna ta' Fatima. Kienet serata mżewqa b'kant ta' talent Naduri kif ukoll b'ikel bnin u frisk ippreparat u msajjar mill-membri tagħna. L-istess għamilna lejn tmiem Settembru meta fi Pjazza San Pietru u San Pawl organizzajna l-End of Summerfest. Din kienet tikkonsisti f'BBQ organizzat fil-post u s-serata kienet animata b'kant u mużika minn talent Naduri.

Tajjeb li nsemmu li dawn iż-żewġ attivitajiet ġew organizzati flimkien ma' għaqda oħra tal-armar, l-Għaqda Armar Triq il-Kappillan Dun Bernard Haber. Dan għalina huwa ġest sabiħ ħafna għaliex permezz tal-armar għall-festa sibna l-opportunità li niġbru l-forzi limitati tagħna flimkien u bejnietna tellgħajna żewġ attivitajiet għal għan wieħed - dak li nkomplu nkabbru u nsebbħu l-Festa li nagħmlu ad unur il-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

Issa daħal ix-xahar ta' Ġunju u dan ifisser li ser nibdew inżejnu Triq il-Knisja. Barra li hija triq prinċipali li twasslek sal-qalba tar-raħal f'din it-triq jgħaddu żewġ marċi. L-ewwel marċ huwa dak tat-tieni jum tat-Tridu bl-istatwa tal-Għoti tal-Missjoni, filwaqt li f'lejlet il-festa jkollna marċ ieħor matul Triq il-Knisja li jispiċċa fil-Pjazza.

Għall-armar tat-triq qed infittxu għajnuna mingħand dawk kollha li jistgħu jgħinu. Jekk għandek ftit ħin fuq ir-riħ u tixtieq tagħti sehmek u tipparteċipa fit-tisbiħ tat-toroq, l-għajnuna tiegħek tkun milqgħuha u apprezzata ħafna. Hija opportunità sabiħa biex tagħti sehmek u tħossok parti mill-festa sabiħa u xierqa li nagħmlu lil Patruni tagħna San Pietru u San Pawl.



Barra minn hekk, qegħdin infittxu wkoll sponsors biex jgħinuna fil-finanzjament tal-proġetti li għandna f'idejna. Jekk tixtieq tkun sponsor jew tagħti xi tip ta' għajnuna oħra, tista' tikkuntattjani jew lil xi membru ieħor tal-kumitat Għaqda Armar Triq il-Knisja. Kull forma ta' sapport tgħin sabiex nagħmlu din il-festa waħda tassew speċjali.

Hawnhekk nixtieq ngħid Grazzi lill-membri kollha tal-għaqda tal-ħin u s-sagrifiċċju tagħhom. Fl-aħħar iżda żgur li mhux l-inqas Grazzi mill-qalb tas-sapport tagħkom intom li kontu warajna, u ejjew nagħmlu il-Festa ta' din is-sena waħda li tibqgħu tiftakru!

# GĦAQDA ARMAR TRIQ SAN ĠWANN

MARLON CAMILLERI

## KONTINWITÀ ARTISTIKA

L-armar huwa opra efimera għaliex huwa juri l-allegrija tagħna n-Nadurin peress li għandu skop purament ċelebrattiv. Għalhekk aħna bħala kumitat nagħmlu l-almu tagħna kollu biex inkomplu bi proġetti innovattivi fuq dak li ħallew kumitati ta' qabilna.



Il-kumitat il-ġdid li kien inħatar fis-sena 2022 wara tul ta' żmien ta' konsultazzjoni mal-artisti, baqa' jaħdem u jelabora l-proġetti. Kull tip ta' armar huwa magħmul minn konġunzjoni ta' ħsibijiet u ideat, għalhekk bħala kumitat, nisimgħu u nwettqu.

Din is-sena lestejna l-fażi ta' bdil tal-kolonni kollha, minn dawk antiki għal injam ġdid, saret induratura lill-anġlu tal-bażilika fil-bordura u fis-salib, sar festun ġdid fi triq Grunju, xogħol ta' rinnovazzjoni fil-maħżen tal-armar, tagħmir ġdid fil-maħżen u anke disinni ġodda li se jiżżanżnu s-sena d-dieħla. Xogħol fis-skiet li saħansitra jkun fis-satra tal-lejl fejn issir konsultazzjoni ma' bosta dilettanti f'raħalna u anke mal-artist Naduri, il-Kav. Adonai Camilleri Cauchi, fejn imexxina b'viżjoni artistika.

Noħolmu u nwettqu mhux biss armar però anke attivitajiet li jagħtu unur lil raħalna. Ħidmet l-għaqda tagħna bħal kull sena bdiet ftit biss wara l-festa preċedenti, fejn waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali fassalna bosta attivitajiet ta' fundraising kif ukoll tkellimna dwar liema materjal nistgħu napplikaw għalih malli joħorġu xi skemi u fondi minn entitajiet differenti.

Fis-sajf bdejna b'Ġita għal Kemmuna kif ukoll Tombla Kbira. Wara temmejna b'suċċess 2 skemi mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn permezz ta' skema minnhom, l-Għaqda investiet f'sett siġġijiet u mwejjed biex jintużaw mill-għaqda stess għal attivitajiet varji u fl-iskema l-oħra il-membri tal-Għaqda attendew għal żewġ korsijiet ta' taħriġ fis-snajja' kif ukoll inxtraw xi għodod u materjal. Wara imbagħad, għal sena oħra, tellajna n-Nadur Song Festival, serata ta' kant b'kollaborazzjoni maż-Żgħażagħ Imnarja bil-għajnuna tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar. Kellna wkoll lotterija f'inkwatru għall-festa ta' San Koronatu Martri.

Diċembru huwa xahar impenjattiv ħafna għall-Għaqda tagħna fejn kellna bosta attivitajiet bħal Ikla tal-Milied, is-sehem tal-għaqda tagħna flimkien mal-Għaqda Għajn Tuta ta' Ta' Kerċem fil-Christmas Market fejn inbiegħu prodotti tal-ikel marbut maż-żmien tal-Milied, Lotterija tal-Bambin kif ukoll il-Mixegħla bid-dawl tal-Milied.

Tul dan iż-żmien l-Għaqda tagħna applikat għal 3 skemi oħrajn għal fondi fejn rebħithom it-tlieta li huma, waħda mill-Kunsill Malti għall-Arti, oħra mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju u skema oħra mill-Aġenzija Żgħażagħ. Fil-bidu ta' Frar tellajna serata teatrali 'Gawdenz Għal Hollywood' b'kollaborazzjoni maż-Żgħażagħ Imnarja u bil-għajnuna tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar. Għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira kellna l-iSpring Fair kif ukoll il-Fjakkolata u Salib fil-Moxa ta' Triq San Ġwann fejn ġimgħa wara l-Għid ħadna sehem fil-Malta International Fireworks Festival. Din is-sena l-għaqda tagħna flimkien mal-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl u b'kollaborazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar tellajna l-Ewwel Edizzjoni tal-festival 'Qalb il-Frawli', ġurnata mimlija attivitajiet għall-familja kollha bil-qofol tkun il-frotta tal-frawli.

Fl-aħħar u mhux l-inqas tul żmien il-festa ntellgħu inkwatru sabiħ u jkollna xi materjal ta' San Pietru u San Pawl għall-bejgħ.

# GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KAPPILLAN NADUR

Is-sena 2024-2025 bla dubju ta' xejn se tibqa' mmarkata b'ittri tad-deheb għall-għaqda tagħna. Dan għax, barra li komplejna l-ħidma biex jiġu mżanżna żewġ bandalori oħra mis-sett tat-tnax-il ġrajja ewlenija fl-istorja tal-parroċċa, l-għaqda tagħna, flimkien mal-parroċċa, bdiet il-proċess sabiex isir ir-rinnovament tal-maħżen fi Triq Ta' Said.



Il-bżonn tar-rinnovazzjoni u tkabbir tal-maħżen ilu jinħass snin twal. S'issa konna dejjem limitati f'dak li nistgħu nagħmlu għal żewġ raġunijiet: in-nuqqas ta' spazju biex wieħed jaħdem, kif ukoll nuqqas ta' spazju fejn jinħażen l-armar. Tul is-snin, l-għaqda tagħna mxiet minn post għal ieħor bosta drabi. Issa li għandna post fiss, flimkien mal-Arċipriet, stajna nimxu għal dan il-pass b'ottimiżmu u b'aktar entużjażmu minn qatt qabel.

Matul dawn l-aħħar xhur, wara li ġew diskussi u emendati l-pjanti kif ukoll wara pariri minn inġiniera, dawn ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar. Fil-ġimgħat li ġejjin qed nistennew l-approvazzjoni tagħhom. Minn hemm 'il quddiem, jibda l-proċess tant bżonjuż ta' rinnovazzjoni. Aktar 'il quddiem, flimkien mal-parroċċa, se nkunu qed inżommukom aġġornati bl-andament tal-proġett u kif wieħed jista' jagħti l-kontribut tiegħu. Grazzi mill-qalb lil kull min diġà offra s-servizzi tiegħu.

Kif semmejna fil-bidu, din is-sena rajna wkoll it-tkomplija tax-xogħol fuq il-proġett tal-bandalori uniċi li jirrappreżentaw l-akbar grajjiet li sawru l-istorja tal-parroċċa tagħna. Din is-sena se nkunu qed inżanżnu żewġ bandalori oħra, xogħol l-artist tal-għaqda tagħna, il-Kav. Adonai Camilleri Cauchi. Ċert li, bħalma ntlaqgħu tajjeb l-ewwel żewġ bandalori wara l-inawgurazzjoni tagħhom fil-pjazza tagħna, dawn it-tnejn il-ġodda se jqanqlu nostalġija fost dawk li jżuru r-raħal tagħna fil-jiem tal-festa.

Rapport dettaljat tax-xogħol kollu relatat mal-għaqda tagħna se jiġi ppubblikat fuq il-paġna ta' Facebook aktar 'il quddiem.

Minn hawn, nixtieq inwassal l-isbaħ xewqat tiegħi lill-membri sħabi u lill-voluntiera kollha tal-għaqdiet l-oħra għal festa kbira oħra, kif nafu nagħmlu aħna n-Nadurin.







# GĦAQDA ARMAR
# TRIQ DUN ĠUŻEPP HABER

L-Għaqda Armar Dun Ġużepp Haber bħas-snin l-imgħoddija kompliet bil-ħidma tagħha billi kompliet bil-proġetti ġodda biex tkompli ssebbaħ Triq Xandriku.

Minħabba xogħlijiet infrastrutturali li għaddejjin bħalissa fi Triq Xandriku, din it-Triq mhix ser tintrama bħas-soltu, iżda xorta waħda ser jitlestew żewġ bandalori ġodda oħra sabiex jitlesta s-sett kollu ta' tletin bandalora. Waħda mill-bandalori ġiet irregalata mill-familji Xuereb, Muscat u Camilleri u li tirrappreżenta lill-Arċipriet Saver Cassar. Il-Bandalora l-oħra, li wkoll tlestiet, tirrappreżenta lil Mons. Kan. Salvu Pace li ġiet irregalata mill-istess Mons. Pace u oħtu Kitty.

Sar restawr intensiv ħafna fuq 28 arma tat-trofej li dawn issa jinsabu lkoll lesti. Dan ix-xogħol ta' restawr sar kollu b'xejn. Tajjeb ngħidu li dawn l-armi għandhom kważi mitt sena. Tkompla wkoll is-sett ta' tletin arblu kollha tal-ħadid għax l-oħrajn kienu spiċċaw bis-susa. Saru wkoll tliet karrijiet fejn issa ser jintrefgħu l-armi li ġew restawrati. Ħafna u ħafna xogħol, kemm ta' ħjata u anki ta' restawr tal-armi, sar kollu kemm hu bla ħlas.

F'dawn l-aħħar snin L-Għaqda Armar Dun Ġużepp Haber kompliet bit-tradizzjoni tagħha li torganizza Xandrikufest. Din hija attività annwali li l-Għaqda hija kburija li ttela' minn sena għal oħra. F'din l-okkażjoni l-Għaqda Armar Dun Ġużepp Haber tagħmel minn kollox sabiex dak kollu li hu ta' natura storika, kulturali, soċjali u reliġjuż u li b'xi mod għandu xi konnotazzjoni ma' Triq Xandriku, jiġi espost f'din il-lejla ħelwa. Matul din is-serata, li tkun imżewqa b'mużika tradizzjonali u anke dik kontemporanja, ikollna wkoll BBQ li issa sar popolari ma' dawk li jattendu. Apparti li jkollna diversi personaġġi lebsin ħwejjeġ tal-imgħoddi, tingħata wkoll informazzjoni viżiva fuq postijiet fi triq Xandriku li huma marbuta mal-istorja ta' din it-Triq.

Għal din is-sena biss u għal raġunijiet marbuta max-xogħlijiet infrastrutturali msemmija aktar qabel, l-edizzjoni ta' din is-sena Xandrikufest ser tittella' xorta waħda nhar is-Sibt 5 ta' Lulju 2025, iżda fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri.

Fl-aħħar nett, sabiex tiġbor il-fondi meħtieġa għal dan ix-xogħol kollu l-Għaqda Armar Dun Ġużepp Haber tieħu ħsieb torganizza diversi attivitajiet ta' fund raising matul is-sena kollha. Fost dawn insibu numru ta' lotteriji, diversi ikliet, breakfast, kif ukoll ġiti għal diversi postijiet u okkażjonijiet f'Malta.

Kelma ta' ringrazzjament lill-membri kollha tal-Għaqda Armar Dun Ġużepp Haber li jagħtu is-sehem tagħhom għal dan ix-xogħol kif ukoll lil dawk kollha li jissapportjawna bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet li norganizzaw. Dak kollu li tagħmlu għamluh għal ġieħ San Pietru u San Pawl. Grazzi lil kulħadd.



# GĦAQDA ARMAR TRIQ DIĊEMBRU 13

**ANDREW MUSCAT** PRESIDENT

Sa mit-twaqqif tagħha, l-Għaqda Armar Diċembru 13 kienet dejjem kommessa li toffri lir-raħal tagħna armar rikk u tal-ogħla livell, li jagħti ġieħ u glorja mhux biss lir-raħal tagħna iżda fuq kollox jagħti ġieħ lill-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Kien għalhekk li matul dawn is-snin, l-Għaqda tagħna ħadmet sabiex twettaq diversi opri artistiċi ġodda, li b'wiċċna minn quddiem, illum ma nistħux ngħidu li huma fost l-aqwa opri ta' din ix-xorta li wieħed isib fil-festi tradizzjonali tagħna l-Maltin.

Kien fis-sena 2007, meta l-membri ta' din l-Għaqda wettqu ħolma li kienet ilha tberren f'moħħhom għal diversi snin. Sar pedestal u għal fuqu nħadmet statwa artistika li tirrappreżenta l-Għoti tal-Missjoni lill-Appostli San Pietru u San Pawl, u li ta' kull sena għadha tittella' fuq dan il-pedestal maestuż wara li ddur mat-toroq ewlenin ta' raħalna f'marċ, fit-tieni jum tat-Tridu.

Dan il-proġett tal-pedestal u tal-istatwa, nistgħu ngħidu witta t-triq għal snin twal ta' ħidma u twettiq ta' diversi proġetti ġodda. Infatti minn hemm tnieda pjan li fih kien jinkludi rinnovament tal-armar kollu tat-triq. Għalhekk mill-ewwel tajna bidu għat-tibdil tal-pilandri tal-antarjoli, fejn fuq disinn oriġinali ta' Adonai Camilleri Cauchi, saru sett ta' 22 pilandra u li tista' tgħid li huma uniċi fil-forma u fis-sbuħija tagħhom. L-ewwel tnejn saru għall-festa tal-2009. Kif dawn tlestew, mill-ewwel beda xogħol fuq għoxrin trofew ġdid, fejn ukoll ix-xogħol ġie fdat f'idejn l-artist Adonai Camilleri Cauchi. L-ewwel wieħed ħareġ għall-festa tal-2017. Mingħajr l-ebda ftaħir żejjed, dawn it-trofej fihom artistrija mill-aqwa, li meta se jkunu lesti kollha, se jimlew Triq Diċembru 13 bi sbuħija liema bħalha. Ta' min jgħid li x-xogħol fuqhom għadu għaddej, bil-ħsieb li dawn ikunu lesti fis-snin li ġejjin.



Sadanittant baqa' għaddej xogħol fuq proġetti oħra. Ta' min isemmi dawn l-opri ġodda: bandiera tas-suf għal fuq l-arblu tal-maħżen, sett forċini għall-istatwa, u sett ta' 6 pavaljuni tad-drapp b'sopraporta innovattiva. Dawn il-pavaljuni huma oriġinali għall-aħħar fejn id-disinn tagħhom sar b'tali mod li ma jgħattix il-pavaljuni tad-dawl, u fihom huma rappreżentati l-Appostli. Dawn saru minn Adonai Camilleri Cauchi bejn l-2014 u l-2017. Proġett kbir ieħor li ġie mwettaq fl-aħħar snin kien dak ta' lift u niċċa ġdida għall-istatwa, biex b'hekk nistgħu ngħidu li l-istatwa tinsab issa taħt l-istess saqaf tal-maħżen tagħna. Dan il-proġett kien ġie inawgurat fl-14 ta' Settembru 2018. Barra minn hekk, bqajna għaddejjin bi programm ta' restawr, bħal żebgħa u manutenzjoni fuq l-antarjoli u pavaljuni, xogħol fil-maħżen, xogħol fuq karrijiet għall-ġarr tal-armar u ħafna xogħol ieħor. Dan l-aħħar ukoll, fi Frar 2021, bl-għajnuna tal-fond Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u L-Ippjanar, bdilna l-bozoz kollha tal-pavaljuni tad-dawl minn dawk tal-filament għal dawk LED, li żgur se jiffrankaw ħafna fil-konsum tal-enerġija.

Wieħed ma jistax isemmi l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 mingħajr ma jirreferi wkoll għall-Marċ tat-Tieni Jum tat-Tridu, fejn dejjem bqajna nagħtuh l-importanza li jixraqlu. Dejjem ħsibna sabiex bil-parteċipazzjoni

tagħna f'dan il-marċ inkomplu nkabbru l-festa tal-Imnarja. Infatti, fl-aħħar snin bdejna ntellgħu fuq bażi annwali show tan-nar issinkronizzat mal-mużika bl-isem 'Mixegħla Ħamra u Safra', fejn għal darb'oħra konna innovattivi sabiex intellgħu spettaklu ta' mużika, dwal u nar amalgamati ma' xulxin. Tajjeb li ngħidu li għal sena oħra dan is-show se jerġa' jittella' nhar it-tieni jum tat-Tridu dritt wara li l-vara tal-Għoti tal-Missjoni lil San Pietru u San Pawl titla' fuq il-pedestal tagħha.

Tul dawn l-aħħar tmienja u għoxrin sena, l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13, żgur li qatt ma kienet ser tagħmel sens li kieku ma ħadmitx id f'id man-Nadurin kollha, inkluż mal-għaqdiet l-oħra tal-armar li nsibu fin-Nadur. Din il-ħidma kienet parti integrali mill-festa tant għal qalbna n-Nadurin – il-festa tal-Imnarja. L-eżistenza tagħna bdiet u għadha possibbli għax għalkemm l-għan prinċipali tagħna hu dak li nieħdu ħsieb, nindukraw l-armar ta' Triq Diċembru 13, inkabbruh, insebbħuh kif ukoll narmawh għal din il-festa, dan kollu jkun qed jagħmel sens biss kemm-il darba nibqgħu nkunu parti sħiħa minn din il-festa li ta' kull sena niċċelebraw ad unur l-Appostli Patruni tagħna.

Jalla bl-għajnuna ta' Alla u bl-għajnuna tal-patruni tagħna San Pietru u San Pawl inkomplu, bħala Għaqda, inħarsu 'l quddiem għal aktar snin ta' xogħol u ħidma biex inkomplu noffru lin-Nadur u lill-festa tagħna aktar opri sbieħ ta' armar festiv. U dan kollu b'għan wieħed – dak li nkomplu lkoll flimkien nuru mħabba b'mod estern lejn il-Patruni Glorjużi tagħna l-Appostli San Pietru u San Pawl.









# ŻGĦAŻAGĦ IMNARJA

## GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ IMNARJA

Malli tisma' l-kelma Mnarja, mill-ewwel taħseb fir-raħal tan-Nadur u fil-qaddisin Appostli San Pietru u San Pawl. In-Nadur huwa raħal li dejjem lest jagħti spettakli u avvenimenti mill-isbaħ, imsejsa fuq it-tradizzjoni kif ukoll fuq l-ispirtu ta' komunità. F'qalb l-Imnarja, u f'qalb din it-tradizzjoni u komunità, hemm l-Għaqda Żgħażagħ Imnarja. Għaqda volontarja bl-għan li tippreserva l-festa lokali, filwaqt li dejjem tkabbar u ssebbaħ din il-festa tant għażiża għalina n-Nadurin!



L-Għaqda Żgħażagħ Imnarja taħdem bla waqfien sabiex tagħti l-aħjar sehem tagħha fil-komunità Nadurija u sabiex iżżomm il-festa dejjem fil-quċċata. Bejn marċi organizzati, briju, spettakli tan-nar u tal-karti, l-Għaqda Żgħażagħ Imnarja taħdem bla heda sabiex tassigura li kull aspett imsemmi jħalli lil kulħadd fuq ix-xwiek u bi stennija għall-ġimgħa tant għażiża għalina n-Nadurin, il-ġimgħa tal-Festa.

Mingħajr id-diversi voluntiera li jokkupaw diversi karigi, dan kollu ma jkunx possibbli. Voluntiera li joffru ħinhom u l-enerġija tagħhom sabiex jippjanaw u jwasslu dak li jkunu fasslu. Għalhekk, minn hawn nieħdu l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lil dawk kollha li jgħinuna kemm fil-preparazzjonijiet tal-ġimgħa tal-festa kif ukoll tul is-sena kollha; l-għajnuna u l-kuraġġ tagħkom huwa verament imprezzabbli.

Ta' min jgħid li din il-ħidma volontarja ma narawhiex fil-ġimgħa tal-festa biss, iżda tul is-sena kollha, fid-diversi attivitajiet li ntellgħu bħala għaqda. Fost dawn l-attivitajiet insibu bosta li jkunu f'forma ta' fundraising bħal ngħidu aħna l-Bake Sale li bdejna ntellgħu ta' kull sena f'Jum l-Omm. Barra minn hekk, nagħmlu bosta attivitajiet li bihom nagħmlu ħilitna sabiex ngħaqqdu liż-żgħażagħ flimkien, bħall-gathering li għamilna wara l-ħruġ tal-istatwa min-niċċa, u l-pre-marċ gathering li jsir qabel kull marċ. Barra minn hekk, intellgħu anke attivitajiet li ma jirrikjedux ħlas, bħal pereżempju 'Festa Tfal' li ssir ġewwa l-iskola primarja tan-Nadur f'Ġunju, fejn it-tfal u l-għalliema jkunu mistednin jilbsu l-flokk tal-festa filwaqt li jindaqqu u jitkantaw il-marċi u l-innijiet tal-festa. B'hekk, b'dawn id-diversi attivitajiet, minbarra li nkunu qegħdin niġbru l-flus għall-ħidma tagħna, inkunu qegħdin ukoll qrib it-tfal u ż-żgħażagħ Nadurin sabiex inrawmu l-ġenerazzjoni li jmiss.

Xi karatteristiċi li jiddistingwu lill-għaqda Żgħażagħ Imnarja huma li din hija għaqda unika, li hija ddedikata sabiex toħloq sens ta' komunità kemm bejn ir-residenti tan-Nadur maż-Żgħażagħ Nadurin kif ukoll sens ta' komunità bejn iż-żgħażagħ infushom, grazzi għall-kollaborazzjonijiet u inizjattivi varji li jseħħu tul is-sena kollha.

Huwa ta' sodisfazzjoni kbir għalina, li dak li naħdmu fuqu tul is-sena kollha, narawh jagħti l-frott hekk kif jasal Ġunju. Għan prinċipali tagħna ż-Żgħażagħ Imnarja kien li nkomplu nkabbru l-briju fil-marċi dedikati lil San Pietru u San Pawl u tajjeb li ngħidu li din is-sena, għal fejn snin preċedenti, kellna attendenza tassew numeruża għal kull marċ li sar, grazzi għall-kumitat taż-Żgħażagħ Imnarja li ħadem bil-bosta sabiex dan il-fatt ikun ta' prijorità u ta' suċċess.

Issa li Ġunju reġa' magħna, u wasal iż-żmien li tant ilna nistennew; żmien ta' ferħ, briju, ċelebrazzjoni ta' tradizzjoni, devozzjoni u divertiment, Żgħażagħ Imnarja tkompli taħdem sabiex grazzi għad-dedikazzjoni u l-imħabba għall-patruni tagħna San Pietru u San Pawl, nassiguraw li l-ispirtu tal-festa tal-Imnarja jibqa' ħaj għal dawk kollha li għandhom lin-Nadur u lill-Appostli kolonni tal-Knisja verament għal qalbhom, u dan ma jistax isir mingħajr kull wieħed u waħda minnkom. Għalhekk, ninġabru Nadurin, sabiex flimkien, nagħtu ġieħ lil San Pietru u San Pawl.

# KUMITAT GĦAQDA TAN-NAR
# SAN PIETRU U SAN PAWL

Għeżież Nadurin, għaddiet sena oħra u daqt il-festa tagħna n-Nadurin. Din is-sena għandna kumitat tan-nar ġdid, b'ideat ġodda u enerġija ġdida.

Jien, personali m'iniex persuna teknika fuq in-nar, però inħobb insegwih. Kemm ilni involut direttament fil-kumitat, bdejt nitgħallem ftit aktar dwar il-produzzjoni tan-nar u nista' ngħid li din hija arti interessanti ħafna. Filwaqt illi napprezzaw is-sbuħija tan-nar, irridu napprezzaw ukoll it-talent, id-dedikazzjoni u x-xogħol kontinwu tan-nies involuti. Huwa b'hekk illi titkompla din it-tradizzjoni.

Fost id-diversi ħidmiet illi jsiru mill-kumitat tan-nar, huma l-laqgħat ta' kull gimgħa. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat ta' din is-sena, tkellimna dwar il-baġit tan-nar. Il-verità hi, illi biex nagħmlu show tan-nar ta' kwalità, il-kumitat tagħna jrid jiġbor ammont sostanzjali ta' flus. F'din l-ewwel laqgħa ammirajt ħafna lill-membri tal-kumitat tagħna. Frott tal-għaqda ta' bejniethom, ħarġu b'ħafna ideat għall-avvenimenti ta' ġbir ta' fondi li saru matul is-sena kollha sabiex nilħqu l-għan tagħna. Dan huwa kumitat illi bħalu ftit hawn. Personali, ninsab verament ferħan meta nara dan il-livell ta' xogħol u għaqda li jagħtu kuraġġ anke lili, biex inkompli nagħti is-sapport tiegħi.

Rigward il-ġbir ta' flus, nixtieq nibda billi nirringrazzja lil dawk l-individwi u lill-familji li matul is-sena pparteċipaw fl-attivitajiet tagħna, kemm fl-ikliet, fil-ġbir tal-flus, u avvenimenti oħra. Nixtieq però nagħmel kumment dwar il-ġbir tal-flus mid-djar. Meta l-membri tal-kumitat daru n-Nadur kollu jħabbtu bieb bieb, kulma nġabru ħamest elef ewro. Nemmen illi għad-daqs tar-raħal tagħna, kellhom jinġabru ħafna aktar. Inħeġġeġ lin-Nadurin u lil dawk kollha residenti n-Nadur biex jiftħu l-bibien tagħhom għall-voluntiera tagħna u jagħtu d-donazzjoni tagħhom. L-għajnuna tal-komunità hija essenzjali għalina. Bħala kumitat, nixtiequ nibqgħu dejjem qrib tagħkom. Għalhekk għandna Facebook page "Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl", u niltaqgħu ta' spiss fi Strada Rjali, Triq Diċembru Tlettax, faċċata tal-Każin tal-Banda Mnarja. Min ikollu bżonn xi ħaġa relatata man-nar, tistgħu tfittxuna hemm.

Biex nagħlaq, nixtieq ngħid grazzi kbira lill-Arċipriet, il-Kan. Krystof Buttigieg, li għaqqadna flimkien u laqqagħna mal-Isqof Mons. Anton Teuma. Hija ħaġa sabiħa li nies bħal dawn isibu l-ħin u jgħaddulna kelma ta' kuraġġ. Din is-sena għandna aktar minn għaxar kmamar li ser jaħdmulna n-nar u ser ikollna ħarqa mill-isbaħ. Nispera li kollox imur b'wiċċ il-ġid. F'ismi u f'isem sħabi tal-kumitat nirringrazzja wkoll lill-kumitat ta' qabilna.

Il-Festa t-Tajba l-aħwa, u ħudu gost u bħal dejjem,
VIVA SAN PIETRU U SAN PAWL.





# Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur

JOE MUSCAT

## *Mixja ta' devozzjoni tul 112-il sena*

Nhar il-21 ta' Marzu 1913 ħabtet il-Ġimgħa l-Kbira u f'din il-ġurnata ħarġet iddur għall-ewwel darba l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mat-toroq tan-Nadur. Kien bis-saħħa tal-ħeġġa tal-Arċipriet Dun Martin Camilleri li ttieħdet din l-inizjattiva u permezz tagħha saret din l-ewwel purċissjoni li kienet tikkonsisti fi tliet statwi biss: il-mezzo bust tal-Ecce Homo, id-Duluri u Kristu Mejjet. Fil-ħidma li wasslet għal din il-ġurnata storika l-Arċipriet Camilleri kien mgħejjun mill-Prokuratur Pawlu Gatt u minn kumitat li twaqqaf apposta. Wieħed mill-membri, Toni Said, ħadem ukoll xi simboli li komplew jagħtu sinifikat f'din il-purċissjoni.

Illum, 112-il sena wara, din l-ewwel Purċissjoni modesta kibret u sbieħet, bil-ħidma ta' diversi prokuraturi u Nadurin oħra u nistgħu ngħidu li saret manifestazzjoni reliġjuża mistennija min-Nadurin u mfittxija minn mijiet ta' viżitaturi. L-għan ewlieni tal-Kumitat tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira attwali huwa li jara li din il-purċissjoni li żviluppat u kibret matul il-medda tas-snin, tiġi mantenuta, imħarsa u mġedda. Dan sabiex jintlaħaq l-iskop ewlieni tal-Purċissjoni li tkun manifestazzjoni esterna ta' devozzjoni u mezz ta' meditazzjoni fuq il-Passjoni ħarxa li minnha għadda Sidna Ġesù Kristu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.

Huwa ovvju li sabiex inkomplu nħarsu l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, hemm bżonn il-finanzi. Sa mit-twaqqif tiegħu dan il-kumitat ħaseb sabiex ma' jirrikorrix għand il-Parroċċa għall-fondi u għalhekk, b'mod regolari, jorganizza diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi mifruxa matul is-sena kollha, bħal ikliet, lotteriji u tombli. B'hekk, il-kumitat, bis-sostenn ta' dawk kollha li jipparteċipaw, jirnexxilu jikseb il-finanzi meħtieġa sabiex ikopri l-ispejjeż tar-restawr, tiswija u manutenzjoni kif ukoll biex ikun jista' jidħol għal proġetti ġodda li jkomplu jaġġornaw lil din il-Purċissjoni. Din il-ħidma kollha twassal ukoll biex jiġi kkonservat u indukrat il-partimonju u l-wirt artistiku li bihom hija mogħnija l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tan-Nadur.

B'dan kollu f'moħħna, bħala kumitat naraw li, sena wara l-oħra, nieħdu ħsieb li jsir xogħol ta' restawr filwaqt li jiġu mżanżna xogħlijiet ġodda. Huma inizjattivi li jkomplu jtejbu fuq dak li kellna, u li b'tant għożża ħallewlna ta' qabilna.

Dawn li ġejjin huma uħud mix-xogħlijiet li ġew imwettqa mill-kumitat għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena 2025, li jinkludu wkoll diversi inizjattivi ġodda li kienu fil-ħsieb tal-kumitat matul dawn l-aħħar snin:

- Ġew meħjuta 24 fardal tal-ġild għas-suldati Rumani filwaqt li nxtraw u ġew imwaħħla d-dekorazzjonijiet tar-ram għal fuqhom. Dawn il-fradal imbagħad twaħħlu mal-kurazzi.
- Ġie meħjut sandli ġdid tal-ġild għall-persunaġġi: Anna, Kajfa, Daniel, il-Profeta Xmun, ir-Re David, Salamun, Melkisedek u saru wkoll żewġ pari sandlijiet għall-kavallieri tas-Sepulkru.
- Inxtraw kontenituri tal-plastik li fihom qed jinġabar l-ilbies tal-ħadid tal-kavallieri tas-Sepulkru filwaqt li saru modifikazzjonijiet għall-ispallieri u l-istands li nħadmu apposta biex jiddendel dan l-ilbies tal-ħadid fil-jiem ta' qabel il-purċissjoni.
- Saru diversi tiswijiet u tindif fuq in-numru kbir ta' simboli u aċċessorji oħra.
- Inħiet kostum ġdid għall-persunaġġ ta' San Ġwann il-Battista.
- Ġie stampat poster ġdid (6m x 3m) tal-Purċissjoni li jitwaħħal fi Triq Ta' Xħajma.
- Sar restawr fuq wieħed mill-puttini tal-urna ta' Kristu mejjet.

Matul din is-sena wkoll qed inkomplu nippjanaw u naħdmu sabiex għall-purċissjoni tas-sena 2026, jekk il-bambin irid, inwettqu iktar inizjattivi, fosthom:

- Bdil ta' kostumi li issa qdiemu b'disinn, drapp u ħjata mill-ġdid
- Restawr ta' diversi vari
- Lasti ġodda għall-vari kollha
- Restawr tal-Arka
- Restawr tal-Kandelabru

Barra minn hekk, flimkien mal-Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg, qed nippjanaw ukoll sabiex nidentifikaw fejn nistgħu niżviluppaw post aħjar u iktar prattiku fejn jinġabru kważi l-istatwi kollha li joħorġu fil-purċissjoni. Il-ħsieb ewlieni huwa li barra li dawn ikunu f'post iktar spazjuż, addattat u f'ambjent ikkontrollat, ikunu jistgħu wkoll jitgawdew iktar mill-pubbliku.

Kif wieħed jista' jinnota fadal ħafna xogħol x'isir, iżda għandna fiduċja sħiħa li bil-ħidma u l-koperazzjoni ta'

kulħadd u bl-appoġġ, bħal dejjem, tal-poplu Naduri, dan kollu jitwettaq.

Barra l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-kbira, il-kumitat jieħu ħsieb jikkoordina u jorganizza flimkien mal-Parroċċa ż-żewġ pellegrinaġġi li jsiru kull sena matul ir-Randan, dawk tar-Redentur u tad-Duluri. Din is-sena wkoll il-kumitat ħa ħsieb il-pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Rendentur li sar nhar il-Ġimgħa 4 ta' April u li beda minn Triq Għajn Qasab, u għadda għal Triq tal-Ħali, Triq Dun Anton Tabone, Triq ir-Ramla u spiċċa fi Triq Binġemma. Hemmhekk ġiet iċċelebrata quddiesa mill-Arċipriet Kan Krystof Buttigieg fil-garaxx tal-familja Vella.

Ġimgħa wara, nhar il-Ġimgħa 11 ta' April, sar il-pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri. Dan beda minn Triq l-Arċ. Saver Cassar u għadda minn Triq Papa Pawlu VI, Triq Karlu Zimech, Triq it-Torri ta' Kenuna, Triq il-Madonna ta' Lourdes, Triq Xandriku, Triq il-Kappillan Dun Bernard Haber u ntemm fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Wara saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tad-Duluri.

Hija l-parteċipazzjoni ta' tant individwi li tagħmlilna kuraġġ sabiex inkomplu din il-ħidma. Huma mijiet ta' nies, fosthom reffiegħa, nies lebsin ta' persunaġġi bibliċi, suldati, numru sabiħ ta' tfal, dawk tal-wegħdi, il-Banda Mnarja, fratelli u Kleru li jimpenjaw irwieħhom u jgħinu biex tinżamm il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' kull sena. Barra minn hekk hemm numru sabiħ ieħor ta' organizzaturi ta' wara l-kwinti, bħal ushers u helpers oħra, li ta' kull sena jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex din il-purċissjoni tirnexxi.

Jalla dan l-ispirtu ta' għaqda bħala familja waħda jixprunana sabiex inkomplu nħarsu u nsaħħu dan il-wirt reliġjuż u artistiku li ħallewlna ta' qabilna u li matul iż-żmien il-komunità tan-Nadur irnexxielha tikkonserva u ssostni għal dawn l-aħħar mija u tnax-il sena.






# IL-ĦIDMA FI ĦDAN IL-LEĠJUN TA' MARIJA

ANTOINETTE TABONE

'L-iskop tal-Leġjun ta' Marija huwa għall-glorja ta' Alla permezz tal-qdusija tal-membri tiegħu.   Din tissaħħaħ bit-talb u l-kooperazzjoni attiva, taħt it-tmexxija tal-Knisja, mal-ħidma ta' Marija u tal-Knisja li jisħqu ras is-serp u jġibu 'l quddiem is-saltna ta' Alla' (mill-Manwal tal-Leġjun).

Fin-Nadur għandna diversi gruppi tal-Leġjun imqassmin kif ġej:

- xi gruppi tal-irġiel
- diversi gruppi tan-nisa li l-laqgħat tagħhom jinżammu xi wħud filgħodu, oħrajn waranofsinhar u oħrajn filgħaxija
- xi gruppi għat-tfal

Nilqgħu bil-qalb lill-membri ġodda li jixtiequ jidħlu f'xi grupp tal-Leġjun ta' Marija msemmija. Hemm wisa' għal kulħadd. Min jitħajjar jista' jkellem lil xi membru leġjunarju ta' dawn il-gruppi.

Il-Leġjun, flimkien mat-talb u tagħlim spiritwali, jitlob ukoll ħidma bil-għan li filwaqt li din tgħin lill-membri jitqaddsu tgħin ukoll biex oħrajn jersqu iktar lejn Alla, speċjalment bil-kuntatti personali.

Bħala ħidma, nagħmlu dak kollu li nistgħu u dak li jitlobna nagħmlu l-Arċipriet. Il-ħafna ħidmiet li nagħmlu, fost oħrajn jinkludu:

- tmexxija u kura taż-żgħar
- żjajjar bil-Madonna fil-familji
- żjajjar lill-morda jew xjuħ fi djarhom, fl-isptarijiet jew fid-diversi djar tal-anzjani li għandna f'Għawdex
- għajnuna u kollaborazzjoni lil għaqdiet reliġjużi oħra

F'organizzazzjoni volontarja, dik li toħloq rabta hija l-lealtà tal-membru lejn l-għaqda tiegħu, fil-każ tagħna l-Leġjun ta' Marija, minn isfel sa fuq tal-awtorità u lejn l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.



*Rużarju fil-beraħ*

AD MULTOS ANNOS

**Nawguraw lit-Tmien Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur**

*Il-Kan. Krystof Buttigieg*

**fl-okkażjoni tal-Pussess tiegħu**

28 ta' Settembru 2024



**ANTON TEUMA**
**ISQOF TA' GĦAWDEX**

# DIGRIET

## ĦATRA TA' ARĊIPRIET
## TAL-PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL, NADUR - GĦAWDEX

NN 135/2024

**Għażiż Kan. Krystof Buttigieg,**

wara li sa minn April li għadda inti qdejt il-ministeru tiegħek bħala amministratur parrokkjali f'din il-Parroċċa, liema ħidma wettaqt b'żelu u dedikazzjoni kbira, bil-preżenti naħtrek fl-uffiċċju ta' Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, fin-Nadur.

Filwaqt li nirringrazzja lil Mons. Jimmy Xerri għas-servizz tiegħu bħala Ragħaj ta' din il-komunità għal dawn l-aħħar erbatax-il sena, nistiednek sabiex fuq l-eżempju taż-żewġ Appostli Pietru u Pawlu, inti tieħu ħsieb din il-komunità afdata f'idejk, minn qalbek kif irid Alla, imħeġġeġ mill-imħabba u billi tkun ta' eżempju għall-merħla [1Pt 5, 2-3].

Għalhekk, wara li inti tagħmel l-istqarrija tal-fidi skont il-formula approvata mis-Sede Appostolika, Jiena, bis-setgħa mogħtija lili skont il-Liġi Kanonika u fit-termini tad-Digriet tal-Konferenza Episkopali Maltija msemmi fil-kanoni 522, nagħtik il-pussess veru u reali tal-kura u t-tmexxija tal-imsemmija Parroċċa, bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha marbuta magħha, b'effett mis-Sibt 14 ta' Settembru 2024, Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

Bħala xhieda ta' dan kollu, ordnajt li dan id-dokument minni ffirmat u ssiġillat bit-timbru tiegħi jiġi rreġistrat mill-Kanċillier tal-Kurja Djoċesana.

Nitlob il-barka ta' Alla fuqek sabiex dan il-ministeru, iħalli l-frott mixtieq.

*Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, il-Belt Victoria, Għawdex, illum il-Ġimgħa 16 ta' Awwissu 2024.*

Mons. Edward Zammit

**Mons. Edward Zammit**
Kanċillier

ANTONIUS TEUMA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

+ Anton Teuma

**✠ Anton Teuma**
Isqof ta' Għawdex

# L-PUSSESS TAL-ARĊIPRIET KAN. KRYSTOF BUTTIGIEG

## bħala it-Tmien Arċipriet
## tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex

### 28 ta' Settembru 2024

**Nhar is-Sibt, 28 ta' Settembru 2024, il-komunità tal-parroċċa tan-Nadur flimkien ma' bosta familjari, ħbieb u tant oħrajn inġemgħu fil-Bażilika ddedikata lil San Pietru u San Pawl biex jieħdu sehem u jifirħu fiċ-ċerimonja tal-Ingress tat-Tmien Arċipriet tal-istess parroċċa, il-Kan. Dun Krystof Buttigieg.**

Hija ċerimonja sinifikanti għax permezz tagħha l-E. T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, kien se jafda l-ħidma u l-kura pastorali tal-parroċċa f'idejn l-Arċipriet il-ġdid. F`din il-quddiesa solenni dawk preżenti setgħu jsegwu diversi riti li kollha jirrelataw ma' dmirijiet importanti fir-rwol ta` Ragħaj ta` Parroċċa.



L-Isqof Teuma flimkien mal-Arċipriet maħtur, u l-konċelebranti l-oħra ħarġu proċessjonalment mis-Sagristija għal fuq iz-zuntier u daħlu fil-knisja mill-bieb prinċipali.







Wara r-Radd tas-Salib u t-tislima mill-konċelebrant ingħata bidu għaċ-ċerimonja fejn il-Kanċellier tal-Kurja Mons. Eddie Zammit qara d-digriet li bih Mons. Isqof ħatar lill-Kan. Krystof Buttigieg bħala Arċipriet tal-parroċċa tan-Nadur.




Imbagħad l-Arċipriet maħtur għamel il-ġurament ta' fedeltà u ubbidjenza lejn l-Isqof, li qiegħed jaġixxi f'isem il-Knisja. U wara kompla bil-professjoni tal-fidi.











Wara li ttieħed il-ġurament l-Arċipriet flimkien max-xhieda ffirmaw id-dokument fil-preżenza ta' Mons. Isqof.

L-aħħar parti tar-rit tal-bidu ntemmet billi l-Arċipriet il-ġdid ġie mogħti l-muftieħ tal-knisja, sinjal tat-tmexxija tal-parroċċa u sabiex jara li l-knisja tkun miftuħa u fiha jħossu milqugħ kulħadd.















Il-funzjoni għaddiet għall-parti tal-Liturġija tal-Kelma, fejn Daniela Mejlaq qrat l-Ewwel Qari mill-Ktieb tal-Għerf, Dr. Stanley Portelli kanta s-Salm u Edelon Grech qara t-tieni qari mill-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani. L-Arċipriet Krystof qara l-Evanġelju bil-ħsieb "Min irid ikun l-ewwel wieħed, għandu jkun il-qaddej ta' kulħadd."

Wara Mons. Isqof Anton Teuma niseġ il-prietka għall-okkażjoni.

It-tieni parti tar-rit tal-Pussess beda billi l-Arċipriet ġedded il-wegħdiet saċerdotali tiegħu quddiem l-Isqof, l-istess wegħdiet li għamel fil-jum għażiż tal-ordinazzjoni tiegħu nhar it-28 ta' Mejju 2011. Dan ir-rit kompla billi l-Isqof akkumpanja lill-Arċipriet il-ġdid fil-postijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ministeru tiegħu bħala ragħaj tal-parroċċa. L-ewwel beda **bis-sede** tal-altar u tal-kor minn fejn imexxi ċ-ċelebrazzjonijiet tat-talb, bħala sinjal tal-missjoni tiegħu li jmexxi ċelebrazzjonijiet tal-misteri qaddisa, ixandar il-Kelma ta' Alla u jagħti xhieda tal-karità ta' Kristu. Qagħad bilqiegħda wkoll fuq is-sede tal-kor minn fejn jingħaqad ma' ħutu l-oħra s-saċerdoti waqt it-talb tas-salmi.





Wara marru quddiem **it-tabernaklu** fejn jinżamm fostna Ġesù Ewkaristija. Minn hemm l-Arċipriet ikun jista' jsostni u jara li Ġesù jmantnina permezz tal-Ewkaristija, kemm lil dawk preżenti fil-knisja waqt mumenti liturġiċi kif ukoll lill-morda u anzjani fid-djar tagħhom. It-tabernaklu nfetaħ, saret inċensazzjoni u talba fis-skiet.







Minn ħdejn it-tabernaklu mxew għall-ħdejn **il-konfessjonarju** minn fejn nirċievu l-maħfra ta' Alla.

L-Arċipriet tlibbes stola vjola u qagħad bilqiegħda. Il-Konfessjonarju huwa l-post fejn jiġi ċelebrat is-sagrament tal-maħfra bla limiti li għandu Alla għalina. Huwa l-post minn fejn il-maħfra ta' Alla tasal u tmiss il-qalb ta' kull wieħed u waħda minna.



Post ieħor f'din il-mixja huwa **l-Battisteru** minn fejn jitwieldu ulied ġodda fil-Knisja. Mill-Fonti tal-Magħmudija tibda l-mixja tal-membri ġodda fil-fidi Nisranija. L-isqof inċensah għax minnu bil-qawwa tal-Għid ta' Kristu jkomplu jitwieldu ulied ġodda fi ħdan il-parroċċa.

Kien jonqos li Mons. Isqof u l-Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg imorru f'nofs il-korsija qrib l-entratura prinċipali tal-knisja, biex tindaqq il-**qanpiena** l-kbira mill-ħabel li ġie mżejjen kif meħtieġ għal dan ir-rit. Is-sinifikat ewlieni tad-daqq tal-qanpiena hu dak li bħala arċipriet, permezz tat-tokki tagħha, ma jgħejja qatt jistieden lilna lkoll sabiex immorru l-Knsija fejn inħallu lil Alla jħabbibna miegħu. Il-kongregazzjoni laqgħet u ċapċpet bil-ferħ wara dan il-mument sinifikanti li jġib fil-perspettiva l-importanza tad-daqq tal-qniepen li jdoqqu kuljum biex ifakkruna nerfgħu qlubna lejn is-sema għat-talb.



Il-kongregazzjoni flimkien maċ-ċelebranti mbagħad irreċitaw l-Kredu bħala stqarrija tal-fidi Nisranija.





Familjari tal-Arċipriet Dun Krystof qraw it-talb tal-fidili u oħrajn tellgħu l-offerti hekk kif ingħata bidu għal-Liturġija Ewkaristika. F'din l-okkażjoni speċjali l-kongregazzjoni ġiet imħeġġa biex flimkien mal-Ħobż u l-Inbid li jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, il-komunità tan-Nadur toffri wkoll il-koperazzjoni sħiħa lejn ir-ragħaj il-ġdid tagħha bħala membri ta' komunità Nisranija.













Kompliet il-quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma, l-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg u bosta konċelebranti li fosthom kien hemm ukoll l-Arċipriet Uxxenti Mons. Jimmy Xerri u Mons. Salv Muscat, Arċipriet Emeritus. Dan kien jirrappreżenta wkoll mument storiku li fih il-parroċċa, għall-grazzja ta' Alla, **għadha tgawdi minn tliet Arċipriet ħajjin.**





Dan wassal għall-mument sollenni tal-konsagrazzjoni fejn fuq l-artal inġabru flimkien il-Kapitlu, Kleru u numru sabiħ ta' Abbatini flimkien ma' konċelebranti oħra li ngħaqdu mal-Isqof u l-Arċipriet il-ġdid f'dan is-sagrament li ħallielna Ġesù stess fil-jum tal-Aħħar Ċena. Segwa r-Rit tat-Tqarbin, il-mument mistenni minn dawk kollha li jemmnu li permezz tat-tqarbin nirċievu lil Ġesù ġewwa l-qalb tagħna u hekk insiru ħaġa waħda miegħu. Tqassmet ukoll santa ta' tifkira ddisinjata mill-artist żagħżugħ Naduri Peter Aquilina.











Kien imiss ir-rit tal-għeluq li ma setax jonqos li jieħu xejra kommemorativa. Għalhekk kien xieraq li jsir diskors tal-okkażjoni għan-nom tal-Kunsill Parrokkjali u l-paruċċani kollha, li għamlitu s-Sa. Maria Buttigieg, Segretarja tal-istess Kunsill. Wara kien imiss lill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg biex jindirizza lill-dawk preżenti bħala r-ragħaj spiritwali tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Dawn iż-żewġ diskorsi flimkien mal-prietka li għamel Mons. Isqof Anton Teuma qed jiġu ppubblikati f'din it-tifkira.

L-Arċipriet Dun Krystof, akkumpanjat minn Jamie Buttigieg seminarista min-Nadur li bħalissa qiegħed ikompli l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex, qiegħed bukkett fjuri quddiem l-istatwa devota ta' San Pietru u San Pawl, b'turija ta' imħabba lejn dawn il-patruni. L-istatwa inħarġet min-niċċa apposta għall-okkażjoni.



**Saru r-ringrazzjamenti xierqa** lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex ġiet ċċelebrata din l-Ewkaristija f'din l-okkażjoni tassew memorabbli għall-parroċċa, b'mod speċjali lill-kor u l-mużiċisti li animaw il-quddiesa kif ukoll il-kumitat organizzattiv li ħadem biex ittellgħet il-festa fl-okkażjoni tal-Ingress tal-Arċipriet Krystof Buttigieg. Sar ukoll ringrazzjament xieraq lil Mons. Jimmy Xerri li serva għal 14-il sena bħala r-ragħaj spiritwali tan-Nadur. Ma setgħetx tonqos ċapċipa mistħoqqa! Il-Konċelebrazzjoni Sollenni intemmet bil-Barka tal-Isqof Mons. Anton Teuma u tal-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg.





Il-konċelebranti flimkien mal-abbatini niżlu lura proċessjonalment għas-sagristija akkumpanjati mill-kant tal-aħħar. Il-kant kollu waqt il-quddiesa ġie esegwit bis-sehem tal-korijiet kollha tal-Parroċċa tan-Nadur, il-kor 'Jubilate Deo', il-Kor taż-Żgħażagħ u dak tat-tfal, immexxija minn Mro. Antoine Theuma, Maestro di Cappella. Il-grupp tal-Abbatini tal-parroċċa qeda l-funzjonijiet liturġiċi fuq l-artal. Animaw il-quddiesa Mark Azzopardi u Maria Xuereb.



Wara l-quddiesa kulħadd kien mistieden għall-festin li ġie ppreparat apposta fi Pjazza 28 ta' April 1688 fejn din il-ġurnata storika ntemmet b'mod aktar informali f'atmosfera komunitarja.



Din iċ-ċelebrazzjoni kienet immarkata b'mumenti sbieħ u uniċi, kemm fuq l-artal kif ukoll fis-sagristija. Ma stajniex ma naqsmux mal-komunità tan-Nadur kif ukoll ma' dawk kollha li jaqraw din il-pubblikazzjoni, uħud minn dawk il mumenti li laqtuna, filwaqt li nkomplu nħeġġu lill-Insara kollha biex ikomplu jitolbu għall-vokazzjonijiet.

















# DISKORS TA' *Merħba*

## MIS-SEGRETARJA TAL-KUNSILL PARROKKJALI MARIA BUTTIGIEG



Hu verament mument ta' ferħ kbir għalija li wara erbatax-il sena nerġa' nkun jien li nagħmel dan id-diskors ta' merħba bħala segretarja u f'isem sħabi, membri fil-Kunsill Parrokkjali, lilek għażiż Fr. Krystof, bħala l-arċipriet il-ġdid għall-parroċċa tagħna.

Kien nhar it-Tnejn 15 ta' April, 2024 li ħarġet xniegħa li Mons. Isqof Anton Teuma ħatar arċipriet ġdid għall-parroċċa tagħna.Tant kien ilhom jixterrdu dawn ix-xnigħat li tibda ma temminhomx, imma din id-darba x-xniegħa kienet verità.Wara erbatax-il sena l-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex qed terġa' tara bidla fir-ragħaj spiritwali tagħha fil-persuna żagħżugħa, ferrieħa, daħkana ta' Dun Krystof Buttigieg.

Il-ġenituri tiegħek, l-għażiż missierek, Sammy Buttigieg min-Nadur u l-għażiża ommok Frances Muscat minn ta' Sannat, ingħaqdu fiż-żwieġ u bnew il-bejta tagħhom ġewwa r-raħal tal- Qala. Kien nhar is-26 ta' Lulju 1986, festa ta' Sant'Anna, li inti ferraħt tant lill-ġenituri tiegħek bit-twelid tiegħek. Min jaf kemm hi ferħana u x'titbissimlek mis-sema l-għażiża ommok. Min jaf kemm qed titlob għalik biex il-Mulej jgħinek, isaħħek u jiggwidak fil-ministeru ġdid u tqil li ppreżentalek.

Il-kbir fost żewġt aħwa. Krystof u Marouska. Tgħammidt fil-parroċċa tal-Qala. Ħadt l-edukazzjoni tiegħek ġewwa l-gżira ċkejkna tagħna, Għawdex, l-ewwel fl-iskola primarja tal-Qala, wara fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, fl-iskola Sir Mikelanġ Refalo u erġajt lejn is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fejn bdejt il-kors ta' formazzjoni u dixxerniment, din id-darba fis-Seminarju Maġġuri. Sa minn età żgħira kont tagħmel parti mill-grupp tal-abbatini tal-Qala. Il-ħajja tal-parroċċa u r-relazzjoni li kellhom is-saċerdoti mal-parruċċani ħajruk u wittewlek it-triq biex issegwi l-vokazzjoni saċerdotali tiegħek, kif fil-fatt għamilt. Għamilt is-sena intermedjarja ġewwa Ruma fil-parroċċa ta' Sant'Injazju t'Antijokja. Matul din is-sena kellek ix-xorti li taħdem bħala gwida turistika fil-katakombi ta' San Sebastjan fuq l-Appia Antica u studjajt kors tal-arti paleokristjana fl-Università Gregorjana. Fil-parroċċa kont issegwi partikolarment il-gruppi ta' tfal u żgħażagħ speċjalment biex torganizza s-summer camps. Irċevejt id-djakonat mill-Eċċelenza tiegħu Mons. Isqof Mario Grech (illum Kardinal) fl-20 ta' Ġunju 2010 u ħaddant is-saċerdozju minn idejn l-istess Isqof, Mario Grech nhar it-28 ta' Mejju 2011. Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħek inti ħallejt ix-xtut tagħna biex tkompli l-istudji tiegħek ġewwa Ruma, il-Belt Eterna. Hemm studjajt l-Patroloġija, studju sfiq dwar il-missirijiet tal-knisja. Irnexxielek tikseb l-ewwel il-Liċenzjat fl-2016, u iktar tard fl-2021, id-dottorat fix-Xjenzi Patristiċi mill-Istituto Patristico Agostinianum. Fiż-żmien li inti qattajt f'Ruma ħdimt fil-parroċċa ta' Santa Chiara (Vigna Clara) bejn l-2011 u l-2017; fil-parroċċa ta' San Vigilio (EUR-Laurentina) u fil-pastorali vokazzjonali djoċesana bħala Viċi-Rettur tal-komunità tas-Seminarju Minuri mill-2019 sal-2021. Kont ukoll tmur taqdi bħala kollaboratur fil-parroċċa San Pio X (Balduina) l-iktar fuq xogħol mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Ġejt imsejjaħ lura fil-gżira ċkejkna tagħna f'Settembru tal-2021. Mons. Isqof Anton Teuma ħatrek bħala Vigarju Parrokkjali fil-parroċċa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ Għawdex. Ħadt ħsieb ukoll l-uffiċċju

tal-katekeżi djoċesana u kont responsabbli mill-pastorali djoċesana tal-familja. Qdejt ukoll bħala direttur spiritwali tal-istaff u l-istudenti fil-Gozo College Middle School.

Nhar il-15 ta' April ta' din is-sena, 2024, l-Isqof ta' Għawdex, l-Eċċellenza tiegħu Mons. Anton Teuma, waqt quddiesa li ġiet iċċelebrata fil-Kolleġġjata Bażilika tar-raħal tagħna, in-Nadur, ħabbar li Dun Krystof Buttigieg qed jassumi r-responsabilità ta' Amministratur Parrokkjali tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur b'mod immedjat.

Fatt interessanti huwa li din hija l-ewwel darba fl-istorja tal-parroċċa tan-Nadur, sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha fl-1688, li fl-istess waqt għandna tliet arċipreti li servew lill-parroċċa tagħna li għadhom ħajjin u attivi: Mons. Salv Muscat li serva mill-1982 sal-2010; Mons. Jimmy Xerri li serva mill-2010 sal-2024 u issa Dun Krystof Buttigieg li qed jibda l-parrokat uffiċjali tiegħu llum it-28 ta' Settembru 2024.

Għażiż Dun Krystof, xħin qgħadt nirrifletti ftit, irrealizzajt kif l-Id setgħana tal-Mulej ħadmet fik u għalkemm għadek pjuttost żgħir fl-età, però għandek esperjenza vasta ta' diversi sitwazzjonijiet diffiċli li sikwit tippreżentalna l-ħajja, u inti kont kapaċi tirbaħħom kollha u mhux biss, anzi, bid-direzzjoni spiritwali tiegħek, tgħin oħrajn biex joħorġu minn xi saram li jkunu daħlu fih. Is-seħer u l-ġmiel tas-sejħa hu li int aċċettajt u kkorrispondejt magħha b'idejk miftuħa, kien fejn kien u fi kwalunkwe sitwazzjoni li sibt ruħek fiha. Ma bżajtx mill-isfidi, problemi, solitudni, li ħallejt il-comfort zone tal-familja fejn kont issib kollox lest, għall-kuntrarju ntfajt b'ruħek u ġismek biex twettaq dmirijietek bl-akbar impenn u akkuntabilità.

L-esperjenza tiegħek illum hija waħda vasta. Fix-xogħol tiegħek, kemm f'pajjiżna u kif ukoll 'il bogħod minn xtutna, ltqajt ma' ħafna drawwiet u kulturi differenti u kont kapaċi taħdem man-nies u tagħmel il-ġid fl-erwieħ minkejja d-diversità u t-twemmin tagħhom. Għamilt ħafna ġid ukoll bil-ħeġġa tiegħek għall-palk u ħloqt kemm-il tbissima b'xi serati divertenti li kont ittella' maż-żgħażagħ. Gawdejna wkoll minn artikli li ktibt f'diversi rivisti fuq il-Patroloġija. Kompli żewwaq il-bullettin b'dawk l-erba' kelmiet sbieħ, mimlija tagħlim u ta' interess kbir, li tikteb kull ġimgħa skont iċ-ċirkostanzi li nkunu għaddejjin minnhom.

Għażiż Arċipriet, bħalma dħalt fi qlub in-nies ta' kull raħal, parroċċa, djoċesi jew pajjiż fejn qdejt, naċċertak li hekk ukoll dħalt fi qlubna n-Nadurin, li lqajniek mill-ewwel b'idejn miftuħa u b'imħabba, meta ġejt fostna bħala t-tmien arċipriet tal-parroċċa għażiża tagħna taħt il-patroċinju tal-Prinċpijiet tal-Appostli San Pietru u San Pawl. Fi ftit ġimgħat irnexxielek bil-kariżmi li Alla l-Imbierek żejnek bihom, tiġbed lil bosta biex jagħtu għajnuna kull fejn jistgħu biex b'hekk tissaħħaħ l-għaqda fil-parroċċa. Nitolbu biex Alla l-Imbierek ikompli jagħnik b'għaqal u dehen u jużak bħala għodda biex tressaq lejh il-merħla fdata f'idejk. Xejn ma hi biċċa xogħol faċli u fiha ħafna x'tomgħod, però taqtax qalbek għażiż arċipriet. Għal Alla m'hemm xejn li ma jistax isir. Dan jista' jitwettaq u jeħfief bit-talb u bil-koperazzjoni tagħna lkoll. Naf li għandek għal qalbek kull kategorija tas-soċjetà: il-familja, l-anzjani, iż-żgħażagħ, it-tfal, il-morda, il-foqra, għax fil-laqgħat li kellna dejjem tinsisti li tixtieq tara s-sehem ta' kulħadd fil-ħajja tal-parroċċa. Tixtieq li jkun hemm katekeżi għal kulħadd għax it-tagħlim jgħinna nifhmu s-sens ta' kulma nagħmlu f'ħajjitna, u jdewwaqna mill-għerf tal-Ispirtu ta'Alla. Insiru nafu lil Alla, nidħlu fi ħbiberija w insaħħu din il-ħbiberija tagħna Miegħu.

Issa għeżież ħuti Nadurin x'ser ikun is-sehem tagħna? Kif ser inwieġbu għal din is-sejħa? Lil Dun Krystof qed inqisuh bħala rigal ta' Alla lill-parroċċa, bħala l-bniedem ideali biex imexxina 'l quddiem, speċjalment fil-qdusija w l-ispiritwalità? Kif ser ngħinuh? Tgħid ser nippruvaw infarfru kull responsabilità billi ngħidu: "Jien mhiniex kapaċi" jew "waħdi x'nista' nagħmel?"

Ħbieb, din hi okkażjoni speċjali. Ejjew nuru bil-fatti li aħna disposti ngħinu lill-Arċipriet Krystof Buttigieg biex Kristu jkun aktar magħruf u maħbub. Nistgħu ngħinuh bit-talb, bis-sagrifiċċji, u billi noffru s-servizzi tagħna skont il-kapaċitajiet tagħna mingħajr indħil żejjed u mingħajr ma nkunu ta' xkiel billi naċċettaw l-ordnijiet u t-twissijiet tiegħu. B'hekk inkunu qegħdin nawgurawlu, tassew u mhux bil-kliem biss, biex il-parrokat tiegħu fuq l-eżempju w it-tagħlim tal-għeżież patruni tagħna u kolonni tal-knisja Pietru u Pawlu jħalli ħafna ġid u barka fuq il-familji tagħna, fuq il-parroċċa għażiża tagħna u fuq is-soċjetà kollha.

Awguri u AD MULTOS ANNOS.

# OMELIJA TAL-E.T. MONS ANTON TEUMA, ISQOF TA' GĦAWDEX

## fl-Okkażjoni tal-Pussess tal-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg

28 ta' Settembru 2024

Kolleġġjata Bażilika ta' San Pietru u San Pawl in-Nadur - Għawdex

Inġbarna flimkien illejla biex naqilbu paġna u nkomplu naqraw il-ktieb, biex nagħmlu pass ieħor fil-mixja tagħna tal-fidi. Din il-mixja ma tiddependix biss mill-Arċipriet - minn Dun Krystof - ma tiddependix biss mis-saċerdoti tal-parroċċa, lanqas mis-saċerdoti l-oħra tad-djoċesi li hawn jakkumpanjaw lil Dun Krystof f'dan il-mument għażiż, imma tiddependi minna lkoll. Minna lkoll, b'mod speċjali minnkom poplu għażiż ta' dan ir-raħal iddedikat lil Pietru u lil Pawlu, iż-żewġ nirien, iż-żewġt idwal kbar tal-Knisja. Il-qari tal-lum, b'mod speċjali l-Vanġelu (MK 9, 38-43, 45, 47-48) jagħti direzzjoni ċara, għażiż Arċipriet, ta' dak li għandek tagħmel b'mod prattiku fil-missjoni tiegħek. Direzzjoni ċara daqs il-kristall. U timmaġinawx li dan il-Vanġelu għażlu l-Arċipriet, jew għażiltu jien jew min qiegħed jieħu ħsieb iċ-ċerimonja. Le. Dan il-qari tal-Vanġelu tal-lum tagħżlu għalina l-istess Knisja. Huwa l-qari li jmiss, il-Vanġelu tal-Ħadd.

### L-għira

U nixtieq nibda b'mistoqsija: X'tah fastidju lil Ġwanni biex imur fuq Ġesù u jgħidlu: 'Mgħallem, wieħed raġel, li soltu ma jkunx magħna rajnieh ikeċċi x-xjaten f'ismek ... hu mhux wieħed minn tagħna.' (MK 9, 38) X'taħsbu li tah fastidju lil Ġwanni? X'kienet il-problema ta' Ġwanni? X'taħsbu li kienet? Hawn xi ħadd tiġih xi ħaġa f'rasu? Kelma waħda rrid: l-għira. L-għira: għax għamilha hu u m'għamilthiex jien. L-għira. U x'inhi l-għira? Meta jien sfortunatament ma napprezzax biżżejjed dak li jien u dak li nagħmel u ta' ħaddieħor narah ikbar, isbaħ u aħjar. Jew agħar u agħar, jien noqgħod bi kwieti ma nagħmel xejn għax ma rridx nitħabat, ma rridx taħbit u nilmenta u ngerger u nikkritika dak li jagħmel ħaddieħor. L-għira: meta t-tajjeb ma nibqax niggustah bħala tajjeb u bħala sabiħ, għaliex? Għax tagħmlu int u ma nagħmlux jien. U jekk tagħmlu int ħa tieħu l-merti int u mhux jien. Jekk jien nara qassis jipprietka aħjar minni, jagħmel il-laqgħat aktar minni, isejjaħ iktar nies minni u jien flok li ngħid: 'kemm hu bravu, kemm qiegħed jaħdem sew, kemm nieħu gost narah miexi 'l quddiem, flok li ngħid hekk, nibda ngħid: 'imma, imma, imma' u nikkritika minn hawn u minn hemm, inkun qiegħed nagħmel preċiż bħal Ġwanni. Preċiż bħal Ġwanni.

Issa ħudu l-organi tal-parroċċa tagħkom. Din hija xi ħaġa li tant ngħixu ġo fiha li lanqas nindunaw li nkunu niżbaljaw. Lanqas nindunaw. Araw pereżempju fil-politika x'jiġri. Dak li jagħmel l-abjad kollu ħażin, anke meta jkun tajjeb. Dak li jagħmel l-iswed kollu tajjeb, anke meta jkun ħażin. X'hemm fin-nofs? X'hemm? Il-jien. Il-Jien! Li m'inhiex kapaċi ngħid: 'Dik xi ħaġa sabiħa,' anke jekk min għamilha ma naqbilx miegħu. U flok li nkompli nippromwovi, ngħin, nsostni u nissapportja, le, nara kif nagħmel il-bsaten fir-roti, infixkel. Din tiġri ġol-parroċċi, tafux? Ma nafx, forsi n-Nadur meħlusin minnha intom.

### Il-Komunjoni

U allura dan huwa wieħed mix-xogħlijiet ta' Dun Krystof. U din lil Dun Krystof se ġġiegħlu jbati. Se ġġiegħlu jbati, biex ma ngħidx 'oqgħodu attenti intom biex ma ġġiegħluhx ibati,' għax is-saċerdot irid ifittex it-tajjeb, is-sabiħ u ma jridx joqgħod jiġi jisma' lil dik u lill-oħra: 'isma' għax dik l-ixkupa ma poġġithiex f'postha mbagħad wara li naddfet.' U s-Santa Marija! Jekk sibtha l-ixkupa mur naddaf u iġborha lura f'postha! Nibdew infettqu, infettqu, infettqu. Għaliex? Għax l-aktar importanti ma jibqax li nagħmlu t-tajjeb, is-sabiħ, li nimxu wara Ġesù, mhux dak l-importanti, le imma li jekk jista' jkun ikun hemm il-jien, jidher ħafna il-jien. U din hija battalja, hija ġlieda li għandu kull wieħed u waħda minna. Ara taħsbu li jien meħlus minnha. Kollha kemm aħna qegħdin fiha. Għalhekk il-Vanġelu hu ta' veru. U allura, Dun Krystof, waħda mill-missjonijiet il-kbar tiegħek hi li tipprietka l-komunjoni. Il-komunjoni, l-għaqda.

Ħa jkun hemm diversi għaqdiet fil-parroċċa, mela le. Però jkunu jittradixxu l-isem tagħhom, ta' għaqda - għaqda tal-armar, għaqda tan-nar, għaqda tal-festa, għaqda ma nafx ta' xiex, għaqda tal-Azzjoni Kattolika - ikunu jittradixxu l-kelma 'għaqda' jekk imbagħad bejniethom huma ħolqa 'l hawn ħolqa 'l hemm u ħolqa 'l hinn u mhumiex katina. U biex tkun katina trid ġlieda, sforz. U intom għandkom eżempju: Pietru u Pawlu. Eżempju kbir. Pietru u Pawlu, dawn kienu tnejn - ftit huma l-parroċċi li għandhom żewġ patruni, tnejn - u dawn it-tnejn, għalfejn tnejn? Għax jurukom il-komunjoni. Jurukom l-għaqda. Jurukom il-bżonn li jkun hemm il-ftehim. U l-ftehim ma jiġix waħdu. Ara kemm huwa attwali l-Vanġelu, dan l-istess diskors għamlu Pawlu f'waħda mill-ittri tiegħu: '...hemm fostkom min jgħid: "Jien ta' Pawlu," u ieħor: "Jiena ta' Apollo." U Pawlu qalilhom: 'Allu hu li kabbar.' (1 Kor 3, 4-6) U jekk hemm il-ġid, jekk hemm it-tajjeb, hemm l-Ispirtu ta' Alla li rridu nirrispettaw. U rridu niġġeddu, nitħabtu - ta' veru nitħabtu

- mhux issa kif noħorġu minn hawn ninsew u nerġgħu nibdew infettqu. Ta' veru rridu nitħabtu bħala nsara u ngħidu: 'isma' din hija ġlieda li rrid nagħmel kontra tiegħi nnifsi, li t-tajjeb hu iktar importanti milli jekk nagħmlux jien jew le, anke jekk għamlu ħaddieħor, jibqa' tajjeb, jibqa' sabiħ.'

## It-tazza tal-ilma

Allura din l-ewwel missjoni tiegħek Father Krystof. Din il-missjoni hija tagħkom din. 'Min jagħtikom tazza ilma x'tixorbu għax intom tal-Messija, ngħidilkom is-sewwa li ma jibqax mingħajr il-ħlas tiegħu.' (Mk 9, 41) X'jiġifieri tagħti tazza ilma? Dun Kyrstof u s-saċerdoti tal-parroċċa għandhom bżonn il-kollaborazzjoni ta' kulħadd. Għalhekk Ġesù jitkellem minn tazza ilma. Tazza ilma hawn ġew kulħadd kapaċi jagħtiha. Hekk jew le? Kulħadd kapaċi jmur jimla tazza ilma u jagħtiha. Għax kulħadd għandu x'jagħti. Kulħadd jista' jagħti sehmu. M'hemmx ragħaj mingħajr merħla. Ministru bla portafoll. M'hemmx merħla mingħajr ragħaj. M'hemmx. Imma flimkien, flimkien, ragħaj u merħla ma' xulxin. Smajnieh it-tieni qari (Ġak 5, 1-6). Kull wieħed u kull waħda minnkom għandu t-tazza tal-ilma partikulari, speċifika, tiegħu x'joffri, x'jagħti. Li jekk ma tagħtihiex int fil-parroċċa ma jtihiex l-ieħor, però rridu nagħtuh bi spirtu ta' dak li għadna kif għidna. U hawn il-ġlieda, fl-ispirtu ta' dak li għadna kif semmejna! Sempliċiment bħala qadi, bħala qaddej. Issa jekk ġejtx rikonoxxut, ma ġejtx rikonoxxut, qalulix u ma qalulix, u ħallewni barra. U kemm ftietaq u problemi. Problemi li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li jixtieq il-Mulej Ġesù minna.

## Il-kollaborazzjoni

Allura hawnhekk hija sejħa għall-kollaborazzjoni ta' kulħadd. Ara kemm qegħdin nies hawnhekk. Qegħdin ħafna nies illejla hawn. Hekk, xena sabiħa. Intom m'intomx tarawha. Jien qed naraha minn hawn fuq. Tassew sabiħa. Hekk, din il-familja, din il-komunità illi qiegħda tagħmel dan il-pass ieħor fil-mixja tagħha. Kieku llejla kull wieħed u kull waħda minna li hawn hawnhekk ngħidu: 'isma', kif nista' ngħin jien fil-parroċċa?' Mhux billi noħloq, fejn naf jien, grupp ieħor tal-armar. Dak ukoll jgħin. Però dak jgħin lill-kultura, mhux se jgħin il-ħidma pastorali tal-Arċipriet. Ngħin billi npoġġi lili nnifsi għad-dispożizzjoni ta' min qiegħed imexxi, mhux jikkmanda, imexxi. Imexxi jiġifieri jimxi quddiem. Dak hu li jmexxi, mhux jikkmanda u jibbossja. Jimxi quddiem. Inpoġġi lili nnifsi u l-kapaċitajiet tiegħi għad-dispożizzjoni ta' min qiegħed imexxi u ngħidlu: 'isma', jien hawnhekk qiegħed biex naqdi. Issa jekk għandek bżonni sewwa, jekk m'għandekx bżonni noqgħod bi kwieti'. Imma kemm tkun ħaġa sabiħa li kieku kollha kemm aħna npoġġu għad-dispożizzjoni ta' Dun Krystof il-kapaċitajiet tagħna b'sens ta' qadi. Ngħidilkom illi ma jkunx hawn wisa' fil-knisja għan-nies. Hekk ngħidilkom. Jaħasra veru l-missjoni, l-appostolat, hu xi ħaġa verament kumplessa u kbira, xi ħaġa ta' Alla, imma xi ħaġa sempliċi: ta' relazzjonijiet, titkellem ma' dak, titkellem ma' dik, titkellem mal-ieħor u titkellem mal-oħra. Tistieden lil dak, kelma sabiħa lil dak, kelma tajba lill-ieħor. Dan hu l-appostolat. Dan hu l-mod kif timxi l-fidi. U allura t-tieni biċċa xogħol li jitlob il-Vanġelu, jitlobha lilkom, li tagħtu tazza ilma.

## Id-direzzjoni mill-Kelma t'Alla

It-tielet biċċa xogħol u l-aħħar waħda li jitlob il-Vanġelu. Il-parroċċa mhix azjenda, mhix kumpanija. Il-parroċċa mhix VO, mhix għaqda ta' volontarjat. Il-parroċċa mhix fondazzjoni. Il-parroċċa m'għandhiex f'moħħha l-iskop li tagħmel il-flus. Il-parroċċa m'għandhiex l-iskop li tkun l-aqwa u l-aħjar. Tinsewx l-ewwel biċċa tal-Vanġelu: l-ewwel biċċa tal-Vanġelu – l-aqwa u l-aħjar. L-aqwa u l-aħjar għax hemm il-jien. Il-*pride*. Hemm is-suppervja personali. Le. Il-parroċċa mhux dak l-iskop tagħha. Il-parroċċa l-iskop tagħha hu li timxi wara Ġesù bil-kappillan fuq quddiem nett, li jimxi wara Ġesù u jekk tridu timxu wara Ġesù lill-kappillan tagħkom, lill-Arċipriet tagħkom, tridu tħalluh jagħtikom direzzjoni. Tridu tħalluh jgħidilkom, skont Ġesù, fl-għajnejn ta' Ġesù x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin.
Il-parti tal-aħħar tal-Vanġelu niftakruha: '... idek ... aqtagħha barra ... riġlek ... aqtgħu barra ... għajnek ... aqlagħha barra ...' (Mk 9, 43-47) biex ma tagħmilx il-ħażen. Qed ngħixu f'dinja fejn kulħadd jagħti l-permess lilu nnifsu li jagħmel li jrid. Imbagħad, hux hekk, il-konsegwenzi ngħixuhom kollha kemm aħna: inkwiet, dwejjaq, stress, dipressjoni. Imma kulħadd jagħmel li jrid sadanittant għax m'għandniex direzzjoni. M'għandniex direzzjoni. Ħalluh lill-Arċipriet jagħtikom direzzjoni, flimkien mas-saċerdoti sħabu. Aċċettawha d-direzzjoni li jagħtikom mhux bħala sottomissjoni, sempliċiment umana. Le. Imma bħala att ta' smigħ. Att ta' ubbidjenza lejn il-Kelma t'Alla. Il-Kelma 'ubbidjenza' hija magħmula minn żewġ kelmiet: 'ob', 'audire' – mis-smigħ. Aħna ngħiduha: 'Isma' minni, obdini, isma' minni'. Imma għalfejn, biex imexxi, biex ikun il-kmand? Serrħu raskom li lil Dun Krystof nafu ftit. Żgur li m'għandux f'moħħu li jikkmanda, li jibbossja. Żgur li mhux it-tip. Assolutament mhux it-tip. Però ħalluh jagħtikom direzzjoni li jagħtihielkom mill-Kelma t'Alla. Mhux il-kelma tiegħu. Il-Kelma t'Alla. Ħalluh jgħinkom toqorbu lejn Ġesù. U meta noqorbu lejn Ġesù jkun jaqbel lilna. Ma ninsewx kif fil-Vanġelu qabel ma Ġesù jgħid ' idek ... aqtagħha barra, riġlek ... aqtgħu barra, għajnek ... aqlagħha barra ...' jgħid kelma interessanti ħafna: 'jaħbatlek aħjar' (Mk 9, 43-47), ikun jaqbillek. Mela jaqbel lilek, ikun jaqbillek jekk .... Ikun jaqbillek, jaqbel lilek. Jaqbel lili, jaqbel lilna li nimxu skont il-kelma ta' Ġesù.

Il-Mulej jagħtikom li f'dan il-pass ġdid li qegħdin tkomplu - għax ilkom li bdejtuh ma' Dun Krystof - toqorbu ftit iktar lejh fuq l-eżempju tal-qaddisin il-kbar tagħkom Pietru u Pawlu.

# DISKORS TAL-ARĊIPRIET
## FIL-BIDU TAL-MINISTERU PASTORALI TIEGĦU FIN-NADUR
28 ta' Settembru 2024

Issa ilkom tisimgħu diskorsi u prietki minn tiegħi... naħseb li drajtuni xi ftit... jekk le għad baqa' ċans avolja dan l-aħħar kont qed ngħid li għadni mank bdejt u daqt nitlaq... biċ-ċajt imma.

Min jaf kemm għad tridu tissaportuni... mhux tissapportjawni biss.
Anke tissaportuni.
Hekk il-ħajja ta' flimkien... nieħdu paċenzja b'xulxin.
Għax persuna ssir tafha sew meta tibda tgħix magħha...
meta toqgħod magħha.
Mhux tgħaddi siegħa magħha biss,
hekk tkun ħafna *easy* u *smooth* il-ħaġa.

Imma meta toqgħod fit-tul, trid tkun lest li tieħu paċenzja, taħfer u tħobb.
Jien għalhekk aċċettajt it-talba tal-Isqof biex niġi n-Nadur...

- Mhux biex neħodha *easy* u kollox jimxi *smooth*
  għax qaluli li n-Nadur hawn ħafna nies jgħinu u jħobbu l-Knisja... u veru!
- U lanqas biex nikber, għax qaluli: "eh x'unur in-Nadur... prosit ħej... jixraqlek"
  in-Nadur jagħmillek unur... mela le? ...fl-aħħar mill-aħħar jien demmi min-Nadur ukoll.

Veru kollox... imma aċċettajt fuq kollox biex jien u niġi noqgħod magħkom,
u hawn magħkom nikber, x'ħin nitgħallmu nieħdu paċenzja b'xulxin; inħobbu lil xulxin kif aħna; u naħfru lil xulxin meta ma nkunux kif suppost għandna nkunu.

Dik hi l-Knisja... din hi l-ħajja tal-komunità u jien fuq dan irrid naħdem l-iktar. Għax hekk iridna l-Mulej Alla...
iridna nikbru, u ma nibqgħux tfal żgħar,
iridna nies ta' veru, ġenwini fil-qalb,
iridna persuni sodi u li jaħsbu u jimxu skont l-Ispirtu Tiegħu, mhux kif timxi d-dinja...

Għalhekk Alla "jridna niġu l-Knisja", u jien ħa noqgħod niġri warajkom biex tiġu
(basta ma tgħejjunix imma). Mhux biex ngħidu "kemm għandna nies",
imma biex aħna u niltaqgħu u naffaċċjaw lil xulxin, NIKBRU.
Nikbru, għax xħin naħbtu ta' sikwit f'xulxin, ikollna nitgħallmu nieħdu paċenzja, naċċettaw, inħobbu u naħfru lil xulxin...

Hekk magħmula l-ħajja... k'tingħalaq id-dar waħdek, timrad.
Jien dan nitlob: Jalla ħadd ma jibqa' jħossu barra, jalla kulħadd isib postu fil-Knisja tagħna,
jalla kull wieħed u waħda minnkom xħin tiġu hawn
tindunaw kemm Alla jħobbkom u jridkom miegħu...
Alla hekk irid: isalvana, biex ma nintilfux fix-xejn.
Hu għamilna... u jaf kemm niswew...

Imma itolbu għalija... ħafna... għax jekk naqa' għat-tentazzjoni li nipprova nagħmel dan kollu waħdi biex inkun il-qassis bravu tar-raħal, nispiċċa nitqanżaħ koċċ u nwelled ir-riħ.

Imma nirringrazzja lil Alla, l-ewwelnett tal-wirt sabiħ li ħalla Dun Jimmy f'din il-parroċċa u wkoll talli għandi grupp ta' saċerdoti tajbin miegħi, li diġà qed jgħinuni u jiġbduli l-attenzjoni fuq ċertu affarijiet... saċerdoti li jħobbukom ħafna. Għalhekk ma naqtax qalbi, għax ftit ftit qed niskopri anki lilkom u kull meta qed niltaqa' personalment ma' xi ħadd qed nispiċċa ngħid... kemm għandi nies tajbin in-Nadur.

Il-Mulej iberikna u jħarisna.
U jien min-naħa tiegħi ħa nkompli dejjem nitlob għalikom biex f'kull sitwazzjoni tal-ħajja ssibu lil Alla magħkom...
U dan jagħmel ħajjitna veru sabiħa... kif kienu sbieħ dawn l-ewwel xhur magħkom, għax veru sibtkom miegħi.
Grazzi. Grazzi kbira mill-qalb.

# MESSAĠĠ MILL-ARĊIPRIET EMERITU
## MONS. SALVU MUSCAT

Fit-28 ta' Settembru 2024, il-Parroċċa tan-Nadur iċċelebrat il-pussess ta' Dun Krystof Buttigieg bħala Arċipriet tagħha. L-Arċipriet Krystof huwa t-tmien Arcipriet tal-parroċċa tan-Nadur u s-16-ir-Ragħaj Spiritwali mindu ġiet imwaqqfa l-parroċċa.

Iċ-ċerimonji li twettqu fil-quddiesa tal-pussess fil-preżenza ta' Mons. Isqof Anton Teuma kienu dawk li normalment jiġu segwiti fl-għoti tal-pussess tal-arċiprieti u huma ferm sinjifikanti.

Il-mumenti prinċipali jinkludu dawk meta l-Arċipriet: jingħata ċ-ċwievet tal-Knisja mingħand l-Isqof; jiftaħ it-Tabernaklu; jidħol fil-Konfessjunarju; idoqq il-qniepen; jingħata l-ġurament ta' fedeltà.

Ċerimonji li jindikaw x'ser ikun id-dmir tal-Arċipriet il-ġdid. Il-pussess jitwettaq f'jum wieħed determinat; ikun jum sabiħ, jum ta' festa li fih il-poplu tal-parroċċa jkun mistieden biex jattendi għal dik l-okkażjoni biex jilqa' fostu u jifraħ lill-arċipriet il-ġdid. Iżda l-missjoni tal-arċipriet tibda l-għada. Vjaġġ kollu tama fl-għajnuna mis-sema.

Il-missjoni tal-arċipriet issa hija l-kura tal-merħla l-ġdida li l-isqof jafda f'idejh. Din il-Missjoni ta' Ragħaj mhix dejjem tkun waħda faċli, għax, kif qalilna Ġesù: il-qaddej mhux aħjar minn sidu. Matul il-parrokat ikun hemm mumenti kemm ta' tlugħ u kif ukoll ta' nżul, mumenti sbieħ u oħrajn diffiċli, mumenti ta' qtiegħ il-qalb u oħrajn ta' kuraġġ. U huwa hawnhekk li l-poplu jrid jifhem li huwa wkoll għandu d-dmir li jgħin u jikkollabora mar-ragħaj tiegħu fit-twettiq tal-ħidma pastorali.

Ġesù kien talab minn dawk ta' madwaru biex jitolbu lil Sid il-ħsad jibgħat ħaddiema fil-għalqa tiegħu. Issa Ġesù li sejjaħ fil-għalqa tiegħu lill-Arċipriet biex ikun l-mexxej tagħna, huwa wkoll preżenti u jwieżnu bil-għajnuna tal-grazzja tiegħu. Mingħajr Ġesù l-Parroċċa tagħna ma tistax timxi 'l quddiem spiritwalment. Ġesù qalilna ċar u tond "mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn". Meta fl-1983 kelli l-pussess tiegħi bħala arcipriet ta' din l-istess parroċċa jiena, kont għażilt bħala motto l-vers mis-salm 127: "jekk ma jkunx il-Mulej li jibni d-dar għalxejn jitħabtu l-bennejja".

Aħna s-saċerdoti wkoll irridu nkunu dejjem fil-qrib tal-ħidma pastorali taħt it-tmexxija tal-Arċipriet Krystof. Infatti aħna s-saċerdoti, fost l-oħrajn, ngħinu lill-arċipriet bil-laqgħat tal-Presbiterju Parrokkjali fejn tiġi diskussa l-ħidma li trid tiġi mwettqa u nittrattaw ukoll il-problemi relatati mal-parroċċa.

Il-ħidma tagħna flimkien, msejsa fuq l-imħabba tal-aħwa, jkollha l-barka mis-sema, barka li aħna nixtiequ li tinżel fuq il-parroċċa kollha tagħna fil-bidu tal-ħidma tal-Arċipriet Krystof Buttigieg bħala r-ragħaj spiritwali tagħha.

Tifkira

tal-bidu tal-ministeru pastorali

tal-**Kan. KRYSTOF BUTTIGIEG**

bħala Arċipriet

tal-Parroċċa Kolleġġjata u Bażilika

ta' San Pietru u San Pawl

in-Nadur – Għawdex

illum it-28 ta' Settembru 2024

*Is-Sejħa*, pittura ta' Peter Aquilina, 2024

Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies (Luqa 5:10)




jien naħtrek ministru u xhud ta' dak li rajt u li għad nurik (Atti 26:16)



# Il-Komunità Ewkaristika

**IRENE MEILAK**

Il-Komunità Ewkaristika tħaddan fiha madwar għoxrin membru li jiltaqgħu kull nhar ta' Tnejn biex jistudjaw u jitolbu fuq il-Kelma ta' Alla. Din il-Komunità hija mmexxija minn Fr Mark Bonello.

Il-laqgħat jinqasmu f'ċikli ta' erba' ġimgħat. L-ewwel ġimgħa ssir spjegazzjoni ta' silta mill-evanġelju minn xi membru tal-grupp li hu stess ikun ħejja flimkien ma' Fr Mark u xi ftit mill-membri. Matul il-ġimgħa l-membri mitlubin jirriflettu u jgħixu dak li jkunu tgħallmu. Din l-esperjenza personali mal-Kelma ta' Alla jistgħu jaqsmuha ma' xulxin il-ġimgħa ta' wara. Imbagħad ikun imiss l-Adorazzjoni Ewkaristika fejn isir talb fuq l-istess silta li nkunu qed nistudjaw. Fir-raba' ġimgħa ssir quddiesa u wara naqsmu ftit ikel flimkien, li l-membri stess ikunu ħejjew, dik li tissejjaħ l-*Agape*.

Din is-sena ffokajna fuq l-Evanġelju ta' San Mattew, kapitli 9, 10 u 11. It-temi prinċipali li Ġesù jgħallem u jisħaq fuqhom f'dawn il-kapitli hija l-ħniena infinita tiegħu li tasal li tfejjaq lill-bniedem mill-mard fiżiku u spiritwali. Imma essenzjali għall-fejqan hija l-fidi tagħna fiH. Il-grazzji kollha li nirċievu jridu jwasslu għall-indiema u tisħiħ fir-relazzjoni tagħna miegħu. Rajna kif id-dixxiplu ta' Ġesù jkollu jgħaddi minn persekuzzjoni u tbatija għalhekk jeħtieġ ħafna kuraġġ u sagrifiċċju. Din il-qawwa jagħtihielna biss l-Ispirtu ta' Ġesù. Fl-aħħar ta' kapitlu 11 Ġesù joffri l-mistrieħ lil dawk imtaqqlin mill-ħajja iebsa. F'Ġesù biss insibu s-serħan u l-paċi vera.

Ħafna mill-membri tagħna jammettu li l-Kelma ta' Alla għinithom jikbru fir-relazzjoni tagħhom ma' Alla u tagħtihom il-kuraġġ jaffrontaw l-isfidi tal-ħajja b'mod seren. Meta wieħed jaqsam mal-membri l-oħra tal-Komunità kif qed iħallu l-Kelma ta' Alla tiggwidahom u tmexxihom f'ħajjithom, wieħed ikun qed jagħmel kuraġġ lill-ħaddieħor. Hekk tkompli tikber il-fraternità ta' bejnietna bħala aħwa fi Kristu.

Il-laqgħat jinżammu bejn Ottubru u nofs Ġunju meta jieqfu għax-xhur tas-Sajf. Dawk li jixtiequ jsiru aktar midħla tal-Kelma ta' Alla jistgħu jingħaqdu ma' din il-komunità billi jkellmu lil Fr Mark.



# DAY CENTRE ANZJANI NADUR

LINA MIFSUD

Id-Day Centre tal-Anzjani fin-Nadur ilu miftuħ għal dawn l-aħħar 25 sena. F'dan iż-żmien kiber kemm fin-numru u anke fl-attivitajiet li jiġu organizzati biex inżommu lill-anzjani tagħna attivi u li jibqgħu jżommu kuntatt ma' nies bħalhom li jifhmuhom.

Din is-sena nirringrazzjaw lill-Arċipriet Krystof Buttigieg li għoġbu jagħti dehra isbaħ lis-Sala Parrokkjali li fiha niltaqgħu. Kellna wkoll okkażjoni li ġie jżurna l-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Anton Teuma fejn qaddes għalina u tkellem mal-anzjani kollha. Inroddu ħajr lill-Kunsill Lokali u lis-Sindku Edward Said li dejjem ħa ħsieb jiftakar fl-anzjani b'xi tifkira fil-festi bħall-Milied, l-Għid il-Kbir u Jum l-Omm.





Ħaġa ġdida li pprovajna din is-sena hi li permezz ta' Danica Cassar ta' Wellness Being ġew iżuruna grupp ta' tfal żgħar li kantawlna u għamlu kartolina sabiħa. Anke fil-quddiesa ta' qabel il-Milied stedinna lill-pjanista Ilaria Debono u lill-kantanta Kaitlyn Vella biex janimaw il-quddiesa bil-mużika u kant u wara ferrħu lill-anzjani b'ħafna Christmas Carols.



Għall-ewwel darba din is-sena fil-Ġimgħa l-Kbira organizzajna s-Seba' Visti barra mir-raħal fejn kellna attendenza sabiħa. Kellna wkoll żewġ ikliet flimkien: dik tal-Milied inżammet fil-Grand Hotel u dik tal-Għid il-Kbir ġewwa Villa Fiorita. Fakkarna wkoll ċerti tradizzjonijiet billi ordnajtilhom xi ħaġa tajba ta' żmien il-Milied, San Valentinu, tal-Karnival, u tar-Randan u l-Għid. Dawn huma affarijiet żgħar iżda li għall-anzjani jsarrfu ħafna u għalhekk japprezzawhom.

Issa li qed noqorbu għal żmien il-festa tal-Imnarja nlestu biex niċċelebraw il-festa tal-Patruni Kbar tagħna San Pietru u San Pawl. Nitolbuhom iżommu lilna u lir-raħal tagħna tan-Nadur 'il bogħod mill-hemm u l-inkwiet.

Għan-nom tal-grupp kollu nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

# GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA

ANTONIA SAMMUT

L-aktar avveniment importanti ta' matul is-sena 2024 kienet il-ħatra ta' Fr Krystof bħala l-Arċipriet l-ġdid tagħna u President tal-Għaqda tagħna. Nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna lejn Fr Jimmy Xerri li kien hu li waqqaf din l-għaqda fl-2015 biex tkun ta' sostenn għall-anzjani tagħna u toħloq rikreazzjoni speċjalment għal dawk li jgħixu waħedhom. Fl-istess waqt nilqgħu lill-Arċipriet l-ġdid u nirringrazzjawh għall-impenn tiegħu lejn il-ġid tar-raħal tagħna.

Il-ħarġiet li komplejna bihom din is-sena jinkludu żjara lill-kappelli rurali, lid-djar tax-xjuħ, postijiet storiċi , ħarġiet Malta – dan l-aħħar morna żorna ir-Redentur tal-Isla, xi dawra bid-dgħajsa , ikliet fil-Milied u fl-Għid u BBQ's fis-sajf.

F'Marzu li għadda żorna l-Azjenda Tal-Massar, azjenda tal-familja Hili li tkabbar għeneb addattat għall-klima tagħna u tipproduċi l-inbid minn post li għandhom fix-Xagħra. Il-vinja tinsab f'post imsejjaħ tas-Sisien fl-Għarb hekk kif wieħed jidħol lejn San Dimitri. F'din il-vinja, li hi mtarrġa, wieħed jista' jammira l-kura li jieħdu s-sidien biex ikabbru prodott li jagħti l-aħjar frott. Hemmhekk is-sidien jispjegaw b'passjoni l-proċess tat-tkabbir tal-għeneb u tal-għasir tal-inbid u wieħed ikun jista' jduq l-inbid bnin tagħhom.

Tagħrif dwar il-ħarġiet tagħna jidher b'mod regolari fil-bulletin tal-knisja. Għalhekk, issa li ilna għaxar snin mwaqqfin bħala grupp, nistiednu lil persuni anzjani ġodda biex jingħaqdu magħna u jaqsmu magħna dawn il-mumenti soċjevoli u kulturali fi sfond ta' anzjanità attiva. Dawk li jixtiequ jieħdu sehem f'xi ħarġa jew attività jistgħu jikkuntattjaw lil xi membru tagħna jew isaqsu fl-Uffiċċju Parrokkjali kif ikun avżat fil-bullettin.









# STAĠUN transitorju

**CHARLIE GRECH**

Fil-bidu tal-istaġun 2024-2025, il-kumitat ta' Nadur Youngsters kien iddeċieda li wara erba' staġuni konsekuttivi li fihom irbaħna l-Kampjonat, kien wasal iż-żmien li nibdlu ftit ir-rotta. Ittieħdet id-deċiżjoni li nrawmu aktar tfal minn tagħna, ninvestu f'kowċis tajbin u fl-istess ħin li jkollna tim li bih inżommu postna fejn jixirqilna, fl-ogħla diviżjoni. Inbidlu l-barranin, tħallew jitilqu xi plejers, u dan sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż. Bħala Kowċ tat-tim inħatar Brian Chetcuti, u jgħinuh kellu lil Shaun Meilak u Branco Vrndic.

Bdejna bil-partita għas-Super Cup kontra Qala Saints (li fuq il-karta kienu l-aktar tim kwotat dan l-istaġun) fejn wara prestazzjoni tajba, tlifna 2-1 (gowl ta' Joseph Zammit 77' għal Nadur).

Il-Kampjonat kien jikkonsisti fi 3 rawnds b'6 partiti kull rawnd. Fl-ewwel minn dawn kellna telfiet kontra Għajnsielem (3-4, il-gowls tal-Youngsters ġew minn Brandon Said 30', Joseph Zammit 40', Joseph Xerri 89'), Qala Saints (0-2), draw kontra Xewkija Tigers (0-0) u rebħiet kontra Xagħra United (1-0; Andrè Gabriel Castro Martins 90'+4), S.K. Victoria Wanderers (3-2; Matthias Mercieca 31', Joseph Zammit [pen] 79', [pen] 90'+2) u Oratory Youths (2-0; Andrè Gabriel Castro Martins 18', Diego Pires Dall'Oca 40').

| Klassifika l-Ewwel Rawnd | L | R | D | T | F | K | +/- | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qala Saints | 6 | 6 | 0 | 0 | 18 | 3 | 15 | 18 |
| Xagħra United | 6 | 4 | 0 | 2 | 11 | 7 | 4 | 12 |
| Xewkija Tigers | 6 | 3 | 1 | 2 | 10 | 7 | 3 | 10 |
| **Nadur Youngsters** | **6** | **3** | **1** | **2** | **9** | **8** | **1** | **10** |
| S.K. Victoria Wanderers | 6 | 2 | 0 | 4 | 12 | 13 | -1 | 6 |
| Għajnsielem | 6 | 2 | 0 | 4 | 12 | 17 | -5 | 6 |
| Oratory Youths | 6 | 0 | 0 | 6 | 3 | 20 | -17 | 0 |

It-tieni rawnd kien stupend għal Nadur Youngsters fejn rebħu l-partiti kollha biex spiċċaw fl-ewwel post tal-klassifika. Bdew kontra Għajnsielem (2-1; Andrè Gabriel Castro Martins 48', 62'), Xewkija (2-0; Andrè Gabriel Castro Martins 41', 85'), Qala Saints (2-0; Ian Xuereb 38', Gianluca Muscat 90'+3), Xagħra United (2-0; Matthias Mercieca 35', Gabriel Farrugia 73'), S.K. Victoria Wanderers (3-1; Rafael Conrado Prudente 35', 38', Joseph Xerri 47') u Oratory Youths (7-3; Rafael Conrado Prudente [pen] 17', 23', 70', Brandon Said 29', Joseph Xerri 52', Diego Pires Dall'Oca 62', Igor de Jesus de Santana 67').

| Klassifika t-Tieni Rawnd | L | R | D | T | F | K | +/- | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nadur Youngsters** | **12** | **9** | **1** | **2** | **27** | **13** | **14** | **28** |
| Qala Saints | 12 | 9 | 0 | 3 | 35 | 13 | 22 | 27 |
| Xagħra United | 12 | 7 | 0 | 5 | 24 | 17 | 7 | 21 |
| Xewkija Tigers | 12 | 5 | 2 | 5 | 22 | 19 | 3 | 17 |
| S.K. Victoria Wanderers | 12 | 5 | 1 | 6 | 24 | 26 | -2 | 16 |
| Għajnsielem | 12 | 5 | 0 | 7 | 19 | 29 | -10 | 15 |
| Oratory Youths | 12 | 0 | 0 | 12 | 10 | 44 | -34 | 0 |

It-tielet rawnd beda bil-kbir, rebħa ta' 6-0 kontra Għajnsielem b'gowls minn Rafael Conrado Prudente 4', 17', 45', Brandon Said 8', 48', Diego Pires Dall'Oca 86'. Din kienet l-10 rebħa konsekuttiva fil-kampjonat. Wara din ir-rebħa waslu żewġ telfiet konsekuttivi kontra Xewkija Tigers (0-2) u Qala Saints (0-3), draw kontra Xagħra United (1-1; Matthias Mercieca 45'), telfa oħra kontra S.K. Victoria Wanderers (1-3; Rafael Conrado Prudente 2') u fil-200 partita tal-Captain Steve Sultana ma' Nadur Youngsters, rebħa kontra Oratory Youths (4-0; Diego Pires Dall'Oca 14', 34', Rafael Conrado Prudente 72', 73') biex b'hekk spiċċajna runners-up, 10 punti taħt iċ-Champions il-ġodda Qala Saints, nifirħulhom, waqt li Oratory Youths kienu relegati.

| Klassifika Finali | L | R | D | T | F | K | +/- | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qala Saints | 18 | 15 | 0 | 3 | 54 | 11 | 40 | 45 |
| **Nadur Youngsters** | **18** | **11** | **2** | **5** | **39** | **22** | **17** | **35** |
| Xewkija Tigers | 18 | 9 | 3 | 6 | 33 | 24 | 9 | 30 |
| S.K. Victoria Wanderers | 18 | 8 | 3 | 7 | 43 | 31 | 12 | 27 |
| Xagħra United | 18 | 7 | 1 | 10 | 29 | 40 | -11 | 22 |
| Għajnsielem | 18 | 6 | 2 | 10 | 27 | 44 | -17 | 20 |
| Oratory Youths | 18 | 1 | 1 | 16 | 16 | 66 | -50 | 4 |

Fin-K.O. tal-Ewwel diviżjoni bdejna fil-kwartifinali kontra Għajnsielem, fejn il-Youngsters rebħu 2-0, b'gowls ta' Matthias Mercieca 21' u Andrè Gabriel Castro Martins 64' u kellna telfa kontra Xagħra United (0-1).

Fir-rawnd preliminarju tal-FA Trophy tal-MFA kellna prestazzjoni ferm tajba kontra Valletta. Il-partita spiċċat 1-1 bil-gowl ta' Nadur jiskurjah Andrè Gabriel Castro Martins fit-23 minuta. Fil-ħin barrani Valletta dehru xi ftit aħjar fejn kisbu żewġ gowls oħra li tawhom rebħa ta' 3-1.

Fit-Tazza GFA, it-tieni l-aqwa unur f'Għawdex, Nadur Youngsters bdew b'rebħa kbira fil-kwartifinali, kontra Oratory Youths (9-1). Il-gowls tal-Youngsters ġew minn Andrè Gabriel Castro Martins 7', 60', 70', Luis Gabriel Santos Silva o.g. 35', Joseph Zammit 48', Igor De Jesus De Santana 51', Matthias Mercieca 55', Joseph Xerri 80', Ian Zarb o.g. 87'.

Fis-semifinali sibna lil Qala Saints, friski mir-rebħ tal-ewwel kampjonat tagħhom. Hawn kellna partita ferm missielta fejn sal-ħin regolamentari r-riżultat kien dak ta' 2-2. Fil-ħin barrani, iż-żewġ timijiet skurjaw gowl kull wieħed u meta kulħadd kien jistenna t-tisfira finali u l-penalties, wasal il-gowl tar-rebħa għal Nadur (4-3; Brandon Said 41', Diego Pires Dall'Oca 72', Joseph Xerri 105', Gabriel Olimpio Fernandez 120'+3), fost il-ferħ u l-briju tal-partitarji numerużi tal-Youngsters. F'din il-partita Gianluca Muscat lagħab il-100 partita tiegħu bil-flokk tal-Youngsters.

Il-Finali tat-Tazza GFA kien kontra Kerċem Ajax, friski wkoll mir-rebħ tal-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni, nifirħulhom. Din il-partita ġibdet folla kbira ta' Nadurin lejn il-grawnd u żgur li ma jiddispjaċihomx. Il-Youngsters kisbu rebħa ta' 3-0 sabiex issa jinsabu fl-ewwel post ta' rebħ f'din il-kompetizzjoni bi 11, flimkien ma' Xewkija Tigers. Il-gowls ta' Nadur fil-finali ġew minn Ian Xuereb 2', Brandon Said 21', Olimpio Gabriel Fernandes 56'. Dan kien is-66 Unur Prinċipali li kompla saħħaħ post Nadur Youngsters fl-ewwel post tal-lista ta' rebħ ta' Unuri.

Kien staġun imprevedibbli, però li spiċċa b'nota ferm tajba li jawgura tajjeb għall-futur.

Nixtieq nawgura FESTA qaddisa u mill-aħjar lill-poplu Naduri kollu.

| Skwadra 2024-2025 – F'kemm partiti ħadu sehem u t-total mal-YoungsterS | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Ian Xuereb | 25 | **183** | Sylvan Xuereb* | 16 | **16** |
| Steve Sultana | 25 | **202** | Leander Buttigieg | 12 | **14** |
| Diego Pires Dall'Oca* | 24 | **24** | Andre Gabriel Castro Martins* | 11 | **11** |
| Gianluca Muscat | 24 | **101** | Rafael Conrado Prudente* | 10 | **10** |
| Igor de Jesus de Santana* | 24 | **24** | Daniel Vella* | 6 | **6** |
| Joseph Zammit | 24 | **99** | Karl Hili | 5 | **6** |
| Brandon Said | 23 | **174** | Kurt Xuereb | 3 | **6** |
| Joseph Xerri | 22 | **58** | Michael Paul Camilleri | 3 | **83** |
| Gabriel Farrugia | 21 | **79** | Zak Vella | 2 | **5** |
| Gabriel Olimpio Fernandez* | 21 | **21** | David Portelli* | 1 | **1** |
| Owen Peter Bugeja | 21 | **48** | Duane Bugeja* | 1 | **1** |
| Mattias Mercieca* | 19 | **19** | Gilbert Portelli | 1 | **2** |
| Manwel Gauci* | 16 | **16** | Jake Attard | 1 | **2** |
| *players li ddebuttaw dan l-istaġun | | | | | |

| 2024-2025 Min Skorja | Kampjonat | Tazzi | Total |
|---|---|---|---|
| Rafael Conrado Prudente | 11 | - | 11 |
| Andrè Gabriel Castro Martins | 6 | 5 | 11 |
| Diego Pires Dall'Oca | 5 | 1 | 6 |
| Brandon Said | 4 | 2 | 6 |
| Joseph Xerri | 3 | 2 | 5 |
| Joseph Zammit | 3 | 2 | 5 |
| Matthias Mercieca | 3 | 2 | 5 |
| Ian Xuereb | 1 | 1 | 2 |
| Igor de Jesus de Santana | 1 | 1 | 2 |
| Olimpio Gabriel Fernandes | - | 2 | 2 |
| Gabriel Farrugia | 1 | - | 1 |
| Gianluca Muscat | 1 | - | 1 |
| Ian Zarb o.g. | - | 1 | 1 |
| Luis Gabriel Santos Silva o.g. | - | 1 | 1 |

# Nofs Triq fil-Ġublew tat-Tama 2025

**DUN LORETO TABONE**

Qegħdin f'nofs is-sena tal-Ġublew 2025, sena li bdiet lejlet il-Milied tas-sena 2024 meta Papa Franġisku fetaħ il-bieb tal-Ġublew f'San Pietru fil-Vatikan. Tajjeb allura li nagħtu ħarsa lura u naraw x'sar u b'mod speċjali x'kienu r-reazzjonijiet tan-nazzjonijiet għall-appelli li għamel il-Papa meta sejjaħ dan il-Ġublew. Uħud mill-proposti tal-Papa kienu jolqtu gvernijiet u awtoritajiet, imma oħrajn kienu indirizzati direttament lejna, individwi u komunitajiet Insara madwar id-dinja kollha.

Papa Franġisku sejjaħ dan il-Ġublew bit-titlu "It-Tama ma Tqarraqx", sentenza meħuda mill-ittra lir-Rumani (5:5). Fid-dokument "Spes non confundit" li bih Papa Franġisku kien ħabbar uffiċjalment il-Ġublew, huwa kien qal "It-tama hi wkoll il-messaġġ ewlieni tal-Ġublew li jmiss, li skont tradizzjoni antika l-Papa jsejjaħ kull ħamsa u għoxrin sena....... Jalla l-Ġublew ikun għal kulħadd okkażjoni li terġa' tqanqal fina t-tama" (par 1).

X'kienu l-objettivi ta' Papa Franġisku għal dan il-Ġublew?

**Promozzjoni ta' Ġustizzja Soċjali u Ħniena**

Punti importanti li dejjem ifforma u informa l-pontifikat ta' Papa Franġisku huma l-faqar, il-konflitti u l-inġustizzja. Fid-dokument "Spes non confundit" huwa jenfasizza l-importanza li niffaċċjaw dawn il-kwistjonijiet globali. Huwa jappella għall-maħfra tad-dejn ta' pajjiżi foqra, amnestija għall-priġunieri u impenn serju għal tfittxija għall-paċi u rikonċiljazzjoni.

Dwar il-maħfra tad-dejn li pajjiżi foqra għandhom ma' pajjiżi sinjuri, ir-reazzjoni kienet varja. Kienet aċċettata naturalment mill-pajjiżi li għandhom id-dejn, waqt li l-pajjiżi sinjuri ma tantx kienu entużjasti anke jekk dehru li qed jifhmu l-problema. Għal ħafna pajjiżi, b'mod speċjali fil-kontinent tal-Afrika, is-sejħa li għamel Papa Franġisku biex pajjiżi sinjuri jaħfru almenu xi ftit mid-dejn li għandhom pajjiżi foqra, intlaqgħet b'tama qawwija speċjalment mil-leaders reliġjużi u gruppi ta' karità. Dawn komplew jappellaw lill-gvernijiet ta' G20 biex jindirizzaw dan is-suġġett. Huma enfasizzaw li ħafna pajjiżi fqar qed jallokaw ferm iktar fondi biex iħallsu d-dejn milli biex jibnu servizzi essenzjali bħalma huma s-saħħa u l-edukazzjoni.

Pajjiżi sinjuri taw kas tas-sejħa tal-Papa u x'uħud, bħall-Istati Uniti, ipproponew xi sistema ġdida fejn il-ħlas tad-dejn ikun xi ftit iktar ħanin mal-pajjiżi foqra.

**Anke l-amnestija għall-priġunieri** ntlaqgħet minn xi pajjiżi. F'Jannar tal-2025, il-gvern ta' Kuba ħabbar li se jagħti l-libertà lil 553 ħabsi, u stqarr li dan kien se jsir b'risposta għall-appell tal-Papa.

L-Istati Uniti tal-Amerika biddlet is-sentenza ta' 37 priġunier li kienu kkundannati għall-mewt f'sentenza ta' ħabs għal għomorhom. Din id-deċiżjoni kienet marbuta mal-oppożizzjoni ta' Papa Franġisku għall-piena tal-mewt u b'mod speċjali mal-appell tiegħu għall-klemenza.

Il-Gvern ta' Malta kkommetta li jieħu sehem fil-Ġublew 2025, fost l-oħrajn, billi jiffoka fuq ir-riabilitazzjoni ta' priġunieri. Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin inkluda lil għadd ta' priġunieri biex jipparteċipaw fil-Ġublew tal-Pellegrini tat-Tama li sar f'Ruma bħala parti mill-proċess ta' riabilitazzjoni tagħhom.

Il-gvern Taljan ħa interess kbir fis-sejħa tal-Papa favur priġunieri. L-Italja ma tatx amnestija wiesgħa, iżda kkollaborat mill-qrib mal-Vatikan dwar is-suġġett ta' riabilitazzjoni ta' nies fil-ħabs. F'Settembru 2024 l-Italja u l-Vatikan iffirmaw Memorandum ta' Ftehim, biex

xi ħabsin jieħdu sehem f'xi xogħol ta' manutenzjoni u servizzi soċjali matul il-Ġublew u jingħataw taħriġ professjonali ta' snajja biex jgħin il-mixja tagħhom lejn reintegrazzjoni fis-soċjetà.

Papa Franġisku nnifsu wera l-impenn personali tiegħu lejn il-priġunieri meta l-għada tal-Milied 2024 fetaħ Bieb Imqaddes fil-ħabs ta' Rebibbia ġo Ruma, l-ewwel darba li sar dan f'ħabs waqt xi Ġublew. Dan l-att minnu nnifsu kien simbolu ta' tama u inklużjoni għal dawk li huma fil-ħabs. U sinjal ukoll ta' kemm il-gvern Taljan jaqbel mal-viżjoni tal-Papa dwar riabilitazzjoni ta' ħabsin.

Ma ninsewx ukoll li Papa Franġisku ħalla donazzjoni ta' €200,000 mill-kont personali tiegħu lill-ħabs ġovanili f'Ruma li għandu proġett li jinkludi tagħlim u xogħol għar-residenti tiegħu barra mill-ħitan tal-ħabs. U minkejja li kien 'ordnat' biex ma jimpenjax ruħu wisq waqt li kien qed jirkupra mill-mard, żar ħabs f'Ħamis ix-Xirka, ftit ġranet biss qabel ma miet.

**Sejħa għall-paċi**

Dwar dan is-suġġett nistgħu naraw b'għajnejna kif irnexxiet is-sejħa tal-Papa għall-paċi. Kien hemm u għad baqa' ħafna xi jsir. Il-Papa kien kiteb dwar dan li: "L-ewwel sinjal ta' tama jittraduċi ruħu f'*paċi* għad-dinja, li għal darb'oħra sabet ruħha mgħaddsa fit-traġedja tal-*gwerra*. L-umanità nsiet it-traġedji tal-imgħoddi, u jkollha toqgħod għal prova ġdida u iebsa li qed tara tant popli mifnija mill-kefrija qalila tal-vjolenza. Minn xiex jonqoshom jgħaddu dawn il-popli li mhux diġà ġarrbuh? Kif inhu possibbli li l-karba ddisprata tagħhom għall-għajnuna ma tqanqalx lir-responsabbli tan-Nazzjonijiet biex itemmu darba għal dejjem il-wisq kunflitti reġjonali, fl-għarfien tal-konsegwenzi li jistgħu joħorġu minnhom fuq livell dinji? Huwa wisq li noħolmu li l-armi jispiċċaw u ma jibqgħux iġibu qerda u mewt? Il-Ġublew ifakkar li dawk kollha li "jġibu l-paċi, jissejħu wlied Alla" (Mt 5:9). L-esiġenza tal-paċi tisfida lil kulħadd u timponi fuqna li nfittxu proġetti konkreti. Ma għandux jonqos l-impenn tad-diplomazija biex nibnu bil-kuraġġ u l-kreattività spazji ta' trattattivi li jwasslu għal paċi fit-tul *(It-Tama ma tqarraqx, par 8)*.

**Tamiet tal-Papa għan-Nisrani fil-Ġublew**

Ma rridux ninsew li ma' dawn is-sejħat lill-potenzi tad-dinja, Papa Franġisku kellu tamiet li l-Ġublew iservi wkoll bħala konverżjonijiet tagħna l-insara individwalment. Għalhekk kien kiteb "Ir-Rikonċiljazzjoni Sagramentali mhijiex biss opportunità spiritwali sabiħa, imma tirrappreżenta pass deċiżiv, essenzjali u fundamentali għall-mixja tal-fidi ta' kull wieħed u waħda. Ejjew mela ma nibqgħux lura milli nersqu għall-Qrar, imma niskopru wkoll mill-ġdid il-ġmiel tas-sagrament tal-fejqan u tal-ferħ, il-ġmiel tal-maħfra tad-dnubiet!" *(Spes non Confundit par. 23)*.

Papa Franġisku kellu tamiet għal kull kategorija fis-soċjetà ta' żmienna: żgħażagħ, morda, migranti, vittmi ta' ġuħ, it-tnaqqis fir-rata ta' twelid tat-trabi (lill-familji tal-Vatikan b'iktar minn tlitt itfal qed jagħtihom bonus ta' €300 fix-xahar) u oħrajn. Kategoriji differenti qed ikollhom il-ġurnata jew żmien iddedikat għalihom fil-Ġublew f'Ruma.

Fuq kollox Papa Franġisku kien ittama li dawk li jemmnu mhux biss "huma jkabbru fihom stess it-tama f'Alla iżda li huma stess ikunu sinjali tanġibbli ta' tama għall-oħrajn u speċjalment għal dawk li qed jiffaċċjaw tbatija" (*It-Tama ma Tqarraqx, par. 1*).

Aħna lkoll imsejħin biex inkabbru fina t-tama u biex inkunu sinjali effettivi ta' tama fl-oħrajn. Qegħdin nofs triq. Ħafna wieġbu għas-sejħat tal-Papa. Inwieġbu aħna wkoll qabel ma l-Ġublew isir storja tal-bieraħ.

***Ara ritratt qoxra minn ġewwa: Il-Papa Franġisku jiftaħ il-Porta Santa tal-Bażilika ta' San Pietru.***

**ANTHONY'S FURNITURE**
**Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam**

*Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.*

Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107

"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex



RIFLESSJONIJIET FUQ

# SAN PIETRU U SAN PAWL

## li l-Papa Franġisku għamel nhar l-Imnarja matul il-Pontifikat tiegħu

ANGELO XUEREB

Matul il-Pontifikal Tiegħu ta' kull sena, fid-29 ta' Ġunju, il-Papa Franġisku ċċelebra quddiesa fil-Bażilika ta' San Pietru u wara għamel diskors qabel l-Angelus. F'dawn id-diskorsi spikkaw riflessjonijiet dwar dawn iż-żewġ Appostli kbar tal-Knisja li minbarra li għandhom valur spiritwali għall-Insara kollha għandhom jolqtu b'mod speċjali lill-komunità parrokkjali tan-Nadur li sa mill-qedem għażlet lil San Pietru u San Pawl bħala protetturi tagħha.

### 1 • Il-bidla u l-provi li għaddew minnhom

Il-Papa Franġisku enfasizza l-laqgħa li San Pietru u San Pawl kellhom ma' Kristu, li ħelsithom mill-passat tagħhom u tathom il-qawwa li jsiru Appostli (Angelus 29/6/2021). Irrifletta fuq il-vjaġġi interjuri ta' dawn l-Appostli mid-dnub għall-qdusija. Permezz tal-ħniena ta' Alla ċ-ċaħda ta' San Pietru kif ukoll il-persekuzzjoni ta' San Pawl biddluhom għall-aħjar. Il-Papa inkoraġġixxa lill-Insara kollha biex bħal dawn l-Appostli jiġu trasformati mill-ħniena ta' Alla u hekk jibdlu l-aktar mumenti koroh f'mumenti ta' grazzja (Angelus 29/6/2014). Franġisku jgħidilna li saru l-fundament tal-Knisja bikrija u li fihom saret bidla permezz tal-grazzja ta' Alla. Pietru, li ċaħad lil Kristu, u Pawlu, li kien persekutur, saru pilastri tal-Knisja billi ltaqgħu b'mod profond mal-imħabba ta' Kristu (Angelus 29/6/2013).

Il-Papa tkellem fuq l-imħabba li San Pietru u San Pawl kellhom għall-Verġni Marija u kif ir-relazzjoni tagħhom magħha għenithom biex jifhmu aħjar lil Kristu (Angelus 29/6/2015).

San Pietru u San Pawl iffaċċjaw provi fil-ħajja, filwaqt li l-fidi tagħhom tqawwiet mit-tbatija li għaddew minnha f'ħajjithom (Angelus 29/6/2024). Huma għamlu sagrifiċċji personali u kienu dejjem leali lejn Kristu (Angelus 29/6/2023). San Pietru u San Pawl kienu kuraġġjużi waqt il-persekuzzjoni (Prietka fid-29/6/2019). Għaddew minn provi filwaqt li enfasizza li l-fidi tagħhom ġiet imqawwija mill-kuntlarju li ltaqgħu miegħu. Tenna wkoll lill-fidili li Alla huwa preżenti fi żminijiet diffiċli filwaqt li joffrilna ħelsien mid-dnub u l-ħażen (Angelus 29/6/2017). Irrifletta fuq is-sagrifiċċji personali ta' dawn l-Appostli u r-rabta tagħhom ma' Kristu li ma tinħallx (Angelus 29/6/2023).

### 2• Ħabbara ta' Kristu sal-martirju

Il-Papa Franġisku saħaq fuq iż-żelu missjunarju tagħhom u d-disponibbiltà li jħallu kollox warajhom biex jimxu wara Kristu. Tkellem fuq l-importanza tal-evanġelizzazzjoni u li mmorru fil-periferiji. Ħeġġeġ lill-Insara biex ikunu xhieda kuraġġjuża tal-Evanġelju, ispirati mill-eżempju tal-Appostli (Prietka 29/6/2016).

Dan il-Papa saħaq fuq iż-żelu missjunarju ta' San Pietru u San Pawl li minkejja d-differenzi tagħhom kienu magħquda fit-tixrid tal-Evanġelju. Kienu lesti li jħallu lill-art twelidhom u jsofru l-persekuzzjoni f'Ruma u b'hekk isiru eżempju ta' kuraġġ u dedikazzjoni. Il-wirt tagħhom jisfida lill-insara ta' żmienna biex inkunu xhieda ferreħija tal-fidi (Angelus 29/6/2016).

Fl-Angelus tad-29 ta' Ġunju 2020 Papa Franġisku tkellem fuq il-martirju ta' San Pietru u jgħid li 'qegħdin qrib il-post fejn San Pietru sofra l-martirju'. Jitkellem kif l-ewwel darba ġie meħlus mill-ħabs iżda t-tieni darba ta ħajtu għal Kristu. Il-Papa jtenni li San Pietru sar eroj mhux għax inħeles mill-ħabs iżda talli ta ħajtu fil-martirju. Saħaq ukoll li l-aktar ħaġa importanti f'ħajjitna hija li nagħtuha bħala rigal lil ħaddieħor.

Dan il-Papa għandu din ir-riflessjoni sabiħa dwar San Pawl bħala mudell ta' Evanġelizzazzjoni: "San Pawl jagħtina din it-tweġiba għal din il-mistoqsija –'Min huwa Kristu għalina?' - mhix xi mħabba li tħallina fil-kwiet meta nxandru l-Evanġelju lill-oħrajn. L-Appostlu jgħallimna li aħna nikbru fil-fidi u fl-għarfien tal-misteru ta' Kristu meta nipprietkawh u nagħtu xhieda tiegħu quddiem l-oħrajn. Dan jiġri dejjem. Meta aħna nevanġelizzaw aħna niġu evanġelizzati" (29/6/2022).

### 3• It-tagħlim u l-wirt li ħallewlna dawn l-Appostli

Il-Papa Franġisku tkellem fuq il-wirt kbir li ħallewlna San Pietru u San Pawl, filwaqt li ħeġġeġ lill-Knisja biex timxi fuq il-kuraġġ u l-fidi tagħhom. Huwa saħaq fuq l-unità fid-diversità u inkoraġġixxa lill-Insara biex jaħdmu ma' xulxin minkejja ambjenti u perspettivi differenti (Angelus 29/6/2022).

Proprju dan kien is-suġġett tal-ewwel prietka fil-Pontifikat tiegħu nhar il-festa ta' San Pietru u San Pawl. Huwa enfasizza l-unità u d-diversità fil-Knisja kif il-missjonijiet ta' dawn iż-żewġ Appostli kienu distinti. Saħaq fuq il-missjoni ta' San Pietru li jsaħħaħ il-fidi fil-komunità u dik ta' San Pawl li jipprietka lill-ġnus (29/6/2013).

Il-Papa Franġisku qalilna kemm it-tagħlim ta' dawn iż-żewġ qaddisin għadu relevanti għad-dinja ta' żmienna. Ħeġġeġ lill-Knisja biex tieħu mill-għerf tagħhom meta tiffaċċja l-inġustizzji soċjali, is-sekulariżmu u l-bżonn tad-djalogu (Prietka 29/6/2024).



# LAQGĦA TALB DUN MIKIEL ATTARD

KAN. REUBEN MICALLEF



F'kull parroċċa Kattolika fid-dinja ssib ħafna attivitajiet marbutin mal-ħajja partikolari ta' dik il-Komunità Nisranija. Ta' min jinnota li waħda mill-ħafna attivitajiet li jinżammu fil-Parroċċa tagħna ta' San Pietru u San Pawl hija verament interessanti u unika, għaliex grupp sabiħ ta' Parruċċani kull xahar jiltaqgħu fil-knisja Parrokkjali biex jiskopru u japprezzaw l-virtujiet ta' wieħed mis-saċerdoti, li twieled u għex fil-Parroċċa, Dun Mikiel Attard (1933-2004). Dawn il-laqgħat huma okkażjoni tajba biex nistgħu niskopru u niggustaw l-ispiritwalità profonda tiegħu. Minn wara l-mewt tiegħu, sa mill-bidu nett, nibtet ċerta devozzjoni lejn il-qdusija tiegħu, imħeġġa mill-omelija li l-E.T. l-Isqof Nikol Cauchi għamel waqt il-funeral ta' Dun Mikiel. L-E.T. l-Isqof Mario Grech, fit-2 ta' Novembru 2012, flimkien mal-qassisin kollha tad-Djoċesi ta' Għawdex, beda l-Proċess tal-Beatifikazzjoni tiegħu. Dan il-proċess huwa twil u għadu sejjer. L-E.T. l-Isqof Anton Teuma fis-sena 2021 ta l-approvazzjoni tiegħu biex il-fdalijiet ta' Dun Mikiel ikunu trasferiti miċ-Ċimiterju tad-Duluri, Ta' Kenuna fin-Nadur għas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu.

Kull tielet Erbgħa tax-xahar issir laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard, Saċerdot Djoċesan, fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Din il-laqgħa għalina n-Nadurin għandha tkun ta' interess għal kull wieħed u waħda minna. Għandna għax nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek li wieħed minn ħutna għad, jekk Alla jrid bit-talb tagħna, jasal biex ikun mgħolli għall-ġieħ tal-artali. Għal dawn il-laqgħat jiġu mistiedna nies minn Għawdex li kellhom xi esperjenzi sbieħ ma' Dun Mikiel.

Il-mistieden għal-laqgħa ta' Lulju li għadda kien l-Isqof Anton Teuma fl-okkażjoni tal-20 Anniversarju mill-mewt ta' Dun Mikiel. L-Isqof, fir-riflessjoni tiegħu, semma' li Alla jibagħtilna "*persuni partikolari*" li jdaħħluna fil-preżenza ta'Alla. Dun Mikiel kien għal ħafna nies, saċerdoti u lajċi, dik il-persuna li tqarrbek lejn Alla. Kien qassis eżemplari għax dejjem għex fil-preżenza ta' Alla u kien strument biex idaħħlek f'relazzjoni vera fil-preżenza ta' Alla. Waħda mill-kariżmi sbieħ ta' Dun Mikiel, jgħid l-Isqof, li kien bniedem li kellu bħala prijorità l-intenzjoni retta, tant anke fi żminijiet tat-tbatija Dun Mikiel kien dejjem marbut mar-rieda ta' Alla, għax, għal Dun Mikiel, it-tbatija kienet għotja ta' mħabba lil Alla, għaliex huwa kien imdawwal mill-qawwa tal-ispirtu tal-Misteru tal-Għid. Fil-ħidma pastorali ta' Dun Mikiel fid-direzzjoni spiritwali, kien bniedem inklużiv, għax bil-mod tiegħu kien idaħħlek, int min int, f'dik ir-realtà li Alla jħobbok int kif int. Huma ħafna li gawdew minn din l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel. L-Isqof ikkonkluda u stedinna biex inkomplu nitolbu għall-proċess tal-beatifikazzjoni ta' Dun Mikiel.

Daniel Borg (Sannat) kien il-mistieden fil-laqgħa ta' Awwisu fejn qalilna li hija grazzja kbira li titkellem fuq bniedem bħal Dun Mikiel, għax qassis li għamel tant ġid lil ħafna nies li ġew f'kuntatt miegħu, dejjem ħalla ċerta ħlewwa fil-qlub tagħhom. Għax Dun Mikiel kien jgħid li l-mixja wara l-Maħbub Gesù hija grazzja kbira. Id-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna Ta' Pinu, fejn kien waqqaf il-"*Gym Talb Madonna Ta' Pinu*", kien qajjem ħeġġa sabiħa lejn is-Santwarju tagħha, għax il-Madonna tgħallimna naqdu lill-oħrajn b'imħabba. Dun Mikiel, li kien bniedem mhux tas-soltu, kien ikun ta' spalla għal bosta nies li kienu jirrikorru lejh. Dun Mikiel għadu sal-lum messaġġ utli għalina lkoll.

Nenu Buttigieg (Rabat) irrakkontalna l-esperjenza tiegħu meta mar il-missjoni ma' Dun Mikiel, fil-laqgħa ta' Settembru. Dak li laqtu l-iktar f'din l-esperjenza kienet, mhux tant il-faqar tal-post fejn kienu, imma meta kien baqa' impressjonat bl-entużjażmu, il-ferħ u l-kuraġġ ta' Dun Mikiel. Qalilna kemm verament dan il-qassis mimli bl-ispirtu ta' Alla kien iħajrek biex tersaq aktar lejn Kristu.

Fix-xahar tal-Missjoni, Ottubru, kellmitna waħda min-Nadur, Emily Muscat, li kellha esperjenza twila tal-missjoni flimkien ma' Dun Mikiel. Irrakkontatilna li l-attività missjunarja ma' Dun Mikiel, speċjalment fil-Kenja u fl-Etjopja mal-Grupp Missjunarju Għawdxi, kienet tikkonsisti fis-servizz lill-foqra tfal u xjuħ, xogħol manwali, eċċ. u Dun Mikiel kien jieħu l-okkażjoni wkoll li jgħallem ftit tagħlim tal-Knisja Kattolika (Evanġelizzazzjoni). Dun Mikiel kien ikun ħafna ferħan fil-missjoni tant illi fir-ritratti tal-missjoni kien ikun dejjem bit-tbissima.

*"Jiena sirt qassis u bqajt qassis bil-għajnuna kbira u d-direzzjoni li sibt f'Dun Mikiel Attard mill-bidu nett tal-vokazzjoni tiegħi fis-seminarju, waqt marda li għaddejt minnha jiena f'dak iż-żmien"*, hekk qalilna Mons. Karm Curmi (Munxar) fil-laqgħa ta' Novembru. Dun Mikiel kien bniedem li kull darba li tmur fejnu b'xi problema, żgħira jew kbira, ser isiblek risposta u motivazzjoni biex taffronta dik is-sitwazzjoni. Kien jgħid li jekk Alla jridek għalih ser jgħaddik mnejn irid Huwa għall-pjan tiegħu f'ħajtek. Alla jridek hekk u int baxxi rasek u anke jekk ma taqbilx mas-suġġerimenti tas-superjuri f'ċerti ċirkustanzi, żgur ser issib paċi fil-qalb!

Fr. Noel Debono, qalilna fil-laqgħa ta' Jannar, li lil zijuh Dun Mikiel ma jafux bħala qassis fil-ħidma pastorali tiegħu, imma għandu tifkiriet interessanti fit-tfulija tiegħu li llum jagħtihom tifsiriet u jifhem x'tip ta' qassis kien Dun Mikiel. Jiftakar li Dun Mikiel kellu għal qalbu il-*"Ktieb l-iswed"* (il-Brevjar, il-ktieb tat-talb) li kuljum kien jużah. L-istess, kuljum kien jarah jaqra l-gazzetti, għax kien jinteressah x'kien qed jiġri f'Malta u barra. Fr. Noel kien jibqa' impressjonat li kien jara li jiġu jkellmu liz-ziju ħafna nies minn kull kwalità fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata. Għax Dun Mikiel kien imfittex ħafna għad-direzzjoni spiritwali. Illum Fr. Noel jemmen li z-ziju Dun Mikiel għamel ukoll ħafna ġid spiritwali, anke waqt il-perjodu tal-marda tiegħu, bil-mod ta' kif kien jgħix it-tbatija. Fr. Noel kien ra wkoll li zijuh kien jinteressah ħafna f'dawk is-Sorijiet Dumnikani tal-Klawsura li kienu bdew l-esperjenza tagħhom fix-Xagħra.

Meta tiltaqa' ma' persuna li turik it-triq it-tajba li twasslek għand Kristu tkun għalik grazzja kbira. Hekk kienet l-esperjenza ta' Pawlu Mizzi minn Ta' Sannat li qasam magħna fil-laqgħa ta' Frar. Meta sar jaf lil Dun Mikiel fil-laqgħat tal-*Gym Talb Madonna Ta' Pinu*, Pawlu meta kellu 40 sena, biddel ħajtu u kellu okkażjoni li jagħmel esperjenzi sbieħ miegħu f'erba' postijiet tal-missjoni, fil-Kenja, Brażil, Tuneżija u l-Pakistan. Dun Mikiel, jgħid Pawlu, bidillu ħajtu u għallmu jgħix il-ħajja f'sens ġdid. Esperjenzi, li ma tistax tinsiehom, meta tiltaqa' ma' nies li huma foqra u ferħanin!

Fil-laqgħa ta' Marzu kien Renato J. Costigan, Malti li dawn l-aħħar snin ġie joqgħod in-Nadur. Ma' Dun Mikiel qatt ma ltaqa' imma meta kien imur spiss fis-Santwarju Ta' Pinu, ra r-ritratt ta' Dun Mikiel fil-knisja u tant laqtu li baqa' msaħħar u intebaħ li dan il-qassis kien qassis partikolari, mimli bi spiritwalità kbira u nissel fih ċerta ammirazzjoni u minn dak li qara u sema' fuq Dun Mikiel, qasam magħna xi riflessjonijiet interessanti. Lil Renato laqtuh ħafna ċerti kwotazzjonijiet ta' Dun Mikiel fosthom dawn:

1. *"Marija hija dik l-"usher" li twasslek fil-post tiegħek biex tlaqqek ma' binha Ġesù"* .
2. *"Il-Madonna Ta' Pinu hija dak is-"sellum" li jtellek 'l fuq lejn is-sema"*
3. *"Is-Santwarju Ta' Pinu, kien għal Dun Mikiel, is-"soft spot" li ddaħħlek fil-profond tal-Ewkaristija, għax il-preżenza ta' Ġesù turina l-Imħabba kbira li Alla għandu għalina!"*
4. *"Is-Santwarju Ta' Pinu huwa dak l-ambjent li fih tħoss il-paċi fil-qalb fl-imħabba materna ta' Marija"*
5. *"Aħna llum "storduti u bbumbardjati" minn ħafna "ħsejjes" - messaġġi ta' dlam, mibgħeda u ħażen, li jtellfuna milli nisimgħu u nħossu lil Alla fil-qrib tagħna. Dan kollu huwa ta' "brain washing" li jimliena b'vojt minn valuri veri u nsara".*

Fil-laqgħa ta' Mejju, Dun Anton Borg (Rabat) qal li Dun Mikiel kien għalih bniedem ta' min jafda fih, għax kien jagħtik parir tajjeb fis-sitwazzjoni li tkun fiha u mħawwad, għax dan il-qassis kien imdawwal mill-Ispirtu s-Santu meta kien ikellmek fuq ċerti problemi. Dun Mikiel kien saċerdot li kien jaf jisma' lil dawk kollha li kienu jersqu lejh u jaqsam magħhom it-tbatija u kien ikun fl-istess waqt ta' sostenn, ta' faraġ u ta' kuraġġ. Dun Mikiel kellu kariżma li jressqek lejn Alla biex tagħraf tagħmel ir-rieda tiegħu għax kien saċerdot ta' "riferiment" għal ħafna saċerdoti u lajċi fid-diffikultajiet u għażliet tagħhom.

## STEDINA LIN-NADURIN

L-Ispiritwalità ta' Dun Mikiel, għalina n-Nadurin b'mod speċjali, għandha tkun ta' eżempju biex nitħeġġu aktar lejn Kristu, u għalhekk aħna n-Nadurin għandna nkunu kburin u jixraq li l-personalità ta' Dun Mikiel inżommuha f'qalbna. Dan nistgħu nagħmluh jekk nagħmlu minn kollox biex nieħdu sehem fil-Laqgħat tat-Talb li jsiru fil-Parroċċa tagħna kull TIELET ERBGĦA ta' kull xahar fis-6.15pm (Sajf) jew fis-5.45pm (Xitwa). Ejjew inthom qarrejja ta' "Luminaria" u ġibu oħrajn magħkom.

# IL-VIŻTA PASTORALI TAL-ISQOF ANTON TEUMA FIL-PARROĊĊA TAN-NADUR

**MARIA XUEREB** SEGRETARJA PASTORALI




*"U daħal joqgħod Magħhom"*

12 - 18 JANNAR 2025

Sa mill-bidu tal-Knisja l-Isqfijiet kienu jagħmlu Viżta Pastorali fil-komunitajiet Insara biex jisimgħuhom jifhmuhom u jgħinuhom jissaħħu bħala dixxipli ta' Ġesù. Fl-Atti tal-Apposti naqraw kif Pietru, Pawlu, Luqa, Barnaba u Timotju wkoll kienu jżuru l-komunitajiet Insara li huma stess kienu waqqfu. Matul is-snin, l-Isqfijiet tad-Djoċesi tagħna għamlu l-ħila tagħhom biex minn żmien għal żmien ikunu qrib is-saċerdoti u l-komunitajiet parrokkjali permezz tal-Viżta Pastorali. Din hija l-ewwel waħda għall-Isqof preżenti Anton Teuma u hija t-32 waħda minn kemm ilha mwaqqfa d-Djoċesi (1864).

It-tema li ntgħażlet għall-Viżta hi 'U daħal joqgħod magħhom' (Lq 24:29) silta oħra mill-ġrajja tal-laqgħa ta' Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws wara l-Qawmien mill-imwiet, li minnha hu meħud il-motto tal-Isqof u fuqha nbnew ukoll it-temi tal-Pjanijiet Pastorali Djoċesani fl-aħħar snin. Il-Viżta ħabtet ukoll mal-Ġublew Ordinarju ċċelebrat universalment f'din is-sena 2025 li għandu t-tema 'Pellegrini tat-Tama'. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Viżta hu li l-Isqof jistħarreġ il-qagħda tal-parroċċi u jwettaqhom fil-ħajja tal-fidi u l-ħidma tagħhom ta' evanġelizzazzjoni. Għal dan il-għan fix-xhur tas-sajf tas-sena preċedenti ntbagħat kwestjonarju dettaljat lill-Kappillani sabiex it-tagħrif miġbur ikun ta' għajnuna għall-Isqof u l-Kummissjoni li kienet se takkumpanjah fiż-żjajjar fil-parroċċi. Minn hemm wieħed jista' jgħid li l-parroċċi bdew il-preparazzjonijiet tagħhom għall-Viżta Pastorali li tqassmu bejn is-6 ta' Ottubru u l-24 ta' Mejju b'waqfiet għaż-żminijiet liturġiċi qawwija tal-Avvent, il-Milied, ir-Randan u l-Għid.

Il-Quddiesa Solenni tal-ftuħ tmexxiet mil-Isqof fil-Katidral tal-Assunta il-Ħadd 29 ta' Settembru 2024.

Saru diversi laqgħat ta' tħejjija kemm mis-segretarji pastorali tal-Parroċċi ma rappreżentanti tad-Djoċesi kif ukoll dawk li saru fil-parroċċi mal-Kappillani biex kull parroċċa tħejji programm ta' ġimgħa sħiħa ta' laqgħat u appuntamenti mal-Isqof. Għalkemm kull parroċċa hija differenti minn oħra, kull parroċċa riedet ukoll timxi ma' programm propost mid-Djoċesi biex kemm jista' jkun ikunu ngħataw l-istess opportunitajiet u anke l-Isqof ikun iltaqa' mar-realtajiet kollha tal-parroċċa.

Qabel kull żjara f'parroċċa bħala stedina tqassam bieb bieb kopja tal-Vanġelu ta' San Luqa (Bibbja Saydon) kif ukoll talb għal waqt il-barka u talb biex l-anzjani u l-morda joffru t-tbatijiet tagħhom għas-suċċess tal-Viżta Pastorali fil-parroċċa tagħhom.

F`kull parroċċa l-Viżta fetħet b'quddiesa l-Ħadd filgħodu u ngħalqet b'quddiesa oħra s-Sibt ta' wara filgħaxija. Matul dik il-ġimgħa l-programm kien imfassal bejn ċelebrazzjonijiet oħra ta' quddies, laqgħat mal-Isqof u d-delegati tiegħu mal-Presbiterju Parrokkjali, l-Istituti Reliġjużi preżenti f'dik il-komunità, kif ukoll mal-organi prinċipali bħalma huma l-Kunsill Pastorali Parrokkjali, il-Kunsill Ekonomiku, il-Grupp Liturġiku, il-Grupp tad-Djakonija/Caritas u l-kumitati l-oħra rispettivi, kif ukoll ma' realtajiet pastorali involuti fil-missjoni tal-Knisja u fl-appostolat, fosthom l-animaturi liturġiċi u dawk tal-gruppi, il-katekisti kif ukoll diversi voluntiera oħra fi ħdan il-parroċċa.

L-Isqof sab il-ħin ukoll li jiltaqa' mad-diversi membri tal-parroċċa waqt il-laqgħat tagħħom kif ukoll saru żjajjar lill-morda u l-anzjani kif ukoll kien hemm ħin disponibbli għal kollokji personali. Fil-Viżta, kif hu mitlub bil-Liġi tal-Knisja, involviet ukoll l-eżaminazzjoni tal-proprjetajiet, l-opri tal-arti, l-oġġetti sagri u oħrajn li jappartjenu lill-Parroċċa kif ukoll is-superviżjoni tal-kotba liturġiċi u l-kontijiet finanzjarji.

L-Isqof kien akkumpanjat ukoll mis-segretarju maħtur għal din il-Viżta Pastorali – Dun Giovanni Curmi -fejn kien preżenti f'ħafna mil-laqgħat biex anke seta' jieħu xi notamenti li kienu jistgħu jiġu dokumentati f'rapport għad-Djoċesi biex wara setgħet issir evalwazzjoni u anke dan kien jiġi komunikat lil kull parroċċa f'ittra mibgħuta mill-Isqof lill-parroċċa.

**KRONAKA TAL-VIŻTA PASTORALI**
**IL-ĦAMIS 9 TA' JANNAR 2025**
**6.30pm: Quddiesa u Velja ta' talb fil-Bażilika bi tħejjija għall-Viżta Pastorali.**

It-tema magħżula mid-Djoċesi kienet dik tar-Ragħaj it-Tajjeb. Il-velja bdiet b`purċissjoni bil-blandun, wara kien hemm mumenti ta' tliet qari , omelija, tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija u talb komunitarju. Fl-aħħar ingħatat il-barka sagramentali u sar il-ħruġ tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl min-niċċa. L-istatwa kienet preżenti fil-knisja matul il-ġimgħa pastorali kollha hekk kif l-Isqof xtaq li din il-viżta ta' kull parroċċa tkun taħt il-protezzjoni tal-Qaddisin Patruni tagħha.

**IL-ĦADD 12 TA' JANNAR 2025**
**9:45am: Quddiesa tal-Ftuħ tal-Viżta Pastorali mmexxija mill-Isqof Anton Teuma.**

Il-preżenza numeruża f'din il-quddiesa kien messaġġ dirett ta' akkoljenza għall-Isqof mill-poplu Naduri għal din il-ġimgħa tiegħu fost il-parroċċa tagħna. Fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni, l-Isqof bies kurċifiss ħdejn il-bieb tad-dħul bħala turija tal-fedeltà tiegħu lejn Ġesù li f'ismu hu ġie fostna. Imbagħad tul il-korsija bierek il-ġemgħa preżenti bl-ilma mbierek bħala tifkira tal-grazzja tal-magħmudija. Fl-okkażjoni tal-Magħmudija tal-Mulej, l-Isqof fl-omelija qalilna li "Illum hija l-festa ta' kull wieħed u waħda minna għax il-magħmudija hija dikjarazzjoni min-naħa ta' Alla li aħna maħbubin u m'hemmx isbaħ li wieħed iħossu verament maħbub minn Alla - minn dak li ħalaqna". Il-quddiesa kienet akkompanjata mill-kor tat-tfal immexxi taħt id-direzzjoni ta' Stephanie Buttigieg.



**10:45am: Laqgħa mal-Abbatini**
Laqgħa interessanti fejn l-Isqof staqsa lil kull abbati preżenti x'idejjaqhom l-iktar u x'jogħġobhom l-iktar fid-dmirijiet tagħhom. Kienu diversi r-risposti tagħhom fosthom l-iktar mumenti għeżież huma – il-parti tal-Bidu tal-quddiesa, il-Barka, il-Konsagrazzjoni u l-purċissjonijiet. Peress li l-Isqof għalaq żmienu ġurnata qabel, fl-aħħar tal-laqgħa l-abbatini preżentawlu kejk biex jaqsmu dan il-mument ta' ferħ flimkien.



**11:45am: Laqgħa mal-voluntiera li jgħinu fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù (Knisja Qalb ta' Ġesù)**
Kienu preżenti numru sabiħ tal-voluntiera kif ukoll membri tal-Familja Grech. Issemmiet ix-xewqa li jerġa' jkun hemm ħin ta' adorazzjoni filgħodu f'din il-knisja anke x-xewqa li jerġa' jkun hemm rettur assenjat.

**IT-TNEJN 13 TA' JANNAR 2025**
**Filgħodu** sar Irtir għas-saċerdoti tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn kien hemm preżenti wkoll l-Isqof Anton Teuma, il-Vigarju Mons. Tarcisio Camilleri u Dun Alex Cauchi f'isem l-Uffiċċju Kleru. Wara kellhom ukoll mument ta' fraternità flimkien.

**5:30pm: Membri tal-Kunsill Parrokkjali (Ċentru Parrokkjali)**
Ġew preżentati l-membri kollha tal-Kunsill Parrokkjali - fejn fosthom kien hemm ukoll membri ġodda. L-Isqof spjega kemm il-Pastorali jqarrab in-nies lejn Alla u li lkoll irridu naħdmu flimkien f'sinodalità. Huwa xebbah ir-relazzjoni li l-Presbiterju jiltaqa' mal-Kunsill Parrokkjali bħalma kienet ir-relazzjoni ta' bejn Ġesù, Pietru, Ġakbu u Ġwanni.

**7.00pm: Komunità Ewkaristika (Ċentru Parrokkjali)**
L-Isqof kien preżenti għal-laqgħa flimkien mal-membri ta' din il-komunità li jiltaqgħu kull nhar ta' Tnejn. Il-laqgħa bdiet permezz ta' qari ta' silta mill-Evanġelju ta' San Mattew 10:26-33 li titratta b'mod speċjali dwar il-veritajiet moħbija. Wara Dun Mark Bonello u l-Isqof għamlu ħsieb qasir b'riflessjoni u domandi li wieħed jista' jagħmel lilu nnifsu biex jirrifletti. Fl-aħħar tal-laqgħa kien hemm mument ta' Agape flimkien fejn il-membri anke kellhom l-opportunità jitkellmu mal-Isqof.

**8.00pm: Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira (Maħżen tal-Ġimgħa l-Kbira)**
Il-Kumitat spjega ftit l-istorja ta' kif beda dan il-kumitat u anke dwar xogħlijiet li kontinwament għaddejjin matul is-sena. L-Isqof qalilhom biex dan il-mument ta' purċissjoni jittieħed bħala okkażjoni ta' katekeżi u hija 'ħolqa' ta' opportunità bejn l-essenza u n-nies.'

**IT-TLIETA 14 TA' JANNAR 2025**
**9:00am: Quddiesa mill-Isqof fil-Knisja Parrokkjali fejn kienu mistiedna l-Anzjani tal-Parroċċa.**
Għalkemm l-elementi tat-temp ma kienu xejn sbieħ, wieħed ried japprezza iktar l-isforz li sar minn numru sabiħ ta' anzjani li kienu preżenti għal din il-quddiesa. Fl-omelija l-Isqof irrifletta fuq l-ħsieb li l-mard huwa mezz li jqarrabna lejn Alla u li aħna lkoll imsejħin biex ngħinu fit-tbatija tal-oħrajn bħalma qalulna l-appostli San Pietru u San Pawl stess fl-ittri tagħhom. Il-quddiesa inkludiet id-dilka tal-morda għal dawk preżenti u wara kellhom attività fis-Sala Parrokkjali.

**4.30pm: Qasam tal-MUSEUM Bniet (tfal u Soċji) / 5.30pm: Qasam tal-MUSEUM Subien (tfal u Soċji) Flimkien mal-Isqof kien preżenti wkoll Dun Simon Cachia bħala Delegat tal-Isqof tal-Katekeżi.**
Il-maltemp filgħaxija kompla jippersisti iżda minkejja dan xorta kien hemm numru sabiħ ta' tfal preżenti. L-Isqof ħa din l-opportunità u żar il-klassijiet u kellem lit-tfal. Wara ltaqa' mas-Soċji. L-Isqof spjega li għalkemm mhix xi ħaġa faċli wieħed irid jieħu din l-isfida bħala opportunità speċjalment is-snin tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma. L-Arċipriet qalilhom li minn konverżazzjonijiet li jkellu ma' xi wħud mill-ġenituri, jara li f'din il-parroċċa għandhom stima kbira lejn il-MUSEUM. L-Isqof ikkonkluda b'ringrazzjament għal dan ix-xogħol kollu li jsir fis-skiet.



**7.00pm: Laqgħa mal-Ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma. Iltaqa' wkoll mat-tfal li kienu ser jirċievu s-Sagramenti (Sala Museum Subien)**
Huwa spjegalhom dwar l-importanza tar-rwol tad-duttrina u l-Katekiżmu li toffri l-parroċċa. Lill-ġenituri qalilhom: "Ibqgħu tgħallmu u ħallu t-tfal jitgħallmu kif jgħixu mhux biss il-materjal tal-iskola. Il-bniedem jitgħallem ibati inqas fil-ħajja. Is-soluzzjoni tal-problemi ma tridx tkun ħarba mir-realtà, irid ikollna skills fina li naffrontaw il-problemi – aħna stess irridu nfittxu min

jgħinna u nevitaw ix-shortcuts". L-Isqof ikkonkluda li: "Ġesù ma jrid xejn għalih iżda jinkwieta jekk m'aħniex sewwa. Il-quddies ma mmorrux għal Ġesù imma Ġesù hu li jagħmel għalina. Dan sakemm nifhmu għax kieku anke aħna mmorru mat-tfal." Għalhekk hemm bżonn l-ongoing formation u japprezza ħafna kull sforz li jagħmlu bħala familja.



**8.00pm: Kumitat tan-Nar (Sala Parrokkjali, Triq Xandriku)**
L-Isqof qalilhom li huma jirrappreżentaw ir-raħal b'tant sagrifiċċju. Huwa qalilhom li l-murtali tal-festi kapaċi jagħqdu raħal u kif ukoll jistgħu jaslu li jkissru raħal. Huwa japprezza ħafna din l-għaqda u ħeġġiġhom biex ikomplu hekk.

**L-ERBGĦA 15 TA' JANNAR 2025**
**5.30pm: Grupp tal-Caritas tal-Parroċċa u voluntiera (Ċentru Parrokkjali)**
L-Arċipriet għamel introduzzjoni għall-membri preżenti fejn fost il-voluntiera kien hemm persuni li jqassmu l-Bullettin, dawk li jiftħu u jagħlqu l-prayer room, jieħdu ħsieb il-kappella taċ-ċimiterju ta' Kenuna, Grupp tat-tindif il-ġdid u żelaturi. Hu spjega wkoll li l-grupp tal-Caritas huwa magħmul minn membri ġodda u x-xogħol primarjament tagħhom hu li jieħdu ħsieb kemm dawk il-karitajiet interni - il-karitajiet lill-familji fir-raħal li m'hawnx ħafna – kif ukoll ngħinu missjonijiet barra minn pajjiżna – min-Nadur għandna wkoll persuni bħal Dun Raymond Portelli u qassisin oħrajn u lil Suor Lux Marie li jgħixu fil-missjoni. Kien preżenti wkoll Dun Jimmy Xerri bħala delegat tad-Djakonija. Hu spjega ftit mix-xogħlijiet li huma jagħmlu fil-binja tal-Caritas – Dar Trionfi, li qiegħda fir-Rabat Għawdex.



L-Isqof irringrazzjahom u japprezza dan ix-xogħol kollu li jsir u jifhem li dawn huma impenji b'committment u kontinwità u din hija karità fil-prattika.

**7.30pm: Ċentru Żgħażagħ u laqgħa mal-Adolexxenti Forms 3-5 (Ċentru Parrokkjali)**
Iż-żgħażagħ ħejjew lista ta' domandi fejn kull domanda kellha numru partikolari, iż-żgħażagħ għażlu numru wieħed u rappreżentant miż-żgħażagħ – Thomas staqsa lill-Isqof id-domandi. Fost id-diversi domandi kien hemm: xi sfidi bħala Isqof, hemmx post tal-adolexxenti fil-Knisja ta' Għawdex u dwar ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal.

**IL-ĦAMIS 16 TA' JANNAR 2025**
**9.30am Sagristani / Voluntiera fil-kura tal-knisja (Dar San Pietru u San Pawl)**
L-Isqof irringrazzjahom ħafna tal-ħin li jiddedikaw biexi-iservu 'l-parruċċani kollha, jaqdu lil Alla, qassisin u lin-nies tan-Nadur. Ikkwota s-silta tal-Vanġelu – fejn Ġesù qabel l-ikla tal-Għid qalilhom biex iħejjuli l-post – iż-żewġ appostli riedhom hu stess li jmorru jippreparaw. Minkejja li jgħidilhom l-Arċipriet hemm Kristu stess li jsejħilhom biex jippreparaw għall-Ewkaristija. Wieħed irid joqgħod attent li l-quddiesa hija dejjem "festa" – iridu ikunu hemm ukoll bħad-dixxipli – is-sejħa li jagħmel il-Mulej. Saħaq fuq l-importanza li jkun hemm il-ftehim bejniethom.

**10.00am: Membri Għaqdiet u Gruppi (Azzjoni Kattolika / Leġjun ta' Marija / Grupp tar-Romol / Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù / Grupp ta' Talb ta' Padre Pio (Dar San Pietru u San Pawl)**
L-Arċipriet beda l-laqgħa billi semma l-gruppi li kien hemm preżenti. Huwa qal li dawn kollha joffru mumenti ta' talb u katekeżi għall-adulti. Huwa semma kemm hu importanti li trid tibqa' taġġorna ruħek biex anke żżomm ħaj spiritwalment – bħalma hi s-saħħa. L-adulti wkoll għandhom bżonn il-katekeżi mhux it-tfal biss. L-Isqof talab lill-qassisin preżenti biex jitkellmu huma dwar il-gruppi li huma jagħmlu parti minnhom.

**11.00am: Ħaddiema Uffiċċju Parrokkjali / Kunsill Finanzjarju (Uffiċċju Parrokkjali)**
Min naħa tal-Kurja kien hemm preżenti wkoll l-Amministratur tal-Kurja – Mr Anthony Bezzina u Melissa Xiberras bħala rappreżentanti tal-Amministrazzjoni u Finanzi . Ġew diskussi diversi aspetti relatati b'mod speċjali dwar l-amministrazzjoni u l-arkivji li huma relatati kemm mal-parroċċa partikulari iżda wkoll l-implimentazzjoni ta' sistema li tkun topera fil-parroċċi kollha tad-Djoċesi.

**IL-ĠIMGĦA 17 TA' JANNAR 2025**
**5:30pm: Laqgħa mal-membri tal-Grupp Liturġiku / Letturi / Kanturi / Animaturi / Organisti / Koristi / Ministri tat-Tqarbin (Sala Parrokkjali, Triq Xandriku)**
L-Isqof spjega li l-quddiesa hija dak il-mument li l-assemblea flimkien mas-saċerodot jitkellmu m`Alla

u jitolbu għall-bżonnijiet tal-poplu – mhix one-man show. Aħna ma nerġgħux nirrepetu dak li ġara fuq il-kalvarju, mhix re-enactment jew xi play. Il-quddiesa hija dak li ġara dakinhar jerġa' jiġri llum. Dak li nagħmlu aħna hu l-istess. Għalhekk għandna nibqgħu ngħożżuha – mhux bħal li jiġri meta wieħed ikollu libsa ġdida – għal bidu biss jibża' għaliha. Il-quddiesa hi xi ħaġa kbira- **'Alla jinqeda bikom biex iwassal il-Kelma tiegħu u titkellmu f`isem Alla biex iwassal dak li jixtieq'.**

**6.15pm: Grupp Media tal-Parroċċa / Bord Editorjali Luminaria (Sala Parrokkjali, Triq Xandriku)**
Fost dawn il-membri msemmija preżenti kien hemm persuni li jieħdu ħsieb il-fotografija u anke oħrajn li jaħdmu b'mod volontarju fuq Radju Luminaria. L-Isqof qal li llum il-ġurnata minħabba commitments ħadd ma jrid ikun marbut u għalhekk illum dawn il-mezzi fil-Knisja huma importanti. Hu kuntent li qabel ma ssir pubblikazzjoni isir dixxerniment fuq xi kriterji joħorġu u x`jinkiteb. Spjega kif fuq barra tifforma parroċċa oħra – fil-Knisja għandna idea x`ikun jiġri imma barra ma nafux – għalhekk hemm bżonn li tiġi ffurmata parroċċa anke barra minn xtutna. Hu japprezza wkoll l-spejjeż u s-sagrifiċċji li dan ix-xogħol jinvolvi.

**7.30pm: Kumitat Ċentrali Festa (Sala Parrokkjali, Triq Xandriku)**
Joe Muscat spjega ftit dwar l-istorja tal-gruppi tal-armar li jmorru lura ħafna żmien. L-Isqof qalilhom li: "Il-bniedem hu maħluq għall-festi għax anke wara li nitilqu minn din id-dinja ngħixu festa fis-Sema. Ir-reliġjon stess timlielna rasna li l-ħajja hija festa minkejja l-problemi u nippruvaw nagħrfu s-sabiħ tal-ħajja. Intom tgħinu r-raħal joħroġ is-sabiħ tiegħu. Hija festa wkoll meta Alla jħobbna immens. Naf li tikkordinaw bejnietkom hija challenge imma sabiħa - hija rikezza li meta taqsam ma' ħaddieħor hija isbaħ."

**IS-SIBT 18 TA' JANNAR 2025**
**9.30am: Kunsill Patrimonju (Ċentru Parrokkjali)**
L-Isqof spjega li kif qegħdin bħala Knisja nieħdu ħsieb mhux il-patrimonju spiritwali biss imma anke l-patrimonju tanġibbli/kulturali u storiku – huwa parti mill-wirt nazzjonali li la huwa tal-parroċċa biss u lanqas tad-Djoċesi. Kull preġju huwa partikulari u għalhekk irridu nieħdu ħsiebu skont ir-regolamenti li daqskemm



jgħinu jxekklu wkoll. Irridu naċċettaw li ma nifhmux f'kollox u rridu nħallu f'idejn min hu professjonali. Issemmew xi xogħlijiet li huma għaddejjin bħalissa kif ukoll anke ġew imsemmija xi proġetti għall-futur.

**10.30am: Kunsill Lokali Nadur**
L-Isqof ġie milqugħ fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali mis-Sindku Edward Said flimkien mal-membri tal-Kunsill Lokali. Is-sindku spjegalu kif bħala Kunsill dejjem jaħdem favur ir-raħal u li għalkemm ġieli jkun hemm sitwazzjonijiet mhux faċli, l-għaqda fir-residenti b'mod speċjali għall-attivitajiet bħalma hi l-festa tgħinu ħafna. Min-naħa tal-Kunsill dejjem huma lesti li jkunu ta' għajnuna għall-parroċċa u li jkun hemm diskussjonijiet flimkien biex il-ħidma tkun anke b'rispett lejn il-Knisja. L-Isqof spjega li għalkemm l-iskop tal-Kunsill u tal-Parroċċa huma differenti – it-tnejn fl-aħħar mill-aħħar iridu l-ġid tan-nies.



**5.15pm: L-Isqof jiltaqa' mal-Animaturi taż-Żgħażagħ, dawk tal-Magħmudija u tal-Għarajjes (Ċentru Parrokkjali)**
L-Isqof irringrazzjahom tax-xogħol siewi li jagħmlu fejn qabel dan ma kienx jeżisti u għalhekk illum il-ġurnata jgħinu biex jagħtu raġuni u l-fidi ssir ta' veru. Huwa kkwota lil San Ġorġ Preca li kien jgħid – "Nitgħallmu biex ngħallmu". Din hi l-'ongoing formation'. L-animaturi ukoll semmew sitwazzjonijiet li ma jkunux faċli. Id-dinamika tal-familji tal-lum hija differenti u għalhekk wieħed irid ikompli jitgħallem u jkun ta' għajnuna għal dawn is-sitwazzjonijiet, dejjem imdawla mill-kelma ta' Alla.

**6.30pm: Quddiesa tal-Għeluq tal-Viżta Pastorali**
Din il-quddiesa tmexxiet mis-Segretarju tal-Viżta Pastorali – Dun Giovanni Curmi peress li l-Isqof kien indispost minħabba saħħtu. Fil-bidu ta' din iċ-ċelebrazzjoni l-Arċipriet f'isem il-komunità miġbura talab biex flimkien inroddu ħajr lil Alla permezz tal-Ewkaristija għall-għeluq ta' din il-Viżta Pastorali biex il-ġid li qsamna flimkien u li ħareġ f'din il-ġimgħa nkomplu nħaddmuh u noktruh bħala komunità. Fl-omelija Dun Giovanni Curmi għadda l-messaġġ ta' ringrazzjament mill-Isqof. Hu seta' jara l-qalb tħabbat ta' din il-komunità mogħnija b'doni u kariżmi u jirringrazzja lil Alla ta' dan id-don u ta' din il-komunità. Fl-omelija bbażata fuq l-Evanġelju, li kien ir-rakkont tal-miraklu

tat-tieġ ta' Kana, Dun Giovanni qalilna fuqu li aħna wkoll imsejħin li nagħrfu li aħna parti mill-komunità u mhux biex ngħixu waħidna iżda f'relazzjoni ta' għaqda u patt ma' Kristu. L-Isqof fil-laqgħat tiegħu enfasizza li jekk fil-ħidma ma naslux għal għand Kristu ma tkunx ħidma vera għax din għandha twassalna hemm u llum il-Liturġija twassalhulna bħala l-għarus - eżempju ċar ta' relazzjoni reċiproka ta' mħabba. Il-quddiesa kienet akkompanjata mill-Kor Jubilate Deo mmexxi taħt id-direzzjoni tal-Maestro di Cappella Antoine Theuma.

**7.30pm: Laqgħa mal-Għarajjes u l-Ġenituri tagħhom (Ċentru Parrokkjali)**

Kien hemm preżenti l-animaturi tal-għarajjes li jieħdu ħsieb il-grupp tan-Nadur u Ivana Farrugia bħala rappreżentanta mill-Pastorali tal-Familja fid-Djoċesi tagħna - Mixja taż-Żwieġ. L-Isqof qalilhom li l-fatt li anke ġew il-ġenituri magħhom illum juri li dawn huma warajhom f'kull sens. Kull ġenitur jaf li ż-żwieġ huwa sabiħ imma impenjattiv. L-animaturi wkoll spjegaw li huma qegħdin hemm mhux fil-mixja ta' qabel iż-żwieġ biss iżda mill-esperjenzi li huma jgħaddu minnhom jistgħu jkomplu jkunu ta' għajnuna anke għall-koppji miżżewġa. L-Isqof għamel enfasi fuq il-fidi. Ġesù jbiddel ir-relazzjonijiet u bih ikunu ħafna aħjar. Issemma wkoll li t-tieġ fil-Knisja huwa mument sagru u għalhekk tajjeb li wieħed jirrispetta dan anke mill-ilbies li wieħed jagħżel. Matul il-Viżta kien hemm opportunitajiet limitati ta' kollokji privati mal-Isqof kif ukoll żjajjar lil xi wħud mill-morda fil-parroċċa tagħna. L-Isqof ukoll ħa l-opportunità li jżur il-komunità tas-Sorijiet Franġiskani fil-parroċċa tagħna. Fil-laqgħat tiegħu l-Isqof ta tifkira lil dawk preżenti – din kienet ikona bl-immaġini tar-rakkont ta' Emmaus li kif semmejna hija f'kontinwazzjoni mal-motto episkopali tal-Isqof Anton Teuma. L-Isqof kien jispjegalhom kif dawn id-dixxipli kienu mdejqin u kif f'dak il-mument tal-Ewkaristija huma għarfuh u nbidlu. Fil-25 ta' Jannar, fil-Festa tal-konverżjoni ta' San Pawl, l-Isqof bagħat l-Ittra Pastorali tiegħu lill-Arċipriet u lill-Komunità kollha. L-ittra bit-titlu "Komunità ta' komunitajiet" ħaddnet messaġġ pożittiv li fih l-Isqof reġa' rringrazzja wkoll il-ħidma kontinwa ta' diversi persuni li flimkien tkompli ssaħħaħ il-parroċċa. Hu kkwota siltiet mill-ittri tal-Appostli patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Il-Parroċċa tixtieq tirringrazzja lill-gruppi u l-għaqdiet u lill-poplu Naduri kollu tal-koperazzjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom matul dik il-ġimgħa.






EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX

Gozo Verticals, Blinds & Shades

TA' TONY CAMILLERI

Fejn issibu varjetà kbira ta' Blinds u Shades ta' materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ

Għal aktar dettalji u stima b'xejn Ċemplu 2155 3352/2156 2211 jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI
NADUR - GĦAWDEX

PRALINES CONFECTIONERY

Accepts orders for Baptism, Holy Communion, Confirmation Parties etc.
You can also choose from a large selection of cakes, many of which can be found on our Facebook Page.

46, MADRE GEMMA CAMILLERI STREET, NADUR GOZO TEL: 21565909 MOB: 99552337

www.facebook.com/pralinesconfectionery



# URBI ET ORBI

## Lill-Belt u lid-Dinja

"Urbi et Orbi" (Lill-Belt u lid-Dinja) hija frażi bil-Latin li tiddeskrivi l-Barka Solenni li l-Papa jagħti f'okkażjonijiet speċjali. 'Il-Belt' tirreferi għall-Belt ta' Ruma u 'd-Dinja' tirreferi għall-Umanità kollha. Il-Barka 'Urbi et Orbi' hija kkunsidrata bħala l-aktar forma solenni ta' benedizzjoni fil-Knisja Kattolika. Tipikament tingħata fl-Għid il-Kbir, Jum il-Milied, u meta jilħaq Papa ġdid. Din il-Barka ġeneralment tingħata mill-loġġa ċentrali tal-Bażilika ta' San Pietru fil-Belt tal-Vatikan. Din tiġi mxandra b'diversi mezzi ta' komunikazzjoni b'mod dirett mad-dinja kollha u b'hekk tippermetti li udjenza minn madwar id-dinja tirċievi din il-barka speċjali mingħand il-Papa. Il-Knisja Kattolika tikkonċedi Indulġenza Plenarja lil dawk li jirċievu il-barka 'Urbi et Orbi' b'mod devot.




Fil-kuntest ta' dak li d-dinja kollha għexet f'dawn l-aħħar ġimgħat meta kulħadd segwa l-aħħar jiem tal-Papa Franġisku fuq din l-art u l-elezzjoni tal-Papa Ljun XIV bħala l-Papa suċċessur ta' Pietru u Isqof ta' Ruma, ħsibna li ninkludu traduzzjoni ta' din it-talba li ngħatat mill-Papa dakinhar li ġie elett..

## Traduzzjoni tal-Barka tal-Papa

Ħalli l-Qaddisin Appostli Pietru u Pawlu, li nafdaw fil-qawwa u l-awtorità tagħhom: jinterċiedu għalina quddiem il-Mulej. Ammen.

Għat-talb u l-merti tal-Imqaddsa Marija dejjem Verġni, San Mikiel Arkanġlu, San Ġwann Battista u l-Qaddisin Appostli Pietru u Pawlu u l-Qaddisin kollha. Iħenn għalikom Alla li jista' kollox; u jaħfrilkom dnubietkom kollha, u Ġesù Kristu jwassalkom għall-ħajja eterna. Ammen.

Ħalli l-Mulej Ħanin li jista' kollox jagħtikom indulġenza, assoluzzjoni u maħfra ta' dnubietkom kollha; żmien ta' penitenza vera u għammiela, qalb dejjem niedma, ħajja sewwa, il-grazzja u l-konsolazzjoni tal-Ispirtu s-Santu u perseveranza sal-aħħar fl-opri t-tajba. U l-barka ta' Alla li jista' kollox, il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu, jinżlu fuqkom u jibqgħu magħkom dejjem.

** Traduzzjoni Rev. Arċ. Krystof Buttigieg*

**Huwa floku li f'din il-pubblikazzjoni niftakru wkoll fil-Missjunarji tagħna li b'ġenerosita kbira qed jaħdmu fl-għalqa tal-Mulej f'postijiet imbiegħda. Kif nistgħu naraw fil-paġni li ġejjin il-parroċċa tagħna kienet u għadha mżejna b'din il-ħidma siekta imma qawwija li toffri tama lil dawk li l-aktar huma fil-bżonn. Il-messaġġi tagħhom żgur li jqanqalna biex inkunu ġenerużi bit-talb u bl-għajnuna li nistgħu noffru.**

# MESSAĠĠ MINN SR LUX MARIE MC - L-ETJOPJA

"Ħalli l-Mulej jidħol f'ħajtek. Ilqgħu bħala ħabib b'fiduċja. Huwa l-ħajja. Huwa d-dawl fid-dlam."

Għeżież ħbieb, qraba u benefatturi, nixtieq lil kull wieħed u waħda minnkom u lill-maħbubin tagħkom il-paċi u l-ferħ tal-Mulej! Nirringrazzja lill-Mulej għal kull wieħed minnkom għat-talb, l-imħabba u l-appoġġ tagħkom lejja u lejn il-foqra li naqdu fl-Etjopja. Jalla l-Mulej jagħtikom ħlas kbir bil-barkiet tiegħu.



Għal dawn l-aħħar ġimgħat qiegħda naħdem f'Jimma, belt kbira fil-Lbiċ ta' Addis Ababa. Għandna dar kbira għall-morda u dawk li qed imutu – tfal imnikkta bil-ġuħ, ommijiet mhux miżżewġin bit-trabi tagħhom, trabi abbandunati li jibqgħu magħna għal xi xhur sakemm jinstabu familji għalihom permezz ta' adozzjoni lokali, kif ukoll kindergarten għal 150 tifel u tifla foqra.

Aħna nilqgħu lil kulħadd, ikun minn liema tribù jew reliġjon ikun. Huwa sabiħ tara kif kollha jgħixu flimkien fl-armonija u l-paċi – Musulmani, Ortodossi u Kattoliċi. Ħafna drabi l-foqra jiġu għandna miksura, kważi tilfu kull tama minħabba ċ-ċirkustanzi tagħhom. Imma huwa wkoll sabiħ tara l-mirakli li Alla jagħmel f'ħajjithom waqt li jkunu magħna.



Huwa minnu li ma nistgħux insolvu l-problema tal-faqar fl-Etjopja, iżda huwa wkoll minnu li l-ħajjiet ta' mijiet ta' nies li jiġu għandna jiġu milquta mill-qrib u trasformati. Kif kienet tgħid Madre Tereża: "Jien ħsiebi mhux fin-numri. Jien ħsiebi fil-persuna individwali, għax kull persuna għandha valur kbir għax hija tifel jew tifla ta' Alla."

Ejja kollha nippruvaw nagħmlu differenza f'din id-dinja, inkunu dawl f'dan id-dlam, billi nagħtu tbissima, idejn ta' għajnuna lil dawk li l-Mulej ipoġġi fuq triqatna. Inżomm lil kull wieħed u waħda minnkom fit-talb tiegħi. Jalla Alla jberikkom u jimla lil qlubkom bl--imħabba Tiegħu.

Magħqudin fil-qalb ta' Ġesù u Marija.

# MESSAĠĠ MINN
# DUN MARIO CASSAR - IL-KENJA



Insellem lin-Nadurin kollha u ngħidilhom merħba mill-belt ta' Watamu fil-Kenja fejn qiegħed naħdem bħala missjunarju. Għaddiet sena oħra minn meta iċċelebrajt il-ħamsin sena tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi. Ġejt mitlub mill-board editorjali biex għat-tieni darba ngħaddi xi ħsibijiet in konnessjoni mal-ħidma missjunarja tiegħi.

Qabelxejn irrid norbot il-messaġġ tiegħi ma' dawn il-mistoqsijiet li ġejjin u nixtieq ħafna li l-qarrejja jirrisponduhom fis-skiet ta' qalbhom.

- Min hu Alla għalik?
- Qatt kellek esperjenza ta' dan Alla?

Ninsabu f'dinja mgħaġġla li ftit tħallilna ħin biex naħsbu u nirriflettu, u, aljenati bl-affarijiet tad-dinja, ninsew kompletament li hemm Alla. Għal ħafna Alla hu biss isem maħluq mir-reliġjon iżda ma jfisser xejn. U għalhekk ma nistagħġibx bl-aġir ħażin tal-bnedmin; gwerer, traffikar ta' droga u ta' tfal, korruzzjoni, fornikazzjoni, abbużi sesswali, pornografija u elf ħaġa oħra, huwa frott ta' din it-tnessija ta' Alla. Irridu niftakru li dan Alla li ħalaqna żera' ġol-bniedem il-mistoqsija. Nistaqsu biex inkunu nafu. Għalhekk kulħadd qiegħed f'mixja ta' tfittxija. Illum jew għada se nsibu dak li bħalissa qegħdin nistaqsu għalih. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu d-dawl biex nagħrfu lill-Alla bħala Missier tagħna lkoll.



Issa ħa niġi għall-ħidma missjunarja tiegħi f'art tal-missjoni. F'dawn l-10 snin fil-Kenja ħdimt fost il-foqra billi nehdejt il-proġett Food Programme. Dan jikkonsisti billi nqassam l-ikel bħalma huma fażola, ross u qamħirrun lill-600 familja darba jew darbtejn fix-xahar. Minn Settembru tas-sena l-oħra il-programm ġie estiż lit-tfal ta'  Watamu school qrib l-uffiċċju minn fejn naħdem. Tliet darbiet fil-ġimgħa nitimgħuhom hekk: porridge, biċtejn ħobż u bajda filgħodu qabel ma jidħlu fil-klassi u għall-ħabta tan-nofsiegħa lill-istudenti kollha nagħtuhom platt ross u banana. Dan il-programm intlaqa' tant tajjeb li l-popolazzjoni tal-istudenti rduppjat minn 300 għal-750. Bdew jiġu l-iskola minħabba l-ikel. Dan il-fatt ikompli jsaħħaħ l-istat ta' faqar li l-familji jinsabu fih. Kull xahar nonfoq madwar €2,765 f'ikel. Barra minn hekk inħallas il-miżati tal-iskola għal 35 student li uħud minnhom huma studenti universitarji. Inħallas ukoll l-ispejjeż tal-isptar u l-mediċina tal-pazjenti.



Kemm ilni hawn fil-Kenja rnexxieli nagħmel 2 boreholes, nibni skola, faċilitajiet sanitarji fi skola, 2 chicken houses u issa, jekk il-bambin irid, knisja.

Dan huwa rijassunt tax-xogħol li nagħmel mal-foqra fil-Kenja. L-ispejjeż kbar imma l-providenza t'Alla tissupera dawn l-ispejjeż. Nirringrazzjakom tal-ġenerożità u tas-sapport kbir lejn il-missjoni tiegħi fil-Kenja. Nirringrazzja lill-Arċipriet ta' raħalna Dun Krystof Buttigieg u fl-aħħar u mhux l-inqas lis-sur Paul Gauci, benefattur kbir Malti, li mingħajr l-għajnuna finanzjarja tiegħu ta' kull xahar ma kienx ikun possibbli għalija li ngħin lil dawn in-nies kollha. Ma rridx ninsa wkoll il-Missio Malta, il-fundazzjoni u lill-Arċipriet Emeritus Mons. Salv Muscat tal-quddies.

Fil-5 ta' Ġunju se nirritorna Għawdex. Sa dakinhar inselli għalikom. Il-paċi magħkom.

# MESSAĠĠ MINN DUN RAYMOND PORTELLI AMMINISTRATUR PARROKKJALI PARROĊĊA SAN PIETRU SAJJIED – IQUITOS, IL-PERÙ

Kif tafu, ilni għal dawn l-aħħar tletin sena bħala kappillan tal-Parroċċa San Martin de Porres hawn f'Iquitos, fil-Perù. Is-sena l-oħra, l-Isqof ta' hawn talabni biex nieħu ħsieb parroċċa oħra, flimkien ma' San Martin de Porres. Għall-ewwel ħsibt li ma nkunx nista', minħabba l-ammont ta' xogħol li diġà kellna għaddej, iżda meta sirt naf li din il-parroċċa ġdida kienet iddedikata lil San Pietru Sajjied, ħassejt f'qalbi li l-Mulej ried li naċċetta din il missjoni ġdida, jien li jien iben parroċċa ddedikata lil San Pietru u San Pawl.



Issa ilni sitt xhur bħala Amministratur Parrokkjali ta' din il-parroċċa. Naturalment, ix-xogħol irdoppja. Il-parroċċa ta' San Pietru hija mifruxa fuq kilometri ta' art u ilma tul il-ġungla tal-Amazon. Il-knisja prinċipali tinsab fit-tarf tal-belt ta' Iquitos, iżda l-akbar parti tal-parroċċa hija magħmula minn aktar minn 40 raħal, imxerrda matul ix-xmajjar Nanay, Momón, Amazon u Itaya.



Il-biċċa l-kbira tan-nies huma sajjieda foqra, jgħixu fi djar foqra tal-injam fuq l-ilma għaliex kważi s-sena kollha x-xmajjar ifuru u jgħattu t-toroq kollha. F'sena minnhom, il-livell tax-xmara laħaq il-knisja stess, u kellhom jiċċelebraw il-quddies litteralment ġol-ilma.

F'ħafna minn dawn l-irħula għandna kappelli żgħar u animaturi Nsara li jmexxu ċelebrazzjoni tal-Kelma kull nhar ta' Ħadd. Huwa grazzi għal dawn l-animaturi li l-fidi tibqa' ħajja f'dawn l-irħula mbiegħda. Xi wħud mill-irħula jinsabu siegħa jew sagħtejn 'l bogħod bid-dgħajsa; oħrajn jeħtieġu ġurnata sħiħa ta' vjaġġ fuq l-ilma, jew mixja twila meta x-xmara tkun niexfa.



Bħala kappillan, qed nipprova nżur kull raħal mill-inqas darba kull sentejn — minkejja d-diffikultà tad-distanza u bħalissa ma ghandix dgħajsa proprja tal-parroċċa - għalhekk spiss ikolli noqgħod nikri dgħajsa kull darba. Fl-istess ħin indunajt kemm it-tfal li jgħixu fil-belt ta' qrib il-knisja ta' San Pietru, qed ibatu minn nuqqas ta' nutrizzjoni. Aktar minn 50% tat-tfal qed isofru minn anemija kronika. Waħda mill-ħolmiet tiegħi hi li niftaħ "soup kitchen" fejn it-tfal jistgħu jieħdu ikla tajba kuljum, flimkien ma' attenzjoni medika kontinwa — b'tama li ntejbu s-saħħa tagħhom.



Qegħdin ukoll niffurmaw gruppi pastorali ġodda fil-parroċċa: abbatini, katekisti, kor, u laqgħat regolari mal-animaturi tal-irħula. Għandna bżonn iktar animaturi biex il-Knisja tibqa' tkun preżenti f'kull raħal.

Qed noqorbu lejn is-36 anniversarju mill-konsagrazzjoni tat-tempju ta' San Pietru Sajjied. Niftakar f'dak li qal Ġesù: *"Il-ħsad hu kbir, iżda l-ħaddiema ftit."* Iżda ma naqtgħux qalbna. Inkomplu nxandru lil Kristu, għax jien konvint li hu l-uniku li jista' jagħti l-paċi vera lil dan il-poplu.



Sakemm inkun amministratur tal-parroċċa ta' San Pietru hawn ġewwa Iquitos, ser tkun diffiċli li nkun magħkom għall-festa, għax ovvjament niċċelebraw aħna wkoll il-Festa tal-Parroċċa. Jalla ż-żewġ parroċċi nkunu dejjem qisna parroċċi aħwa ta' xulxin, nitolbu għal xulxin u ngħinu lil xulxin. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li jgħinu fix-xogħol tal-Missjoni. Il-Mulej ipattilkom mitt darba iżjed għal kulma tagħmlu mal-foqra. F´talbi.

# DUN KARM ATTARD SDB

## 20 SENA MILL-MEWT TIEGĦU

MONS. DUN SALV GRIMA

Jixraq li nibqgħu ngħożżu l-memorja ta' Dun Karm Attard SDB, bin din il-parroċċa, li l-Mulej sejjaħlu għall-ħajja ta' dejjem fid-19 ta' Novembru 2005 fl-età ta' 94 sena, li minnhom għadda 72 sena ġewwa l-Indja.

Dun Karm twieled fl-24 ta' Settembru 1911 u wasal l-Indja fit-3 ta' Diċembru 1933 fl-età ta' 22 sena. Hemm kompla l-istudju u l-formazzjoni bħala reliġjuż Salesjan, iben San Ġwann Bosco. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Ottubru 1942 mill-Arċisqof ta' Madras, l-E.T. Mons. Louis Mathias.

Mill-bidu huwa ħadem fil-missjoni afdata f'idejh fil-Grigal tal-Indja fl-Istat ta' Meghalaya fejn għadda l-ewwel 21 sena fl-inħawi ta' Marbisu u fejn bena knisja ddedikata lill-Appostlu Missierna San Pawl.

Kien fl-1952, 10 snin wara li kien ordnat saċerdot, meta Dun Karm ġie għall-ewwel darba f'art twelidu u fit-8 ta' Ġunju ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fin-Nadur.

Jekk issemmi l-isem ta' Dun Karm ma tistax ma ssemmix eluf ta' benefatturi li baqgħu snin twal jgħinuh b'offerti ta' karità, ta' quddies u tant Boroż ta' Studju li bihom kien jgħin numru kbir ta' studenti li ħafna minnhom saru Salesjani u oħrajn Saċerdoti indiġeni. Ma naqsux xi lajċi kif ukoll xi saċerdoti li marru jżuruh l-Indja. Bħala student Salesjan li mar qrib tiegħu fl-1956 kien Fr. Joe Cilia SDB (1935 - 2018) mill-Belt Valletta. Baqa' hemm sa mewtu.

Qablu marru minn tal-ewwel għand Dun Karm żewġ żgħażagħ, wieħed minnhom huwa Bro Carmel Muscat SDB (1938 - ) mill-Mosta li mar fejnu ta' 14-il sena u baqa' miegħu. L-ieħor huwa Victor Cilia mill-Ħamrun. Telqu minn Malta flimkien fl-1953 bil-ħsieb li jibqgħu t-tnejn hemm.

**ALLA LAQQGĦU**

F'dan ir-ritratt, li qed jidher għall-ewwel darba u li għoġbu jgħaddihulna Patri Anton Cilia O. Carm., jidher Dun Karm f'nofs il-familja Cilia fl-1952 meta kien irritorna fostna għall-ewwel darba. It-tarbija f'ħoġor ommha hija Patri Anton stess. Kien dakinhar li Alla laqqa' għall-ewwel darba lil Dun Karm b'mod speċjali ma' wieħed mill-ulied, Victor, ta' 20 sena.

Mhux biss. Tajjeb wieħed ikun jaf ukoll li oħtu Mary (twieldet 3.2.1934, fir-ritratt it-tielet mix-xellug) kienet tixtieq taħdem maż-żgħażagħ. Hekk ikompli Patri Anton



Cilia: "Kien Dun Karm li ħajjarha tidħol Salesjana meta sar jaf bix-xewqa tagħha. Hu qabbadha ma' Fr Mangion SDB biex jgħinha tilħaq il-vokazzjoni tagħha. F'dak iż-żmien ma kienx hawn sorijiet Salesjani, la f'Malta u lanqas f'Għawdex. Minħabba f'hekk, bil-għajnuna ta' Fr. Mangion, marret Sqallija flimkien ma' xi tfajliet Maltin oħra biex hemm jibdew in-Novizzjat. Eventwalment hi pprofessat u kompliet bil-ħidma tagħha fi Sqallija. Dan kollu seħħ meta jien kont għadni żgħir u din l-informazzjoni waslitli permezz ta' ħuti l-kbar. Imma jiena niftakar tajjeb meta s-sorijiet Salesjani ddeċidew li jiftħu dar f'Għawdex, fi Triq it-Tiġrija, Victoria, fid-dar tas-Sinjorina Maria Olimpia Bondì. Allura, oħti, Suor Maria, kienet magħżula biex tifforma parti mill-ewwel komunità ta' sorijiet Salesjani f'Għawdex. Wara ftit żmien f'Għawdex, oħti rritornat Sqallija għall-kura urġenti li kellha bżonn. Fil-fatt għaddiet għall-ħajja ta' dejjem fl-20 ta' Jannar 1971, fl-età ta' 37 sena!"

**ALLA PPROVDIELU**

Għalkemm Victor ġie lura wara sentejn, kif jgħid hu stess: "kien hawn li l-Mulej għażel it-triq għalija". Dun Karm kien diġà beda jistampa fl-1947 fuljett li semmieh "Leħen il-Missjunarju". Victor ħass li għandu d-don tal-kitba u malajr minn Malta ħa f'idejh il-pubblikazzjoni u t-tqassim tal-fuljett, 4 darbiet fis-sena u



*Victor ta' 20 sena fl-1952*

b'iktar paġni. Baqa' sejjer b'dan mhux mingħajr ħafna kollaboraturi oħra, fosthom ħutu Roża, Gerita u Pawlu, sal-aħħar ħarġa fl-2007. Wieħed jista' jgħid x'għajnuna kellu Dun Karm meta Alla pprovdielu lil Victor Cilia.



*Victor ta' 72 sena fl-2005*

Sadattant matul medda ta' 53 sena Victor ma naqasx li jżur lil Dun Karm fl-Indja kif għamel għall-aħħar darba f'Jannar tal-2005.

Wieħed jista' jsib dan it-tagħrif flimkien ma' ħafna iktar fil-ktieb li ġie stampat fl-2024: DUN KARM ATTARD SDB, miġbur u miktub mill-awtur ta' dan l-artiklu.

**DUN KARM RADD ŻJARA LILL-PAPA ĠWANNI PAWLU II**

Kien tassew jixraq li Dun Karm irodd żjara privata lill-Papa Ġwanni Pawlu II kif fil-fatt għamel fl-1992 wara li kien fostna, mar ukoll Fatima u għadda wkoll il-Vatikan. Għaliex?



Ħafna kienu l-esperjenzi ta' kull xorta li ltaqa' magħhom Dun Karm. Wieħed isib minnhom kemm f'Leħen il-Missjunarju kif ukoll fil-ktieb imsemmi. Iżda baqgħet waħda ta' tifkira speċjali għalih meta l-Papa Ġwanni Pawlu II kien żar l-ewwel darba l-Indja fl-1986.

Hekk jirrakkonta Dun Karm f'xi ittri tiegħu fit-tħejjija minn qabel. "Bdejna Settembru u qed nillestu għall-miġja ta' 10 ijiem tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Indja u qed nistennewh hawn ukoll. Qed ikollna laqgħat apposta. Se jiġi Shillong għal 3 sigħat fejn għall-ewwel riedu jagħtuhulna għal 80 minuta biss. Se jiġi fl-4 ta' Frar 1986. Il-gvern għadu ma ddeċidiex fejn sejjer jinżel. Hawn fuq m'hawnx ajruport. Forsi jinżel fil-parroċċa tiegħi ta' Mawlai fejn kienet niżlet il-Prim Ministru Indira Gandhi."

"Inkomplu nillestu għall-miġja tal-Papa. Kull familja qed tagħmel sagrifiċċju u tagħti Rs. 25 (25 rupija Indjana jiswew €0.28 ċenteżmu) ħalli nħallsu l-ispejjeż tal-biża' li ser ikollna. Allajbierek ħadd ma gerger u kulħadd qed iġabbar u lil kull wieħed nagħtuh irċevuta sabiħa li tibqa' tifkira marbuta mal-Papa."

"It-trasport u s-sigurtà ħadhom fuq spallejh il-gvern. Il-bqija kollox għalina. Hawn fuq se jkollna spejjeż ta' Rs. 1,200,000 bejn 8 djoċesijiet. Il-parroċċa tiegħi għandha taħseb għal Rs. 100,000. Nafdaw fil-providenza ta' Alla."

"Waslet il-ġurnata. Il-Papa kien puntwali fl-10 ta' filgħodu, 4 ta' Frar 1986. Kellna folla kbira ta' nies stmata 300, 000 u għaddejna 3 sigħat fil-ferħ tal-ġenna. Ikkonċelebrajna miegħu 100 missjunarju u kellna 300 żeffiena.

Kif tfaċċa l-Papa fuq il-palk kulħadd iġġennen bil-ferħ. Il-kor infexx f'kant popolari: *Khublei Pope John Paul.* Innu li baqa' jitkanta f'okkażjonijiet oħra. Il-folla kellha bnadar bojod u sofor u kulħadd ixejjer. Il-Papa baqa' għal 5 minuti jxejjer lil kulħadd. Kien ilna 4 xhur nippreparaw għal dil-miġja."

"Il-Papa ġie ġo Mawlai u fil-parroċċa tiegħi. Il-bnadar li kellhom in-nies għamluhom kollha l-parruċċani tiegħi. Għamlu ljieli biex inaddfu t-toroq. Kemm ferħu u feraħ magħna l-Papa! Ħafna mill-ħwejjeġ li libsu kienu Maltin u Għawdxin u għamlu figura sabiħa għax kieku ma kinux jiġu bil-ħwejjeġ imqattgħin li għandhom!"

Dun Karm sab tassew min jiftakar fih u fil-Missjoni tiegħu, imma huwa ma kienx jibqa' lura milli jirringrazzja lill-benefatturi u japprezza anki l-iċken ħaġa. Sejjer issa ma jafulniex mis-sema bħala iben dil-parroċċa kif ukoll lil tant ħbieb li baqgħu jgħożżuh bħala l-Missjunarju ta' ħidma kbira?

# KAPPILLANI U ARĊIPRIETI tan-Nadur MILL-1688

DANIEL MEILAK

| KAPPILLANI/ ARĊIPRIETI | TWELID/ MAGĦMUDIJA | ORDNI SAGRI - PRESBITERAT | PUSSESS (U ETÀ MAL-PUSSESS) | TMIEM IL-PARROKAT | MEWT | TUL TAL-PARROKAT (SNIN) | ETÀ MAL-MEWT (SNIN) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **KAPPILLANI** | | | | | | | |
| **-vakanti-**<br>Il-Kappillan Haber appuntat imma għadu mhux effettiv | | | 28-04-1688 | 10-06-1689 | | | |
| 1. **Dun Bernard Haber** | 26-10-1634<br>Rabat - Matriċi | 17-12-1678 | 10-06-1689<br>(54) | 16-11-1705<br>mewt | 16-11-1705<br>Nadur | >16 | 71 |
| Ordnat saċerdot meta kellu madwar 44 sena, Haber intgħażel biex ikun l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Qala mwaqqfa fit-28 t'April 1688, iżda b'ordni tal-Isqof biex jibni l-knisja parrokkjali ddedikata lil Madonna fuq l-għolja tan-Nadur. Hekk kif bdiet tinbena din il-knisja Haber beda jsejjaħ lilu nnifsu Kappillan tan-Nadur. Bejn l-1698 u l-1699 il-knisja l-ġdida ġiet iddedikata lil San Pietru u San Pawl. Haber stinka kemm felaħ biex il-parroċċa titlaq fl-ewwel snin tagħha u mexxa t-trasferiment mis-Santarju tal-Kunċizzjoni lejn il-knisja parrokkjali tan-Nadur. Twaqqfu l-Fratellanzi tas-Sagrament fl-1690 u tar-Rużarju fl-1705. Miet waqt it-terminu tiegħu bħala Kappillan tan-Nadur. | | | | | | | |
| 2. **Dun Injazio Hagius** | 08-08-1673<br>Valletta – San Pawl | 21-12-1697 | 1706<br>(33) | 1708<br>trasferit | 15-09-1724<br>Ħal Luqa | 2 | 51 |
| Dan is-saċerdot Malti intgħażel biex jieħu post Haber. Huwa kompla għaddej bil-bini tal-knisja parrokkjali tan-Nadur iżda l-parrokat tiegħu dam madwar sentejn biss għaliex ġie mneħħi minn din il-pożizzjoni wara li saru xi akkużi fuqu. Wara n-Nadur kien ġie appuntat bħala Kappillan ta' Ħal Luqa, Malta, iżda anke hawnhekk kellu l-inkwiet u wara li ġie mtella' quddiem l-Inkwiżizzjoni, kien intbagħat il-ħabs. Meta spiċċalu t-terminu tal-ħabs huwa reġa' mar Kappillan Ħal Luqa fl-1715. Hagius kellu l-iqsar parrokat fl-istorja tal-parroċċa tan-Nadur mill-1688 sal-lum. | | | | | | | |
| 3. **Dun Giovanni Andrea Falson** | 27-09-1670<br>Għarb/Rabat - Matriċi | 18-12-1694 | 1708<br>(38) | 01/05/1743<br>mewt | 01/05/1743<br>Nadur | >35 | 72 |
| Kien diġà mexxa l-parroċċa bħala Vigarju-Kurat bejn il-parrokati ta' Haber u Hagius. Ħadem bis-sħiħ biex l-ewwel knisja parrokkjali tkun lesta minn kollox, ġab orgni ġdid fl-1736, qanpiena ġdida fl-1712, għamel l-artal il-maġġur fl-1742, ġab l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, saru xi pitturi inkluż il-kwadru titulari li kien lest sas-sena 1716, bena ċimiterju madwar il-knisja bejn l-1723-1729 u waqqaf skola tat-tagħlim fl-1722. Fl-1720 bdiet tiġi ċċelebrata l-Imnarja fil-Buskett u bdew jiġu organizzati xi purċissjonijiet devoti. Ġurnata qabel miet kien għamel it-testment li fih ħalla ħafna mill-ġid tiegħu lill-parroċċa tan-Nadur. Dan kien l-itwal parrokat fl-istorja tal-parroċċa tan-Nadur mis-sena 1688 sal-lum. | | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4. **Dun Salvatore Galea** | 26-07-1712 Rabat – San Ġorġ | 06/04/1737 | 03/10/1743 (31) | 26/02/1778 mewt | 26/02/1778 Nadur | >35 | 63 |

L-akbar proġett li daħal għalih Galea kien il-bini ta' knisja parrokkjali ġdida tan-Nadur, dik li għandna llum. Għal dan huwa qabbad lill-Arkitett Militari Giuseppe Bonnici. Din bdiet tinbena fl-1760 madwar l-antika li bena Haber. Fi żmienu bdiet issir ukoll il-purċissjoni tal-Gandlora fl-1745, inbniet il-kappella tal-Madonna tal-Blat fuq ir-riħ ta' Ħondoq ir-Rummien fl-1760, saru pitturi ġodda għall-knisja inkluż minn Dun Carlo Zimech li kien residenti n-Nadur, il-bust tal-Ecce Homo lejn is-sena 1750, inġab il-korp ta' San Koronatu fl-1763, twaqqfet is-Soċjetà u Fratellanza ta' San Pietru u San Pawl fl-1763 u s-Sodalità tal-Agunija. Fl-1746 għammed tarbija bl-isem ta' Saverio li aktar tard kellu jkun Arċipriet tal-Matriċi u Gvernatur ta' Għawdex indipendenti.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5. **Dun Francesco Sapiano** | 24-12-1736 Rabat – San Ġorġ | 20-12-1760 | 19-10-1778 (41) | 25-01-1812 mewt | 25-01-1812 Nadur | >34 | 75 |

Ftit ġranet wara l-mewt ta' Galea, Sapiano kien diġà qed imexxi l-parroċċa bħala Vigarju-Kurat, u mbagħad sar Kappillan. Huwa kompla l-bini tal-knisja l-ġdida u waqqa' dik l-antika. Fi żmienu ġiet eretta l-Via Sagra fl-1778, sar il-lampier il-kbir tal-fidda fl-1779, it-tberik tal-knisja parrokkjali tan-Nadur il-ġdida fl-1804 u l-bini tal-knisja tal-Madonna ta' Loretu f'Għajnsielem. Fl-1793 għammed tarbija bl-isem ta' Michele Francesco mill-Qala li kellha ssir l-ewwel Isqof t'Għawdex fl-1864. Waqt dan il-parrokkat ħabtu l-Franċiżi għan-Nadur fl-1798 fejn il-knisja ġiet sgassata u nsterqu oġġetti prezzjużi. Malta għaddiet mill-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, għal dik Franċiża u dik Ingliża f'perjodu ta' madwar sentejn.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6. **Dun Antonino Scasciato** | 21-05-1772 Bormla | | 02-08-1812 (40) | 04-06-1827 riżenja | 20-09-1834 Bormla | >15 | 62 |

Dan il-qassis Bormliż, li qabel kien Kapuċċin, ġie maħtur Kappillan tan-Nadur wara l-mewt ta' Sapiano u mexxa l-parroċċa meta Malta kienet fl-ewwel snin tagħha bħala kolonja Ingliża. Huwa bena ċimiterju madwar il-knisja fl-1814, għamel il-qniepen il-kbar bejn l-1815-1816, u mexxa 'l quddiem id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. Fl-1820 bierek il-knisja tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem li kienet għadha kemm tlestiet. Wara madwar ħmistax-il sena fit-tmexxija tal-parroċċa huwa talab lill-Papa Ljun XII biex iħalli minn Kappillan tan-Nadur u jerġa' lura Malta. Ftit taż-żmien wara ntgħażel biex ikun l-Arċipriet tal-Knisja Kolleġġjata tal-Kunċizzjoni f'Bormla, raħal twelidu.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **-vakanti-** Il-parroċċa kienet amministrata mill-Vigarju-Kurat Dun Alessandro Cauchi | | | 04-06-1827 | 28-09-1828 | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7. **Dun Nicola Spiteri** | 12-02-1787 Rabat – San Ġorġ | 09-03-1811 | 28-09-1828 (41) | 19-10-1853 mewt | 19-10-1853 Nadur | >25 | 66 |

Il-parroċċa damet sittax-il xahar amministrata minn Cauchi minħabba li kien għadu ma nstabx Kappillan flok Scasciato. L-Arċisqof Ferdinando Mattei finalment għażel lil Dun Nicola mir-Rabat. Huwa kellu jħabbat wiċċu mal-imxija tal-Kolera li laqtet lil Għawdex darbtejn, fl-1837 u l-1850 u minħabba f'dan xi dfin flok sar fil-knisja beda jsir fuq iz-zuntier. Fi żmienu nfetħet l-iskola Primarja tan-Nadur fl-1842, l-ewwel skola f'Għawdex barra r-Rabat, inbena t-Torri ta' Kenuna fl-1848. Ikkummissjona kor tal-injam ġdid għall-knisja li sar fl-1832, Battisteru ġdid fl-1851 u ħafna opri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-liturġija u l-knisja. Wara l-mewt ta' Spiteri fl-1853 reġa' ġie perjodu ieħor pjuttost twil fejn il-parroċċa sefgħet bla Kappillan. Fl-1855, waqt dan il-perjodu ġiet smembrata l-parroċċa l-ġdida t'Għajnsielem minn dik tan-Nadur u l-knisja saret l-unika knisja Matriċi minbarra l-Matriċi t'Għawdex.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **-vakanti-** Il-parroċċa kienet amministrata mill-Vigarju-Kurat Dun Demetrius Galea | | | 19-10-1853 | 11-06-1854 | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **-vakanti-**<br>Il-parroċċa kienet amministrata mill-Vigarju-Kurat Dun Giovanni Battista Grech | | | 11-06-1854 | 30-09-1855 | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8. **Dun Giovanni Battista Grech** | 11-10-1826<br>Rabat - Matriċi | 21-12-1849 | 30-09-1855<br>(29) | 28-06-1876<br>sospiż | 04-04-1891<br>Xagħra | >21 | 64 |

Fl-1855 l-għażla waqgħet fuq qassis mir-Rabat, Dun Giovanni Battista Grech li kien għad għandu biss 29 sena. Huwa għamel żewġ qniepen ġodda fl-1858, irranġa d-dar parrokkjali, twaqqfet il-Fratellanza tad-Duluri u saret statwa tagħha, saru pitturi minn Clement Busuttil, inbena kampnar ġdid fit-tramuntana tal-knisja u ħa ħsieb li l-knisja tiġi kkonsagrata fl-1867. Fi żmienu faqqgħet il-Kolera bejn l-1865 u l-1877. Fl-1872 ġiet smembrata l-parroċċa l-ġdida tal-Qala minn dik tan-Nadur. Dan il-Kappillan ġie sospiż mill-ministeru tiegħu fl-1876 fuq akkużi li kienu saru fuqu. Xi ħadd kien spara lejn tieqa tad-dar parrokkjali li b'xorti tajba ma laqtitx lill-Kappillan. Matul dawn is-snin, il-parroċċa tmexxiet mill-Vigarju-Kurat Dun Salv Vella fejn matulhom kien sar ukoll l-arloġġ mekkaniku fl-1877. Il-każ ta' Grech dam għaddej sakemm finalment ħareġ liberat mill-akkużi fl-1881.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-parroċċa kienet amministrata mill-Vigarju-Kurat Salvatore Vella waqt li l-Kappillan Grech kien sospiż | | | 01-07-1876 | 03-03-1881 | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9. **Dun Giovanni Camilleri** | 09-12-1830<br>Nadur | 20-12-1856 | 03-03-1881<br>(50) | 01-01-1894<br>Maħtur Arċipriet | 31-05-1910<br>Nadur | >13 | 79 |

Meta Grech ħareġ liberat fl-1881, huwa ġie appuntat Kappillan tax-Xagħra, waqt li l-Kappillan tax-Xagħra Dun Giovanni Camilleri li kien min-Nadur ġie fil-parroċċa ta' twelidu. Camilleri kien serva wkoll bħala Kappillan taż-Żebbuġ qabel ix-Xagħra. Fi żmienu nbniet dar parrokkjali ġdida, inġabet l-istatwa titulari minn Marsilja fl-1882 u sar it-tużell tal-festa. Fl-1893 il-knisja Matriċi tan-Nadur saret Arċipretali u Camilleri ġie maħtur bħala l-ewwel Arċipriet.

## ARĊIPRIETI

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9. **Kan. Giovanni Camilleri** | 09-12-1830<br>Nadur | 20-12-1856 | 01-01-1894<br>(63) | 31-05-1910<br>mewt | 31-05-1910<br>Nadur | <16 | 79 |

Fit-terminu ta' Camilleri bħala Arċipriet il-knisja Matriċi u Arċipretali tan-Nadur saret Kolleġġjata Insinji fl-1894, sar l-orgni mill-kumpanija Inzoli fl-1897, inkitbet l-antifona ta' San Pietru u San Pawl, sar pedestall ġdid għall-istatwa titulari, inbena oratorju tan-Nazzarenu ħdejn il-knisja, inbniet il-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fl-1910 u nbeda l-proġett tat-tkabbir u d-dekorazzjoni tal-Kolleġġjata tan-Nadur fl-1906-1907.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. **Kan. Dr Martino Camilleri** | 27-08-1873<br>Nadur | 19-12-1896 | 12-06-1910<br>(36) | 08-09-1921<br>mewt | 08-09-1921<br>San Ġiljan | >11 | 48 |

Studja f'Ruma u kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija. Sa mill-1909 huwa kien diġà Vigarju-Kurat u qed jassisti lil zijuh l-Arċipriet il-Kan. Dun Giovanni Camilleri. Jibqa' l-aktar magħruf bħala l-moħħ wara l-proġett tat-tkabbir u tisbiħ tal-Kolleġġjata tan-Nadur, speċjalment l-Arkitett Francesco Saverio Sciortino li sar jafu meta kien Ruma, Lazzaro Pisani u Pio Cellini kif ukoll saru l-ewwel twieqi bl-istained glass. Ġab l-istatwa ta' San Ġużepp, ir-Relikwarju fl-1915, il-pjanċier tal-banda fl-1919, l-urna tal-katina ta' San Pietru fl-1921, beda l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fl-1913 u kkummissjona l-ewwel statwi. Fi żmienu waqqaf il-Kongregazzjoni tad-Duttrina Nisranija, ztwaqqfet is-Soċjetà tal-Museum (tal-bniet), l-ewwel f'Għawdex, fl-1915 u l-kunvent tas-sorijiet Franġiskani fl-1917. Mexxa l-parroċċa fl-eqqel tal-imxija tal-Influwenza Spanjola fejn safa marid biha huwa stess, ħadem biex jiddefendi l-industriji Nadurin u għen lill-parruċċani f'dak li hu materjali u spiritwali. Miet wara marda qerrieda li ħallietu għal xhur sħaħ fl-isptar tal-Blue Sisters f'San Ġiljan, Malta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **-vakanti-**<br>Il-parroċċa kienet amministrata mill-Vigarju-Kurat il-Kan. Antonio Camilleri | | | 08-09-1921 | 25-06-1922 | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. **Kan. Antonio Camilleri** | 11-08-1872 Nadur | 21-12-1895 | 25-06-1922 (49) | 18-10-1926 mewt | 18-10-1926 Nadur | >4 | 54 |

Camilleri, li kien magħruf bħala Toninu wkoll, mexxa l-parroċċa meta l-Arċipriet il-Kan. Martino Camilleri kien marid u anke wara mewtu sa ma ġie appuntat mill-Isqof Camilleri biex ikun l-Arċipriet tan-Nadur. Kien mużiċista u kompożitur, ħabib ta' San Ġorġ Preca u sostna l-opra tal-Museum. Fil-parrokat qasir tiegħu sar baldakkin ġdid fl-1925-1926, ġew ikkonsagrati xi artali tal-ġnub, ta s-sehem tiegħu biex jitwaqqaf l-orfanatrofju f'Għajnsielem, u twaqqaf l-ewwel Museum tas-Subien f'Għawdex. Miet bid-Dijabete wara parrokat ta' madwar erba' snin.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. **Kan. Giuseppe Cassar** | 22-08-1890 Ta' Sannat | 18-12-1915 | 10-12-1927 (36) | 01-11-1950 mewt | 01-11-1950 | <23 | 60 |

Minn ta' Sannat. Ħadem bħala missjunarju fl-Alġerija, kien organista u kien jaf il-Franċiż. Wara ftit żmien bħala Kappillan tal-Qala huwa ntgħażel bħala Arċipriet tan-Nadur wara l-mewt ta' Camilleri. Cassar mexxa l-parroċċa fil-kwistjoni politiko-reliġjuża bejn il-Knisja u Strickland, kif ukoll waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, waqqaf is-Società di Mutuo Soccorso fl-1928, is-Soċjetà ta' San Vinċenz fl-1937, is-Società dell'Ora Santa, il-Figlie di Maria u l-Azzjoni Kattolika. Fi żmienu reġa' twaqqaf mill-ġdid il-Museum tas-Subien wara l-Gwerra u nbniet l-iskola Primarja l-ġdida fl-1932. Introduċa s-sistema tal-elettriku fil-knisja, ġab il-linef tal-kristall fl-1932, sar il-balavostrat tal-presbiterju fl-1932, bena Ċimiterju ġdid f'Ta' Kenuna fl-1934, għamel il-paviment tal-knisja li kien lest sal-Gwerra, l-istatwa tal-Fidi, it-Tama u l-Imħabba fil-faċċata tal-knisja fl-1945, ħadem it-twieqi tal-Appostli fl-istained glass fi Franza, ġab l-arloġġ tal-faċċata mill-Ingilterra fl-1948 u beda x-xogħol fuq il-gallerija tal-orgni fl-1949. Miet għall-għarrieda meta kien Ruma biex jattendi għall-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta u kien assistit mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. **Mons. Kan. Michele Portelli** | 05-12-1917 Għajnsielem | 07-06-1941 | 08-04-1951 (33) | 27-11-1982 riżenja | 16-08-1984 Rabat, Għawdex | >31 | 66 |

Twieled Għajnsielem, iżda f'età ċkejkna l-familja telgħet toqgħod in-Nadur. Ġie appuntat Arċipriet-koġitur tal-Għarb fl-1949 u ħa l-pussess bħala Vigarju-Kurat għall-Arċipriet tal-Għarb. Sar Arċipriet tan-Nadur fl-1951. Mexxa l-parroċċa fi żmien ta' nkwiet bejn l-1958 u l-1967, kif ukoll ħa ħsieb jibda r-riformi li talab il-Konċilju Vatikan II wara l-1965. Fi żmienu saret libsa ġdida għal San Koronatu, sar il-kisi tal-knisja kollha bl-irħam, il-pulptu artistiku fis-snin sittin, ġie mneħħi l-altar maġġur u sar rimodellar tal-presbiterju tal-knisja u artal ġdid fis-snin sebgħin, inxtraw il-linef il-kbar fl-1970, inbena l-qasam il-ġdid tal-MUSEUM tas-subien fl-1965, twaqqfu n-Nadur Youngsters fl-1958, il-Banda Mnarja fl-1967, twaqqaf iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ fl-1975 u nbena Uffiċċju u Ċentru Parrokkjali ġdid. Fl-1970 jissemma' għall-ewwel darba ż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. Ngħata l-privileġġ tal-Pelliċċa, il-Buġija u l-Ġunta lill-kanonċi tal-Kapitlu fl-1952 u fl-1963 l-Arċipriet *pro tempore* beda jgawdi mill-privileġġi tal-Monsinjuri Protonotorji. Il-Knisja Kolleġġjata saret Bażilika fl-1967 u fl-1968 ġiet iċċelebrata s-Sena tal-Fidi. Wara r-riżenja tiegħu kien l-ewwel ragħaj spiritwali li baqa' jgħix fil-parroċċa bit-titlu ta' Arċipriet Emeritu sa mewtu. Huwa kien ukoll Kommendatur tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u Kavallier tal-Ordni Rjali tal-Kuruna ta' Kreta bid-dritt tas-suċċessjoni fuq l-Arċiprieti *pro tempore* ta' warajh.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. **Mons. Kan. Salvatore Muscat** | 18-08-1941 Nadur | 30-04-1966 | 02-01-1983 (41) | 01-02-2010 terminu mitmum | | <27 | 83* |

Imwieled fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija. Muscat ġie ordnat saċerdot fl-1966 u mill-ewwel beda jaqdi pastoralment fil-parroċċa ta' twelidu iżda anke fuq livell djoċesan bħala Segretarju tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni u editur tal-*Ħajja f'Għawdex*. Wara r-riżenja ta' Portelli, l-Isqof t'Għawdex appunta lil Muscat biex isir l-erbatax-il-ragħaj spiritwali tan-Nadur. Huwa kompla fuq ir-riformi Konċiljari li beda Portelli, saħħaħ ħafna gruppi li jaħdmu fil-qasam pastorali u kulturali tal-parroċċa, żamm kuntatt mal-emigranti anke bi żjarat, bdiet tiġi ppubblikata r-rivista Luminaria fl-1985 u waqqaf l-ewwel radju komunitarju f'Għawdex fl-1995, u fi żmienu nbena Ċimiterju ġdid, kappella maċ-Ċimiterju l-antik, Sala u Dar Parrokkjali, infetaħ il-Mużew Marittimu u ġie riorganizzat l-Arkivju Parrokkjali. Fil-Bażilika, ħa ħsieb ir-restawr ta' diversi opri, beda sistema tad-dawl ġdida, tkomplew vari ġodda tal-Ġimgħa l-Kbira. Mexxa l-parroċċa f'żewġ avvenimenti importanti: it-Triċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1988 u s-Sena tal-Millennju 2000. Il-Bażilika ġiet affiljata spiritwalment mal-Bażiliċi ta' San Pietru u San Pawl fil-Vatikan u f'Ruma. L-aħħar opra fil-parrokat ta' Muscat kien it-tabernaklu tal-fidda fil-Bażilika.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. **Mons. Kan. Jimmy Xerri** | 30-08-1957 New South Wales, l-Awstralja | 27-06-1981 | 25-06-2010 (52) | 15-04-2010 terminu mitmum | >14 | 67* |

Wara perjodu qasir ta' ftit xhur li fih il-parroċċa ġiet Amministrata minn Muscat, Mons. Jimmy Xerri ngħata l-pussess nhar il-25 ta' Ġunju. Huwa kien ħadem fid-djoċesi t'Għawdex, mal-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi u għal snin twal bħala missjunarju fil-Brażil. Awtur ta' bosta kotba bil-Malti u bil-Portugiż fost l-oħrajn u lettur tal-Filosofija fis-Seminarju Maġġuri tad-Djoċesi. Fl-erbatax-il sena ta' parrokat tkomplew il-proġett taċ-Ċimiterju l-ġdid tal-Ħniena Divina, il-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid u l-proġett tas-sistema tad-dawl fil-Bażilika. Saru diversi proġetti ta' tiswija u restawr u sar xogħol ta' modernizzar fl-Uffiċċju Parrokkjali kif ukoll infetaħ il-Mużew tal-Parroċċa, prayer room għall-adorazzjoni u l-ġabra ħdejn il-knisja u studios ġodda ta' Radju Luminaria. Matul il-parrokat ta' Xerri sar ħafna xogħol pastorali ma' dawk vulnerabbli permezz tal-Caritas Parrokkjali, fil-liturġija, fil-gruppi u l-għaqdiet reliġjużi. Mexxa l-parroċċa fiż-żminijiet diffiċli tal-imxija tal-Covid-19 u fl-2024 spiċċa t-terminu tiegħu sabiex ġie maħtur Delegat tal-Isqof għad-Djakonija.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 16. **Kan. Dr Krystof Buttigieg** | 26-08-1986 Victoria Għawdex | 28/05/2011 | 28-09-2024 (38) | | | 38* |

L-Arċipriet Buttigieg, mill-Qala, ġie ordnat saċerdot fl-1986 u qatta' l-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu f'Ruma fejn ħadem pastoralment f'diversi realtajiet, kif ukoll ġab id-Dottorat fix-Xjenzi Patristiċi. Lura Għawdex, huwa ta s-servizz pastorali tiegħu fil-parroċċa taż-Żebbuġ sakemm fil-15 t'April 2024 ġie appuntat bħala Amministratur tal-parroċċa tan-Nadur wara li kien spiċċa t-terminu tal-Arċipriet Xerri. Fit-28 ta' Ġunju 2024 ngħata l-pussess ta' Kononku tal-Kolleġġjata Insinji, li tagħha bħala Arċipriet jibda jassumi l-ewwel dinjità. Permezz ta' digriet mogħti mill-Kurja nhar is-16 t'Awwissu 2024 Buttigieg ġie maħtur bħala t-tmien Arċipriet u s-sittax-il-Kappillan tal-parroċċa tan-Nadur b'effett min-nhar l-14 ta' Settembru 2024. Huwa ġie mogħti l-pussess tal-parroċċa nhar it-28 ta' Settembru 2024.

***Arċprieti li għadhom ħajjin.**

## KAPPILLLANI U ARĊIPRIETI

- L-aktar Kappillan/Arċipriet li miet żgħir: il-Kan. Martin Camilleri fl-età ta' 48 nhar it-8 ta' Settembru 1921.
- L-aktar Kappillan/Arċipriet li laħaq età avvanzata: Mons. Salvu Muscat fl-età ta' 83 sena.
- Il-Kappillani u Arċiprieti tan-Nadur kienu ġejjin minn dawn il-parroċċi: in-Nadur – San Pietru u San Pawl (5), Rabat – San Ġorġ (4), Rabat – Matriċi/Katidral (3), Valletta – San Pawl (1), Bormla – l-Immakulata Kunċizzjoni (1), Ta' Sannat – Santa Margerita (1), il-Qala – San Ġużepp u l-Immakulata Kunċizzjoni (1).

## PARROKATI

- L-itwal parrokat: Dun Giovanni Andrea Falson li meta miet fl-1 ta' Mejju 1743 kien ilu jmexxi l-parroċċa għal 34 sena u għaxar xhur.
- L-iqsar parrokat: Dun Injazio Hagius li meta ġie mneħħi minn Kappillan tan-Nadur fl-1708 kien ilu jmexxi l-parroċċa għal anqas minn sentejn.
- L-aktar saċerdot anzjan li ġie maħtur Kappillan/Arċipriet tan-Nadur kien Dun Bernard Haber li fl-1689 kellu 54 sena.
- L-aktar saċerdot żagħżugħ li ġie maħtur Kappillan/Arċipriet tan-Nadur kien Dun Giovanni Battista Grech li fl-1855 kellu 29 sena.
- L-itwal perjodu li l-parroċċa tan-Nadur damet bla Kappillan/Arċipriet kien bejn l-1876 u l-1881 meta l-Kappillan Dun Giovanni Battista Grech kien sospiż mill-ministeru tiegħu. Il-parroċċa kienet tmexxiet mill-Vigarju-Kurat Dun Salv Vella li aktar tard sar Kanonku Onorarju tal-Katidral.



Dun Bernard Haber
1689-1705



Dun Nazju Hagius
1706-1708



Dun Ġwann Indri Falson
1708-1743



Dun Salv Galea
1743-1778



Dun Nikol Spiteri
1828-1853


Dun Ġwann Battista Grech
1855-1876


Kan. Ġwann Camilleri
Kappillan: 1881-1894
Arċipriet: 1894-1910


Kan. Dr Martin Camilleri
1910-1921


Kan. Anton Camilleri
1922-1926


Kan. Ġużepp Cassar
1927-1950


Mons. Kan. Mikiel Portelli
1951-1982


Mons. Kan. Mons. Salv Muscat
1983-2010


Mons. Kan. Jimmy Xerri
2010-2024


Kan. Dr Krystof Buttigieg
2024 -

# ST. JOSEPH PHARMACY

28, St. Joseph Square, Qala, Gozo

## OPEN ALL DAY!

**Monday - Saturday**

**8:00 AM - 7:30 PM**

Doctors and consultants in attendance on a daily basis!

**Call at: 21555348 or 77552042**

stjosephqala@gmail.com

# 50 Sena tal-Artal Mejda

## fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur

Il-Konċilju Ekumeniku Vatikan II li nżamm bejn il-11 ta' Ottubru 1962 u t-8 ta' Diċembru 1965 wassal biex fost ħwejjeġ oħra jsiru bosta tibdiliet u aġġornamenti fi ħdan il-Knisja. Dan kien jinkludi wkoll tibdil dwar il-parteċipazzjoni tal-fidli fir-riti u ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja. Żgur li waħda mill-aktar parteċipazzjonijiet importanti hija dik fis-smiegħ tal-quddiesa li tinkludi sehem fil-Misteru Mqaddes tal-Ewkaristija.



Fil-Kostituzzjoni Dwar Il-Liturġija Mqaddsa "Sacrosanctum Concilium" tal-Konċilju Vatikan II li ħarġet fl-4 Diċembru 1963, it-taqsima 47 Kap II, insibu dan li ġej dwar.

**Il-Misteru Mqaddes Tal-Ewkaristija**

"47. Is-Salvatur tagħna fl-aħħar ċena, fil-lejl li fih kien ittradut, waqqaf is-sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Ġisem u d-Demm tiegħu li bih is-sagrifiċċju tas-Salib jibqa' jiġġedded tul iż-żminijiet, sal-miġja tiegħu, u b'hekk iħalli lill-Knisja, l-għarusa maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-mewt u tal-qawmien tiegħu mill-mewt: sagrament ta' tjieba, sinjal ta' unità, rabta ta' karità[36], l-ikla tal-Għid "li fiha nirċievu lil Kristu, ir-ruħ timtela bil-grazzja u jingħatalna rahan tal-glorja ġejjiena"[37].

**Is-sehem tal-fidili**

48. Għalhekk il-Knisja tagħmel kull ma hu meħtieġ biex il-fidili ma jkunux għal dan il-misteru tal-fidi bħallikieku barranin jew iħarsu siekta iżda, waqt li jifhmuh tajjeb permezz tar-riti u t-talb tiegħu, jieħdu sehem li jifhmuh, sehem qaddis u ħaj fl-azzjoni mqaddsa; ikunu mgħallma bil-kelma ta' Alla; jieklu madwar il-mejda tal-ġisem tal-Mulej; iroddu ħajr lil Alla; u waqt li, mhux biss minn idejn is-saċerdot iżda huma wkoll flimkien miegħu, joffru l-vittma bla tebgħa, jitgħallmu joffru lilhom infushom u minn jum għall-ieħor, permezz ta' Kristu Medjatur[38], jipperfezzjonaw irwieħhom fl-għaqda ma' Alla u bejnhom infushom biex Alla jsir tabilħaqq kollox f'kulħadd."

Dan jitfa' dawl partikolari fuq s-siwi u l-importanza li għandu l-artal imqaddes f'nofs il-presbiterju f'kull knisja, kbira jew żgħira.

Il-Bażilika tan-Nadur qed tfakkar il-ħamsin anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-artal mejda li jżejjen u jaqdi l-funzjoni importanti fl-għaqda tal-konċelebranti u l-fidili f'kull ċelebrazzjoni li ssir ġewwa fiha. Għal dan il-għan qegħdin inwasslu lill-qarrejja ta' din ir-rivista silta dokumentata fil-ktieb In-Nadur Vol II miġbur minn Alexander Bonnici O.F.M. Conv. li ħareġ fl-1988 u li hu jiddeskrivi bħala 'Ġrajjiet il-Wirt Nisrani fin-Nadur'. F'paġni 545-546 kiteb hekk dwar dak li seħħ 50 sena ilu.

* "Proġett kbir ta' utilità pastorali kien dak tal-Artal Mejda. Fis-sena 1974, sar disinn minn Emvin Cremona; ix-xogħol ġie fdat f'idejn Gualtiero Luisi f'Lucca, fl-Italja Ċentrali. L-ordni saret lejn l-aħħar ta' Awwissu 1974. Kien proġett ta' artal kollu kemm hu ta' rħam abjad fuq taraġ ta' rħam iswed mill-Afrika. Billi l-ispiża kienet se tkun kbira, il-ġbir għalih kien beda minn xi xhur qabel. Sa Mejju 1974, kienu daħlu qrib Lm4000 għall-artal. L-artal il-qadim beda jitneħħa fis-17 ta' Frar 1975; tneħħew il-balavostrat u l-kanċell li kien hemm mal-presbiterju. Emvin Cremona tahom il-parir biex il-balavostrat jitqiegħed fl-artali tal-Kurċifiss u tar-Rużarju, kif fil-fatt sar. L-irħam il-ġdid wasal fis-27 ta' Marzu 1975; beda jitqiegħed fil-5 ta' Ġunju, u x-xogħol tlesta fi żmien qasir. L-ispiża waslet għal Lm10,000. L-artal prinċipalment jikkonsisti f'erba' statwi ta' rħam. Fuq quddiem jidher a) is-sagrifiċċju ta' Iżakk minn missieru Abraham, u b) dak ta' Abel b'kuntrast ma' ta' Kajjin. Fuq wara jidhru a) Noè u b) Melkisedek. L-artal ġie kkonsagrat mill-Isqof Nikol Cauchi l-Erbgħa, 18 ta' Ġunju 1975, waqt konċelebrazzjoni bi 30 saċerdot. Tqiegħdu fih ir-relikwi ta' San Kustanz u San Donald, li kienu fl-artal li kien ġie kkonsagrat mill-Isqof Micallef fl-1867. Ftit wara, l-istatwa titulari, inħarġet min-niċċa."

L-iskop ta' dawn it-tifkiriet huwa dak li nqanqlu memorji sbieħ f'moħħ dawk li għexu u jiftakru ż-żmien li fih twettaq dan il-proġett 50 sena ilu filwaqt li forsi jkun ukoll ta' informazzjoni għal dawk li huma iżgħar fl-età. Bħala komunità parrokkjali għandna napprezzaw il-valur u l-importanza tal-patrimonju artistiku u storiku li ħallewlna ta' qabilna biex inkunu nistgħu nindukrawh u nħalluh għal ta' warajna.

** L-awtur jagħmel referenza għas-sors ta' din l-informazzjoni bħala 'Djarju Cauchi'.*

*Ritratt artiklu: Anaca Photography*
*Ritratt qoxra: Martin Attard*

# Mill-Arkivju Parrokkjali

DANIEL MEILAK

Din is-sena qed infakkru żewġ anniversarji ta' ċertu importanza:



## 18 TA' ĠUNJU 1975: 50 SENA ILU

### IL-KONSAGRAZZJONI TAL-ALTAR IL-ĠDID

Fuq disinn ta' Emvin Cremona maħdum fl-irħam ta' Carrara minn Gualtiero Luisi dan ġie kkonsagrat mill-Isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi skont ir-riti stabbiliti tal-Knisja.

## 1 TA' NOVEMBRU 1950: 75 SENA ILU

### IL-MEWT GĦAL GĦARRIEDA TAL-ARĊIPRIET IL-KAN. ĠUŻEPP CASSAR



Cassar kien minn Ta' Sannat. Ħadem bħala missjunarju fl-Alġerija, kien organista u jaf il-Franċiż. Wara ftit żmien bħala Kappillan tal-Qala huwa ntgħażel bħala Arċipriet tan-Nadur wara l-mewt ta' Camilleri. Cassar mexxa l-parroċċa fil-kwistjoni politiko-reliġjuża bejn il-Knisja u Strickland, kif ukoll waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, waqqaf is-Società di Mutuo Soccorso fl-1928, is-Società ta' San Vinċenz fl-1937, is-Società tal-Ora Santa, il-Figlie di Maria u l-Azzjoni Kattolika. Fi żmienu reġa' twaqqaf mill-ġdid il-Museum tas-Subien wara l-Gwerra u nbniet l-Iskola Primarja l-ġdida fl-1932. Introduċa s-sistema tal-elettriku fil-knisja, ġab il-linef tal-kristall fl-1932, sar il-balavostrat tal-presbiterju fl-1932, bena Ċimiterju ġdid f'Ta' Kenuna fl-1934, għamel il-paviment tal-knisja li kien lest sal-Gwerra, l-istatwa tal-Fidi, it-Tama u l-Imħabba fil-faċċata tal-knisja fl-1945, ħadem it-twieqi tal-Appostli fl-istained glass fi Franza, ġab l-arloġġ tal-faċċata mill-Ingilterra fl-1948 u beda x-xogħol fuq il-gallerija tal-orgni fl-1949. Miet għal għarrieda meta kien Ruma biex jattendi għall-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta u fl-agunija tiegħu kien assistit mill-Arċisqof ta' Malta l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi. Din hija l-kitba li timmarka l-mewt tiegħu fir-reġistru tal-Imwiet u r-ritratt juri l-ġisem tiegħu jasal Għawdex minn Ruma għall-funeral li sar fit-13 ta' Novembru 1950.

# RESTAWR TAL-ARLOĠĠ

## MAĦDUM BEJN IS-SNIN 1856-1860

## LI JINSAB FL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI TAN-NADUR

DANIEL MEILAK



Ftit tax-xhur ilu sar intervent fuq arloġġ li jappartjeni lill-Parroċċa tan-Nadur sabiex jerġa' jibda jaħdem kif suppost. L-istorja ta' dan l-arloġġ tmur lura għas-seklu dsatax. Sas-seklu dsatax, ftit kienu joħolmu li jkollhom arloġġ fid-dar. Kienu dawk sinjuri biss li setgħu jaffordjaw li jkollhom arloġġ. L-arloġġi kienu skarsi ħafna. Fl-1877 kien ġie mqabbad arluġġar mill-Imqabba, Mikelanġ Sapiano, sabiex jaħdem arloġġ mekkaniku għall-kampnar tal-knisja tan-Nadur. Kien dan l-arloġġ li beda jirregola l-ħajja tan-Nadurin b'aktar preċiżjoni, hekk kif it-tokki tiegħu kienu jinstemgħu mill-qrib u mill-bogħod saħansitra anke għal Għajnsielem, l-Imġarr u l-Qala, li l-knejjes tagħhom ma kellhomx wieħed. Iżda l-aħħar kwart tas-seklu dsatax ra bidla drastika fil-qasam tar-regolazzjoni tal-ħin. Wara li l-ftit arloġġi li kien hawn kienu jsiru bl-idejn sa mis-sekli ta' qabel, fl-Istati Uniti tal-Amerika u fil-Ġermanja bdew isiru arloġġi mekkaniċi fuq bażi ta' mass-production, li jfisser li arloġġi bdew isiru aktar u saru jiswew ħafna anqas. Dan kien ifisser li aktar nies setgħu jaffordjaw li jkollhom arloġġ id-dar. Arloġġi oħrajn li kienu jsiru ngħidu aħna fi Franza u fl-Awstrija kienu aktar raffinati u damu aktar ma nfirxu fost il-klassijiet il-baxxi.

L-arloġġi mill-Istati Uniti tal-Amerika bdew jilħqu anke l-Ewropa u jinvadu s-swieq, aktar tard anke dawk Ġappuniżi u Ċiniżi. Malta u Għawdex, anke għaliex kienu kolonja Ingliża u kif ukoll minħabba l-għadd ta' baħħara u kummerċjanti li kien hawn, ukoll raw massa ta' arloġġi li bdew deħlin. Forsi l-aktar arloġġi affordabbli u komuni kienu l-arloġġi tal-kampnari li għadek issibhom fi djar antiki u li minkejja li ħafna minnhom inqerdu u ntremew, dan l-aħħar qed jerġgħu jiġu apprezzati bħala ornamenti fid-djar. Issib ukoll min iridhom jerġgħu jaħdmu bħala xhieda ta' storja ħajja li għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Arloġġ ieħor li kien pjuttost komuni kien dak li jissejjaħ Ogee Clock, jew OG clock. L-għamla l-aktar komuni li kont issibhom fiha kienet kaxxa rettangolari tiddendel mal-ħajt, b'bieba li fil-parti ta' fuq turi l-wiċċ tal-arloġġ u fil-parti ta' taħt tkun impittra b'xi xena Amerikana. Dan l-arloġġ, kuntrarju għal dak tal-kampnari ma kienx jaħdem bil-ħabel, imma bil-piż, jew aħjar b'żewġ mażżri li jinżlu mal-ġenb tal-arloġġ, dejjem ġol-istess kaxxa. Meta dawn imissu mal-qiegħ l-arloġġ kien jieqaf allura kien meħtieġ li jerġgħu jintrefgħu 'l fuq. L-aktar komuni kienu dawk li jservu 30 siegħa, jew ftit aktar minn ġurnata, iżda oħrajn



*Il-Makkinarju żarmat biex isir ix-xogħol fuqu*



*Il-Mażżri li jħaddmu l-arloġġ*

li l-mażżri kienu jieħdu ġimgħa biex jinżlu s'isfel kienu jiswew aktar u allura anqas komuni.

## L-arloġġ tal-parroċċa

Minn riċerka li saret irnexxielna niksbu ċertu tagħrif siewi dwaru. Fortunatament għad fadlilna partijiet sostanzjali mit-tabella oriġinali mwaħħla fuq wara, in-naħa ta' ġewwa tal-arloġġ. Minn dan insiru nafu li l-arloġġ sar mill-kumpanija Jerome & Co. ta' New Haven fl-istat ta' Connecticut fl-Amerika. Din il-kumpanija bdiet minn Chauncey Jerome (1793-1868) li għall-bidu kien lavrant mal-kumpanija ta' Eli Therry (1772-1852), u mbagħad beda jagħmel il-kaxxi tal-arloġġi. Fl-1822 huwa fetaħ ħanut tal-arloġġi fi Bristol u sal-1837 kien qed jipproduċi aktar arloġġi mill-kompetituri tiegħu. Fl-1842 mexxa l-bażi tiegħu lejn New Haven u tliet snin wara fl-1845 il-fabbrika sofriet ħruq estensiv. Minn hawn huwa mexxa kollox lejn Elm City u beda jipproduċi mal-150,000 arloġġ fis-sena.

Fis-sena 1850 huwa waqqaf il-kumpanija tiegħu Jerome Manufacturing and Co. Fl-1853 il-kumpanija bdiet tkun magħrufa bħala New Haven Clock Co. u bdiet tipproduċi mal-444,000 arloġġ fis-sena li kienu jiġu esportati anke lejn l-Ewropa u hawn Malta għad fadal ħafna arloġġi ta' din l-għamla.

Billi t-tikketta ta' kull arloġġ kienet tinbidel kull tant snin biex tirrifletti dawn il-bidliet kollha, nistgħu allura nħarsu lejn il-frammenti li fadlilna mill-arloġġ tal-Uffiċċju Parrokkjali u nieħdu idea ta' meta ġie maħdum. B'hekk naslu għad-dati 1856-1860. L-arloġġ inħadem f'dawn is-snin u allura llum jgħodd madwar 170 sena! Għaliex għedna li fl-1853 il-kumpanija saret magħrufa bħala New Haven Clock Co. u t-tikketta għadha taqra Jerome & Co.? Dan għaliex il-kumpanija baqgħet tippreferi tħalli isem Jerome fuq it-tabelli billi kien isem rinomat u b'hekk iżid il-bejgħ.[1]

## L-arloġġ fin-Nadur

Hija ħasra li d-dokumentazzjoni li għandna ma tgħinniex nagħrfu kemm ilu fostna dan l-arloġġ. Li nafu biss huwa li dan l-arloġġ instab fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri fost ħafna affarijiet oħra fil-kamra ta' ġewwa tas-sala parrokkjali meta sar xogħol ta' rinnovar. Is-sejba ta' dan l-arloġġ fil-lok tad-dar parrokkjali tagħtina x'nifhmu li dan fl-antik kien jinsab fid-dar parrokkjali. Jekk dan l-arloġġ inxtara fis-snin ta' wara li huwa ġie manifatturat allura jista' jkun li nxtara mill-Kappillan Dun Ġwann Battista Grech, inkella fi żmien li mexxa l-parroċċa l-Vigarju Kurat il-Kan. Salv Vella, jew possibilment fi żmien meta nbniet id-dar parrokkjali fi żmien l-Arċipriet il-Kan. Ġwann Camilleri. Fil-kotba tal-*Veneranda Lampada* tal-parroċċa, li fihom insibu dħul u ħruġ diversi, jista' jkun hemm ħjiel dwar dan. Nhar id-29 ta' Frar 1872 il-Kappillan Dun Giovanni Battista Grech ħallas skud, 9 rbgħajja u 11-il ħabba lil ċertu Francesco Cini biex jissettja arloġġ.[2] Pagament ieħor lil Cini għall-istess għan, din id-darba ta' 3 skudi, reġa' sar nhar il-11 ta' Marzu 1873.[3] Meta wieħed jikkunsidra li l-arloġġ tal-kampnar sar snin wara, fl-1877, u arloġġi fid-djar ftit li xejn jekk kien hawn, tqum il-possibiltà li xi wieħed minn dawn il-ħlasijiet saru għal dan l-arloġġ li kien għadu kemm inġab.

## L-interventi li saru fuq l-arloġġ

Meta nstab l-arloġġ ittieħed mill-Arċipriet Xerri fl-Uffiċċju tiegħu, fl-Uffiċċju Parrokkjali. Minkejja xi interventi li saru fuqu biex jibqa' fi stat li jaħdem, l-arloġġ kien fi stat ħażin u l-parti tad-daqq ma kinitx qed tiffunzjona.

1. https://jeromeclockcollector.com/jerome-co-new-haven-labels/ (18/05/2025)
2. Arkivju Parrokkjali Nadur, *Veneranda Lampada (1863-1889)*, 141r.
3. Ibid., 141v.




*l-Makkinarju lura fil-kaxxa wara l-intervent - wieħed jinnota t-tabella oriġinali fuq wara tal-kaxxa*

L-arloġġ jaħdem b'żewġ mażżri li jagħtuh l-enerġija u li jinżlu sal-qiegħ tal-kaxxa kuljum. Mela kuljum xi ħadd irid itella' l-mażżri 'l fuq ħalli l-arloġġ ikompli jaħdem. Meta qlajt il-wiċċ mill-ewwel indunajt li l-makkinarju kien fi stat prekarju. Interventi li saru fil-passat għamlu pjuttost aktar ħsara milli ġid, b'ħafna grif u xogħol goff. Għalhekk ħadt il-makkinarju d-dar fejn ħdimt fuqu fuq bażi volontarja, anke waqt il-kors Mechanical Clock Repair li jkun immexxi minn Celestina Sciberras li tlabtha gwida f'diversi stadji tax-xogħol.

Il-makkinarju żarmajtu kollu, evalwajt il-ħsara u bdejt il-ħidma li saret bejn Ottubru 2024 u Jannar 2025. Ġew mibdulin total ta' għoxrin bushings li kienu ttieklu, inbidlu xi pinions tal-latern pinion tal-gear tal-iskappament li kienu ttieklu wkoll. Dan ma kienx faċli għax mill-fabbrika dan il-gear ħareġ b'anomalija li l-wires ma setgħux jinqalgħu minn fuq bħas-soltu. Xi snien tal-gear tal-iskappament li kienu mgħawġin ġew iddrittati b'ħafna delikatezza u ġew ippolixjati l-pivots. Ġie wkoll marbut f'postu l-ewwel gear tal-mixi li kien qed jilgħab u żlugat. Il-makkinarju kollu ġie mnaddaf sew kemm miż-żjut u ħmieġ li jkun akkumula matul is-snin u anke mill-kulur li jibda jrabbi r-ram meta jgħaddi ż-żmien, speċjalment meta jiġi f'kuntatt mal-arja umduża li sikwit ikollna f'pajjiżna. Ġie mibdul il-ħabel tal-mażżri li kien diġà mibdul darba'oħra, ġiet mibdula s-suspension li kienet imbaskta u tranġaw il-levers tad-daqq. Imbagħad il-makkinarju erġajt għaqqaddtu kollu, tajtu ż-żejt kif suppost u fejn suppost u beda s-setting biex jiġi rregolat.

Hawnhekk, kien il-11 ta' Jannar 2025, tellajtu lura l-Uffiċċju Parrokkjali biex inqiegħdu jaħdem fil-kaxxa tiegħu stess ħalli jiġi rregolat f'postu. Dawk kollha li żaru l-Uffiċċju Parrokkjali kellhom ix-xorti jaraw il-makkinarju jaħdem mingħajr il-wiċċ. Wara li kont sodisfatt bl-andament kien imiss li nwaħħal lura l-wiċċ li ġie mnaddaf b'mod delikat mingħajr ma ssir ħsara liż-żebgħa oriġinali. Kienet il-ġimgħa tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Mons. Anton Teuma fil-parroċċa tagħna. Twaħħlu wkoll il-pendlu, l-mażżri u l-minutieri. Dawn tal-aħħar minkejja li waħda minnhom miksura, iddeċidejt li ma nibdilhomx u nżomm l-oriġinali. Il-ħġieġa ta' isfel tal-bieba prinċipali jidher li kienet inkisret xi darba għaliex dawn kienu jkunu mpittrin, waqt li din hija ħġieġa sempliċi li tara minnha. Ħadt id-deċiżjoni li nħalliha kif inhi biex anke nirrispetta l-istorja li jkun għadda minnha dan l-arloġġ.

U b'hekk l-arloġġ reġa' rritorna lura għall-istat li kien maħluq għalih: jaħdem, idoqq kull siegħa u jżomm kumpanija lil dawk li jaħdmu fl-Uffiċċju Parrokkjali. L-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg iddeċieda li jpoġġi dan l-arloġġ f'post prominenti fl-intrata tal-Uffiċċju Parrokkjali u b'hekk issa jista' jitgawda jaħdem minn dawk kollha li jżuru l-Uffiċċju għal ħaġa jew għal oħra.



*Ir-riżultat finali - l-arloġġ jibqa' jaħdem wara madwar 170 sena ta' storja*

# IL-KAPTAN SALVATORE PISANI (TA' RUPPAT)

## BAĦRIN NADURIN LI AVVANZAW FL-ISTUDJI TAGĦHOM FIL-QASAM MARITTIMU

## L-ERBATAX-IL PARTI

KENNETH GRIMA

Meta nużaw l-aġġettiv *"bir-ruppat"* normalment inkunu qed nirreferu għal xi ħaġa li ġrat *"bil-goff"* jew *"bis-saħħa"*, il-kontra ta' *"bil-galbu"*. Anki meta l-vapur t'Għawdex kien jimmanuvra fil-port tal-Imġarr, ix-Xatt, daqsxejn mgħaġġel kawża tar-riħ u l-maltemp kienet tintuża l-frażi *"l-vapur daħal bir-ruppat"*. Fis-seklu dsatax hawn fin-Nadur iżda, din il-kelma kienet tintuża wkoll bħala laqam. Il-familja Pisani bil-laqam *Ta' Ruppat* kienet waħda minn dawk in-numru ta' familji marittimi stabbiliti ta' dan ir-raħal. Għalkemm dan il-laqam jista' jingħad li miet mewta naturali, illum fir-raħal tagħna baqa' wħud li huma mnisslin minn din il-familja. Fil-fatt il-laqam tal-familja Pisani *Tal-Qorru* huma mnisslin mill-familja *Ta' Ruppat*.

Membru partikolari mill-familja *Ta' Ruppat* kien il-Kaptan Salvatore Pisani, li twieled ġewwa n-Nadur fl-20 ta' Settembru 1847, kważi 180 sena ilu. Huwa kien iben il-Padrun Antonio Pisani u Grazia nèe Cassar. Missier Salvatore, zijietu u nannuh kollha kellhom il-liċenzja ta' *Padrone* (Kaptan tat-Tielet Klassi jew Padrun).

Biha setgħu jikkmandaw bċejjeċ tal-baħar merkantili b'kobor sa 50 tunellaġġ nett li kienu jbaħħru bejn il-Gżejjer Maltin, Sqallija, il-kosta ta' Tripli u Tuneż, u l-port ta' Bona (Annaba) fl-Alġerija. Apparti minn hekk uħud minn din il-familja kienu wkoll sidien ta' qxur tal-qlugħ li bihom kienu jsiefru u jġorru l-merkanzija. Fil-fatt fil-bidu tas-seklu dsatax, in-nannu ta' Salvatore, il-Padrun Ġużepp Pisano, kellu minn tal-inqas żewġ xprunari, waħda bl-isem ta' *San Bernardo* u oħra li kien jisimha *Abbondanza*. Missier Salvatore, il-Padrun Antonio Pisani, kien għal xi żmien is-sid tas-skuna tal-qlugħ Maltija b'żewġ arbli *Cometa Donati*.

Il-Kaptan Pisani aktarx li kien imsemmi għal wieħed minn zijietu, il-Padrun Salvu Pisani. Għalkemm il-marka f'forma ta' salib fid-dokumenti tad-Dwana ta' Malta mill-Arkivju Nazzjonali turi li dan ma kienx jaf jiffirma, huwa siefer fuq il-baħar bħala Padrun ta' diversi xprunari Maltin bejn is-snin għoxrin u s-snin disgħin tas-seklu dsatax! Fil-fatt il-liċenzja tiegħu nħarġet fit-3 t'April 1829. Kellu qrib it-tmenin sena filwaqt li kien għadu fl-aqwa tiegħu jsiefer fuq il-baħar! Il-Padrun Salvu Pisani, iz-ziju tal-Kaptan Salvatore Pisani, kien joqgħod fi Strada Rjali numru 42 u hawn fin-Nadur jidher li ma kienx magħruf bil-laqam tal-familja. Huwa kien imlaqqam *Iz-Zuj*.

Din il-familja mqabbda fl-industrija tal-baħar ta' dak iż-żmien, aktarx illi għamlu xi żmien jgħixu fil-gżira Maltija. B'mezzi ta' komunikazzjoni limitati f'dawk iż-żminijiet t'ilu forsi sabuha aktar faċli li jibbażaw in-negozju tagħhom qrib tal-Port il-Kbir. Infatti kemm-il darba nstabu referenzi għal irħula Maltin fir-riċerka ta' dan l-artiklu. Karmenu, baħri, u li kien ħu l-Kaptan Salvatore Pisani, għalkemm għex in-Nadur f'numri 4 u 5 Strada Boschetto, kien imwieled il-Furjana. Fis-snin sittin tas-seklu dsatax il-Kaptan Pisani niżżel l-indirizz tar-residenza tiegħu l-Ħamrun, numru 217. Missierhom il-Padrun Antonio Pisani wkoll għal xi żmien irreġistra l-indirizz tiegħu ġewwa l-Ħamrun meta kien sid tal-*Cometa Donati*.

Issemma l-baħri Karmenu Pisani li kien joqgħod Strada Boschetto. Sabiex inkunu iktar ċari ma' dawk l-uħud li forsi jiftakru nies iktar antiki, dan Karmenu kien missier Toni mlaqqam *Il-Qorru*. B'hekk il-Kaptan Salvatore Pisani kien iz-ziju ta' Toni *l-Qorru*.

Kienet inevitabbli li Salvatore Pisani, jew Salvu, imrawwem f'ambjent marittimu, ma jkunx involut fil-mistier li sema' u tgħallem dwaru sa minn meta kien għadu ħalib ommu fi snienu. Ta' ħdax-il sena kien diġà jsiefer fuq il-baħar ma' ħuh ikbar Karmenu fuq l-iskuna tal-qlugħ Maltija *Oliva*! Missierhom Toni, li

kien il-Padrun tagħha f'Mejju tal-1859, kien dejjem jeħodhom miegħu. Min jaf kemm kien ilu jsiefer fuq il-baħar it-tfajjel Salvu qabel din id-data u lanqas biss kien jitniżżel fuq il-lista' tal-ekwipaġġ! Dakinhar tas-7 ta' Mejju daħlu l-Port il-Kbir wara vjaġġ minn Susa (Sousse) fit-Tuneżija b'merkanzija varja u passiġġier wieħed.

Permezz ta' missieru u l-bqija tal-familja, Pisani tgħallem ix-xogħol tal-baħar, iżda dan ma waqafx hemm. Mal-esperjenza utli li ġab huwa dejjem saħħaħ il-livell ta' edukazzjoni tiegħu, żewġ affarijiet illi dejjem tajjeb li jmorru id f'id. Ta' tmintax-il sena, fil-5 ta' Mejju 1866 Pisani għadda mill-eżamijiet tal-Bord tan-Navigazzjoni fl-Università ta' Malta u jumejn wara nħarġitlu l-liċenzja ta' *Padrone*, dik ta' Kaptan tat-Tielet Klassi. Il-liċenzja tiegħu kienet numru 32 u tagħha kellu jħallas miżata ta' 10 xelini (€1.16), li għal 160 sena ilu ma kinitx b'xejn!

Fit-23 ta' Lulju 1866 dehret ħierġa mill-Port il-Kbir il-brigantin-skuna *Cometa Donati*, skuna b'tunellaġġ ta' 58 mibnija Sqallija fl-1858. Id-destinazzjoni tagħha kienet Bona fl-Alġerija. Salvu Pisani ta' tmintax-il sena kien il-Padrun tagħha, l-ewwel kmand tiegħu fuq il-baħar!

F'età daqshekk żagħżugħa dan kien se jirnexxilu jiddieriġi din l-iskuna, l-ekwipaġġ tagħha u l-merkanzija? Sinjal li missieru, is-sid tal-iskuna, ra fih il-kapaċità biex fdalu dik ir-responsabbiltà kollha f'età żgħira! Hawn kien il-punt tat-tluq tal-karriera u d-diversi vjaġġi fil-Baħar Mediterran tal-Kaptan Salv, kif aktarx li kienu jsibuh dakinhar. Fis-sitt snin ta' wara, sa Novembru 1872, dan il-Padrun żagħżugħ mimli enerġija u ambizzjoni wettaq xejn inqas minn 32 vjaġġ abbord il-*Cometa Donati*.

Dawn il-vjaġġi kienu jkunu lejn Sfax, Monastir, Susa (Sousse) u Tuneż kollha fit-Tuneżija, Bengażi u Tripli fil-Libja, Bona (Annaba) u Stora (Skikda) fl-Alġerija, u Palermo, Agrigento u Marsala fi Sqallija. Ħafna drabi kien ikun hemm miegħu ħuh Karmenu bħala stromu (bl-Ingliż *Bosun*), u li xogħlu kien ta' fuq il-baħrin. Wara għamel tlettax-il vjaġġ ieħor abbord l-iskuna Maltija *Vittoria*, skuna ikbar b'tunellaġġ ta' 87. Sidha kien ċertu Anselmo Mercieca mill-Belt Valletta.

Fl-1874 Kaptan Salv għamel perjodu qasir bħala l-Padrun tal-iskuna bl-isem ta' *Santa Vittoria*. Interessanti li din ma kinitx irreġistrata hawn Malta iżda kienet ittajjar bandiera Ġerosolmitana, bandiera ta' Ġerusalemm.

It-tul tal-vjaġġi kienu jvarjaw, jiddependi mid-distanza ta' bejn Malta u l-portijiet l-oħra, u anki mit-temp li kienu jinzertaw fuq il-baħar. Bejn l-1866 u l-1874, għalkemm il-maġġor parti tal-vjaġġi kienu jkunu twal madwar xahar kull wieħed, jidher li l-iqsar vjaġġ li sar kien ta' ġimagħtejn filwaqt li l-itwal wieħed kien ta' 'l fuq minn xahrejn u tliet ġimgħat.



*L-ex-voto tal-Kaptan Salvatore Pisani u l-ekwipaġġ tiegħu li jinsab fil-Kappella tal-Madonna tal-Ħerba ġewwa Birkirkara, Malta. Il-brigantin-skuna 'Cometa Donati' tidher fil-maltemp b'ħafna mill-qlugħ imqatta'.*

Hawn Malta, sakemm tinħatt il-merkanzija, il-*Cometa Donati* kienet iddum medja ta' tliet ġimgħat biss u f'kemm trodd salib kont terġa' tara lil Kaptan Salv fil-bokka tal-Port il-Kbir ħiereġ għall-kunsinja li jmiss! Tgħid għal din ir-raġuni, għall-mod ta' kif kienu jaħdmu fuq il-baħar, kienu jsibu lill-Kaptan Salv u niesu bil-laqam *Ta' Ruppat*?

Ma naħsbux iżda li kien kollox ward u żahar għal dan il-Kaptan Naduri. Kien il-11 ta' Settembru 1867, u l-iskuna *Cometa Donati* kienet ilha Malta erbat ijiem. Il-ħsieb kien li terġa' ssiefer lejn Monastir fit-Tuneżija tlett ijiem biss wara, sewwasew fl-14 tax-xahar.

Dakinhar tal-11 ta' Settembru, il-Kaptan Pisani nqalagħlu diżgwid serju ma' żewġ baħrin miċ-ċorma tiegħu. Għal xi raġuni dawn ma ridux jaħdmu x-xogħol tal-merkanzija li kienu qed jgħabbu, xogħol li ried isir! Is-sitwazzjoni eskalat tant li Pisani kellu jressaq dan il-każ quddiem l-awtoritajiet. Filwaqt li indirizza lill-Gvernatur ta' Malta nnifsu, huwa talab li dawn il-baħrin jiġu żbarkati mill-iskuna tiegħu minnufih u jintbagħtu Lazzarett fil-port ta' Marsamxett! Iżda milli jidher l-affari niżlet għal-livell kontrollabbli – tinstab nota fejn tgħid li Kaptan Salv żamm lil dawn iż-żewġ baħrin abbord peress li dawn kienu lesti li jsiefru miegħu għall-vjaġġ li jmiss.

Fid-9 ta' Ġunju 1871, Kaptan Salv salpa minn Malta bil-*Cometa Donati* lejn Tripli fil-Libja. Miegħu kellu lil ħuh Karmenu bħala stromu flimkien ma' erba' baħrin. L-ekwipaġġ kollu kien għadu ta' età żagħżugħa – l-ikbar fosthom kellu tletin sena filwaqt li ż-żgħir kellu biss erbatax.

Erbat ijiem wara, fit-13 ta' Ġunju, sewwasew kif kienu biss 9 mili nawtiċi 'l barra mill-kosta ta' Tripli jinqabdu f'maltempata liema bħalha! F'riħ b'saħħtu u f'baħar feroċi, Kaptan Salv u l-baħrin tiegħu sabu ruħhom f'diffikultà kbira u ġew wiċċ imb wiċċ ma' ħafna periklu!

Ir-riħ b'buffuri qawwija qatta' ħafna mill-qlugħ! Hekk il-Kaptan, kmand ta' qoxra tal-qlugħ dak iż-żmien mingħajr magni, naqaslu ħafna mill-kontroll tal-iskuna filwaqt li l-elementi komplew jiħraxu! Pisani u niesu bdew jinkwetaw li se jegħrqu! Tant kemm hu hekk, dawn l-imsejkna baħrin għamlu wegħda lill-Madonna tal-Ħerba sabiex tipproteġihom ħalli jippruvaw jgħaddu mis-saram li kienu jinsabu fih u jsalvaw. B'xi mod jew b'ieħor irnexxielhom! Sal-lum il-ġurnata l-pittura ex-voto tal-Kaptan Salvatore Pisani u l-baħrin tiegħu għadha teżisti fil-kappella tal-Madonna tal-Ħerba ġewwa Birkirkara, Malta. Il-*Cometa Donati* rritornat Malta qawwija u sħiħa fl-4 ta' Lulju *1871*.

Allura wieħed jistaqsi, kien hemm xi ħaġa li tiddistingwi lill-Kaptan Salvatore Pisani minn Kaptana u Padruni oħra Għawdxin ta' żmienu? L-ambizzjoni! Din wasslitu sabiex għamel pass li ħadd qabel mill-gżira Għawdxija ma kien għadu wettaq. Ta' 27 sena, fid-29 ta' Mejju 1875, ġie ċertifikat mill-Bord tan-Navigazzjoni fl-Università ta' Malta bħala *First Mate for a foreign-going ship* wara li għadda mill-eżamijiet meħtieġa.

Barra minn hekk huwa ngħata wkoll iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza ta' Kaptan tat-Tieni Klassi, skont l-Ordinanza numru II tal-1873. Dan inħareġ fil-5 ta' Ġunju tal-1875. Għaċ-ċertifikat ta' *First Mate* Pisani ħallas miżata ta' lira (€2.33) filwaqt li għal dak ta' Kaptan tat-Tieni Klassi ħallas ħames xelini (€0.58). B'dan iċ-ċertifikat il-Kaptan Pisani issa seta' jidderieġi bastimenti u qxur tal-qlugħ sa 200 tunellaġġ nett fil-Baħar Mediterran kollu u l-Baħar Marmara sa Kostantinopli (Istanbul) fit-Turkija!

Ir-rank ogħla ta' Kaptan tat-Tieni Klassi fetħet iktar opportunitajiet lill-Kaptan Pisani! Hawn jista' jingħad li l-Kaptan Salvu Pisani minn *Ta' Ruppat* kien l-ewwel Għawdxi fir-rank ta' Kaptan tat-Tieni Klassi. Hekk, flimkien ma' Naduri ieħor, il-Kaptan Ġużepp Pisani magħruf bħala *Ċ-Ċimċem*, li erba' snin wara ġab l-istess ċertifikati, kienu l-iktar żewġ Għawdxin kwalifikati fl-industrija marittima Maltija tas-seklu dsatax! Iva, kienu biss tnejn f'seklu sħiħ. Dan għaliex il-livell ta' edukazzjoni, esperjenza u preparazzjoni meħtieġa għal dawn l-eżamijiet f'dawk iż-żminijiet t'ilu bl-ebda mod ma kienet xi ħaġa ħafifa, speċjalment għall-persuna li kienet toqgħod fil-gżira Għawdxija. Tassew ta' ġieħ lir-raħal tagħna li kellhom ikunu żewġ Kaptana Nadurin bħala l-ewwel u l-unika Għawdxin li laħqu dan il-livell fil-Flotta Merkantili Maltija tas-seklu dsatax!

Fil-15 ta' Ġunju 1875, għaxart ijiem wara li nħariġlu ċ-ċertifikat ta' Kaptan tat-Tieni Klassi, Kaptan Salv ħa l-kmand ta' brigantin-skuna oħra. Din id-darba kien qed jidderieġi skuna ikbar minn qatt qabel! Kien jisimha *Giovanna Rosa* u kienet tlaħħaq tunellaġġ gross ta' 139 u tul ta' kważi 90 pied (27.3 metri).

Apparti minn hekk din kienet ġdida fjamanta, bir-riħa taż-żebgħa għadha tinxtamm sew! Kienet għadha kif ġiet varata dik is-sena stess hawn Malta. Sidha kien is-Sur Anselmo Mercieca, l-istess sid tal-*Vittoria*, skuna li kien kaptan tagħha Pisani xi snin qabel. Fil-15 ta' Ġunju, Kaptan Salv, l-ewwel kaptan tal-*Giovanna Rosa*, siefer biha mill-Port il-Kbir lejn Bona fl-Alġerija fuq l-ewwel vjaġġ tagħha.

Ta' min jgħid li sal-aħħar tas-seklu dsatax il-*Giovanna Rosa* kienet l-akbar qoxra tal-qlugħ Maltija li qatt kienet immexxija minn Kaptan Għawdxi – unur ieħor għall-Kaptan Salvatore Pisani!

Iżda bastiment ikbar kien ifisser ukoll iktar responsabbiltà. L-ekwipaġġ tiegħu kiber minn sitt persuni għal disgħa jew għaxra skont il-bżonn. Taħtu, Pisani beda jkollu Fizzjal tal-Gverta, il-*First Mate*, jew kif aktarx li kien jissejjaħ f'dawk iż-żminijiet, is-*"Sekond"*.




*Il-firma tal-Kaptan Salvatore Pisani fit-28 ta' Settembru 1877 bħala l-Kaptan tal-brigantin-skuna 'Giovanna Rosa'. Sors: NAM, CUS KL357.*

U x'merkanzija kien iġorr lejn Malta Kaptan Salv? Dak kollu li kienu jirrikjedu l-Gżejjer Maltin – xgħir,[1] ħatab,[2] qamħ,[3] ċiċri,[4] żejt taż-żebbuġa,[5] ħaxix tal-ispartu (jew ħalfa – li minnu jinħadmu kpiepel, ġwielaq, basktijiet u affarijiet oħra),[6] u saħansitra żwiemel[7] u barrin![8] Min jaf l-irwejjaħ li kien ikun hemm abbord fi spazju daqshekk limitat! Mhux l-ewwel darba wkoll li l-Kaptan Pisani kien jimbarka xi passiġġieri minbarra l-merkanzija li kien ikollu. Ġieli kellu 'l fuq minn 50 passiġġier![9]

Pisani dam Kaptan tal-*Giovanna Rosa* għal sentejn sħaħ fuq seba' vjaġġi. L-aħħar wieħed intemm Malta meta wasal minn Golfe-Juan, Franza, fis-26 ta' Settembru 1877. Dan huwa port żgħir li jinsab nofs triq bejn il-bliet ta' Cannes u Antibes. Dan il-vjaġġ ta' 650 mil nawtiku lejn Malta ħadlu tmint ijiem. Interessanti illi minn dal-port Franċiż, Pisani ġab Malta tagħbija prodotti tal-fuħħar (mniżżla *"earthenware"* fil-karti tad-Dwana).[10]

Interessanti li missier Salvu, il-Padrun Toni Pisani, ma baqax isiefer bħala Padrun ta' skejjen oħra. Mil-lista tal-ekwipaġġi tal-*Giovanna Rosa* jidher li Toni siefer fuq kemm-il vjaġġ bħala stromu taħt id-direzzjoni t'ibnu Salvu. Fi ftit kliem Toni ċeda l-pożizzjoni tiegħu ta' Padrun biex ikun jista' jagħti s-sapport li hemm bżonn lil ibnu.

Wieħed jista' jinnota wkoll differenza fit-tul tal-vjaġġi li beda jagħmel Kaptan Salv b'din l-iskuna ġdida. Fejn qabel kienu jdumu medja ta' xahar jew anki inqas, issa l-vjaġġi twalu saħansitra għal iktar minn erba' xhur! Il-għaliex? Il-*Giovanna Rosa*, la kienet skuna ikbar kienet tiflaħ *tgħabbi* iktar merkanzija allura din kienet tieħu iktar ħin biex titgħabba. Ma ninsewx li t-tagħbija tal-bastimenti dak iż-żmien kien kollu xogħol manwali. Fattur ieħor, il-Kaptan Pisani beda jdur f'kemm-il port qabel ma jaqbad it-triq lura lejn il-Port il-Kbir. Dan ifisser li l-iskuna tiegħu ma baqgħetx issiefer lejn port wieħed, tgħabbi u terġa' lura sabiex tħott il-merkanzija hawn Malta kif kien isir qabel. Għalkemm il-fok tal-Kaptan Pisani dejjem baqa' lejn is-suq tal-pajjiżi Mediterranji tal-Afrika ta' Fuq, il-mudell tal-vjaġġi nistgħu ngħidu li nbidel.

Wara dan, Pisani reġa' sab ruħu abbord il-*Vittoria* fuq diversi vjaġġi oħra bejn Malta u Sfax u Mahdia fit-Tuneżija, u Bona fl-Alġerija. Dawn il-vjaġġi baqgħu sejrin sa Ottubru tal-1881.11 Wara din id-data, dan il-Kaptan Naduri ma nstabx iżjed fuq id-dokumenti marittimi tad-Dwana Maltija. Donnu l-karriera tiegħu ntemmet ħesrem. Lanqas f'rikordji ta' żwiġijiet jew imwiet minn parroċċi Għawdxin ma' nstab. Waqaf mix-xogħol tal-baħar u baqa' jgħix Malta? Beda ħajja oħra lil hinn minn xtutna? Ħolqa mill-katina ta' din ir-riċerka nqatgħet u ma nafux x'seta' sar mill-Kaptan Salv.

Li hu fiċ-ċert iżda hu li sal-1881, ta' 34 sena biss, Pisani kellu diġà 'l fuq minn 22 sena esperjenza fuq il-baħar, fejn 15 minnhom kienu bħala Kaptan. F'dawn il-15-il sena hu dderieġa erba' skejjen tal-qlugħ differenti fuq xejn inqas minn 64 vjaġġ fil-Baħar Mediterran! Li rnexxielu jwettaq il-Kaptan Salvatore Pisani mill-familja *Ta' Ruppat* fil-Flotta Merkantili Maltija tas-seklu dsatax serva kemm ta' unur għalih u anki għal raħal twelidu n-Nadur!

---

1 NAM, CUS Series 11 Item 20_M_00254.
2 NAM, CUS Series 11 Item 21_M_00047.
3 NAM, CUS Series 11 Item 22_M_00018.
4 NAM, CUS Series 11 Item 22_M_00093.
5 NAM, CUS Series 11 Item 28_M_00283.
6 NAM, CUS Series 11 Item 25_M_00180.
7 NAM, CUS Series 11 Item 23_M_00252.
8 NAM, CUS Series 11 Item 22_M_00211.
9 NAM, CUS Series 11 Item 19_M_00193.
10 NAM, CUS Series 11 Item 23_M_00002.
11 NAM, CUS Series 11 Item 28_M_00283.

# TA' ĦIDA

DR CORONATO GRECH MD

Ta' Ħida hija waħda mill-akwati fil-Punent Majjistru tan-Nadur, f'għoli ta' madwar 125 metru mill-baħar, u mdawra bil-widien tax-Xini, tad-Duru u tar-Ramla. Dari kienet rurali ħafna: ftit triqat tat-torba, traffiku ta' karrettuni u merħliet, irziezet, ħafna ħarrub, ħitan tas-sejjieħ u mnadar. U kienet ikkunsidrata daqsxejn lura: "*Ta Ta' Ħida jorqdu mat-tiġieġ*" kienu jgħidu dawk taċ-ċentru tar-raħal; u anke kkunsidrati li għandhom djalett iktar ikrah mill-bqija tan-Nadur. Anke ċertu kliem bħal "patatija", "tadamija", "ġidrija", jew "ma jumpurtuax," apparentament kienu mitkellma f'Ta' Ħida biss. Madankollu Ta' Ħida għandha storja interessanti ħafna.

L-isem Ħida huwa interessanti, u għandu iktar minn tifsira waħda. Huwa isem ġeneriku ornitoloġiku għal isqra u falkuni. U ilu ma kienx jisimha Ta' Ħida biss imma "Ta' Għoxx Ħida", li tfisser fejn ibejjet is-seqer.[1] U jerġa' kelma, li probabbli ma għandhiex x'taqsam u ma għadhiex fl-użu, kienet "Ħidu" għal xi ħadd daqsxejn fidil.

L-istorja antika ta' Ta' Ħida hija mċajpra u mhix dettaljata daqskemm nixtieqLu. Madankollu nafu li qabel ma n-Nadur sar parroċċa fil-1688, kien ilu li kien hemm kappella ddedikata lil San Ġwann il-Battista fl-inħawi tat-Tarġa għall-bidu ta' Triq ir-Rabat u faċċata



*Bieb tat-triq antik (illum m'għadhux jintuża bħala tali) li kien ta' Peppa 'tal-Qeħun' jew 'tal-Laħam' li tiġi n-nanna tal-awtur*

[1] Ara *In-Nadur* vol 1 paġna 48 (1984) ta' Alexander Bonnici. Inċidentalment "għoxx" hija kelma għal "bejta" mill-Għarbi u fil-fatt qrib is-Siġġiewi Malta hemm post li jġib l-isem "Għoxx il-Ħida".

tal-Wied tax-Xini. Din il-kappella mhux dejjem kienet fi stat tajjeb għax waqt viżti pastorali daqqa ingħalqet, bħal fl-1630, u daqqa nfetħet, bħal fl-1635, sakemm fl-1657 ingħalqet għalkollox u kompliet tiġġarraf.

Għal ħabta tas-sena 1500 l-flus (uqiji, karlini, rbiegħi u ħabbiet) kienu skarsi ħafna u dawk il-kawżi ċivili li ma kinux jilħqu s-somma ta' uqija kienu jsiru fi speċi ta' qrati żgħar mxerrdin mal-irħula ta' Għawdex. L-imħallfin kienu jkunu tnejn u bdew jissejħu "Imħallfin tal-Uqija". Dawn mhux bilfors kienu jkunu legalment kwalifikati u ġieli lanqas kienu jkunu jafu jiktbu, imma n-nies kienu jafdawhom. Il-qorti kien isir bil-kliem u mhux bil-kitba. L-imħallfin kienu jitħallsu billi jieħdu ħabba minn kull karlin mis-somma li fuqha jkun hemm kwistjoni. Il-qorti tal-uqija fin-Nadur aktarx li kien isir fi Triq tad-Duru fejn post jissejjaħ il-Plier! Aktarx ukoll li kien hemm qorti ieħor bħalu iktar qrib iċ-ċentru tan-Nadur.

Intant, l-assoċjazzjoni ta' Ta' Ħida mal-isqra u l-falkuni hija wkoll antika. Probabbli dawn kienu jbejtu ħafna fis-sisien li jdawru lil Ta' Ħida matul Triq tad-Duru u Triq Ta' Ħida, u quddiemhom bil-widien tax-Xini u tar-Ramla (jew tal-Ħanaq) rispettivament. U dawn l-għasafar kienu importanti għall-Kavallieri ta' San Ġwann li ġew Malta fil-1530.

Dan għaliex bħala parti mill-ftehim mar-Re Karlu V ta' Spanja, biex il-Kavallieri, li sfaw imkeċċija mill-gżira ta' Rodi, setgħu jieħdu lill-Gżejjer Maltin,[2] huma kellhom, bħala ħaraġ jibagħtu kull sena, fil-festa tal-Qaddisin Kollha, falkun lill-Viċi Re ta' Sqallija. Allura dan il-falkun (kultant inkorrettament jissejjaħ seqer) kien importanti ħafna, u postijiet fejn ibejtu ġew riservati.

Wieħed minn dawn il-postijiet kien in-Nadur, Ta' Ħida.[3] F'bandu li kien ħareġ il-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1547-1622) huwa għamel parti sew minn Ta' Ħida post riservat, u ħadd ma seta' jidħol armat għall-kaċċa bi xkubetta, klieb, xbieki, jew nemes. Il-piena kienet ta' tliet snin qdif fuq ix-xwieni għal bniedem komuni, jekk ikun persuna għolja il-multa kienet 40 uqija deheb; u jekk membru tal-kleru turufnament sakemm jogħġbu l-Gran Mastru. Daqshekk kienet serja l-biċċa. Il-Gran Mastru kellu n-nies tiegħu biex jaqbdu l-falkuni. Dawn kienu jeħduhom għand il-Falkunier biex iħarriġhom qabel ma jibgħathom bħala ħaraġ[4].

Intant, b'bandu u mhux, Ta' Ħida baqgħet għaddejja bil-kalma rurali li kellha sa ftit snin ilu, b'ħafna mir-residenti lanqas jafu x'inhu jiġri Għawdex stess, aħseb u ara jafux bl-ideat tant rivoluzzjonarji ta' Galileo, ta' Luteru, jew tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Il-ftit informazzjoni, ristretta ħafna fuq dawn is-suġġetti, kienet tiġi aktarx mill-kappillan. U għan-nies ta' Ta' Ħida, xi qadja sar-Rabat, għand nutar, tabib, avukat, (jew iktar agħar il-qorti) kienet xi avveniment mhux tas-soltu. Anke n-nies kważi dejjem kienu jiżżewġu n-Nadur, jew Ta' Ħida stess, jekk mhux mill-istess triq, għax wara kollox *"ħmar tajjeb pajjiżu jinbiegħ"*.

Ta' Ħida qamet mir-raqda fil-10 ta' Ġunju 1798 meta suldati Franċiżi ta' Napuljun, żbarkaw fl-Irdum tal-Ħawt[5] bejn ir-Ramla u l-Bajja ta' San Blas u biex jgħaddu għall-Fortizza ta' Chambray kellhom jgħaddu minn Ta' Ħida. Oħrajn marru dirett għat-Torri ta' Sopu u għaċ-Ċittadella, ir-Rabat. Imma apparentament dawn il-grajjiet ma tantx ħallew impressjonijiet memorabbli. U lanqas l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-18).

Mhux hekk it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945). Meta bdiet il-gwerra forsi ftit ħasbu li ser jiġu attakkati daqshekk dirett, inkluż l-awtoritajiet. Fil-fatt kien fil-bidu tal-1941 li f'Għawdex beda bis-serjetà t-tħaffir tax-xeltrijiet. Fin-Nadur tħaffru 26 xelter, tnejn minnhom Ta' Ħida, wieħed fi Triq Duru u l-ieħor fi Triq Ħanaq. Is-sorveljanza tax-xeltrijiet tan-Nadur kienet f'idejn Alfons Vella (ta' Fonzu), u Frenċ Attard (Frenċu tan-Nannu). Dawn ix-xeltrijiet kellhom żewġ bokok bit-taraġ għal isfel u mina mdaqqsa taħt. Fl-eħrex attakki, dawk tas-sena 1942, ħafna nies kienu jmorru jorqdu fihom, jew anke jekk jisimgħu l-allarm (f'dik l-agħar sena kien hemm iktar minn elfejn allarm). Ix-xeltrijiet kienu postijiet skomdi, umdi, bl-irwejjaħ; u ġrieden, briegħed u qamel ma kinux rari. Imma salvaw ħafna nies. U jerġa' fis-sigħat ta' blackout kienu jridu joqogħdu fi dlam ċappa għax inkella jlaqqtu multa, kif ġara kemm-il darba. Xi nies oħra, inkluż in-nanniet u l-qraba tal-awtur, kienu jsibu kenn f'għerien u mina mħaffra taħt is-sies tax-Xini fejn kien hemm ukoll ħafna siġar tal-ħarrub. Anke xi Maltin, l-iktar dawk li kienu joqogħdu qrib il-Port il-Kbir jew l-ajruport, ġew jgħixu Għawdex, inkluż Ta' Ħida.

Matul dawn iż-żminijiet koroh, xi ġrajjiet f'Ta' Ħida baqgħu jissemmew, avolja Ta' Ħida ma kinitx fil-mira diretta tal-għadu. Din kienet lejn iċ-ċentru tan-Nadur, partikolarment Triq it-Tiġrija, Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Grunju, postijiet li ntlaqtu u fejn preċiżament kienu stazzjonati suldati Ingliżi. Apparentament kien hawn spjuni jiġru mas-saqajn.

---

2 U ftehim mingħajr ebda konsulta mal-Maltin.

3 Post ieħor riservat fin-Nadur kien il-Buskett fil-bidu tal-Wied ta' Daħlet Qorrot, fejn kif jidher mill-isem kien hemm ħafna siġar. Dan fis-sena 1500 kien diġà għand il-familja nobbli Navarra.

4 Fil-Medjuevu l-falkunerija kienet arti u delizzju kbir fost in-nobbli u r-rejiet.

5 F'ħafna referenzi nsibu li l-Franċiżi żbarkaw fl-Irdum ta' Vnuta, dak li f'dan l-artiklu jissemma bħal Irdum tal-Ħawt. Skont il-bdiewa tal-lokal imma, Ta' Vnuta jiġi fil-port tar-Ramla taħt l-Għar tal-Mixta.

Sa nofs l-1940 Għawdex kien għadu kwiet għalfejn dak li kienet qed tlaqqat Malta. Imma fit-22 ta' Awwissu ġie rrappurtat sottomarin xi żewġ mili 'l barra mix-xtajta tar-Ramla. Sant'Iermu ġie infurmat u ajruplan u sottomarin Ingliżi ġew ifittxuh imma ma sabu xejn. Madankollu bdew jidhru mini esplossivi madwar il-kosta ta' Għawdex. Fost dawn waħda daħlet fil-Bajja tar-Ramla fil-11 ta' Diċembru, u ġurnata qabel oħra daħlet fil-Bajja ta' San Blas. U jerġa' fil-21 ta' Diċembru daħlet mina oħra f'Ta' Vnuta r-Ramla. Dawn ġew irrappurtati u ħadu ħsiebhom l-awtoritajiet navali.[6]

Ftit xhur wara Ta' Ħida bdiet tara xi ftit mill-gwerra proprja. Fid-9 ta' Marzu 1941 filgħodu kmieni dehru ġejjin itiru fil-baxx minn ġol-wied tar-Ramla ħames ajruplani Ġermaniżi tat-tip Messerschmitt 110. Wieħed minnhom inqata' għalih u ġibed għal fuq Ta' Ħida u Ta' Kenuna. Dak il-ħin kienet nieżla xarabank sejra lejn ir-Rabat, misjuqa minn sidha, Salvu Tabone (is-Sangilott). F'daqqa waħda l-ajruplan ħabat mas-sies ta' fuq l-Għajn tan-Nadur[7] u sploda. Jista' jkun li kien ser jispara għax-xarabank. Intant, passiġġier fix-xarabank tant beża' li qabeż minnha u ħarab jiġri l-wied kollu tax-Xini bla ma ħares lura. Fdalijiet ta' dan l-ajruplan kienu għadhom imxerrda fil-post sas-sebgħinijiet.[8]

Darb'oħra wieħed bidwi (in-nannu tal-awtur) kien jaħdem fl-għalqa meta lemaħ ajruplan tal-għadu ġej fil-baxx ħafna għal fuqu. Fil-fixla huwa daħal ġo munzell tiben fil-qrib, imma l-ajruplan tant għadda qrib u bis-saħħa li tajjarlu t-tiben minn fuq dahru. Tal-inqas hekk jgħid in-nannu.

Però, bla dubju l-ikbar traġedja f'Ta' Ħida ġrat filgħaxija fl-14 ta' Settembru 1943. Dakinhar żewġt itfal aħwa subien, Koronatu Azzopardi ta' 9 snin u Ġużeppi Azzopardi ta' 7 snin, sabu bomba żgħira ħdejn id-dar tagħhom, qrib il-Plier. Huma bdew jilagħbu biha, splodiet u qatlithom fil-post.

Iktar minn sena u nofs qabel, f'Jannar 1942, iċ-ċentru tan-Nadur sofra żewġ attakki ħorox u fatali mill-ajru. Ta' Ħida qatt ma ġiet attakkata direttament, għalkemm ovvjament xi bombi waqgħu biex sabu waħda l-imsejkna aħwa.

Meta l-gwerra spiċċat, Ta' Ħida reġgħet bdiet tiġi lura għan-normal, għal dik it-trankwillità rurali. U baqgħet sejra hekk tiżviluppa, imma bil-mod ħafna. Pereżempju sal-aħħar tas-sittinijiet, il-bejgħ tal-luminata (Ġnejnu), jew tal-pitrolju (in-Naqquxa) kien għadu jsir bil-ħmara u l-karrettun; jew ix-xiri tal-bajd bil-bixkilla, u bil-mixi (il-Lajlu). Jew tal-ħut idur u jgħajjat bil-kannestru fuq rasu[9] (id-Dubbienu mix-Xewkija). U jerġa', bla bżonn, dawk ta' Ta' Ħida lanqas kienu jmorru saċ-ċentru tar-raħal, ħlief ovvjament għall-knisja biex jisimgħu quddiesa (jew tnejn, Ta' Fuq u t'Isfel). U dari, Ta' Ħida, aktarx li kienu jiltaqgħu ma' karattru daqsxejn eċċentriku u memorabbli, (il-Manku).

Imma f'dawn l-aħħar ftit snin, b'ħeffa tremenda, seħħew tibdiliet straordinarji: tibdiliet fl-ambjent, kif ukoll tibdiliet soċjali.

Fost it-tibdiliet fl-ambjent hemm żieda kbira fil-bini bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' għelieqi u siġar, waqt li t-triqat huma kwazi kontinwament bi traffiku ghaddej, u vetturi ta' kull xorta. Il-ġnub ta' kważi t-triqat kollha dejjem b'vetturi pparkjati. U flok il-klieb li dari kienu jiġru mat-triqat (ġeneralment klieb tal-kaċċa jew tal-fenek), illum klieb ta' kull xorta marbutin (suppost) biċ-ċinga ma' min imexxihom[10]

It-tibdil soċjali, jekk xejn, huwa ferm ikbar: ħafna iktar nies, nies minn kull rokna tad-dinja, nies ta' kulur differenti, użanzi differenti, lingwi differenti, u twemmin differenti. Anke strutturi tant bażiċi bħal familji tbiddlu, bil-partners flok żwieġ; u tfal barra ż-żwieġ saru kważi n-normal. Dan barra t-taħlit ta' tfal riżultat ta' separazzjonijiet jew divorzji. U jerġa' ħafna ġirien ġew ma jafux lil xulxin.

Fi kliem ieħor Ta' Ħida saret minjatura ta' metropoli. Forsi hawn min, din Ta' Ħida moderna, jaraha progress. Imma osservazzjoni ċkejkna turi mod ieħor. Dari kulħadd kien iħalli ċ-ċavetta jew muftieħ fil-bieb[11], waqt li llum mhux il-parir li tagħmel dan.

Intant, din kienet daqsxejn ta' ħarsa lura lejn l-istorja ta' Ta' Ħida. Min jaf x'ser tkun l-istorja tal-futur?

---

6 In-nanna ta' Ta' Ħida tal-awtur kellha qasrija li kienet tgħidilha "muns". Din kienet f'forma ta' nofs sfera tal-ħadid b'dijametru ta' madwar metru. Kienet probabbli l-qoxra metallika ta' mina żarmata. Sfortunatament maż-żmien din il-mina ġiet mormija mingħajr ebda apprezzament.

7 Isfel fit-triq, sa madwar 30 sena ilu, kien hemm għajn tal-ilma għall-bhejjem. Illum dik il-kantuniera rat fatalitajiet tat-traffiku.

8 Fl-1994 il-fdalijiet ta' ħadid msaddad fil-bajja tar-Ramla ġew identifikati bħala dawk ta' ajruplan *Spitfite* tal-RAF.

9 U jkejjel il-ħut fil-miżien b'xi ċagħqa

10 Dari flok ma' kelb miġbud minn ċinga, aktar kont tiltaqa' ma' xi muntun miġbud minn ħabel sejjer fuq il-missjoni aktar importanti li jgħammar xi nagħġa.

11 Tal-inqas meta kien ikun hemm ċavetta jew muftieħ fil-bieb, għax ġieli biex tiftaħ kien ikun hemm biss biċċa spaga ħoxna. U biex tagħlaq? Tisbita tajba!

# L-IMNARJA TAN-NADUR BĦAL DIK TA' MALTA?

DR MARIO SALIBA



Hawn min jaħseb li l-Imnarja ta' Għawdex hija l-istess bħall-Imnarja ta' Malta. Dan mhux minnu għax l-Imnarja ta' Malta għandha għeruq medjevali,u nsibu li kienet diġà teżisti fl-1350 (Cutajar, 2006). L-isem Mnarja ġej mill-kelma dawl għax ġejja mit-Taljan *Luminaria* jew mixegħla. Kienet oriġinarjament festa pagana Rumana, antika immens. Ma nafux il-veru oriġini tal-Imnarja, iżda sekli twal ta' storja jafuha marbuta mal-festa ta' San Pietru u San Pawl fid-29 ta' Ġunju. Lejlet l-Imnarja n-nies tal-Imdina kienu jixegħlu l-ħġejjeġ u wara l-fjakkli fuq is-swar u l-bejt tal-Katidral u dawn kienu jitgawdew minn ħafna nħawi ta' Malta (Serracino-Inglott, 1977: 275). Din l-użanza qatt ma kienet teżisti f'Għawdex. L-Imnarja ta' Għawdex ġiet ferm wara u bdiet tiġi ċċelebrata wara li n-Nadur sar parroċċa fit-28 t'April 1688. Ma nafux x'inhi r-raġuni eżatta li, minħabba fiha, il-knisja parrokkjali tan-Nadur issemmiet għall-qaddisin San Pietru u San Pawl (Bonnici, 1984:130). Jingħad biss li kien l-istess Isqof Cocco Palmeri li ssuġġerixxa li tkun ddedikata lill-Appostli San Pietru u San Pawl. F'Għawdex il-festa tal-Imnarja, biex ngħidu hekk, hija imitazzjoni ta' dik ta' Malta speċjalment fejn jidħol l-aspett folkloristiku bħal tiġrijiet tal-bhejjem u l-ikla tradizzjonali. Huwa interessanti li l-iktar ikel imsajjar ġo xi pagna fuq il-kenur fl-Imnarja huwa l-istuffat tal-fenek jew fenkata. Forsi hawn min jistaqsi, għaliex il-fniek u mhux it-tiġieġ pereżempju? Forsi t-tiġieġ kienu jitrabbew aktar għall-bajd milli għall-qatla għal-laħam. Biss, irridu ngħidu, li l-fniek ma kinux popolari f'Malta biss. Fl-Italja l-fniek kienu popolari ħafna u kienu jitrabbew fid-djar anki qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija bħala laħam aċċessibbli għal kulħadd (Gambin, Buttigieg 2003:223). Anki f'Għawdex kważi kull familja kienet trabbi l-fniek id-dar u l-laħam tal-fniek, bħal f'Malta, kien tip ta' laħam komuni u irħis. Waqt l-ikel isir ukoll l-għana Malti fuq il-kitarra li għadu popolari sal-lum. Wara kienu jerħulha lejn id-dar bil-mixi jew fuq xi karrettun bil-bhima. Kienet id-drawwa li l-miżżewġin friski kienu jmorru għal din il-festa, u meta r-raġel jeħodha fuq xi karrettun kien jgħidilha, "Irkeb ja ġmiel, għax bik immur kullimkien" jew biex ikun sarkastiku jew anki kattiv kien jgħidilha, "Irkeb ja kerha għax bik jien biss ninqeda". Min-naħa l-oħra qawl ieħor Malti assoċjat mal-Imnarja jwissi, "Tewgħdhiex li teħodha l-Imnarja għax tul żmienek tagħmillek l-arja". Xi drabi l-festa tat-tieġ kienet issir proprju fl-Imnarja. L-għarusa kienet tixrob xarba sħuna msejħa ċumnata li kienet magħmula minn taħlita ta' ħwawar aromatiċi bħal kannella u msiemer tal-qronfol mgħaffġa f'mehrież bl-għasel, simbolu tal-fertilità (Serracino-Inglott, 1975:268). L-għarus kien jagħti lill-għarusa ċurkett, iffurmat f'forma ta' żewġ idejn li jżommu lil xulxin, jew kultant kienet ukoll drawwa li

jagħtiha maktur tal-bizzilla. Iż-żewġ familji mbagħad jagħtu oġġetti prezzjużi jew ħwejjeġ lil xulxin. Huwa interessanti li wieħed jinnota li qabel it-tieġ, l-għarus ma kienx ikun jista' jkellem lill-għarusa u kien jgħaddi minn ħdejn id-dar tagħha bit-tama li tittawwal. Xi drabi kien ikantalha għanja Maltija jew iġib kantant biex ikanta xi għanja hu. Wara l-festa tat-tieġ il-miżżewġin friski u l-familji tagħhom flimkien mal-mistednin jitilqulha lejn ir-Rabat fuq il-karrettun tagħhom li kien ikun imżejjen bil-qasab jew bil-friegħi tal-fjuri u weraq imqiegħda fuq ir-ras taż-żwiemel u l-arness. Fi żmien il-Gvernatur Reid fl-1854 is-Soċjetà Agrarja ħadet taħt idejha l-wirja tal-industrija Maltija msejsa fuq il-biedja, annimali u l-frott, ħxejjex, għasel, ġobon u l-kumplament. Ħarġet ukoll premjijiet għall-aħjar prodotti u annimali esebiti. Dan kollu kien isir fil-Buskett u għadu jsir sal-lum.

L-Imnarja f'Għawdex hija assoċjata mar-raħal tan-Nadur u sa mit-twaqqif tiegħu beda jorganizza l-festa ad unur San Pietru u San Pawl. Din hija festa liturġika tal-Knisja sa mill-qedem f'gieħ dawn iż-żewġ kolonni tal-Knisja li huma inseparabbli. In-Nadur huwa l-uniku parroċċa fil-gżejjer Maltin fejn issir il-festa bil-purċissjoni u l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl. Fl-Imdina jsir pellegrinaġġ devot mill-Katidral għall-Grotta ta' San Pawl li hemm taħt il-knisja ta' San Pawl. Insibu l-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen (l-ewwel Ħadd ta' Awwissu) f'Birżebbuġa, u l-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl (10 ta' Frar) fil-Belt Valletta u fil-Munxar Għawdex u l-festa ad unur il-martirju ta' San Pawl fir-Rabat Malta fejn din il-festa tinżamm fl-ewwel Ħadd ta' Lulju. Din hija l-festa tat-titular għax il-festa prinċipali hija tal-Korpus. Fl-antik għall-purċissjoni tal-Imdina kienu jipparteċipaw l-ordnijiet reliġjużi kollha tal-Imdina u r-Rabat, kif ukoll bosta fratellanzi, mal-kapitlu u l-kleru tal-katidral. Din il-purċissjoni mbagħad terġa' lura lejn il-Katidral. Ma kienx ikun hemm wisq dekorazzjonijiet fit-toroq, biss meta l-purċissjoni tkun ħierġa mill-Imdina fost id-daqq tal-qniepen, kienu jsiru tiri tal-maskli. L-istess meta l-purċissjoni tersaq viċin iz-zuntier tal-knisja ta' San Pawl fir-Rabat (Galea,1975).

Imma l-festa ta' San Pietru u San Pawl tad-29 ta' Ġunju hija speċjali u dedikata lill-martirju ta' dawn iż-żewġ appostli għad li San Pawl ma kienx wieħed mit-tnax iżda xorta waħda kien iqis ruħu li kien daqs l-Appostli l-oħra. L-Imnarja minn dejjem kienet festa kmandata li, flimkien ma' 26 oħra, jum il-festa ta' kull appostlu, u l-Ħdud kollha, kienu festi kmandati. B'kollox total ta' 90 festa kmandata! F'dawn il-festi ħadd ma kien jista' jaħdem. Fl-1882 il-Gvernatur Maitland kiteb lill-Papa Piju VII biex jitnaqqas dan in-numru esaġerat ta' festi kmandati. Fi żminijiet iktar moderni bdejna nosservaw biss il-'festi pubbliċi' li fis-snin sebgħin, il-Gvern ta' dak iż-żmien, kien naqqashom ukoll u fosthom intlaqtet l-Imnarja. Iktar tard l-Imnarja reġgħet saret festa pubblika. Illum f'Malta għandna 14-il festa pubblika li ħamsa minnhom huma festi nazzjonali.

L-Imnarja hija festa purament Maltija u ma hemm l-ebda festa simili fi Sqallija jew f'pajjiżi oħra. Hija festa tipikament Maltija għax hija festa li oriġinat f'Malta. Għalhekk hija propjament festa Nazzjonali mimlija tradizzjonijiet minbarra l-aspett u l-kontenut reliġjuż li fiha. Hija festa tal-bdiewa li fl-antik kienu l-maġġoranza tal-popolazzjoni. Kienu jmorru għall-festa tal-Imnarja mill-irħula kollha. Filgħodu jattendu għall-quddiesa fil-Katidral tal-Imdina u l-purċissjoni lejn il-Grotta ta' San Pawl. Din il-purċissjoni kienet toħroġ għall-ħabta tas-sebgħa, qabel is-sħana tax-xemx tisreġ ta' Ġunju. Wara li jaraw it-tiġrijiet fuq is-Saqqajja kienu jmorru jistrieħu fil-Buskett fejn kienu jitrejqu b'ikel li kienu jsajru hemm stess għad-dell tas-siġar. Kien jitqassam kwantità ta' tuffieħ. Kollox kien isir qabel inżul ix-xemx. Il-festa kienet titħabbar permezz tal-Bandu mill-Gran Mastru (Mifsud-Kirkop 2003: 23). Din kienet il-festa tal-Imnarja qabel il-miġja tal-Ingliżi. Biż-żmien bdiet tingħata bixra moderna u anki ddaħħlet il-wirja agrarja fil-Buskett ukoll. Għalhekk hija verament waħda mill-aqwa festi u mill-iktar popolari. It-tiġrijiet tal-bhejjem bdew f'Malta fuq is-Saqqajja, fir-Rabat, fejn kien jattendi l-Gran Mastru u jqassam il-palju lil "min jirbaħ it-tiġrija bis-sewwa u bla qerq," kif tgħid il-kitba bil-Latin fuq l-istess loġġa tal-Imħallfin (Bonnici Calì, 1987:125). Dan kien speċi ta' biċċa ħarir jew drapp ieħor li wara kienet tingħata lil xi knisja biex titpoġġa fuq xi artal. Kien hemm ukoll tlielaq tal-iskjavi u tal-irġiel ukoll. Barra l-palju li kien jingħata fit-tlielaq taż-żwiemel u d-dwieb, kienu jingħataw premjijiet oħra fit-tlielaq tal-ħmir u tal-bgħula, bħal flus (14-il tari għall-ewwel post, 12-il tari għat-tieni post u 7 tari għat-tielet post), u anki xgħir għall-bhejjem, u brieret, imħatar u trieħi għat-tiġrijiet tal-irġiel u l-iskjavi (Cutajar, 2006). Premjijiet bħal dawn bdew jingħataw f'Għawdex fit-tiġrija ta' Santa Marija mill-1623 'il quddiem (Bezzina, 2024). Skont l-*Atti* tal-*Universitas Gaudisii* minn din is-sena bdew isiru wkoll tiġrijiet ta' bgħula, ħmir, irġiel, skjavi, u tfal. Skont Agius de Soldanis (1712 – 1770) in-nies kienu lesti jqattgħu dawk is-sigħat twal fix-xemx biex jaraw it-tiġrijiet, iżda mbagħad waqt xi omelija kienu jkunu bla paċenzja biex tispiċċa! Grejger jew Girgor Buttigeg, kif kienu jafuh in-nies tan-Nadur ta' żmienu u kif kien jinkiteb sew kunjomu dari, kien jgħix meta kienet bdiet tinbena l-ewwel knisja. Miegħu hemm assoċjata l-istorja magħrufa tal-post fejn inbniet il-knisja. Grejger

kien bniedem devot kbir tal-Madonna u kien spiss imur iżur lill-Madonna tal-Qala u barra żejt u xemgħa kien jiddubbalha xi palju li kien idabbar mingħand is-sidien taż-żwiemel. Grejger miet fis-sena 1717 u t-tiġrija tan-Nadur kienet żgur qed issir ħabta tal-1720, ma nafux jekk Grejger kienx laħaqha jew le. Li nafu żgur huwa li Grejger biex iħajjar lis-sidien jagħtuh il-palju għall-Madonna kien iwegħedhom li jekk jagħtuh il-palju l-bhima tagħhom tieħu l-ewwel u dejjem hekk ġara għax is-sidien tal-bhejjem stess żguraw lil Agius De Soldanis fuq din il-ħaġa (Galea, 2005). De Soldanis jgħid ukoll li meta n-nies kienu jmorru l-Buskett, ħafna kienu jixorbu tant inbid li kienu jispiċċaw fis-sakra. Mal-Imnarja nassoċjaw ukoll l-isparar tal-maskli li bdew fl-1603 (Fiorini, 1999). Wara, biż-żmien, bdew il-murtali u logħob tan-nar ieħor li llum qed nimmodernizzawh, fejn jinħoloq spettaklu ta' nar mill-art u minn fuq il-bjut b'mużika sinkronizzata elettronika.

F'Għawdex it-tiġrijiet tal-bhejjem daħlu wara, għalkemm fin-Nadur, ilhom isiru mill-1720 (De Soldanis, 1936), tant li hemm triq imsemmija Triq it-Tiġrija, fejn kienu jsiru dawn it-tiġrijiet. Sa ftit ta' snin ilu kien għadha teżisti struttura tal-ġebel forma ta' pedestall minfejn kienu jingħataw il-premjijiet lir-rebbieħa. Illum dan inqered ukoll. It-tiġrija tradizzjonali tal-festa ta' Santa Marija fir-Rabat oriġinat fiż-żminijiet medjevali, aktarx qabel l-1500. Kienet tibda mill-inħawi tal-Far (qrib il-Kappella ta' Kana) u tintemm fl-aħħar parti tat-triq magħrufa bħala *It-Tiġrija* (Bezzina, 2023). Fl-istess dokument numru 314 tal-*Acta tal-Universitas Gaudisii* nsibu li din it-tiġrija kellha l-iskop li toħloq pika bejn is-sidien tal-bhejjem biex iżommuhom fi stat tajjeb u indirettament imħejjija tajjeb għall-kavallerija meta tissejjaħ nafra f'attakk tal-għadu fuq Għawdex. Għalhekk il-premjijiet għal din it-tiġrija kienu joħorġu mill-*Universitas.* Dawn kienu jikkonsistu minn paljijiet tal-bellus għal min jiġi l-ewwel, tad-damask għal tat-tieni u tal-ħarir għal tat-tielet. Agius de Soldanis jgħid li fi żmienu fin-Nadur kien hemm ukoll tiġrijiet tal-bhejjem (Bonnici, 1984).Tiġrija oħra antika hija dik li ssir nhar Santa Margerita f'Ta' Sannat fix-xahar ta' Lulju. X'aktarx li saret l-ewwel darba fl-1810 (Bezzina,1989:320) u mill-1842 l-Gvern beda jħallas 42 skut lill-organizzaturi (MGG, 14 Jan 1842:6). Illum it-tlielaq tal-bhejjem fit-triq fil-festa tal-Imnarja fin-Nadur u rħula oħra ma għadhomx isiru. Fit-toroq isiru biss it-tiġrija ta' Santa Marija u ta' Santa Margerita li huma parzjalment sponsorjati mill-Gvern. Dik li kienet issir fil-festa ta' San Ġorġ mhix antika u aktarx li bdiet issir f'nofs is-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor meta kienu ġabu l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel.

Anki l-ikla tradizzjonali tal-Imnarja mhix antika daqs dik ta' Malta. X'aktarx li x-xalata tal-Imnarja fil-ġnien tal-Buskett bdiet issir wara li n-Nadur sar parroċċa. Dan kien ġnien kollu siġar u l-Gran Mastru kien iżommu għalih biex jikkaċċja t-tajr u l-fniek (Bonnici, 1984:134). Din ix-xalata fil-Buskett tan-Nadur ma baqgħetx issir bħal f'Malta u biż-żmien intesiet. Imma l-festa tal-Imnarja ma naqsitx mill-importanza tagħha. Kien f'dawn l-aħħar snin permezz tal-parroċċa tan-Nadur u l-Kunsill Lokali li reġgħu taw il-ħajja lil din it-tradizzjoni sabiħa minkejja li n-nies li jattendu għal din l-ikla qatt ma kielu fniek! Waqt din l-ikla jiġi mfakkar it-tieġ tradizzjonali fejn koppja jagħmluha tal-għarus u l-għarusa u flimkien mal-qassis jidħlu fil-Pjazzetta permezz ta' karrozzin u jkomplu jduru man-nies preżenti. L-għarusa tkun liebsa l-għonnella u l-għarus ikun bis-sidrija. Waqt din l-ikla jkun hemm għana u żfin folkloristiku, kant jew għana u jittellgħu diversi rigali.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur ukoll f'dawn l-aħħar 31 sena beda jorganizza wirja agrarja u artiġjanali fil-Pjazzetta Dun Martin Camilleri. Din il-wirja tagħti spinta lill-biedja u s-snajja' tradizzjonali. F'din il-wirja jkunu esebiti diversi prodotti li l-bdiewa tan-Nadur ikabbru flimkien ma' tjur u bhejjem li jrabbu. Fost l-esebiti wieħed jista' jara l-ħiliet tan-Nadurin fix-xogħol bl-idejn fil-ħadid, l-injam, il-ġebel, kartapesta, pittura, rakkmu u diversi snajja' artiġġjanali oħra. In-Nadur huwa mżejjen bi ġmiel naturali, widien u ilma ġieri fejn l-għelieqi huma mogħnija bi ħxejjex u frott bnin. Sa minn żminijiet bikrija n-Nadur kien jipproduċi ammonti kbar ta' frott speċjalmet taċ-ċitru li kien jintbagħat Malta. Minkejja li l-ħajja soċjali fin-Nadur inbidlet u ftit baqa' bdiewa xorta waħda għadek issib kwantità ta' prodotti tar-raba' u l-kampanja tan-Nadur għadha tħaddar u ssebbaħ lil Għawdex.

L-Imnarja f'Għawdex hija waħda mill-ikbar festi tas-sena. Il-festa bdiet tiġi organizzata wara li n-Nadur sar parroċċa fl-1688. Qabel f'Għawdex ftit li xejn kien hawn parroċċi u kollox kien ikkonċentrat fir-Rabat qrib iċ-Ċittadella. L-ewwel parroċċi kienu tal-Knisja Matriċi tal-Katidral iddedikata lill-Madonna Mtellgħa s-Sema, ta' San Ġakbu, ta' San Ġorġ u ta' Santa Marija ta' Savina fir-Rabat. Dawn kollha kienu diġà jeżistu fis-seklu 15 (Wettinger: 1975). Iktar tard saru tax-Xewkija (1678) u tal-Għarb (1679) u mbagħad fit-28 t'April 1688, twaqqfu dawk tan-Nadur, ta' Sannat, tax-Xagħra u taż-Żebbuġ. Naqra naqra l-festa fin-Nadur bdiet tikber u bdiet tinħass dejjem iżjed fil-qalb ta' kull Naduri. Illum il-parroċċa tan-Nadur torganizza festa kbira kemm fil-knisja, kif ukoll barra, fejn il-pjazez u t-toroq prinċipali jkunu miżgħuda

bin-nies li jattendu bi ħġarhom minn Għawdex kollu għal din il-festa li ġeneralment ma taħbatx il-Ħadd, imma f'xi ġurnata fost il-ġimgħa. Il-ġimgħa ta' qabel il-festa tkun mimlija b'funzjonijiet fil-knisja bil-mużika melodjuża u ħafna attivitajiet oħra, u fuq barra marċi, logħob tan-nar tal-art u murtali u mbagħad tilħaq il-qofol tagħha bil-purċissjoni bil-vara maestuża ta' San Pietru u San Pawl. Il-festa tan-Nadur jieħdu sehem fiha baned Maltin sa mill-1883. Billi dakinhar kien hawn nuqqas ta' kollox, il-preżenza ta' banda Maltija kienet tkun xi ħaġa speċjali. It-tfal u ż-żgħażagħ kienu jinżlu x-Xatt bil-mixi biex jilqgħu lill-bandisti Maltin, u wara jakkumpanjawhom bil-palm f'idejhom lejn in-Nadur bil-mixi, waqt li l-istrumenti mużikali tagħhom kienu jitgħabbew fuq xi karrettun miġbud minn xi bagħal. Għan-nies tan-Nadur il-festa tal-Imnarja kienet tkun mistennija u n-nisa, speċjalment, kienu jaraw biex għall-festa jżanżnu xi libsa sabiħa li kienet tikkonsisti f'xi għonnella tal-ħarir ġdida fjamanta, u taħt l-għonnella libsa b'dublett ikaxkar mal-art. Kienu wkoll ixiddu d-deheb kollu li kien ikollhom merfugħ li kien jikkonsisti minn xi brazzuletta, ċurkett, katina ħoxna, u anki xi labra bid-djamanti. Barra d-daqq tal-baned kien isir ukoll l-isparar tal-maskli li l-ħoss tagħhom kien qawwi ħafna. Dan l-isparar kien isir minn mandra li kienet tmiss mal-Oratorju li kien mibni fil-bidu tas-seklu għoxrin fejn illum jinsabu ċ-ċentru taż-żgħażagħ u l-uffiċċju parrokkjali. It-toroq ta' qrib il-knisja kienu jkunu mżejna b'ħafna bandalori, pavaljuni u statwi ta' qaddisin u anġli. Bejn l-istatwi kienu jorbtu ħabel li miegħu kienu jdawru l-weraq tar-rand. Fil-knisja kienet issir il-quddiesa solenni bil-paneġierku fejn jingħata l-aqwa eloġju lejn il-patruni tar-raħal San Pietru u San Pawl. Sa minn żmien bikri kienu jistiednu mużika Maltija mmexxija minn surmastrijiet magħrufa bħal Carlo Diacono, Ġużeppi Camilleri u Ġużeppi Caruana fost oħrajn, għalkemm l-Arċipriet Toninu Camilleri tan-Nadur kien ikkompona ħafna mużika sagra sabiħa li kienet tindaqq ukoll. Dan kollu juri li minkejja l-ħajja fqira ta' dari bin-nuqqas ta' kumditajiet u riżorsi, il-poplu tan-Nadur immexxi minn arċiprieti ħabrieka, xi wħud iktar minn oħrajn, ra kif għamel biex jagħmel festa mill-aqwa lill-patruni protetturi tar-raħal San Pietru u San Pawl. Ix-xalata fl-Imnarja tan-Nadur fir-raba' msejjaħ Tal-Buskett bdiet tmajna għall-bidu tas-seklu għoxrin. Din kienet iddaħħlet fi żmien il-Kavallieri u kienet imitazzjoni fuq skala iżgħar minn dik tal-Buskett ta' Malta. Skont De Soldanis kien ikun hemm ħafna nies taħt is-siġar jieklu l-qubbajt, ħelu, u xorb, minn barra l-ikel li kienu jsajru fuq il-post. Ma kinux jonqsu lanqas id-daqqaqa, għannejja u żeffiena li kienu jmorru minn kull rokna ta' Għawdex.

L-Imnarja għalhekk hija festa Nazzjonali li minkejja l-medda tas-snin baqgħet għaddejja, fejn l-aspett reliġjuz tmexxa minn fuq mill-Knisja u l-aspett folkloristiku tmexxa mill-popolin. Għalhekk hija festa ħajja li tinħass fir-ruħ tal-poplu tagħna. Il-festi Nazzjonali l-oħra huma istituzzjonali li jfakkru xi episodju mill-istorja. Tajjeb li t-tradizzjonijiet Maltin jibqgħu jkunu mfakkra u ċċelebrati waqt il-festi tagħna li sfortunatament qed jingħataw bixra moderna żżejjed. Iż-żminijiet jinbidlu u l-libsa tal-festi tagħna tinbidel ukoll imma d-drawwiet u t-tradizzjonijiet huma parti mill-wirt storiku tagħna u rridu nibżgħu għalihom. Il-festa tal-Imnarja hija eżempju fejn it-tradizzjoni, il-folklor u r-reliġjon huma magħġunin f'ħaġa waħda. Jekk jinżamm il-bilanċ il-festa tal-Imnarja tibqa' tkun verament festa li tagħmilna kburin u tgħaqqadna. L-Imnarja għandha l-ideoloġija nazzjonali marbuta magħha u għalhekk hija biċċa mill-identità Maltija, għaldaqstant għandha tissokta, jiġri x'jiġri. B'xorti tajba, dawn il-festi tradizzjonali bħall-Imnarja qed jingħataw importanza kemm mid-Dipartiment tal-Kultura kif ukoll mill-Kunsilli Lokali.

**Referenzi**


- Agius De Soldanis, GPF. *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu* (Trad. Mons. Ġużeppi Farrugia) Vol. I, 1936:23.
- Bezzina, J. *Il-Ħajja F'Għawdex*, Ottubru 2023: 40.
- Bezzina, J. *Sannat Fi Ġrajjiet Għawdex,* Gozo Parroċċa ta' Sannat, 1989:320.
- Bezzina, J. *Festa Santa Marija-* Soċjetà Filarmonika Leone, (45) 2024:97-98.
- Bonniċi, A. *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin Fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex* Vol. I 1984:134.
- Bonniċi Calì, R. *Kitbiet Imżewqa twemmin, storja, arti u folklor*. Pubblikazzjoni Leħen is-Sewwa, 1987:125.
- Cutajar, D. *L-Imnarja – Malta's National Folk Festival.* Published in Celebratio Amicitiae (essays in honour of Giovanni Bonello), FPM. 2006: 23-32.
- Malta
- Fiorini, S. (editor) *Documentary Sources of Maltese History Part II* Documents in State Archives Palermo. Malta,1999.
- Galea, B. *L-Mdina ta' Tfulija Tiegħi*. Klabb Kotba Maltin. 1975.
- Galea, V. *Grejger ir-Raj*. Luminaria Ġunju 2005:20.
- Gambin, K. Buttiġieġ, N. *Storja Tal-Kultura ta' l-Ikel F'Malta* PIN, 2003: 223.
- Malta Government Gazzette, 14 Jan 1842:6.
- Mifsud-Chircop, Ġ. *Il-Folklor Malta* Vol. I, PIN, 2003: 23.
- Serracino-Inglott, E. *Il-Miklem Malti* L-Ewwel Volum, 1975:268.
- Wettinger, G. *Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi t'Għawdex, 1435-1551* Malta, 1975.

# INSAĦĦU L-WIRT KULTURALI, ARTISTIKU U RELIĠJUŻ TAL-PARROĊĊA

DANIEL MEILAK

Il-parroċċa għandha sett ta' 114 negattivi fuq il-ħġieġ ta' ritratti antiki sew li jkopru l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Fuq bażi volontarja, Dr Charles Azzopardi offra lill-parroċċa li jiġbed scan diġitali tagħhom sabiex ikunu aktar aċċessibbli. Huwa għaddiehom lill-parroċċa nhar is-17 ta' Lulju 2024 u issa jinsabu fl-Arkivju. Hawnhekk jidher wieħed mir-ritratti meħud waqt il-festa tal-Imnarja fil-pjazza. Ta' dan nirringrazzjaw lil Dr Azzopardi.





Nirringrazzjaw lil Victor Agius li għoġbu jirregala lill-parroċċa opra tal-arti li ħarġet minn idejh. Din tirraffigura lil San Pietru u San Pawl f'dimensjoni ta' arti kontemporanja. Dawn qed jidhru wkoll fil-qoxra ta' din il-ħarġa. Jinsabu esebiti fil-Mużew tal-Parroċċa.

F'dawn l-aħħar ġimgħat ukoll il-parroċċa rċeviet sett ta' erba' ritratti antiki li juru l-Bażilika minn ġewwa fuq sfond iddekorat. Ir-ritratti ttieħdu ftit qabel it-tieni Gwerra Dinjija minn Richard Ellis (JR). Dawn huma esebiti b'mod permanenti fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-parroċċa tixtieq tirringrazzja lil Ino Mario Borg ta' din id-donazzjoni.



# XITA FIN-NADUR

## Kummenti Ġenerali Dwar it-Temp f'Għawdex fis-Sena 2024

### JANNAR – MARZU

- Din is-sena bdiet fejn ħalliet ta' qabilha, jiġifieri b'ammont baxx ħafna ta' xita. Jannar u Frar kienu t-tnejn taħt in-normal u f'Marzu niżlu biss 5.2mm. B'kollox niżlu biss 109mm ta' xita, jew madwar in-nofs ta' dak normali. Ma kien hemm l-ebda maltemp estrem f'dawn it-tliet xhur.
- It-temperaturi kienu aktar sħan min-normal u nistgħu ngħidu li kellna xitwa li fiha ftit li xejn għamel ksieħ. It-temperatura niżlet erba' darbiet biss taħt l-10oC matul il-lejl. Marzu kien ferm iktar sħun min-normal speċjalment fl-aħħar ġimgħa meta kellna temperaturi li kważi kienu dejjem fuq l-20oC, b'temperatura li laħqet 25.6 oC fl-aħħar tax-xahar.

### APRIL - SETTEMBRU

- F'dawn is-sitt xhur kellna biss 48.6mm (ftit inqas minn 2 pulzieri) ta' xita. Dan kompla jiggrava n-nixfa li issa ilha taħkem il-Gżejjer tagħna għal diversi snin. B'hekk, fl-ewwel disa' xhur tal-2024 kulma għamlet xita kien 157.6mm (ftit iktar minn 6 pulzieri).
- Bħala temperatura ma tantx kellna sħana eċċezzjonali dan is-sajf. It-temperatuira massima ntlaħqet fit-18 ta' Lulju 35.3oC. Kellna madwar 50 jum f'dan il-perjodu li fihom it-tempetaura qabżet it-30oC.
- Ta' min jinnota li t-temperatura tal-baħar kienet sħuna ħafna dan is-sajf u kien hemm diversi jiem li fihom qabżet it-30oC.

### OTTUBRU – DIĊEMBRU

- Ottubru kien xahar mill-iktar xott b'total ta' 9.6mm xita. Il-medja ta' xita għal Ottubru hi ta' madwar 100mm. Novembru tana ammont diċenti ta' xita (82mm) iżda f'Diċembru erġajna koppi b'ammont ta' xita ferm taħt in-normal (24mm). Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru niżlet biss 115.6mm ta' xita (inqas minn 5 pulzieri). Dawn it-3 xhur suppost li huma l-iktar mxarrbin matul is-sena u li fihom il-medja tkun ta' madwar 350mm.
- It-temperaturi f'dawn it-tliet xhur reġgħu kienu ogħla min-normal b'madwar 3-4oC. Ottubru u Novembru kellhom ħafna jiem b'temperaturi ta' aktar minn 20oC. Anki matul il-lejl it-temperaturi baqgħu relattivament għoljin. Kien biss min-nofs Diċembru 'l hemm li beda t-temp xitwi b'temperaturi fin-normal għaż-żmien tas-sena.
- It-total ta' xita li niżlet matul l-2024 kien ta' 273.2 mm (ftit inqas minn 12-il pulzier). Dan hu inqas min-nofs tax-xita li suppost tinżel f'sena. U biex tagħqad ma tantx jidher li hemm prospetti għal ammonti sostanzjali ta' xita għal Jannar 2025. Is-sena 2024 jidher li kienet l-aktar waħda sħuna madwar id-dinja minn kemm ilhom jinżammu r-rekords tat-temp. Dan ir-rekord ta' sħana qed jinkiser regolarment kull sena u ilna sejrin hekk għal dawn l-aħħar 10-15-il sena.

**Joe Meilak – 01/01/2025**
**Nadur Weather Observatory**
**jmeilak@yahoo.com**

# XITA FIN-NADUR

## IT-TEMP FIN-NADUR MATUL IS-SENA 2024

JOE MEILAK Nadur Weather Observatory | 01/01/2025

| | JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU | ĠUNJU | LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-IKTAR JUM SĦUN - °C - (Jum)** | 20.6 (18) | 18.9 (27) | 25.6 (31) | 27.8 (1) | 29.8 (18) | 32.6 (20) | 35.3 (18) | 33.7 (3,15) | 31.8 (7) | 28.4 (3) | 23.3 (6) | 20.8 (14) |
| **L-IKTAR JUM KIESAĦ - °C - (Jum)** | 12.3 (22) | 14.0 (21) | 15.3 (1,5) | 15.4 (24) | 17.6 (9) | 23.3 (2,4) | 24.1 (3) | 28.0 (20) | 23.3 (14,30) | 21.8 (31) | 17.1 (24) | 12.1 (23) |
| **L-IKTAR LEJL SĦUN - °C - (Jum)** | 15.2 (17,18) | 14.9 (24) | 17.9 (31) | 17.0 (15) | 21.4 18) | 24.9 (30) | 26.6 (19) | 27.1 (17) | 26.5 (5) | 24.1 (3) | 19.5 (1) | 16.5 (13) |
| **L-IKTAR LEJL KIESAĦ - °C - (Jum)** | 9.1 (7) | 9.4 (25) | 9.4 (4) | 8.6 (24) | 14.0 (8) | 18.8 (8) | 20.2 (5) | 23.6 (1) | 17.6 (17) | 16.8 (19,20) | 13.3 (30) | 7.7 (23) |
| **MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (°C)** | 15.84 | 15.82 | 18.04 | 19.11 | 22.97 | 27.75 | 30.84 | 30.96 | 26.93 | 24.37 | 20.46 | 16.33 |
| **MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (°C)** | 12.39 | 12.33 | 13.27 | 14.42 | 17.28 | 21.36 | 23.89 | 25.44 | 22.56 | 20.43 | 16.67 | 12.57 |
| **TEMPERATURA MEDJA (°C)** | 14.11 | 14.08 | 15.66 | 16.76 | 20.12 | 24.56 | 27.37 | 28.20 | 24.75 | 22.40 | 18.00 | 14.45 |
| **L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA - kmh (Jum)** | 82 (7) | 85 (25) | 66 (10) | 88 (15) | 55 (21) | 56 (16) | 57 (4) | 38 (21) | 52 (14) | 55 (19) | 52 (30) | 95 (24) |
| ***JIEM BIX XITA** | 8 | 10 | 4 | 2 | 3 | 2 | 0 | 0 | 7 | 2 | 11 | 13 |
| **JIEM BIR-RAGĦAD** | 2 | 1 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 | 5 | 3 |
| **L-AKTAR JUM BIX-XITA - mm (Jum)** | 25.4 (12) | 25.4 (25) | 2.0 (1,4) | 8.0 (24) | 7.6 (8) | 0.8 (4) | - | - | 7.2 (23) | 8.0 (19) | 26.4 (9) | 4.8 (27) |
| **XITA MATUL IX-XAHAR (mm)** | 59.8 | 44.0 | 5.2 | 8.6 | 14.4 | 1.2 | 0.0 | Traċċa | 24.4 | 9.6 | 82.0 | 24.0 |
| **JIEM BLA XEMX** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0.0 |
| **TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX** | 259.4 | 232.3 | 327.4 | 296.9 | 371.4 | 373.2 | 431.7 | 392.5 | 291.6 | 274.1 | 215.9 | 192.5 |
| **MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM** | 8.37 | 8.01 | 10.56 | 9.90 | 11.98 | 12.44 | 13.93 | 12.66 | 9.72 | 8.84 | 7.20 | 6.21 |
| **Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi* | | | | | | | | | | | | |
| Total ta' xita matul l-2024: 273.2 mm (**10.76** pulzieri) | | | | | | | | | | | | |

*Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi

**Total ta' xita matul l-2024: 273.2 mm (10.76 pulzieri)**




Ritratt: Monica Grima



Tieqa tal-istained glass li tinsab fil-Kappellun tar-Rużarju tal-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Tirrappreżenta l-Assunzjoni ta' Ommna Marija fis-Sema. Din is-sena fl-1 ta' Novembru l-Knisja tiċċelebra l-75 anniversarju tad-Dikjarazzjoni tad-Domma tal-Assunta minn Papa Piju XII.

# Petri Pauli



Statwi ta' Victor Agius (ara pġ. 121)